PUBBLIKU

# 2019 – 225 REV 3

**Adottat mill-Bord tat-Tmexxija fl-24.11.2020**

**Verżjoni lingwistika editjata**

**DOKUMENT UNIKU TA' PROGRAMMAZZJONI 2021-2023**

| | |
|---|---|
| Mingħand | Id-Direttur Eżekuttiv |
| Lil | Il-Bord tat-Tmexxija |
| Preċ. Dok. | 2019 – 225 REV 2 |
| Suġġett | Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-eu-LISA 2021–2023 |

# Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-eu-LISA

2021-2023

# Werrej

**Daħla** ......... 7

**Lista ta' akronimi** ......... 8

**Stqarrija tal-missjoni** ......... 10

**Taqsima I Kuntest ġenerali** ......... 12

**Taqsima II Programmazzjoni pluriennali 2021-2023** ......... 16

**1. L-objettivi pluriennali** ......... 16

**1.1. L-għanijiet strateġiċi 2018-2022** ......... 16

**1.2. L-objettivi pluriennali strateġiċi 2021-2023** ......... 17

**2. Il-programm pluriennali (2021-2023)** ......... 24

*2.1.1. It-tmexxija operazzjonali u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti* ......... 24

*2.1.2. It-tmexxija operazzjonali u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni* ......... 27

*2.1.3. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda* ......... 28

*2.1.4. Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju* ......... 29

*2.1.5. L-attivitajiet ta' appoġġ għan-negozju ewlieni* ......... 31

*2.1.6. Il-governanza korporattiva* ......... 34

*2.1.7. Il-politika, ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjoni* ......... 37

*2.1.8. Il-ġestjoni finanzjarja, l-akkwist u kontabilità* ......... 39

*2.1.9. Is-servizzi korporattivi* ......... 39

*2.1.10. Il-ġestjoni tar-riżorsi umani u tal-għarfien* ......... 40

*2.1.11. Il-protezzjoni tad-data* ......... 41

**3. Il-prospettiva tar-riżorsi umani u finanzjarji għas-snin 2021-2023** ......... 43

*3.1 Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali* ......... 43

*3.1.1 Ħarsa ġenerali lejn il-persunal għall-2019 u l-2020* ......... 43

*3.1.2 In-nefqa għall-2019* ......... 44

*3.2 Il-programmazzjoni tar-riżorsi għas-snin 2021-2023* ......... 46

*3.2.1 Ir-riżorsi finanzjarji* ......... 46

*3.2.2 Riżorsi umani* ......... 46

**Taqsima III Programm ta' Ħidma għall-2021** ......... 54

**1. Sommarju eżekuttiv** ......... 54

**2. Attivitajiet fl-2021** ......... 61

**2.1. Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu** ......... 61

**2.1.1. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1** ......... 61

*2.1.1.1. Eurodac - Manutenzjoni tad-DubliNet* ......... 61

2.1.1.2. *Manutenzjoni tal-VIS/BMS* ..... 62

2.1.1.3. *Manutenzjoni tas-SIS* ..... 63

2.1.1.4. *Manutenzjoni tal-AFIS tas-SIS* ..... 64

2.1.1.5. *Appoġġ tas-SIS lill-Istati Membri* ..... 65

2.1.1.6. *Evoluzzjonijiet mhux ippjanati tas-SIS* ..... 66

2.1.1.7. *Manutenzjoni tas-SIS* ..... 67

2.1.1.8. *Manutenzjoni tas-CSI* ..... 68

2.1.1.9. *Koordinazzjoni tal-ġestjoni operazzjonali/ġestjoni tas-sistema ta' kuljum u kompiti kondiviżi* ..... 69

2.1.1.10. *Kontinwità tal-arkitettura tal-intrapriża - l-istabbiliment ta' arkitettura tal-interoperabbiltà* ..... 70

2.1.1.11. *Attivitajiet Operazzjonali u Evoluzzjonijiet/Titjib tas-CU u l-BCU* ..... 71

2.1.1.12. *Attivitajiet ta' ġestjoni tar-rilaxxi u tat-tnedijiet* ..... 72

2.1.1.13. *Ġestjoni tal-liċenzji* ..... 73

2.1.1.14. *Ġestjoni tal-operat ta' kuljum tal-Unità Ċentrali ta' Backup (BCU)* ..... 74

2.1.1.15. *Appoġġ tal-ewwel livell 24/7 għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi - Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA* ..... 75

2.1.1.16. *It-twassil tas-servizzi tan-network u l-ġestjoni operazzjonali regolari tal-kuntratti tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni (eżekuzzjoni tal-baġit, akkwiżizzjoni, tiġdid u ġestjoni tal-kuntratti)* ..... 76

2.1.1.17. *Appoġġ tat-tieni livell 24/7 għall-applikazzjoni għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tan-negozju ewlenin* ..... 78

2.1.1.18. *It-twassil tas-servizz tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-assigurazzjoni għas-sistemi tan-negozju ewlenin* ..... 79

2.1.1.19. *Implimentazzjoni tal-pjan ta' taħriġ għall-għoti ta' taħriġ lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija* ..... 81

2.1.2. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2 ..... 82

2.1.2.1. *Titjib fil-ġestjoni taċ-Ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjonijiet (ALM)* ..... 82

2.1.2.2. *Appoġġ għall-pjattaforma tal-Ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-Applikazzjonijiet (ALM)* ..... 83

2.1.3. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3 ..... 84

2.1.4. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4 ..... 84

2.1.4.1. *It-tmexxija tal-proċessi tal-qafas tal-ITSM u rapportar regolari tal-eu-LISA* ..... 84

2.1.4.2. *Titjib u personalizzazzjoni tal-għodod tal-ITSM, l-indirizzar tal-inizjattivi l-ġodda, kif ukoll l-eżitu mir-rieżamijiet regolari tal-proċessi u s-servizzi* ..... 85

2.1.4.3. *Definizzjonijiet ġodda ta' servizz u ta' proċess bħala parti mill-Qafas tal-ITSM tal-eu-LISA* ..... 86

2.1.4.4. *Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA dwar l-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal) u l-ġestjoni tal-għarfien* ..... 88

2.2. Attivitajiet ta' proġett operazzjonali ..... 89

2.2.1. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1 ..... 90

*2.2.1.1. Implimentazzjoni ta' qafas legali ġdid tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019) ..... 90*

*2.2.1.2. Deċiżjoni ta' ritorn tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019) ..... 91*

*2.2.1.3. Modulu / interfaċċa ta' interkonnessjoni ġeneriċi tas-SIS ewlieni biex jiġu permessi konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-ETIAS ..... 92*

*2.2.1.4. L-implimentazzjoni tal-Fażi 2 tal-AFIS tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019) ..... 93*

*2.2.1.5. Tmexxija tal-Ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni (PPE) tas-SIS minn Ġewwa l-Muntanja (ITM) għal Barra mill-Muntajna (OTM) (kontinwazzjoni mill-2020) ..... 95*

*2.2.1.6. Il-konformità tal-Eurodac mas-servizzi tas-CSI/CSS ..... 96*

*2.2.1.7. L-iżvilupp tar-riformulazzjoni tal-VIS ..... 97*

*2.2.1.8. L-iżvilupp tal-ETIAS – implimentazzjoni ta' emendi konsegwenzjali għall-VIS ..... 98*

*2.2.1.9. L-integrazzjoni tas-soluzzjoni ta' Monitoraġġ Integrat Uniku mal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti, b'mod li jkunu koperti s-sistemi kollha li qed jitħaddmu ..... 99*

*2.2.1.10. Appoġġ tekniku għal proġett biex tiġi żviluppata prova tal-kunċett u prototip tal-portal tal-UE tal-applikazzjoni online għall-viża (formola ta' kontinwazzjoni tal-2020) ..... 100*

*2.2.1.11. Aġġornament Ġdid tal-Magna tat-Tiftix u ta' Oracle għas-SIS, it-titjib tad-disponibbiltà u l-kunsiderazzjoni tal-aspetti ta' traskrizzjoni (kontinwazzjoni mill-2019 u l-2020) ..... 102*

*2.2.1.12. Kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' riorganizzazzjoni taċ-ċentru tad-data (kontinwazzjoni mill-2020) ..... 103*

*2.2.1.13. Tranżizzjoni għan-network TESTA l-ġdid ..... 104*

*2.2.1.14. It-tmexxija tal-konnessjonijiet tal-WAN tas-sistemi ċentrali (kontinwazzjoni mill-2020) ..... 106*

*2.2.1.15. Implimentazzjoni tal-proġett tal-EES (kontinwazzjoni mill-2019) ..... 107*

*2.2.1.16. Implimentazzjoni tal-BMS / sBMS tal-EES (kontinwazzjoni mill-proġett tal-EES tal-2019) ..... 108*

*2.2.1.17. Implimentazzjoni tal-ETIAS (kontinwazzjoni mill-2019) ..... 110*

*2.2.1.18. L-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE ..... 111*

*2.2.1.19. Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN (kontinwazzjoni mill-2019) ..... 113*

*2.2.1.20. Integrazzjoni bejn l-ECRIS-TCN u l-komponenti tal-interoperabbiltà (CIR, sBMS, CRRS) ..... 114*

*2.2.1.21. It-twettiq ta' studju dwar l-għażliet għal aktar titjib fl-integrazzjoni ta' kapaċitajiet avvanzati ta' monitoraġġ u operazzjonijiet tas-sigurtà fl-Unitajiet tal-Operazzjonijiet u fl-Unità tas-Sigurtà ..... 115*

*2.2.1.22. Implimentazzjoni tas-Servizz tal-Ġestjoni tal-Identitajiet u l-Aċċess tas-CBS ..... 116*

2.2.2. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2 ..... 117

*2.2.2.1. L-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-assi mal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni (kontinwazzjoni mill-2019 u l-2020) ..... 117*

2.2.3. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3 ..... 119

*2.2.3.1. L-istudju ta' fattibbiltà u l-implimentazzjoni ta' sett ta' għodod bijometriku ..... 119*

2.2.4. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4 ..... 120

*2.2.4.1. Is-servizzi ta' titjib fis-servizz u rieżamijiet tal-proċessi kontinwi (kontinwazzjoni) ..... 120*

2.3. Attivitajiet orizzontali ....121

2.3.1. *Il-governanza korporattiva u l-bini tal-kapaċitajiet*....121

2.3.2. *Appoġġ eżekuttiv u relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati* .... 124

2.3.3. *Il-ġestjoni finanzjarja, l-akkwist u kontabilità* ....127

2.3.4. *Ġestjoni tar-riżorsi umani*.... 129

2.3.5. *Il-protezzjoni tad-data* ....131

2.3.6. *Is-servizzi korporattivi*....132

2.3.7. *It-tieni estensjoni tal-uffiċċju operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu*....137

2.3.8. *Attivitajiet ta' sigurtà orizzontali*.... 139

2.3.9. *Attivitajiet tal-Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża (EPMO)* .... 141

2.3.10. *L-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar intern annwali* .... 143

Anness I: Allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività 2021-2023 .... 145

Anness II: Riżorsi finanzjarji 2021-2023 .... 168

Anness III: Riżorsi umani ....173

Anness IV: Riżorsi umani .... 176

Anness V: Binjiet.... 189

Anness VI: Privileġġi u immunitajiet.... 194

Anness VII: Evalwazzjonijiet .... 195

Anness VIII: Riskji korporattivi fl-2021 .... 197

Anness IX: Il-pjan ta' akkwist għall-2021.... 199

Anness X: Organigramma 2021-2023.... 200

Anness XI: FLS standard.... 203

Anness XII: Indikaturi tal-Livell ta' Servizz Komuni .... 204

Anness XIII: Studji u valutazzjonijiet tal-impatt relatati mal-SPD 2021–2023 .... 205

# Daħla

Id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni (SPD) 2021–2023 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) jistabbilixxi l-attivitajiet li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija fl-2021 u l-allokazzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli għal dawn l-attivitajiet. Dan jipprovdi prospettiva pluriennali (sal-2023) dwar l-attivitajiet u l-proġetti ewlenin ippjanati. L-SPD jallinja l-attivitajiet ippjanati fuq bażi annwali mal-attivitajiet legalment vinkolanti skont ir-Regolament tat-Twaqqif il-ġdid tal-Aġenzija[1] u l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija.

Għall-2021, l-Aġenzija stabbilixxiet żewġ oqsma ta' prijorità għolja:

**Prijoritajiet ewlenin tan-negozju**

- L-iżgurar tat-tħaddim stabbli tas-sistemi fdati lill-Aġenzija skont il-mandat tagħha.
- L-implimentazzjoni tat-tieni estensjoni tas-sit tekniku fi Strasburgu.
- L-implimentazzjoni ta' inizjattivi legali ġodda, inklużi r-riformulazzjonijiet.

**Prijoritajiet organizzazzjonali orizzontali**

- Il-konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara t-tibdil, it-tkabbir u t-trasformazzjoni b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet.
- It-tisħiħ ulterjuri tal-governanza u l-kontrolli interni tal-Aġenzija, inkluż l-immaniġġjar tal-kwalità.

B'dan il-mod, l-SPD iservi għall-iskopijiet li ġejjin: l-ewwel nett, jipprovdi lill-persunal tal-eu-LISA gwida dwar il-prijoritajiet tal-Aġenzija u jassisti lid-diversi dipartimenti, unitajiet u setturi fl-ippjanar tal-ħidma tagħhom b'attenzjoni partikolari għar-Regolament tat-Twaqqif rivedut tal-Aġenzija. It-tieni nett, jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija assigurazzjoni viżibbli li l-eu-LISA qiegħda tieħu approċċ strutturat u konsistenti fl-implimentazzjoni tal-mandat tagħha. Fl-aħħar nett, id-dokument iservi bħala bażi għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' finanzjament sodi dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2023.

---

[1] Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

# Lista ta' akronimi

| | |
|---|---|
| AFIS | Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' |
| AG | Grupp Konsultattiv |
| ALM | Ġestjoni ta' applikazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja |
| BCU | Unità Ċentrali ta' Backup |
| BMS | Sistema ta' Ġestjoni Bijometrika |
| CA | Aġent Kuntrattwali |
| CAF | Qafas Komuni ta' Valutazzjoni |
| CBS | Sistemi ewlenin tan-negozju operati mill-eu-LISA |
| CIR | Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità |
| CIs | Elementi ta' Konfigurazzjoni |
| CRRS | Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika |
| CS | Sistema Ċentrali |
| CSD | Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi |
| CSI | Infrastruttura Kondiviża Komuni |
| CSS | Servizzi Kondiviżi Komuni |
| CSU | Unità tas-Servizzi Korporattivi |
| CU | Unità Ċentrali |
| DĠ DIGIT | Direttorat Ġenerali għall-Informatika |
| DP | Protezzjoni tad-*Data* |
| EASO | Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil |
| ECRIS-TCN | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi |
| EES | Sistema ta' Dħul/Ħruġ |
| EPMO | Uffiċċju/Uffiċjal tal-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża |
| ER | Regolament tat-Twaqqif |
| ESP | Portal Ewropew tat-Tfittxija |
| ETIAS | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar |
| eu-LISA | Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja |
| Eurojust | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali |
| Europol | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi |
| EUWS | Stazzjon tax-Xogħol tal-Utent Finali |
| FAT | Testijiet tal-Aċċettazzjoni fil-Fabbrika |
| FG | Grupp ta' Funzjoni |
| FLS | Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz |
| FPU | Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti |
| Frontex | Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta |
| FTE | Ekwivalenti ta' Ingaġġ Full-Time |
| FwC | Kuntratt Qafas |
| ĠAI | Ġustizzja u Affarijiet Interni |
| ĠU | Ġurnal Uffiċjali |
| GCU | Unità tal-Governanza u tal-Kapaċitajiet |
| HQ | Kwartieri Ġenerali |
| HR | Riżorsi Umani |
| HRU | Unità tar-Riżorsi Umani |

| | |
|---|---|
| IA | Valutazzjoni tal-Impatt |
| IAC | Kapaċità tal-Awditjar Intern |
| IAS | Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea |
| ICD | Dokument ta' Kontroll tal-Interface |
| ICS | Standard ta' Kontroll Intern |
| ICT | Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni |
| ITIL | Librerija ta' Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| ITM | Ġewwa l-Muntanja (japplika għat-tagħmir tal-BCU) |
| ITSM | Ġestjoni tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| KPI | Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni |
| LO | Uffiċċju ta' Kollegament |
| MB | Bord tat-Tmexxija |
| MC | Kumitat ta' Tmexxija tal-eu-LISA |
| MID | Detettur ta' Identitajiet Multipli |
| MtQ | Memorandum ta' Qbil |
| MWO | Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali |
| NIST | Istitut Nazzjonali tal-Istandards u t-Teknoloġija |
| NS | Sistemi Nazzjonali |
| NTE | Ambjent ta' Ttestjar Ġdid |
| OD | Dipartiment tal-Operazzjonijiet |
| OLA | Ftehim dwar il-Livell Operazzjonali |
| OTM | Barra mill-Muntanja (japplika għat-tagħmir tal-BCU) |
| PAP | Pjan ta' Akkwist u Akkwiżizzjoni |
| PD | Dokument ta' programmazzjoni |
| PKI | Infrastruttura tal-Kjavi Pubblika |
| PPE | Ambjent ta' Qabel il-produzzjoni (pjattaforma) |
| PRD | Pjattaforma tal-Produzzjoni |
| sBMS | Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku |
| SEC | Unità tas-Sigurtà |
| SIRENE | Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali |
| SIS | Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u/jew Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II |
| SNE | Espert Nazzjonali Sekondat |
| TA | Persunal Temporanju |
| TEC | Ambjent ta' Ttestjar C |
| TESTA | Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet |
| TESTA-ng | Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida |
| TST | Ambjent ta' Ttestjar |
| UE | Unjoni Ewropea |
| ULM | Mudell ta' Liċenzja Mhux Limitat |
| UPD | Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* |
| VIS | Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża |
| WAN | Network fuq Żona Wiesgħa |

# Stqarrija tal-missjoni[2]

**Il-mandat tagħna**

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011[3], li taha r-responsabbiltà għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-mandat tal-Aġenzija ġie estiż skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1726 għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 ("Regolament tat-Twaqqif il-ġdid"), li daħal fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2018. Dan ir-Regolament tat-Twaqqif il-ġdid estenda r-responsabbiltajiet tal-eu-LISA fir-rigward tal-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fdati lilha, l-infrastrutturi tal-komunikazzjoni relatati, il-monitoraġġ tar-riċerka, il-proġetti pilota u l-appoġġ lill-Istati Membri (SM) u lill-Kummissjoni. Dan jipprovdi wkoll il-bażi ġuridika għall-kooperazzjoni ma' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni.

Skont ir-Regolament tat-Twaqqif il-ġdid, l-Aġenzija għandha mandat biex tipprovdi tmexxija operazzjonali effettiva tal-komponenti ċentrali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u tal-Eurodac f'isem il-partijiet ikkonċernati tagħha. Barra minn hekk, l-Aġenzija hija responsabbli mill-kompiti kollha relatati mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni li tappoġġa s-sistemi ta' hawn fuq, bl-eċċezzjoni tal-kompiti relatati mal-EuroDomain, fejn hemm separazzjoni bejn ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u l-Aġenzija. L-Aġenzija hija responsabbli wkoll minn VIS Mail u DubliNet, l-għodod ta' komunikazzjoni għas-sistemi VIS u Eurodac, rispettivament. Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226[4], li daħal fis-seħħ f'Diċembru 2017, l-Aġenzija għandha mandat biex tiżviluppa u tmexxi b'mod operazzjonali s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES). Skont ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (UE) 2018/1241[5] (it-tnejn fis-seħħ mid-9 ta' Ottubru 2018), u tar-Regolament (UE) 2019/816[6] (fis-seħħ mil-11 ta' Ġunju 2019), l-Aġenzija saret responsabbli mill-iżvilupp u mit-tmexxija operazzjonali tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN). Barra minn hekk, mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/817[7] u tar-Regolament (UE) 2019/818[8], l-eu-LISA saret responsabbli mill-interoperabbiltà tas-sistemi.

---

[2] Fl-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija hawn taħt, l-eu-LISA se tirrispetta d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali kif rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u, b'mod partikolari, il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop. Fl-esplorazzjoni tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, se tingħata kunsiderazzjoni speċjali għall-protezzjoni tad-*data* b'mod intenzjonat, kif imsemmi fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

[3] ĠU L 286, 1.11.2011, p 1.

[4] Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata *data* dwar id-dħul u l-ħruġ u *data* dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011.

[5] Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2018/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 bl-għan li tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS).

[6] Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726.

[7] Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI.

[8] Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816.

**Il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri ewlenin tagħna**

Il-missjoni tal-Aġenzija hija bbażata fuq il-mandat legali tagħha u tiffoka fuq li ***żżid kontinwament il-valur lill-Istati Membri billi tappoġġa, permezz tat-teknoloġija, l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sikura.***

Din il-missjoni titwettaq permezz tal-viżjoni tal-Aġenzija, li hija li ***tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti lill-partijiet ikkonċernati, li tikseb il-fiduċja tagħhom billi tallinja kontinwament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-Istati Membri u li tkabbar l-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza*** fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI).

Il-missjoni u viżjoni tal-Aġenzija jissarrfu f'attivitajiet operazzjonali permezz tal-valuri ewlenin tal-eu-LISA. Dawn jixprunaw u jirfdu l-attivitajiet operazzjonali kollha u l-iżvilupp strateġiku tal-Aġenzija. Dawn il-valuri huma:

- **Responsabilità**: it-tnedija ta' qafas ta' governanza tajba, ġestjoni finanzjarja tajba u operazzjonijiet kosteffiċjenti.
- **Trasparenza**: il-komunikazzjoni regolari u miftuħa mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija u l-involviment tagħhom fi djalogu kontinwu sabiex tiġi ddefinita l-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija.
- **Eċċellenza**: billi jkun hemm fis-seħħ l-istruttura organizzazzjonali, il-persuni u l-proċessi xierqa sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fis-servizz lill-Istati Membri.
- **Kontinwità**: l-iżgurar li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-għarfien espert, l-għarfien u l-investimenti magħmula mill-Istati Membri u li tkompli tiżviluppa l-għarfien espert u l-għarfien.
- **Ħidma f'tim**: li tfittex li tagħti setgħa lil kull membru individwali fit-tim sabiex ikun jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, sabiex b'hekk jikkontribwixxi għas-suċċess tal-Aġenzija.
- **Enfasi fuq il-klijent:** l-iżgurar li l-Aġenzija tkun dejjem allinjata mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

**Il-protezzjoni tad-*data***

Fit-twettiq tal-missjoni u l-objettivi tagħha fl-attivitajiet tagħha ta' kuljum, l-Aġenzija tikkonforma strettament mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

# Taqsima I Kuntest ġenerali

Fl-2021 u lil hinn, l-Unjoni Ewropea se tkompli tiffaċċja l-isfida doppja li tibqa' miftuħa bħala parti minn dinja globalizzata u interkonnessa filwaqt li tiżgura s-sikurezza u tiggarantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini, tar-residenti, tal-viżitaturi, tat-territorju u tal-infrastrutturi tagħha. L-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Ewropa se jgħaddu minn trasformazzjoni kbira fis-snin li ġejjin, billi jimxu b'mod kostanti mid-dinja fiżika għal dik virtwali u jikkonverġu b'mod rapidu fl-istess ħin. L-effiċjenza tal-ġestjoni tal-fruntieri, il-protezzjoni adegwata tal-fruntieri esterni tal-UE u l-kapaċità ta' rispons għal theddid għas-sigurtà li dejjem qed jiżdied u jevolvi, bħat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità, se jiddependu dejjem aktar mill-iskambju f'waqtu, effiċjenti u komprensiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej rilevanti, iffaċilitat l-aħjar permezz ta' teknoloġiji u sistemi moderni tal-informazzjoni. Ir-rwol tal-eu-LISA fir-rigward ta' dawn is-sistemi huwa stabbilit hawn taħt.

**Il-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni**

Fl-istess ħin, it-trasformazzjoni diġitali kontinwa tal-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni se tkompli u saħansitra taċċellera fis-snin li ġejjin. Għalhekk, l-UE jenħtieġ li tesplora aktar il-kapaċitajiet tat-teknoloġija bl-għan li tappoġġa u tikkontribwixxi għat-twettiq tal-prijoritajiet tagħha. Teknoloġiji ġodda u innovattivi se jiżguraw kooperazzjoni operazzjonali aktar effettiva mmexxija mill-informazzjoni għall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE. It-tnedija u l-użu ta' sistemi u għodod tal-IT aktar sofistikati, flessibbli u integrati fil-livell tal-UE biex jappoġġaw il-ħidma tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE se jsiru komponent vitali tar-rispons tal-UE għat-theddid għas-sigurtà li qed jevolvi. L-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-interoperabbiltà tagħhom hija essenzjali biex jaqdu aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti finali, jiġu ssodisfati d-domandi ta' politika li qed jinbidlu u, fl-aħħar mill-aħħar, jipprovdu approċċ intelliġenti integrat biex tiġi żgurata s-sigurtà interna.

**Il-Bażi tad-*Data* Dattiloskopika Ewropea (Eurodac)**

L-eu-LISA hija responsabbli mit-tmexxija operazzjonali tal-Bażi tad-*Data* Dattiloskopika Ewropea (Eurodac), tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u r-rilejs akkumpanjanti rispettivi tagħhom. Dawn is-sistemi joperaw fuq bażi kontinwa u jipprovdu aċċess dirett għal 28 Stat Membru, erba' Pajjiżi Assoċjati u aġenziji speċifiċi tal-ĠAI. Dawn is-sistemi huma essenzjali għall-funzjonament normali taż-Żona Schengen, għall-ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri esterni tagħha, għas-sigurtà interna u għall-implimentazzjoni tal-politiki komuni tal-UE dwar l-ażil u l-viża. Fis-snin li ġejjin, dawn is-sistemi se jevolvu u jinbidlu f'konformità mal-prijoritajiet.

Il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fit-23 ta' Settembru 2020, jistabbilixxi l-approċċ komprensiv tal-UE għal kwistjonijiet bħall-fruntieri esterni, is-sistemi tal-ażil u ta' ritorn, iż-żona Schengen tal-moviment liberu, id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, il-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni. Il-Patt jinkludi diversi kompiti ġodda għall-eu-LISA, b'enfasi partikolari fuq ir-riforma tal-Eurodac. L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni (COM (2020) 614) huwa li l-Eurodac tinbidel f'bażi tad-*data* komuni Ewropea biex tappoġġa l-politiki tal-UE dwar l-ażil, ir-risistemazzjoni u l-migrazzjoni irregolari. Attwalment, l-eu-LISA qed tħejji għall-implimentazzjoni tal-evoluzzjoni tal-Eurodac. L-Eurodac se jkollha tgħaddi minn bidliet arkitettoniċi kbar biex tikseb il-livell xieraq ta' interoperabbiltà, eż. mal-ETIAS u biex tiġi integrata mal-komponenti differenti tal-interoperabbiltà.

**Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)**

Regolamenti ġodda tal-UE dwar it-tisħiħ tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) ġew adottati u daħlu fis-seħħ fl-28 ta' Diċembru 2018. L-Aġenzija qed taħdem lejn l-implimentazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea, u f'konformità mar-rekwiżiti legali. Dan il-proċess se jkollu jiġi ffinalizzat sa tmiem l-2021.

**Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), u l-ETIAS**

F'Mejju 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal Regolament biex tiġi emendata s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS),[9] billi tiġi introdotta, fost l-oħrajn, kapaċità ta' tiftix bl-immaġni tal-wiċċ u l-inklużjoni ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza. Għaddejja ħidma fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill dwar il-proposta leġiżlattiva li tikkonċerna t-tisħiħ tal-qafas legali attwali. Barra minn hekk, għaddejja wkoll ħidma biex il-VIS u s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)[10] isiru interoperabbli, f'konformità mar-Regolament dwar l-EES.

Minbarra s-sistemi eżistenti, qed jiġu żviluppati sistemi ġodda, u se jsiru operazzjonali fis-snin li ġejjin. L-Aġenzija bdiet timplimenta l-EES u l-ETIAS[11] wara l-adozzjoni tar-Regolamenti rispettivi tagħhom. Is-Sistema Ċentrali tal-EES għandha tkun lesta sal-2020, li tippermetti ttestjar sussegwenti mal-Istati Membri qabel id-dħul fis-seħħ skedat għall-2022. Is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS qiegħda tiġi żviluppata mill-eu-LISA għal tmiem l-2021, li għandha tiġi segwita mill-ittestjar mal-Istati Membri u mid-dħul fis-seħħ skedat għal tmiem l-2022. L-emendi konsegwenzjali għall-bażi ġuridika tal-ETIAS, li x'aktarx jiġu adottati fil-futur qrib, se jippermettu lill-eu-LISA tavvanza bl-implimentazzjoni tal-ETIAS.

Fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-eu-LISA hija responsabbli mill-iżvilupp u t-tmexxija operazzjonali tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN) futura,[12] li daħlet fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2019. Fl-2021, il-preparazzjonijiet se jkomplu abbażi tal-istess tliet flussi ta' ħidma bħal fil-preparazzjonijiet għall-EES u l-ETIAS.

**Qasam tal-ġustizzja: ECRIS-TCN u e-CODEX**

Fil-qasam tal-ġustizzja, minbarra l-iżvilupp tal-ECRIS-TCN, l-eu-LISA jista' jkollha wkoll rwol kruċjali fid-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-iskambju ta' informazzjoni ġudizzjarja, soġġett għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika rilevanti. Il-ġestjoni futura possibbli mill-eu-LISA ta' pjattaforma ferm kapaċi u sigura għall-komunikazzjoni transfruntiera fi proċedimenti ċivili u kriminali, l-hekk imsejħa e-CODEX, se tkun ukoll żvilupp kbir. Fl-2021, l-eu-LISA se tkompli tikkontribwixxi għall-evoluzzjoni u l-akkwiżizzjoni tal-e-CODEX, bil-għan tad-dħul fis-seħħ tagħha fi tmiem l-2023. Fl-1 u t-2 ta' Ottubru 2020 fil-laqgħa tal-Kunsill Speċjali Ewropew, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ġew adottati u komplew jisħqu li d-diġitalizzazzjoni hija kruċjali għat-trawwim ta' forom ġodda ta' tkabbir u għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE, billi eż. jitrawwem l-iżvilupp Ewropew tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' teknoloġiji diġitali u tiġi aċċellerata t-tnedija ta' infrastrutturi tan-network siguri u ta' kapaċità għolja ħafna. L-Aġenzija lesta li tieħu r-responsabilità miż-żamma tal-applikazzjonijiet tal-e-CODEX u għandha l-għarfien espert tekniku biex tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-infrastruttura u l-istandards tal-IT tal-e-CODEX. Għandha biżżejjed esperjenza fil-ġestjoni ta' varjetà ta' strutturi ta' governanza, u fil-permess tal-involviment sħiħ tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni Ewropea.

---

[9] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2016/399, ir-Regolament XX/2018 [ir-Regolament dwar l-Interoperabilità], u d-Deċiżjoni 2004/512/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI [Brussell, 16.5.2018 COM(2018) 302 final 2018/0152 (COD)]

[10] Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata *data* dwar id-dħul u l-ħruġ u *data* dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 [ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20–82].

[11] Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 [ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1–71].

[12] Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 [ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1–26]

**L-arkitettura ta' informazzjoni għall-ĠAI**

Minbarra l-iżvilupp ta' dawn is-sistemi individwali, l-eu-LISA se tiżviluppa u timplimenta l-arkitettura tal-interoperabilità tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira. L-interoperabilità u l-komponenti tagħha huma l-pedamenti għal arkitettura ta' informazzjoni avvanzata, aġli u effiċjenti għall-qasam tal-ĠAI.

**Is-sistemi deċentralizzati għall-ĠAI**

Iffaċċjati mix-xenarju tat-theddid għas-sigurtà u l-ħtieġa għal avvanzi koerenti kemm fil-qasam tal-Ġustizzja kif ukoll tal-Affarijiet Interni, diġà qed isiru diskussjonijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea dwar kif sistemi deċentralizzati, bħar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) u Prüm, jistgħu jiġu adattati biex itejbu l-iskambju ta' informazzjoni u biex ikollhom aċċess aħjar u usa' għad-*data*.

Is-sistemi l-ġodda u l-evoluzzjoni ta' dawk eżistenti se jġibu bidla radikali fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. It-teknoloġija l-ġdida se titbiegħed gradwalment mill-approċċ ta' silo lejn approċċ olistiku ġdid fis-sistemi kollha, b'rispett sħiħ għall-objettivi tan-negozju oriġinali u s-salvagwardji tal-aċċess tas-sistemi individwali, u għall-prinċipji fundamentali tal-protezzjoni u l-privatezza tad-*data*. Dan l-approċċ il-ġdid se jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, ibiddel id-*data* disponibbli f'informazzjoni u jistabbilixxi standards komuni għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki. It-teknoloġija u l-approċċ il-ġodda se jġibu soluzzjonijiet ġodda u proċeduri operazzjonali aktar effiċjenti għall-utenti finali.

**Ir-rwol tal-eu-LISA fl-oqsma tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja**

Ir-rwol u l-importanza tal-eu-LISA huma mistennija li jikbru għall-Istati Membri u l-UE kollha kemm hi. L-Aġenzija se tkun waħda mill-kontributuri l-aktar importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki rilevanti fl-oqsma tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, immirati lejn it-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. L-Aġenzija se tkompli tipprovdi s-servizzi meħtieġa lill-komunità tal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA, għall-istandards għoljin miksubin sa issa.

**Ir-rwol operazzjonali tal-eu-LISA: id-*data***

Fir-rigward tal-kwalità tad-*data*, l-eu-LISA taħt il-mandat estiż tagħha se tkompli tipprovdi appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri u tistabbilixxi mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* u indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data*, f'konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-istrumenti legali rilevanti li jirregolaw is-sistemi fdati lill-Aġenzija. Bħala parti mill-isforzi ta' implimentazzjoni tal-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà fil-qasam tal-ĠAI, l-eu-LISA se tiżviluppa repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika. Rapporti komprensivi bl-użu ta' *data* anonimizzata , inkluż dwar il-kapaċità ta' personalizzazzjoni, se jiġu pprovduti lill-partijiet ikkonċernati dwar l-użu tas-sistema u l-istatistika, f'konformità mar-regolamenti dwar l-interoperabilità u regolamenti rilevanti oħra.

**Ir-rwol operazzjonalital-eu-LISA: it-taħriġ**

L-eu-LISA se tkompli wkoll tipprovdi taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira lill-Istati Membri, u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol f'dan il-qasam sabiex tkopri s-sistemi l-ġodda u l-komponenti tal-interoperabilità kif meħtieġ. Dawn l-isforzi se jiġu appoġġati permezz tal-pjattaforma ta' Tagħlim elettroniku moderna, sigura u affidabbli tagħha.

**Il-kollaborazzjoni tal-eu-LISA**

L-Aġenzija se tkompli l-kollaborazzjoni tagħha mal-aġenziji tal-ĠAI u se tesplora possibbiltajiet għall-konklużjoni ta' forom ġodda ta' kollaborazzjoni fi ħdan il-mandat tal-mandat estiż tagħha. Il-kooperazzjoni se tkompli mal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati bħala partijiet ikkonċernati ewlenin tal-eu-LISA. L-Aġenzija se żżomm kuntatt mill-qrib mal-istituzzjonijiet tal-UE u l-aġenziji tal-UE peress li huma sħab importanti għall-eu-LISA. F'dan il-kuntest, l-eu-LISA u l-ENISA se jkomplu l-kooperazzjoni regolari tagħhom fl-oqsma tal-kontinwità tan-negozju, is-sigurtà tal-informazzjoni u r-riċerka, f'konformità mal-Memorandum ta' Qbil, li daħal fis-seħħ

f'Jannar 2018, u l-pjan ta' kooperazzjoni pluriennali 2021–2023 li qed jitfassal attwalment. Fejn previst mill-atti legali tal-Unjoni, u sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha, jistgħu jiġu stabbiliti wkoll arranġamenti ta' ħidma ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Interpol u l-IATA, f'konformità mar-regolamenti tal-Aġenzija.

**L-eu-LISA u s-sigurtà tal-UE**

F'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà (COM (2020) 605), tal-24 ta' Lulju 2020, l-eu-LISA se tagħti prijorità lill-għan li tiġi żgurata r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika biex tkun tiflaħ għat-theddid ċibernetiku u tipproteġi kontra l-kriminalità organizzata. Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet tenfasizza l-ħtieġa li tiġi ggarantita s-sigurtà kemm f'ambjenti fiżiċi kif ukoll f'dawk diġitali. L-Aġenzija tqis is-sigurtà u r-rispett għad-drittijiet fundamentali bħala konsistenti u komplementari, aktar milli bħala kunċetti kunfliġġenti. L-eu-LISA se tibni fuq l-għarfien espert u l-esperjenza tagħha biex tkompli timplimenta l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà.

**L-eu-LISA u ċ-ċibersigurtà**

Sabiex jiġu indirizzati b'mod adegwat ir-riskji marbuta maċ-ċibersigurtà li jaffaċċjaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt il-ġestjoni tal-Aġenzija, l-Aġenzija se tkompli l-approċċ proattiv tagħha f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-aġenziji rilevanti tal-UE. F'dan ir-rigward, l-enfasi tal-Aġenzija huwa li ssaħħaħ u ttejjeb l-arkitettura u l-proċeduri ġenerali taċ-ċibersigurtà fis-sistemi taħt it-tmexxija operazzjonali tagħha permezz ta' monitoraġġ, ippjanar u rispons proattiv għar-riskji potenzjali.

**Is-sit tekniku tal-eu-LISA fi Strasburgu**

Fi Strasburgu, inbdiet it-tieni estensjoni tal-bini operazzjonali biex jiġu ospitati proġetti attwali u futuri u fl-2021 se tibda l-fażi tal-bini.

# Taqsima II Programmazzjoni pluriennali 2021-2023

# 1. L-objettivi pluriennali[13]

## 1.1. L-għanijiet strateġiċi 2018-2022

L-għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija deskritti hawn taħt jirriflettu l-mandat tagħha meta nkiteb dan id-dokument u l-prijoritajiet tagħha kif definiti fid-djalogu mal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Dawn l-għanijiet ġew ikkonfermati mill-ġdid fl-istrateġija fit-tul aġġornata tal-Aġenzija, adottata mill-Bord tat-Tmexxija (MB) f'Novembru 2017.

L-għanijiet jiġu mmonitorjati regolarment u huma soġġetti għal rieżamijiet u għal irfinar regolari sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet dejjem jevolvu tal-organizzazzjoni u tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

L-istrateġija fit-tul aġġornata tal-Aġenzija tistabbilixxi erba' għanijiet strateġiċi, jiġifieri:

- **Għan Strateġiku 1: li tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE.**
- **Għan Strateġiku 2: li żżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni (ICT) tal-UE.**
- **Għan Strateġiku 3: li tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE.**
- **Għan Strateġiku 4: li tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE.**

Dawn l-għanijiet strateġiċi jinqasmu aktar f'objettivi pluriennali fit-taqsima li jmiss.

[13] Din it-taqsima hija żviluppata f'konformità mal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija, adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2017.

## 1.2. L-objettivi pluriennali strateġiċi 2021-2023

Sa mit-twaqqif tagħha, l-eu-LISA ddefinixxiet l-istrateġija fit-tul tagħha f'konformità mal-mandat tagħha skont ir-Regolament tat-Twaqqif, u timmonitorja regolarment l-implimentazzjoni tagħha. Dan jippermetti lill-organizzazzjoni tissimplifika l-isforzi biex twettaq il-missjoni tagħha u tissodisfa l-viżjoni tagħha. Fl-2017, l-Aġenzija aġġornat l-istrateġija fit-tul tagħha b'għanijiet strateġiċi u b'objettivi strateġiċi relatati għall-perjodu 2018-2022. Dan jistabbilixxi d-direzzjoni għall-iżvilupp tal-Aġenzija f'dan il-perjodu ta' ħames snin. Biex twettaq dawn l-għanijiet strateġiċi, l-Aġenzija, għall-perjodu 2018–2022, elaborat ħarsa ġenerali pluriennali li taqsam l-għanijiet strateġiċi f'objettivi strateġiċi u torbothom mal-indikaturi tal-prestazzjoni korporattiva.

Ir-rabtiet bejn l-għanijiet strateġiċi, l-objettivi strateġiċi u l-indikaturi tal-prestazzjoni korporattiva huma stabbiliti fit-tabelli ta' hawn taħt.

TABELLA 1. GĦANIJIET STRATEĠIĊI, INDIKATURI TAL-KISBIET

| Għanijiet Strateġiċi | Indikaturi tal-kisbiet |
|---|---|
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | Perċentwal (%) tal-objettivi tas-sigurtà implimentati kif definit mil-leġiżlazzjoni |
| | L-għadd ta' eżerċizzji ta' emerġenza/ta' sigurtà u eżerċizzji marbutin mal-kontinwità tan-negozju mwettqa kull sena |
| | Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac |
| | Il-ħin tar-rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac |
| | Id-disponibbiltà tan-Network fuq Żona Wiesgħa (għas-sistemi SIS u VIS) |
| | Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS |
| | Il-ħin tar-rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS |
| | Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS/BMS |
| | Il-ħin tar-rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS/BMS |
| | Is-sodisfazzjon tat-trainees bit-taħriġ ipprovdut |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | Ir-rata ta' kanċellazzjoni (%) tal-approprjazzjonijiet ta' pagament |
| | Ir-rata (%) ta' implimentazzjoni tal-impenji baġitarji |
| | Ir-rata (%) ta' implimentazzjoni tal-pagamenti |
| | Il-proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi u l-proporzjon (%) tar-riżorsi operazzjonali mqabbla mar-riżorsi umani kollha fl-Aġenzija (persunal u SNEs) |

| | |
|---|---|
| | Il-proporzjon (%) ta' pagamenti kkompletati fl-iskadenzi statutorji |
| | Il-ġestjoni tal-akkwiżizzjoni: proġetti ta' akkwist skont l-iskeda |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | Is-sodisfazzjon tal-klijent: % ta' klijenti tal-Istati Membri ssodisfati jew issodisfati ħafna bis-servizz ġenerali pprovdut mill-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | Il-prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA |
| | Il-valutazzjoni tat-tlestija u tal-progress tal-proġetti skont linja bażi (mill-ġdid) ta' parametri definiti ta' kwalità/kost/ħin u b'kont meħud tal-miri tal-proġett |
| | Il-Ġestjoni tal-Proġetti: Il-valutazzjoni tal-konformità tal-proġetti kkompletati skont il-Metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġetti tal-eu-LISA matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett. |
| | Il-perċentwal (%) ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar implimentati sal-iskadenzi stipulati li huma:<br>• Kritiċi<br>• Importanti ħafna<br>• Importanti |
| | L-għadd u l-età tar-rakkomandazzjonijiet pendenti li huma:<br>• inqas minn sitt xhur<br>• bejn sitt xhur u sena<br>• aktar minn sena |
| | L-effiċjenza tal-proċess tal-akkwist |
| | L-indikaturi ambjentali |
| | Ir-rata ta' assenteiżmu (%) fil-perjodu ta' rapportar |
| | Il-Perċentwal (%) Annwali tad-Dawran tal-Impjegati |
| | Il-Perċentwal (%) Annwali tar-Rata ta' okkupanza |
| | L-indiċi taż-żamma tat-talenti |
| | Il-livelli ta' ingaġġ tal-persunal |
| | L-impatt tal-komunikazzjoni interna tal-eu-LISA |
| | L-impatt tal-komunikazzjoni esterna tal-eu-LISA |

TABELLA 2. ELEMENTI TAL-OBJETTIVI STRATEĠIĊI, GĦALL-PERJODU 2018–2022

| Għanijiet strateġiċi | Objettivi strateġiċi | Elementi tal-objettivi strateġiċi |
|---|---|---|
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.1 L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | 1.1.1 Il-ġestjoni b'mod effettiv u effiċjenti tas-sistemi kollha fdati lill-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.1 L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | 1.1.2 L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha fdati lill-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.1 L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | 1.1.3 Il-konsolidazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-infrastruttura tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.2 Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | 1.2.1 Il-bidla minn analiżi tad-*data ex-post* (statistika) għall-analitika |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.2. Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | 1.2.2 L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali, jekk ikun hekk stabbilit mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.2 Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | 1.2.3 Żieda fil-viżibbiltà tal-prestazzjoni korporattiva u tas-sistemi tal-Aġenzija għall-partijiet ikkonċernati kollha |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.2. Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | 1.2.4 L-għoti ta' taħriġ xieraq dwar is-sistemi għall-Istati Membri u għal partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.3. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija | 1.3.1 It-titjib, l-ittestjar u l-irfinar tal-proċeduri tal-Aġenzija tal-Ġestjoni tal-Kontinwità tal-Attivitajiet u ta' Rkupru minn Diżastri |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.3. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija | 1.3.2 It-tisħiħ u l-iżvilupp tal-qafas tal-IT u taċ-ċibersigurtàtal-Aġenzija għas-sistemi u għan-networks ta' komunikazzjoni tagħha |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.1. L-iżvilupp u ż-żamma ta' mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operazzjonali | 2.1.1 It-twettiq tal-implimentazzjoni ta' strateġija tal-provvista li toffri l-aġilità meħtieġa sabiex jiġu pprovduti soluzzjonijiet u servizzi tal-ICT kosteffettivi |

| Għanijiet strateġiċi | Objettivi strateġiċi | Elementi tal-objettivi strateġiċi |
|---|---|---|
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.1. L-iżvilupp u ż-żamma ta' mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operazzjonali | 2.1.2 It-titjib kontinwu tal-proċessi, l-għodod, ir-rapportar u l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-bejjiegħa fi ħdan l-Aġenzija |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.1. L-iżvilupp u ż-żamma ta' mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operazzjonali | 2.1.3 Il-monitoraġġ tal-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u t-tiftix kontinwu għall-ottimizzazzjoni tal-Kost Totali tas-Sjieda |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.1. L-iżvilupp u ż-żamma ta' mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operazzjonali | 2.1.4 L-iżvilupp tal-mudell operazzjonali tal-Aġenzija lejn il-konformità mal-istandards tal-industrija għall-Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT (ITSM/ITIL) |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.1. L-iżvilupp u ż-żamma ta' mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operazzjonali | 2.1.5 L-implimentazzjoni b'mod sistematiku tal-istandards, il-proċessi u l-prattiki tal-ġestjoni tal-proġetti adottati |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.2. L-għoti ta' servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-Approċċ Komuni | 2.2.1 L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' portafoll ta' servizzi xieraq |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.2. L-għoti ta' servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-Approċċ Komuni | 2.2.2 L-adattament tal-mudell tas-servizz standard tal-Aġenzija kif xieraq |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.2. L-għoti ta' servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-Approċċ Komuni | 2.2.3 Il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u servizzi ma' aġenziji oħrajn, b'enfasi partikolari fuq il-qasam tal-ICT |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.2. L-għoti ta' servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-Approċċ Komuni | 2.2.4. L-għoti ta' servizzi u soluzzjonijiet ġodda u t-titjib ta' dawk eżistenti sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.2. L-għoti ta' servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-Approċċ Komuni | 2.2.5. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sett ta' servizzi tal-IT standard tal-industrija |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.1. L-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda sabiex tiġi ffaċilitata l-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju | 3.1.1 Is-segwiment tal-iżviluppi fir-riċerka u fl-innovazzjoni |

| Għanijiet strateġiċi | Objettivi strateġiċi | Elementi tal-objettivi strateġiċi |
|---|---|---|
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.1. L-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda sabiex tiġi ffaċilitata l-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju | 3.1.2 Riċerka ulterjuri fl-għodod ta' monitoraġġ u ta' involviment sabiex tkun tista' ssir l-integrazzjoni rapida tal-aspetti rilevanti tar-riċerka fil-proċessi tan-negozju tal-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.1. L-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda sabiex tiġi ffaċilitata l-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju | 3.1.3 It-tkabbir tal-għarfien tan-negozju disponibbli fl-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.2. Tkun konsulent fdat u abilitant tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija | 3.2.1 It-tiftix ta' sinerġiji ma' atturi tal-ICT oħrajn fis-settur privat u dak pubbliku b'appoġġ għall-iskambju tar-riċerka u l-innovazzjoni |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.2. Tkun konsulent fdat u abilitant tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija | 3.2.2 L-għoti ta' pariri lill-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet relatati mal-mandat u mal-attivitajiet tal-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.2. Tkun konsulent fdat u abilitant tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija | 3.2.3 L-evolviment u ż-żamma tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.3. L-esplorazzjoni u l-implimentazzjoni tal-arkitettura tal-interoperabbiltà u l-effetti tagħha fuq l-NS u s-CS, u l-mudell operazzjonali tal-Aġenzija | 3.3.1 L-istabbiliment tal-kapaċitajiet tal-arkitettura tal-intrapriżi fl-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.3. L-esplorazzjoni u l-implimentazzjoni tal-arkitettura tal-interoperabbiltà u l-effetti tagħha fuq l-NS u s-CS, u l-mudell operazzjonali tal-Aġenzija | 3.3.2 L-iżvilupp ta' mudell ta' arkitettura tal-intrapriża konsistenti għall-qasam tal-ĠAI u l-oqsma relatati |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.1. L-iżvilupp tal-konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza ġenerali | 4.1.1 Il-konformità b'mod sħiħ u fil-ħin mal-obbligi statutorji kollha ta' rapportar |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.1. L-iżgurar tal-konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza ġenerali | 4.1.2 L-iżvilupp u t-tisħiħ kontinwu tal-ġestjoni, il-proċeduri u l-prattiki baġitarji, finanzjarji u tal-akkwist tal-Aġenzija f'konformità mal-atti legali rilevanti u mal-prinċipji tal-ġestjoni tal-prestazzjoni |

| Għanijiet strateġiċi | Objettivi strateġiċi | Elementi tal-objettivi strateġiċi |
|---|---|---|
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.1. L-iżgurar tal-konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza ġenerali | 4.1.3 Il-monitoraġġ kontinwu u r-rieżami u l-aġġornament regolari tal-qafas ta' kontroll intern |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.1. L-iżgurar tal-konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza ġenerali | 4.1.4 L-iżgurar tal-konformità sistematika mar-rekwiżiti tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data* |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.2. L-allinjament kontinwu tal-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, il-proċessi u l-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati jinqdew bl-aħjar mod | 4.2.1 Iż-żamma u l-ħidma ta' qafas ta' governanza tajjeb u adattiv, inklużi proċessi u proċeduri li jsegwu l-aħjar prattiki u standards tal-industrija |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.2. L-allinjament kontinwu tal-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, il-proċessi u l-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati jinqdew bl-aħjar mod | 4.2.2 L-identifikazzjoni tal-kapaċitajiet u l-proċessi ewlenin li jeħtieġu aġġustament u l-implimentazzjoni tal-bidliet meħtieġa sabiex tittejjeb il-prestazzjoni b'mod sistematiku u li jista' jitkejjel |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.2. L-allinjament kontinwu tal-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, il-proċessi u l-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati jinqdew bl-aħjar mod | 4.2.3 L-implimentazzjoni u l-ġestjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità tal-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.2. L-allinjament kontinwu tal-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, il-proċessi u l-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati jinqdew bl-aħjar mod | 4.2.4 Il-valutazzjoni b'mod sistematiku tal-allinjament bejn l-objettivi tan-negozju eżistenti jew ġodda u l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-kapaċitajiet sabiex jintlaħqu tali objettivi |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.3. Tkompli tkun impjegatur attraenti, iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal | 4.3.1 L-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għall-membri tal-persunal kollha |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.3. Tkompli tkun impjegatur attraenti, iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal | 4.3.2 L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati mogħnija bit-talenti u l-iżgurar tal-iżvilupp professjonali tagħhom |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.3. Tkompli tkun impjegatur attraenti, iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal | 4.3.3 It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' qafas ta' ġestjoni tal-għarfien |

| Għanijiet strateġiċi | Objettivi strateġiċi | Elementi tal-objettivi strateġiċi |
|---|---|---|
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.3. Tkompli tkun impjegatur attraenti, iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal | 4.3.4 L-iżvilupp tal-funzjoni tal-HR lejn sħubija tan-negozju sabiex tappoġġa aħjar il-ħtiġijiet tal-persunal u l-objettivi tal-organizzazzjoni |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.4.L-iżvilupp u ż-żamma ta' immaġni pożittiva lejn il-partijiet ikkonċernati interni u esterni tagħha | 4.4.1 Il-promozzjoni u ż-żamma ta' immaġni pożittiva tal-Aġenzija permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni interna u esterna effettiva |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.4.L-iżvilupp u ż-żamma ta' immaġni pożittiva lejn il-partijiet ikkonċernati interni u esterni tagħha | 4.4.2 Iż-żamma tal-viżibbiltà u l-kredibbiltà tal-ħidma u tal-kontribut tal-Aġenzija għall-UE fost il-partijiet ikkonċernati esterni |

# 2. Il-programm pluriennali (2021-2023)[14]

Din it-taqsima tistabbilixxi l-oqsma ta' azzjoni speċifiċi li jeħtieġ jiġu indirizzati fil-perjodu 2021-2023 sabiex tiġi appoġġata l-kisba tal-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tal-eu-LISA. L-oqsma ta' azzjoni jappoġġaw u jiżguraw il-koeżjoni bejn il-funzjonijiet tan-negozju tal-Aġenzija u l-attivitajiet orizzontali li jappoġġaw kemm in-negozju ewlieni kif ukoll l-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija. Barra minn hekk, jipprovdu gwida u appoġġ għall-ippjanar tal-attivitajiet u l-azzjonijiet prattiċi u, b'dan il-mod, l-Aġenzija tiżgura li l-azzjonijiet kollha tagħha jkunu konformi mar-rekwiżiti statutorji u jwasslu għall-kisba tal-viżjoni tagħha u t-twettiq tal-missjoni tagħha. L-eu-LISA tfassal id-dokumenti uniċi ta' programmazzjoni tagħha f'konformità mal-loġika u l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrateġija fit-tul.

### *2.1.1. It-tmexxija operazzjonali u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti*

L-eu-LISA se tiżgura li s-sistemi tal-IT ikunu kompletament disponibbli għall-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE billi tipprovdi tmexxija operazzjonali ta' kwalità għolja 24/7 ta' dawn is-sistemi. Dan se jinkiseb permezz ta' monitoraġġ kostanti tas-sistemi, u l-ġestjoni tal-inċidenti u l-interazzjoni mal-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE li jkollhom aċċess għas-sistemi. Bl-istess mod, se jkomplu jiġu żgurati l-ġestjoni u l-manutenzjoni effiċjenti tas-sit tekniku ta' backup.

**Is-SIS**

L-operazzjonijiet attwali tal-SIS qed jaħdmu b'suċċess. Madankollu, wara l-adozzjoni tal-bażi ġuridika l-ġdida tas-SIS fl-2018 u ffaċċjata bl-isfidi u l-ħtiġijiet taż-żona ta' sigurtà interna fl-Ewropa, is-Sistema Ċentrali tas-SIS teħtieġ għadd ta' evoluzzjonijiet meħtieġa kemm mill-perspettivi tekniċi kif ukoll minn dawk tan-negozju.

Sal-aħħar tal-2021, huwa ppjanat li se jkun disponibbli r-repożitorju ċentrali l-ġdid għar-rapportar u għall-istatistika biex jipprovdi funzjonalitajiet imtejba fil-qasam tas-SIS.

Il-qafas legali aġġornat tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ikopri l-oqsma li ġejjin:

- il-koperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali;
- il-verifiki fil-fruntieri;
- ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiż terz b'soġġorn illegali.

Xi eżempji ta' funzjonalitajiet speċifiċi skont il-bażi ġuridika l-ġdida f'dan il-qasam huma:

- il-ħolqien ta' allerti tas-SIS dwar il-migranti irregolari, soġġetti għal deċiżjonijiet ta' ritorn;
- l-użu ta' marki tas-swaba' latenti u marki tal-pala tal-id għall-identifikazzjoni bijometrika, flimkien mal-marki tas-swaba' standard;
- il-ħolqien ta' kategorija ta' allerti ġdida dwar 'Persuna Mfittxija Mhux Magħrufa', li għaliha tista' teżisti *data* forensika fil-bażijiet tad-*data* nazzjonali (eż. marka latenti li tħalliet fil-post tad-delitt).

L-Aġenzija se tkompli żżid aktar kategoriji ta' allerti, oqsma u funzjonalitajiet oħra fis-sistema biex iżżid b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet attwali tas-Sistema Ċentrali tas-SIS. L-Aġenzija se ttemm l-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet relatati mar-reġistrazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ritorn u r-rifjuti tad-dħul fis-SIS, li se jtejbu l-kapaċitajiet tas-SIS biex jiġu appoġġati l-politika ta' ritorn tal-UE u l-ġestjoni tal-fruntieri. L-Aġenzija se taħdem biex tissodisfa rekwiżiti ġodda oħrajn li jirriżultaw mill-bażi ġuridika, pereżempju billi testendi d-disponibbiltà tas-SIS għal aktar utenti finali, b'kontrolli addizzjonali tal-kwalità tad-*data* u statistika disponibbli, u billi tiżgura aċċess usa' għas-SIS mill-Istati Membri u l-utenti istituzzjonali tal-UE. Barra minn hekk, l-Aġenzija hija involuta

[14] Din it-taqsima hija allinjata mal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija, adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2017.

bis-sħiħ fil-proġett dwar l-AFIS tas-SIS, li skont ir-rekwiżiti l-ġodda jenħtieġ li jiġi introdott b'mod sħiħ fl-Istati Membri kollha sa tmiem l-of 2021.

Hemm skadenzi regolatorji għall-implimentazzjoni li jridu jiġu rispettati, li jfisser li l-ħidma preparatorja kollha trid tiġi ffinalizzata sal-2021. L-Aġenzija se timplimenta wkoll l-interkonnessjoni mal-ETIAS li tingrana l-ħolqien ta' modulu ta' interkonnessjoni ġeneriku u, purament fil-qasam tal-infrastruttura, se ttemm il-bidla tal-ambjent tal-PPE fil-BCU minn ġewwa l-muntanja għal barra l-muntanja.

Wara l-adozzjoni tar-regolamenti dwar l-interoperabbiltà, l-evoluzzjonijiet kollha se jiġu kkoordinati mal-komponenti tal-interoperabbiltà u l-adattament tal-komponenti kollha tas-SIS se jiġi ppjanat u eżegwit kif xieraq. Id-dettalji ta' dan jinsabu fit-taqsima hawn taħt dwar is-sistemi l-ġodda.

**L-Eurodac**

Fl-2021 se jkomplu l-iżviluppi tekniċi tas-sistema tal-Eurodac, inkluża l-kapaċità tagħha, biex tinżamm allinjata mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri għall-ġestjoni tal-flussi migratorji. Jista' jiġi implimentat titjib addizzjonali tal-kapaċità tas-sistema biex ilaħħaq mal-impatt ta' kwalunkwe bidla fil-ħżin tas-sistema u t-throughput tat-tranżazzjoni, jekk ikun meħtieġ mill-użu attwali tas-sistema.

Fil-futur, ladarba tiġi adottata l-bażi ġuridika, is-sistema se tevolvi f'konformità mal-proposta emendata tal-Kummissjoni għal regolament dwar l-Eurodac, maħruġa fil-qafas tal-Patt dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni f'Settembru 2020 (proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 614). Din il-proposta (li temenda l-proposta tal-2016 għal Regolament riformulat dwar l-Eurodac (riformulazzjoni tal-Eurodac)) tistabbilixxi rabtiet ċari u konsistenti bejn individwi speċifiċi u l-proċeduri li jenħtieġ li jsegwu biex jassistu fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u fid-detezzjoni ta' movimenti mhux awtorizzati.

Bl-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tal-Eurodac, il-pjan huwa li l-arkitettura tas-sistema tiġi mfassla mill-ġdid u l-infrastruttura tagħha tiġi modernizzata. Madankollu, minħabba l-adozzjoni mdewma tar-riformulazzjoni tal-Eurodac 2016, u dewmien potenzjali fl-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni 2020, diversi komponenti tal-Eurodac li għandhom jiġu modernizzati bħala parti mill-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tal-Eurodac issa jirriskjaw li jilħqu t-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja ta' appoġġ tagħhom qabel ma s-sistema tkun ġiet imfassla mill-ġdid. Tali komponenti, pereżempju, jikkonċernaw:

- il-ġestjoni tal-liċenzji tal-bordijiet tal-PMAs (Aċċeleraturi Programmabbli li Jaqblu) — il-komponent ewlieni tal-AFIS. Wara n-notifiki pprogrammati ta' "Tmiem l-Appoġġ" u "Tmiem il-Ħajja" għall-bordijiet M5 tal-PMA, l-eu-LISA se jkollha twettaq attivitajiet ta' manutenzjoni adattiva fuq skala ogħla f'terminu qasir ta' żmien, minflok tistenna, kif kien ippjanat inizjalment, għall-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tal-Eurodac;
- il-verżjoni sottostanti tal-bażi tad-*data* Oracle, li se tilħaq tmiem l-appoġġ xprunat mis-suq sa tmiem l-2022. Dan jaffettwa l-applikazzjoni ewlenija tal-Eurodac (CAFIS) li qed tiġġestixxi kemm il-flussi tax-xogħol tan-negozju kif ukoll dawk bijometriċi, u li mhijiex kompatibbli mal-verżjoni li jmiss ta' Oracle. Għal din ir-raġuni, il-CAFIS jeħtieġ li tiġi aġġornata wkoll.

Dawn l-attivitajiet ta' manutenzjoni adattiva jġiegħlu lill-eu-LISA tikkunsidra interventi sinifikanti għall-Eurodac li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal qsim tal-funzjonalitajiet tan-negozju minn komponenti bijometriċi u għat-tnedija tas-sistema taħt il-pjattaforma tas-CSI (Infrastruttura Kondiviża Komuni) qabel ma tiġi adottata r-riformulazzjoni tal-Eurodac.

Fir-rigward tal-istandardizzazzjoni futura tad-*data* tal-Eurodac ,l-eu-LISA, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati tal-proġett tal-Format tal-Messaġġi Unifikat (UMF), diġà bdiet taħdem fuq l-estensjoni tal-istandard tal-UMF għal finijiet tal-ażil. Fl-iżviluppi kollha tal-Eurodac, se jintuża l-istandard tal-UMF estiż (jew notazzjoni favorevoli għall-UMF, jekk l-istandard ikun għadu mhux estiż kompletament għal finijiet tal-ażil).

Fir-rigward ta' DubliNet, ir-Regolament il-ġdid tal-eu-LISA jinkludi dispożizzjoni biex tiġi fformalizzata ir-responsabbiltà eżistenti tal-eu-LISA għal DubliNet skont il-ftehim dwar il-livell ta' servizz tal-31 ta' Lulju 2014. Bi qbil/f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, minbarra s-servizzi ta' manutenzjoni, l-evoluzzjonijiet possibbli ta' DubliNet se jiġu vvalutati u implimentati, bħal, pereżempju, it-tibdil tal-formoli PDF predefiniti għal formoli tal-web aktar awtomatizzati/tal-XML/konformi mal-UMF.

**Il-VIS/BMS**

Għall-perjodu 2021-2023, l-eu-LISA se tkompli tiżgura d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tal-VIS u l-BMS permezz ta' manutenzjoni regolari u komprensiva. Soġġett għal emenda tar-Regolament VIS (riformulazzjoni tal-VIS), l-eu-LISA se jkollha timplimenta evoluzzjonijiet sostanzjali li jirriżultaw minn din l-emenda. F'dan il-perjodu, l-isforzi ewlenin tal-eu-LISA se jiffukaw fuq l-iżvilupp tas-sistema f'konformità mal-emenda proposta tar-Regolament VIS. Dan ikopri l-interoperabbiltà tagħha ma' sistemi oħrajn, u ż-żamma tal-kapaċità tranżazzjonali tal-VIS u tal-BMS allinjata mar-rekwiżiti tan-negozju. It-tibdiliet proposti se jippermettu:

- kontrolli tal-isfond aktar bir-reqqa dwar l-applikanti għal viża, u l-għeluq ta' lakuni ta' informazzjoni dwar is-sigurtà permezz ta' skambju aħjar ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri;
- interoperabbiltà sħiħa ma' bażijiet tad-*data* oħrajn fl-UE kollha;
- l-iskrutinju qabel l-ivvjaġġar permezz tal-introduzzjoni ta' linja bażi ta' sigurtà minima għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (bl-introduzzjoni ta' kontrolli obbligatorji u awtomatiċi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu Eżenti mill-Obbligu tal-Viża u ċittadini ta' pajjiżi terzi li Jeħtieġu Viża) li jeħtieġu awtorizzazzjoni ta' qabel l-ivvjaġġar biex iżuru ż-żona Schengen;
- disponibbiltà akbar tas-servizz fil-każ ta' inċident jew manutenzjoni bi kważi l-ebda perjodu ta' qtugħ, permezz tal-implimentazzjoni ta' arkitettura attiva trasversali.

Ir-riformulazzjoni tal-VIS tkompli tiffaċilita l-qsim tal-fruntieri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs), peress li ssaħħaħ il-fiduċja li TCN jissodisfa r-rekwiżiti kollha għad-dħul fiż-żona Schengen. Hija prevista l-awtomatizzazzjoni tal-proċeduri ta' konsultazzjoni u ta' notifika, flimkien ma' kontrolli tal-kwalità tad-*data*, statistika u rapportar imtejba, u ż-żieda ta' kontrolli bijometriċi b'teknoloġiji ta' rikonoxximent tal-wiċċ. Se ttejjeb ukoll il-qsim tal-fruntieri għad-detenturi ta' permessi ta' residenza u viżi nazzjonali permezz tal-istess prinċipji: billi tiċċentralizza d-*data*, filwaqt li tagħmel id-*data* disponibbli fiż-żona Schengen kollha u fil-fruntieri. Il-miżuri li għandhom jiġu implimentati jinkludu kontrolli ta' sigurtà msaħħa fil-bażijiet tad-*data* kollha, skambju aħjar ta' *data* u informazzjoni, proċeduri ta' ritorn aktar effiċjenti u kapaċità msaħħa għall-prevenzjoni tal-kriminalità u għall-prosekuzzjoni tagħha. Fl-aħħar tal-perjodu ta' implimentazzjoni stipulat mill-bażi ġuridika, is-sistema jenħtieġ li tkun allinjata bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli. Dawn l-attivitajiet se jġibu tibdiliet kemm fis-sistema ċentrali kif ukoll għas-sistemi rispettivi tal-utenti finali (l-Istati Membri u l-Europol).

Matul dan il-perjodu ta' ppjanar, l-Aġenzija se tkompli bl-attivitajiet biex tiżgura konnessjoni bejn il-VIS u l-komponenti l-ġodda tal-interoperabbiltà. L-interkonnessjoni bejn il-VIS u l-EES diġà tinsab għaddejja, b'mod parallel mal-migrazzjoni tal-BMS għall-sBMS. Huwa ppjanat li l-sBMS jintuża għall-VIS mad-dħul fis-seħħ tal-EES.

L-ambjenti ta' ttestjar il-ġodda tal-VIS/BMS għall-Istati Membri (NTE) se jibbenefikaw minn titjib li jagħmilhom aktar tolleranti għall-inċidenti, u minn FLS imtejjeb biex jiżdied il-ħin ta' riżoluzzjoni f'każijiet ta' kwistjonijiet ta' mblukkar.

Fl-2021, l-Aġenzija se timplimenta, tittestja u tirrapporta dwar prototip għall-Portal Ewropew għall-Applikazzjoni tal-Viża Online.

**L-EES**

Matul il-perjodu 2022-2023, l-EES se tibda titħaddem u l-Aġenzija se tkun responsabbli mit-tmexxija operazzjonali tagħha. Dan se jinkludi l-manutenzjoni korrettiva, evoluttiva u adattiva tas-sistema u l-appoġġ

għall-utenti għall-SM. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-bażi ġuridika tal-EES (ir-Regolament (UE) 2017/2226), is-sistema se ttejjeb il-kwalità tal-verifiki fil-fruntieri għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, tiżgura l-identifikazzjoni sistematika u affidabbli ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn, issaħħaħ is-sigurtà interna, u tassisti fl-isforzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tal-kriminalità serja. L-EES se tirreġistra elettronikament il-ħin u l-post tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ammessi għal soġġorni qosra fl-Istati Membri tal-UE, u se tikkalkula t-tul tas-soġġorn awtorizzat tagħhom.

**Żviluppi oħrajn**

L-iżviluppi relatati mal-interoperabbiltà bbażati fuq ir-regolamenti tal-2019 se jwasslu għal sinerġiji fis-sistemi tan-negozju ewlenin. Għaldaqstant, l-eu-LISA se tiżviluppa aktar servizzi trasversali biex issaħħaħ l-azzjonijiet attwali tagħha f'konformità mal-pjan direzzjonali għall-iżvilupp strateġiku mfassal wara l-istudju dwar arkitettura ta' informazzjoni avvanzata. Matul dan il-perjodu (2021–2023) se jkunu qed jiġu żviluppati l-komponenti ewlenin tal-interoperabbiltà (il-Portal Ewropew tat-Tfittxija, il-BMS Kondiviż, ir-Repożitorju Komuni għar-Rapportar u l-Istatistika, ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità u d-Detettur ta' Identitajiet Multipli).

Sabiex tiġi żgurata evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi, l-Aġenzija qiegħda tippjana li tkompli l-virtwalizzazzjoni fuq l-Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI) tas-Sistemi Ewlenin tan-Negozju (CBS) differenti fil-perjodu 2021-2023. L-Aġenzija se twettaq l-adattament meħtieġ tas-sistemi ewlenin tan-negozju eżistenti tagħha sabiex tibni l-pedament li se jappoġġa l-komponenti tal-interoperabbiltà, u se tmexxi parti mill-infrastruttura tas-CBS għall-Infrastruttura Kondiviża Komuni diġà implimentata.

Matul l-istess perjodu, l-Infrastruttura Kondiviża Komuni se tkompli tevolvi minn "Infrastruttura bħala Servizz" (IAAS) għal "Pjattaforma bħala Servizz" (PAAS). Din l-evoluzzjoni se tiddependi mill-iżvilupp tal-katalgu tas-Servizzi Komuni Kondiviżi tal-eu-LISA. L-għan tal-katalgu huwa li jipprovdi servizzi tekniċi kondiviżi u standardizzati biex jintużaw mis-Sistemi Ewlenin tan-Negozju eżistenti u ġodda filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti legali għas-segregazzjoni u s-separazzjoni tad-*data* u tal-flussi tad-*data*. Barra minn hekk, l-Aġenzija qiegħda tippjana li tintegra l-ġestjoni tal-assi mal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni.

### 2.1.2. It-tmexxija operazzjonali u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni

L-infrastrutturi tal-komunikazzjoni attwali tal-VIS u tas-SIS huma mħaddma taħt il-Kuntratt Qafas ta' TESTA-ng II li huwa proprjetà tad-DĠ DIGIT. Dan il-kuntratt qafas jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2023. Qabel l-iskadenza ta' dan il-kuntratt, l-Aġenzija trid tiżgura li l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni tas-SIS u tal-VIS jiġu trasferiti fil-ħin għan-network pan-Ewropew il-ġdid. Mal-iffirmar tal-kuntratt qafas għan-network pan-Ewropew il-ġdid mid-DĠ DIGIT, l-Aġenzija se tniedi azzjonijiet preparatorji speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni l-ġdida għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt il-ġestjoni tagħha (networks TESTA tas-SIS/tal-VIS).

Fl-2020, l-Aġenzija tejbet l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS biex takkomoda ż-żieda fil-wisa' tal-banda tas-sistemi tal-EES u tal-ETIAS. Barra minn hekk, parti mill-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS II ġiet aġġornata fl-2020 biex takkomoda l-funzjonalità tal-AFIS fis-SIS II. Fl-2021, se jitlesta l-aġġornament tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS II, filwaqt li fl-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS xi komponenti tal-hardware se jiġu aġġornati biex jiġi żgurat li n-network ikun jista' jiġi appoġġat sakemm titlesta l-migrazzjoni għan-network pan-Ewropew.

Il-kompiti relatati mat-tmexxija operazzjonali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni se jkomplu jiġu fdati lil fornituri terzi tas-settur privat taħt ir-responsabbiltà u s-superviżjoni mill-qrib tal-Aġenzija. Tali fornituri tan-networks se jkomplu jkunu marbuta bil-miżuri ta' sigurtà stabbiliti fl-istrumenti bażiċi għal kull sistema u fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tan-Network tas-SIS u tal-VIS. Ma għandu jkollhom l-ebda aċċess għal kwalunkwe

*data* operazzjonali maħżuna fis-sistemi, jew trasferita permezz tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, jew għall-iskambji tas-SIRENE relatati mas-SIS.

Bħala parti mill-attivitajiet operazzjonali, l-eu-LISA se tkompli tissorvelja[15] l-utilizzazzjoni tal-konnessjonijiet tan-network tagħha u tieħu l-azzjonijiet xierqa sabiex tiżgura li tali konnessjonijiet tan-network ikollhom kapaċità suffiċjenti għall-ħtiġijiet tal-Aġenzija.

### 2.1.3. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda

**L-EES**

Sal-2022 l-iżvilupp tal-EES se jiġi ffinalizzat u s-sistema se tkun kompletament operazzjonali.

**L-ETIAS**

Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) daħal fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2018. L-ETIAS se tkun sistema tal-UE għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi eżenti mill-obbligu tal-viża li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE. Is-sistema se twettaq skrinjar ta' qabel l-ivvjaġġar biex tivvaluta r-riskji ta' sigurtà u migrazzjoni ta' vjaġġaturi li jibbenefikaw minn aċċess mingħajr viża għaż-żona Schengen, u b'hekk tippermetti lill-Istati Membri jiċħdu l-awtorizzazzjoni lil vjaġġaturi meqjusa bħala theddida għas-sigurtà jew riskju f'termini ta' migrazzjoni irregolari jew saħħa pubblika. Il-vjaġġaturi mingħajr viża se jkollhom bżonn kemm dokument tal-ivvjaġġar validu kif ukoll awtorizzazzjoni tal-ETIAS biex jaqsmu fruntiera esterna ta' Schengen. L-eu-LISA hija responsabbli mill-iżvilupp u l-ġestjoni teknika tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS.

Is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS se tiġi żviluppata mill-eu-LISA. Wara l-ittestjar mal-partijiet ikkonċernati involuti (l-Istati Membri/l-aġenziji tal-UE), hija ppjanata li tkun operazzjonali sa tmiem l-2022. L-atti ta' implimentazzjoni prijoritizzati, l-atti delegati, ir-regolamenti ta' implimentazzjoni kif ukoll l-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS, li għandhom jiġu adottati sa tmiem l-2020, se jippermettu lill-eu-LISA tkompli b'dawn it-tħejjijiet. L-Aġenzija diġà stabbilixxiet il-korpi ta' governanza meħtieġa għas-sistema.

**L-ECRIS-TCN**

Ir-Regolament ECRIS-TCN kif adottat mill-koleġiżlaturi daħal fis-seħħ fit-22 ta' Mejju 2019. It-titjib se jippermetti lill-Istati Membri jitolbu informazzjoni dettaljata dwar il-kundanni kriminali permezz tas-sistema ECRIS direttament mill-Istati Membri identifikati l-oħrajn. Il-kompiti li għandhom jitwettqu mill-eu-LISA huma tnejn: l-iżvilupp tas-sistema ECRIS-TCN il-ġdida, li jinkludi l-ġestjoni tal-proġetti, segwitu għall-iżvilupp u attivitajiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità u kontroll tal-kwalità; u mbagħad se tinkludi t-tmexxija operazzjonali u l-manutenzjoni tas-sistema. L-Implimentazzjoni attwali ta' Referenza tal-ECRIS użata mill-Istati Membri kollha ħlief erbgħa se tiġi aġġornata sabiex tiġi interkonnessa mal-ECRIS-TCN. Għandu jkun possibbli li jinbeda d-disinn tal-ECRIS-TCN għas-CIR u għall-sBMS sal-2020. Huwa mistenni li fl-2021, l-ECRIS-TCN tkun fil-proċess ta' żvilupp bid-dħul fis-seħħ mistenni fl-2022.

**L-interoperabbiltà tas-sistemi**

Ir-regolamenti dwar l-interoperabbiltà ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-22 ta' Mejju 2019 u daħlu fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2019. Il-komponenti l-ġodda tal-interoperabbiltà se jippermettu lill-gwardji tal-fruntiera, lill-uffiċjali tal-pulizija u lill-uffiċjali tal-viża u tal-immigrazzjoni jkollhom informazzjoni aktar malajr, aktar affidabbli u aktar kompleta dwar it-theddidiet għas-sigurtà. L-implimentazzjoni ta' dawn il-komponenti, jiġifieri l-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP), is-Servizz kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS), ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR), id-Detettur ta'

[15] Bl-użu tal-eżiti tal-proġett dwar l-Istatistika Avvanzata tan-Network imwettaq fis-snin preċedenti.

Identitajiet Multipli (MID) u r-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS) se tkun teħtieġ sforzi sinifikanti f'termini ta' disinn, ta' żvilupp, ta' ttestjar u ta' implimentazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-ħtieġa għal tibdiliet fis-sistemi eżistenti tirriżulta peress li d-*data* dwar l-identità bijografika u bijometrika se tiġi trasferita fis-CIR maħluq ġdid, il-mudelli bijometriċi se jitmexxew għall-sBMS il-ġdid, u jeħtieġ li l-MID jinbena bħala sistema awtomatika ta' twissija li tidentifika identitajiet frawdolenti multipli.

Barra minn hekk, mekkaniżmi tranżazzjonali ġodda jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiġu akkomodati t-tranżazzjonijiet kollha permezz tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija u jeħtieġ li tiżdied il-kapaċità tas-sistemi eżistenti (b'mod partikolari s-SIS). Il-bażi ġuridika ta' kull sistema eżistenti ġiet/se tiġi emendata biex tirrifletti l-inizjattivi tal-interoperabbiltà. Se jkunu meħtieġa wkoll sforzi estensivi ta' integrazzjoni, filwaqt li jsiru tibdiliet konkomitanti fis-sistemi eżistenti kif ukoll f'dawk li qed jiġu żviluppati sabiex il-komponenti tal-interoperabbiltà jkunu jistgħu jaħdmu.

Wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti, l-eu-LISA appoġġat lill-Kummissjoni fit-tfassil tal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati meħtieġa matul l-2019, l-implimentazzjoni bdiet lejn tmiem l-2019. L-implimentazzjoni għadha għaddejja u se tkompli għal xi snin biex tippermetti l-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà meħtieġa, l-implimentazzjoni tagħhom u l-integrazzjoni tas-sistemi eżistenti u ġodda f'arkitettura ġdida tal-interoperabbiltà għas-sistemi tal-ĠAI, ġestiti mill-Aġenzija, u s-sistemi ġestiti mill-Europol u l-Interpol.

Fl-2021, l-eu-LISA qed tippjana li tiffinalizza l-iżvilupp tal-sBMS, u fl-2022 tibda bit-tmexxija tal-funzjonalitajiet bijometriċi eżistenti tal-VIS, tas-SIS u tal-Eurodac kif ukoll bl-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN. It-tħejjija għat-tmexxija tal-AFIS tas-SIS u l-BMS tal-VIS se tibda wkoll fl-2021, u ser tinkludi d-definizzjoni ta' rekwiżiti funzjonali u tekniċi, u l-valutazzjoni tal-impatt tal-migrazzjoni attwali fl-2022.

Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata strateġija teknika ġenerali u sabiex jiġu akkomodati u jlaħħqu mal-komponenti l-ġodda tal-interoperabbiltà u t-tibdiliet fis-sistemi eżistenti, jeħtieġ li jiġu stabbiliti diversi funzjonalitajiet. Dawn se jinkludu l-implimentazzjoni *a priori* ta' infrastruttura kkonsolidata u virtwalizzata, proċessi ta' eżekuzzjoni ssimplifikati (xprunati mill-awtomatizzazzjoni), għodda ta' monitoraġġ standardizzata (għall-kontroll aħjar tal-komponenti) u proċessi ta' sigurtà mtejba.

Fir-rigward tal-istatistika u r-rappurtar, l-eu-LISA se tagħmel it-tħejjijiet meħtieġa biex tikkoordina l-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE msemmija fir-regolamenti dwar l-interoperabbiltà, biex jikkonsultaw ċerta *data* relatata ma' komponenti tal-interoperabbiltà speċifiċi mingħajr ma tippermetti l-identifikazzjoni ta' individwi.

### 2.1.4. Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju

Il-kuntest attwali tal-Aġenzija jsegwi mudell tas-sigurtà orjentat lejn is-servizz li fih, il-governanza u l-ġestjoni, huma proċessi robusti għall-iżgurar tal-operat bla xkiel tan-negozju ewlieni tal-eu-LISA. Minħabba l-isfidi addizzjonali għas-sistemi tal-IT attwali u futuri, teknoloġiji ġodda u riskji ġodda (theddid ċibernetiku addizzjonali, terroriżmu, eċċ.) qed jitfaċċaw il-ħin kollu, u qed tiġi identifikata l-ħtieġa għal kapaċitajiet addizzjonali ta' ġestjoni ta' kriżijiet. L-objettivi tal-Istrateġija tas-Sigurtà u l-Kontinwità tal-Aġenzija huma li toffri soluzzjonijiet għaż-żamma ta' livell għoli ta' sigurtà u ta' servizzi ta' kontinwità tan-negozju għall-Aġenzija u l-partijiet ikkonċernati tagħha. F'dan il-kuntest, is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju futuri tal-eu-LISA jinkludu rispons dinamiku għas-sigurtà, li jirrifletti l-ħtiġijiet tal-Aġenzija u r-Regolament tat-Twaqqif il-ġdid tagħha u li jindirizza l-isfidi fil-qasam. Din l-istrateġija tinkludi l-erba' objettivi li ġejjin għall-funzjoni tas-Sigurtà, biex:

- ittejjeb kontinwament il-qafas ta' ġestjoni tas-sigurtà u l-kontinwità billi tiżgura l-integrazzjoni tal-proċessi tas-sigurtà fil-ġestjoni tas-servizz, u billi tapplika l-prinċipji tas-sigurtà mid-disinn u s-sigurtà b'mod awtomatiku, sabiex tiżgura l-konformità tal-Aġenzija mar-rekwiżiti legali, filwaqt li tissodisfa l-

ħtiġijiet tan-negozju. Għandha tingħata assigurazzjoni lill-partijiet ikkonċernati permezz tar-rapportar tal-metriċi tal-prestazzjoni;

- tiżgura r-reżiljenza tas-sistemi ewlenin tan-negozju u ttejjeb b'mod orizzontali l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-Aġenzija;
- tiżgura li li s-sistemi ewlenin tan-negozju tal-Aġenzija u n-network ta' komunikazzjoni jipproteġu b'mod effettiv l-informazzjoni li jindirizzaw u jiffunzjonaw kif meħtieġ, meta meħtieġ, taħt il-kontroll ta' utenti leġittimi;
- tiżgura s-sigurtà u r-reżiljenza tas-sistemi u l-infrastruttura korporattivi.

Għal dan il-għan, għall-perjodu 2021–2023, l-Aġenzija se tkompli,  twettaq l-attivitajiet relatati mal-approċċ strateġiku deskritt hawn fuq biex tkompli tikkonsolida l-governanza tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju tal-eu-LISA. L-għan aħħari huwa li jiġi żgurat li l-eu-LISA żżomm l-ogħla livelli ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju sabiex tissodisfa l-mandat tagħha. F'dan il-kuntest, il-qafas ta' ġestjoni tas-sigurtà u l-kontinwità, li jinkorpora wkoll il-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju, se jiġi rieżaminat kontinwament u adattat għall-ħtiġijiet tan-negozju.

L-attivitajiet relatati mas-sigurtà protettiva se jkomplu jkunu ffokati fuq il-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' kuljum tas-servizzi tas-sigurtà fiżika biex jiġu protetti l-persunal, il-faċilitajiet u s-siti (inkluż il-ġestjoni tas-servizzi tal-gwardja), kif ukoll il-proċessi u l-attivitajiet operazzjonali speċifiċi rigward is-sigurtà tal-persunal, is-sigurtà industrijali, ir-reazzjoni f'każ ta' emerġenza u s-sikurezza (inkluż it-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni tal-persunal). Fl-istess ħin, se jsir ukoll titjib jew aġġornament tal-kontrolli tekniċi speċifiċi tas-sigurtà fiżika għas-siti tal-eu-LISA f'Tallinn u Strasburgu kif ukoll fl-uffiċċju ta' Brussell, f'konformità mal-eżiti tal-ġestjoni tar-riskju speċifiku għas-sigurtà.

F'dan il-qasam ta' sigurtà protettiva, l-eu-LISA se taħdem fuq l-irfinar u l-ittestjar tal-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju u rkupru minn diżastri għall-Aġenzija u s-sistemi taħt ir-responsabbiltà tagħha permezz tal-implimentazzjoni, it-tħaddim, it-titjib u l-evoluzzjoni kontinwa tal-approċċ minn tarf sa tarf kif meħtieġ skont il-mandat tal-Aġenzija. Fir-rigward tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-Aġenzija, eu-LISA se tkompli tittestja l-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju tagħha kemm permezz ta' eżerċizzju korporattiv kif ukoll permezz ta' eżerċizzji minn tarf sa tarf organizzati bl-involviment u l-appoġġ tal-komunitajiet tal-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-proċessi għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet minn eżerċizzji tal-kontinwità tan-negozju aktar bikrin se jkomplu.

L-Aġenzija se tkompli tipprovdi sensibilizzazzjoni strateġika tas-sigurtà lill-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju. Wieħed mill-kuntesti ewlenin huwa rrappreżentat min-Network tal-Uffiċjali tas-Sigurtà[16] li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, l-aħjar prattiki, il-pariri u l-gwida fil-livell tal-esperti tas-sigurtà li jindirizzaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira. Dan sar il-forum li jippermetti l-koordinazzjoni bejn l-eu-LISA, l-Istati Membri, u l-pajjiżi assoċjati fiż-żona ta' sigurtà. L-Aġenzija tipparteċipa wkoll f'fora tematiċi u fi gruppi ta' ħidma oħrajn dwar iċ-ċibersigurtà, sabiex tikkondividi l-esperjenzi u żżid il-livell ta' għarfien f'dan il-qasam importanti.

Bl-istess mod, l-eu-LISA se tkompli tipparteċipa fil-gruppi ta' ħidma interaġenzjali dwar il-kontinwità tan-negozju u l-irkupru minn diżastri, b'enfasi fuq ir-reżiljenza organizzazzjonali sabiex jiġu pprovduti servizzi mingħajr interruzzjoni lill-Istati Membri.

Fir-rigward tas-sigurtà u l-assigurazzjoni tal-informazzjoni, l-Aġenzija se tkompli tiżviluppa żewġ flussi ta' kapaċità fil-perjodu ta' ppjanar. L-ewwel fluss jikkonċerna t-twassil ta' kuljum tas-sigurtà tal-informazzjoni u tas-servizz tal-garanzija. Dan jantiċipa l-proċessi operazzjonali speċifiċi ta' servizzi ta' informazzjoni, bħar-

[16] Network informali ta' esperti tas-sigurtà li jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju, filwaqt li jagħtu pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Gruppi Konsultattivi, jekk jintalbu.

regolazzjoni, il-valutazzjoni, il-garanzija, il-protezzjoni, il-monitoraġġ, ir-rispons u l-irkupru tal-informazzjoni (abbażi tas-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni ISO 27001), sabiex jinżamm livell għoli ta' sigurtà tal-informazzjoni u garanzija għas-sistemi kollha fuq skala kbira taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija. It-tieni fluss ikopri l-iżvilupp u l-evoluzzjoni kontinwi tal-arkitettura tas-sigurtà teknika f'konformità mal-pjan direzzjonali deskritt fl-istrateġija dwar it-teknoloġija tal-Aġenzija sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi fuq skala kbira fir-rigward ta' inċidenti tas-sigurtà u attakki ċibernetiċi fl-era l-ġdida ta' sistemi interkonnessi u li jistgħu jirċievu l-internet.

L-istrateġija dwar it-teknoloġija tal-Aġenzija tipprevedi servizz ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni, bi programm komprensiv taċ-ċibersigurtà bbażat fuq:

- arkitettura aġġornata u mtejba tas-sigurtà, ibbażata fuq il-kontrolli tas-sigurtà l-aktar rilevanti, avvanzati u effettivi għall-protezzjoni kontra t-theddid, ibbażati fuq prattika tajba aċċettata, bħal Kontrolli tas-Sigurtà Kritika tas-CIS. L-enfasi hija fuq l-elementi bażiċi bħall-whitelisting u s-software korrettiv, il-ġestjoni tal-vulnerabbiltà teknika, il-ġestjoni privileġġata, il-ġestjoni tal-identitajiet u l-aċċessi u fuq l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi aktar avvanzati ta' identifikazzjoni u għall-protezzjoni tat-theddid;
- proċess formali ta' assigurazzjoni tal-informazzjoni mibni fil-livell tal-Aġenzija madwar il-pilastri tal-ġestjoni effiċjenti tar-riskji għas-sigurtà, awditi u valutazzjoni kontinwi relatati mas-sigurtà, u rieżamijiet regolari tal-ġestjoni;
- monitoraġġ u analitika kontinwi sabiex jipprovdu informazzjoni intuwittiva azzjonabbli u bbażata fuq ir-riskji sabiex tkompli tittejjeb is-sitwazzjoni tas-sigurtà (eż. analitika tal-imġiba tas-sistema);
- l-iżvilupp ta' kapaċità ta' Ċentru tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà interna inkorporata fis-servizz biex tippermetti lill-Aġenzija ssib u tirrispondi għal attakki u inċidenti ta' sigurtà b'pass ħafna aktar mgħaġġel, abbażi tal-implimentazzjoni tas-Sistema l-ġdida ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni u tal-Avvenimenti (SIEM).

### *2.1.5. L-attivitajiet ta' appoġġ għan-negozju ewlieni*

**Ir-rapportar statutorju għas-sistemi**

Fil-perjodu 2021–2023, l-Aġenzija se tkompli tippubblika r-rapporti statutorji tagħha (kif meħtieġ fil-bażijiet ġuridiċi attwali għal kull sistema taħt il-ġestjoni tagħha). L-eu-LISA se tkompli tirrapporta għand l-istituzzjonijiet u l-aġenziji rilevanti tal-UE, u b'mod partikolari:

- tippubblika l-istatistika annwali tas-SIS skont l-Artikolu 66(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u dispożizzjoni parallela fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 fl-2021; u mill-2022 skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2018/1861, l-Artikolu 74(3) tar-Regolament (UE) 2018/1862 u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1860;
- tippreżenta kull sentejn ir-rapport dwar il-funzjonament tekniku tas-SIS inkluża s-sigurtà skont l-Artikolu 46(8) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-dispożizzjoni parallela fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006; u mill-2023 skont l-Artikolu 60(7) tar-Regolament (UE) 2018/1861, l-Artikolu 74(8) tar-Regolament (UE) 2018/1862;
- tippreżenta kull sentejn ir-rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS, inkluż dwar is-sigurtà skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI;
- tippreżenta kull sena rapport annwali dwar l-attività tas-sistema ċentrali tal-Eurodac, inkluż dwar il-funzjonament tekniku u s-sigurtà tagħha skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013;
- tippubblika kull sena l-istatistika annwali tal-Eurodac skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013;

- Hekk kif l-EES tibda taħdem, din se:
    - tippubblika statistika trimestrali dwar l-EES skont l-Artikolu 63(4) tar-Regolament (UE) 2017/2226; u r-rapport annwali skont l-Artikolu 63(5);
    - sentejn wara l-bidu tat-tħaddim, ir-rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-EES inkluża s-sigurtà tagħha skont l-Artikolu 72(4) tar-Regolament (UE) 2017/2226.
- Hekk kif l-ETIAS tibda taħdem, din se:
    - tippubblika statistika trimestrali dwar l-ETIAS skont l-Artikolu 84(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240; kif ukoll rapport annwali skont l-Artikolu 84(5);
    - sentejn wara l-bidu tat-tħaddim, rapport dwar il-funzjoni teknika tal-ETIAS inkluża s-sigurtà tagħha u *data* statistika dwar il-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS skont l-Artikolu 92(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240.
- Hekk kif l-ECRIS-TCNs tibda taħdem, din se:
    - tippubblika statistika skont l-Artikolu 37(5) tar-Regolament (UE) 2019/816.

Barra minn hekk, l-eu-LISA se tkompli tippubblika, fuq bażi annwali fil-ĠU tal-UE, il-lista tal-awtoritajiet kompetenti awtorizzati li jfittxu direttament id-*data* li tinsab fis-SIS, flimkien mal-lista tal-Uffiċċji Nazzjonali tsl-SIS u mal-Uffiċċji SIRENE nazzjonali (fl-2021 skont l-Artikolu 31(8) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-dispożizzjoni parallela fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI). Mill-2022, il-listi se jiġu ppubblikati skont l-Artikoli 7(3) u 41(8) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u d-dispożizzjonijiet paralleli fl-Artikoli 7(3) u 56(7) tar-Regolament (UE) 2018/1862, u l-Aġenzija se żżomm lista aġġornata fuq is-sit web tagħha bi kwalunkwe bidliet mibgħuta mill-SM bejn il-pubblikazzjonijiet annwali.

L-Aġenzija se tippubblika l-lista aġġornata tal-awtoritajiet maħtura annwalment fuq is-sit web tagħha, billi tispeċifika l-unitajiet eżatti li jkollhom aċċess għad-*data* rreġistrata fis-sistema ċentrali tal-Eurodac, skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

Skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226, tliet xhur wara li l-EES tkun bdiet topera, l-eu-LISA se tippubblika lista konsolidata tal-awtoritajiet kompetenti - skont in-notifiki tal-Istati Membri - fil-ĠU tal-UE. Wara l-ewwel pubblikazzjoni, l-Aġenzija se tippubblika aġġornamenti konsolidati annwali fuq is-sit web tagħha.

Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, tliet xhur wara li l-ETIAS tkun bdiet topera, l-eu-LISA se tippubblika lista kkonsolidata tal-awtoritajiet kompetenti li jkollhom aċċess għas-sistema tal-ETIAS - skont in-notifiki tal-Istati Membri - fil-ĠU tal-UE. Wara l-ewwel pubblikazzjoni, l-Aġenzija se żżomm sit web pubbliku b'informazzjoni aġġornata, u se tiġi ppubblikata lista kkonsolidata darba fis-sena.

Skont l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2019/816, l-eu-LISA se tippubblika l-lista tal-awtoritajiet ċentrali nnotifikati mill-Istati Membri, li għandhom aċċess għall-ECRIS-TCN fil-ĠU tal-UE. Barra minn hekk, l-Aġenzija se tippubblika l-lista bi kwalunkwe aġġornament hekk kif dawn jiġu nnotifikati mill-Istati Membri.

**Taħriġ lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija**

L-eu-LISA se tkompli tipprovdi attivitajiet ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi kollha fil-mandat tagħha (fil-perjodu inkwistjoni, dan għandu jinvolvi taħriġ dwar is--SIS, il-VIS, l-Eurodac, l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-komponenti tal-interoperabbiltà) għall-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE rilevanti.

Soġġett għal aktar analiżi, is-sessjonijiet ta' taħriġ dwar is-sistemi l-ġodda se jinqasmu f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi se tiffoka fuq it-taħriġ relatat mal-attivitajiet tekniċi ta' qabel it-tnedija u t-tieni dwar l-aspetti operazzjonali tas-sistemi l-ġodda wara li jibdew joperaw (EiO). Barra minn hekk, xi sessjonijiet awtonomi għal sistemi partikolari huma previsti li jiffokaw fuq suġġetti speċifiċi u importanti (eż. fuq simulaturi tas-Sistema Ċentrali). Barra minn hekk, biex jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet tat-trainees, speċjalment dawk li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda, il-qafas attwali tal-Programm ta' Taħriġ għall-Iżvilupp għall-Operaturi tal-IT se jiġi sostitwit b'"approċċ ta' grupp fil-mira" li fih it-taħriġ se jiffoka aktar fuq il-profili speċifiċi tat-trainees.

Huma previsti diversi formati ta' twassil (tagħlim elettroniku, materjal ta' studju awtonomu, sessjonijiet wiċċ imb wiċċ, webinars ta' appoġġ), għalkemm minħabba li huma kritiċi s-sistemi l-ġodda u s-sinifikat tal-bidla li ġejja, il-korsijiet tal-fażi ta' qabel it-tnedija se jingħataw prinċipalment bħala sessjonijiet wiċċ imb wiċċ.

Fil-perjodu partikolari, il-ħtiġijiet ta' taħriġ li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tas-SIS se jiġu akkomodati fil-portafoll ta' taħriġ tas-SIS tal-eu-LISA. Se jiġi segwit approċċ simili fir-rigward tal-VIS u l-Eurodac emendati, soġġett għall-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi rispettivi tagħhom. It-taħriġ dwar l-EES se jingħata fil-modalità ta' twassil standard ta' wara l-EiO mill-bidu tal-2022 'il quddiem.

Soġġett għall-implimentazzjoni f'konformità mal-ippjanar attwali, it-taħriġ ta' qabel it-tnedija dwar l-ETIAS jenħtieġ li jibda fil-Q3 tal-2021 filwaqt li l-bidu ta' ċikli ta' taħriġ regolari jenħtieġ li jitnieda fil-Q2-Q3 tal-2023 wara l-EiO tal-ETIAS. Se titwettaq Analiżi sħiħa tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ minn qabel.

Wara l-adozzjoni tar-Regolament ECRIS-TCN u abbażi tal-ippjanar indikattiv attwali bit-tnedija prevista fil-Q4 tal-2022, l-eu-LISA x'aktarx li tibda toffri l-ewwel sessjonijiet ta' taħriġ tal-ECRIS-TCN fil-Q4 tal-2021.

L-implimentazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà se tipproċedi bil-pass attwali wara l-approvazzjoni tal-leġiżlazzjoni, b'komponenti differenti li qed jiġu żviluppati matul il-perjodu 2019–2023. Peress li l-komponenti huma fihom infushom differenti mis-sistemi li attwalment qed jiġi offrut taħriġ dwarhom, it-twettiq ta' analiżi bir-reqqa tal-ħtiġijiet tat-taħriġ huwa essenzjali għall-fehim u t-tħejjija ta' taħriġ adegwat.

It-titjib tal-portafoll ta' taħriġ tal-eu-LISA se jiġi mmonitorjat mill-qrib biex jiġi żgurat li jkun imfassal biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-komunità f'kull ħin.

Il-kollaborazzjoni ta' taħriġ b'suċċess bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-aġenziji tal-ĠAI u l-Istati Membri li diġà qiegħda fis-seħħ se tkompli permezz ta' aktar inizjattivi konġunti ta' taħriġ. Dan se jkun partikolarment importanti minħabba l-involviment ta' xi aġenziji tal-ĠAI, b'mod partikolari l-Frontex u l-Europol, fl-użu tas-sistemi l-ġodda.

Il-ġestjoni tal-kwalità permezz tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni għall-portafoll ta' taħriġ tal-eu-LISA jenħtieġ li tiġi indirizzata aktar u tiġi implimentata soluzzjoni ottimali. L-isfida li tiġi żgurata kapaċità estiża għall-għoti ta' taħriġ ta' kwalità għolja se tiġi indirizzata bl-użu tar-riżorsi disponibbli permezz tal-lista ta' ħarrieġa esperti maħtura.

Fl-aħħar nett, għall-perjodu 2021–2023, l-offerta ta' tagħlim elettroniku se tkompli tissaħħaħ wara li jiġu implimentati aġġornamenti fil-qasam tat-tagħlim elettroniku u l-ġestjoni tas-sistemi ta' tagħlim online, b'enfasi speċjali fuq l-introduzzjoni ta' elementi tat-teknoloġija edukattiva fit-taħriġ tal-eu-LISA.

**Ir-riċerka u l-innovazzjoni**

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet relatati mar-riċerka mwettqa mill-Aġenzija ġie estiż, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tat-Twaqqif emendat tal-Aġenzija. B'mod aktar speċifiku, l-Aġenzija se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' partijiet mill-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE (Orizzont 2020, Orizzont Ewropa) li huma relatati ma' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

L-Aġenzija se timmonitorja l-iżviluppi tar-riċerka rilevanti għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti u ġodda. Dan jgħin lill-Aġenzija żżomm u testendi l-għarfien espert tagħha fl-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti u ġodda fl-Ewropa u ttejjeb l-għoti ta' servizzi tagħha lill-utenti finali. Dawn l-attivitajiet jappoġġaw lill-Aġenzija fit-twettiq tal-mandat u tal-kompiti tagħha, u fl-iżvilupp tal-immaġni tagħha bħala Aġenzija tal-UE miftuħa, affidabbli u effiċjenti.

Minħabba li se jiġu żviluppati u/jew implimentati diversi sistemi ġodda u (fil-każ tal-interoperabbiltà) komponenti tekniċi fil-perjodu mill-2021 sal-2023, se jsir sforz sħiħ sabiex jiġu identifikati l-aħħar żviluppi rilevanti fir-riċerka u fit-teknoloġija li jistgħu jiġu inkorporati fi proġetti ffokati fuq l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda. Il-funzjoni ta' monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija se tiffoka fuq is-sejbiet tar-riċerka li għandhom

jintbagħtu lill-persunal tal-proġett, u lil dawk involuti fil-proġetti ta' disinn, ta' żvilupp u ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-għoti ta' rapporti ta' monitoraġġ u briefings tekniċi. Barra minn hekk, il-ħidma fuq il-monitoraġġ tar-riċerka se tgħammar lill-Aġenzija bl-għarfien u bl-informazzjoni intuwittiva l-aktar reċenti fil-fond essenzjali meħtieġa għall-kompiti kollha tagħha, b'hekk tikkonsolidaha bħala sieħba affidabbli għal politiki rilevanti dwar suġġetti li jappartjenu għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Is-sensibilizzazzjoni esterna se tkompli tkun element importanti tal-attivitajiet ta' riċerka. Il-prattika ta' rapportar annwali dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ tat-teknoloġija lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali, lill-EDPS, se tkompli f'konformità mar-rekwiżiti leġiżlattivi. Barra minn hekk, l-involviment u l-kollaborazzjoni mal-aġenziji tal-ĠAI se jkomplu bħala element essenzjali għal sinerġiji f'dan il-qasam, permezz ta' networks ta' riċerka u laqgħat regolari tal-esperti.

F'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament rivedut tal-Aġenzija, l-Aġenzija tista' tintalab twettaq proġetti pilota, kompiti ta' implimentazzjoni għall-provi tal-kunċett iffinanzjati taħt l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viżi, jew tista' tippjana u timplimenta l-attivitajiet ta' ttestjar tagħha stess.

**L-appoġġ għall-Istati Membri, il-Kummissjoni u istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħrajn tal-UE**

L-Aġenzija se tappoġġa lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-aġenziji rilevanti tal-UE fil-kuntest tal-Artikolu 16 u l-Artikolu 41 tar-Regolament rivedut tal-Aġenzija fuq talba.

Dan l-appoġġ jista' jingħata f'diversi forom: l-ewwel, bħala parir lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-UE dwar il-konnessjoni tas-sistemi jew tal-interfaċċi nazzjonali tagħhom mas-sistemi ċentrali ġestiti mill-eu-LISA, it-tieni, bħala appoġġ *ad hoc* mitlub mill-Istati Membri mill-Kummissjoni f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, it-tielet, bħala parir jew appoġġ lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet tekniċi dwar sistemi eżistenti jew ġodda, u r-raba', bħala parti mill-kompitu tal-iżvilupp, il-ġestjoni jew l-ospitar ta' komponenti komuni tal-IT għal grupp ta' mill-inqas ħames Stati Membri.

### *2.1.6. Il-governanza korporattiva*

**Nikbru bħala Ċentru ta' Eċċellenza.**

Sabiex tkompli tiżviluppa l-operazzjonijiet tagħha u ttejjeb il-kosteffettività permezz tal-integrazzjoni tal-proċess, l-Aġenzija se tkompli tiżviluppa l-proċess u l-mudell ta' servizz tagħha abbażi tal-adozzjoni tal-aħjar prattiki tal-ITIL/ITSM. Minbarra l-proċessi ta' għoti ta' servizzi, il-proċessi ta' riżoluzzjoni u l-proċessi ta' kontroll, l-Aġenzija se tiżviluppa u timplimenta l-proċessi tar-relazzjonijiet, jiġifieri:

- il-ġestjoni tad-domanda;
- il-ġestjoni tar-relazzjonijiet tan-negozju;
- il-ġestjoni tal-bejjiegħa.

Dan se jallinja l-operazzjonijiet tal-Aġenzija aktar mill-qrib mar-rekwiżiti u l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati, u jżid is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati. Billi tuża l-prinċipji tal-proċess ta' Titjib Kontinwu tas-Servizz, l-eu-LISA se tfittex ukoll opportunitajiet sabiex tkompli tawtomatizza u tirrazzjonalizza l-proċessi, fejn possibbli, billi tibbenifika mill-għodda integrata tal-ITSM u l-integrazzjoni tagħha fl-għodod ta' monitoraġġ. Minn hemm 'il quddiem, il-proċess integrat u l-mudell ta' servizz imtejba tal-Aġenzija se jintużaw għal kontroll kontinwu effiċjenti u effettiv, kif ukoll għat-titjib kontinwu tas-servizzi kollha tal-eu-LISA.

L-implimentazzjoni ppjanata tal-proċess tal-Ġestjoni tal-Għarfien mill-perspettiva tal-ITSM se żżid l-opportunitajiet għat-tisħiħ ulterjuri tal-bażi tad-*data* tal-artifatti interni tal-għarfien tal-eu-LISA, u l-artifatti tal-għarfien tal-utenti tal-Istati Membri. L-integrazzjoni tal-mudell tal-proċess tal-ITSM fil-proċess ta' ġestjoni tal-proġetti stabbilit se twassal għal aktar standardizzazzjoni u se tikkontrolla t-tranżizzjoni fl-operazzjonijiet b'mod aktar effiċjenti.

B'mod parallel, l-Aġenzija se ddaħħal fis-seħħ kejl tal-proċess u s-servizz imtejjeb b'mod sinifikanti bbażat fuq is-siġra tal-kejl tas-servizz tal-Aġenzija, il-monitoraġġ awtomatiku u r-rapportar dwar il-KPIs rilevanti u FLS/OLAs. L-għan ta' dan huwa li l-operazzjonijiet tagħha jsiru aktar effiċjenti. Fil-prattika, l-Aġenzija se tiffoka fuq l-implimentazzjoni xierqa u l-użu ottimali tal-bażijiet tad-*data* tal-għarfien, u tinkoraġġixxi l-kondiviżjoni tal-għarfien fost il-partijiet ikkonċernati. Titjib sinifikanti addizzjonali tal-proċess ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni flimkien mal-ġestjoni tal-assi se jiggarantixxi kontroll aktar effiċjenti tal-kost totali tas-sjieda. Dawn l-attivitajiet kollha ppjanati se jkunu bbażati fuq il-proċess Kontinwu ta' Titjib tas-Servizz.

L-Aġenzija se tkompli tiżviluppa l-għodod eżistenti, filwaqt li tindirizza l-proċessi fis-seħħ, biex ittejjeb il-kamp ta' applikazzjoni u l-livelli ta' integrazzjoni tagħhom billi tipprovdi għodod aktar effettivi li għandhom jintużaw minn aktar partijiet ikkonċernati. L-eu-LISA se tintroduċi għodda/għodod speċifika/ċi (disponibbli fis-suq) biex tappoġġa/jappoġġaw l-awtomatizzazzjoni tal-fażijiet jew l-oqsma differenti involuti fiċ-ċiklu tal-iżvilupp tas-servizz. Dan se jkun allinjat mal-aħjar prattiki tal-ITSM, bħall-ġbir tar-rekwiżiti, l-analiżi u t-tfassil tar-rekwiżiti, il-kontroll tal-verżjoni, l-ittestjar tas-software, u aktar proċessi ta' integrazzjoni, eċċ.

**Il-qafas ta' governanza korporattiva**

Fir-rigward tal-governanza korporattiva, fil-perjodu 2021-2023, l-enfasi primarja tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija tibqa' li tipprovdi elementi ta' governanza korporattiva bħall-ġestjoni tar-riskju korporattiv, il-ġestjoni tal-prestazzjoni tal-KPIs korporattivi, inkluż li tagħti parir legali sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti statutorji u l-ħtiġijiet tan-negozju rilevanti jiġu ssodisfati. L-Aġenzija taderixxi mal-kunċett tal-prattika u t-twassil ta' governanza tajba fl-azzjonijiet u l-attivitajiet tagħha. Fil-qasam tal-ġestjoni tal-konformità fil-perjodu 2021–2023, l-Aġenzija se tkompli timplimenta l-qafas ta' kontroll intern rivedut, billi ssegwi mill-qrib il-kunċett aġġornat u l-aħjar prattiki diġà stabbiliti fi ħdan il-Kummissjoni.

Barra minn hekk, l-eu-LISA għandha l-għan li tibni kapaċitajiet effettivi ta' ġestjoni tal-portafoll u l-aħjar prattiki sabiex tappoġġa l-konformità, filwaqt li ttejjeb it-twettiq tal-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA. Il-ġestjoni tal-Aġenzija se tiddefinixxi u tinforza struttura ta' governanza b'kontrolli effettivi, responsabbiltà u ġestjoni tar-riskju fil-livelli tal-portafoll, tal-programm u tal-proġetti. L-Aġenzija se jkollha perspettiva aktar bilanċjata tal-operazzjonijiet b'ċiklu tal-ħajja tal-ġestjoni tal-proġetti u tal-portafoll aktar matur u fl-istess ħin billi tiżgura l-konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija għal evalwazzjonijiet *ex ante* u retrospettivi, b'mod partikolari permezz ta':

- l-involviment strateġiku kontinwu;
- l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' investimenti speċifiċi u tal-eżiti mistennija tan-negozju;
- l-allinjament tal-programmi u tal-proġetti li jirriżultaw mal-għanijiet strateġiċi oriġinali;
- il-kisba tal-benefiċċji sabiex jiġi kkonfermat li nkiseb il-valur u li dan jista' jiġi kkwantifikat.

**Il-ġestjoni tal-kwalità korporattiva**

Abbażi tal-metodoloġija tal-Qafas ta' Valutazzjoni Komuni (CAF), u b'kont meħud tat-tagħlimiet meħuda u tal-aħjar prattiki mill-eżerċizzju preċedenti tal-ġestjoni tal-kwalità totali, l-Aġenzija se tassenja r-riżorsi meħtieġa u twettaq eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni fl-2021 sabiex tidentifika oqsma potenzjali ta' titjib fir-rigward tal-livelli ta' kwalità applikati fil-proċessi u fir-riżultati tanġibbli tal-eu-LISA. L-eżiti maqbula tal-attivitajiet tal-2021 se jiġu inkorporati bħala miżuri ddedikati fil-pjan ta' titjib tal-kwalità tal-eu-LISA, u implimentati fis-snin 2022-2023 kif ippjanat.

L-Aġenzija se tkompli ssaħħaħ il-kapaċità tagħha għall-ġestjoni tal-kwalità tal-programmi u l-proġetti billi tiżviluppa, timplimenta u żżomm qafas globali għall-Ġestjoni tal-Kwalità tal-Programm u tal-Proġetti (PPQM). Il-qafas tal-PPQM għandu jkopri l-proċessi ewlenin kollha taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dixxiplina tal-Ġestjoni tal-Kwalità, jiġifieri l-Ippjanar tal-Kwalità, l-Assigurazzjoni tal-Kwalità u l-Kontroll tal-Kwalità, f'konformità mal-aħjar prattiki enfasizzati fil-"Project Management Body of Knowledge (PMBoK) Guide", fi

"PRINCE2 Methodology", f'"The Capability Maturity Model Integration (CMMI)", u f'"The Standard for Program Management".

Barra minn hekk, l-eu-LISA se tirrevedi l-qafas ta' governanza tal-IT tagħha billi temenda u taġġorna l-pjan direzzjonali ta' governanza tal-ITIL/ITSM tagħha, abbażi ta' qafas tal-aħjar prattiki għall-adozzjoni ta' approċċ ta' ġestjoni tas-servizzi tal-IT, skont ir-rekwiżiti mogħtija u ġodda tal-partijiet ikkonċernati. Għall-perjodu 2021-2023, l-aġġornamenti kontinwi fis-servizzi u fil-proċessi tal-Aġenzija se jibqgħu kompiti importanti, sabiex jinżammu l-effiċjenza u l-effettività tal-eu-LISA fit-twassil tas-servizzi tagħha (jekk jogħġbok ara hawn fuq).

**L-ippjanar u r-rapportar statutorju korporattiv**

Il-prestazzjoni tal-azzjonijiet ta' hawn fuq se tkun parti integrali miċ-ċikli ġenerali ta' ppjanar u rapportar tal-Aġenzija. Dan iżid it-trasparenza għall-Aġenzija u l-partijiet ikkonċernati tagħha u jagħti l-valur f'konformità mal-għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija. Il-produzzjoni u r-rapportar kontinwi ta' informazzjoni ta' ġestjoni bbażati fuq elementi tal-governanza korporattiva jgħinu lid-Direttur Eżekuttiv fil-ġestjoni tal-prestazzjoni tal-organizzazzjoni kollha u jippermettu lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Gruppi Konsultattivi jaqdu r-rwoli tagħhom ta' "sfida u appoġġ" lid-Direttur Eżekuttiv. B'mod partikolari, l-Aġenzija se tfittex li tespandi l-kapaċitajiet tal-ippjanar strateġiku tagħha, biex tissodisfa r-rekwiżiti legali u biex tapplika l-aħjar prattiki tan-negozju. Fl-2021, l-Aġenzija se tieħu l-passi meħtieġa biex taġġorna l-istrateġija fit-tul tagħha.

L-enfasi tal-ippjanar operazzjonali se tkun li jiġi pprovdut approċċ strutturat u komprensiv għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet annwali f'konformità mal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija u fuq it-twettiq aħjar tal-ippjanar intern tax-xogħol u tal-użu tar-riżorsi fl-unitajiet u fid-dipartimenti tal-Aġenzija. L-evalwazzjoni *ex-ante* tal-attivitajiet b'impatt sostanzjali bbażata fuq id-deċiżjonijiet rilevanti tal-Bord tat-Tmexxija u fuq ir-regoli applikabbli, abbażi tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, se titwettaq biex tiżgura l-użu xieraq tal-isforzi u r-riżorsi. L-Aġenzija se tkompli taġġorna l-awtomatizzazzjoni tagħha tal-ġbir tal-informazzjoni għall-ippjanar u għar-rapportar annwali. Barra minn hekk, se jsir rieżami regolari tal-implimentazzjoni tal-istrateġija fit-tul. L-Aġenzija se tkompli tinforma lill-partijiet ikkonċernati tagħha u lill-pubbliku ġenerali dwar l-attivitajiet tagħha billi tippubblika regolarment r-rapporti interim annwali tal-attività tagħha, kif meħtieġ mir-Regolament tat-Twaqqif il-ġdid tagħha.

**L-awditjar intern**

Il-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur Eżekuttiv se jkomplu jiddependu mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-eu-LISA għal assigurazzjoni indipendenti u oġġettiva u informazzjoni intuwittiva dwar l-effettività u l-effiċjenza tal-governanza, il-ġestjoni tas-servizz, il-ġestjoni tar-riskji u s-sistemi ta' kontroll intern. B'dan il-mod, l-IAC tappoġġa lill-eu-LISA fil-kisba tal-objettivi tagħha.

L-eu-LISA se tkompli tikkoopera mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea billi tospita l-missjonijiet ta' awditjar tagħhom u tieħu l-miżuri sabiex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet kif xieraq. L-IAC se tkompli tikkoordina u tiffaċilita l-ħidma f'dan il-qasam.

L-IAC se timplimenta l-awditi ppjanati kull sena f'konformità mal-Pjan Strateġiku għall-Awditjar Intern tal-Aġenzija u se tkun il-fornitur ewlieni tal-awditi tal-IT biex jiġu koperti l-operazzjonijiet u l-ġestjoni tal-proġetti tal-Aġenzija. Għall-prestazzjoni ottimali u taħlita ta' kompetenzi tat-timijiet tal-awditjar tagħha, l-IAC se taħdem flimkien ma' ditti tal-awditjar abbażi ta' arranġamenti xierqa ta' akkwist u kuntratti. L-IAC se tkompli tirrapporta lid-Direttur Eżekuttiv, lill-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) u lill-Bord tat-Tmexxija dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditu annwali, ir-rapporti tal-awditjar u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni relatati.

L-IAC se żżomm l-ogħla livell ta' maturità (5 – Ottimizzat) u se tkompli tirrapporta lill-partijiet ikkonċernati dwar ir-riżultati tal-Programm tagħha għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità u t-Titjib (QAIP), u l-konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Prattika Professjonali tal-Awditjar Intern.

### 2.1.7. Il-politika, ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjoni

**Il-politika u r-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Aġenzija se żżomm l-impenji lejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji sħab tal-UE sabiex taġixxi bħala sieħba u konsulenta fdata u affidabbli dwar suġġetti li jappartjenu għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

F'dan il-kuntest, l-Aġenzija se ssegwi mill-qrib u tappoġġa meta meħtieġ il-ħidma tal-formazzjonijiet rilevanti li jindirizzaw proposti legali u inizjattivi operazzjonali, kemm fil-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill (eż. COSI, IXIM, SIS-SIRENE, Visa) kif ukoll fil-Kumitati tal-Parlament Ewropew (eż. LIBE, BUDGET, CONT). L-enfasi ewlenija se tkun fuq l-iżgurar li l-għarfien u l-għarfien espert tal-eu-LISA fit-tmexxija ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira jservu bħala bażi għal teħid ta' deċiżjonijiet infurmat sewwa u bbażat fuq il-fatti mill-koleġiżlaturi.

L-eu-LISA se żżomm ir-relazzjonijiet mill-qrib u kostruttivi tagħha mal-Kummissjoni Ewropea u se teżamina l-iżvilupp ulterjuri tas-sħubija eżistenti. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-eu-LISA u d-DĠ HOME, rivedut fl-2019, se jiġu implimentati bis-sħiħ. L-għanijiet ġenerali se jinkludu l-koordinazzjoni reċiproka tal-azzjonijiet, l-appoġġ għall-abbozzar ta' proposti legali ġodda, il-ħolqien ta' sinerġiji u d-djalogu regolari mal-entitajiet rilevanti kollha fid-DĠ HOME. Fuq talba u fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija, l-eu-LISA se timpenja ruħha ma' DĠs oħrajn tal-Kummissjoni, bħad-DĠJUST, DIGIT, NEAR jew MOVE.

L-Aġenzija se żżomm kooperazzjoni effettiva u mill-qrib mal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati, bħala l-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-eu-LISA, u l-utenti finali tas-servizzi tagħha. L-Aġenzija se tkompli tiżgura t-trasparenza tal-attivitajiet tagħha għall-benefiċċju tal-Istati Membri. Biex jintlaħaq dan l-għan, l-Aġenzija se ssaħħaħ ir-relazzjoni ta' ħidma mill-qrib tagħha mal-Kunsilliera tal-ĠAI fi Brussell.

L-aġenziji tal-UE jibqgħu grupp ewlieni tal-partijiet ikkonċernati u s-sħab tal-eu-LISA. L-eu-LISA se tkompli timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Arranġamenti tax-Xogħol konklużi mill-2013 ma' diversi aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, bħas-CEPOL, il-Frontex, l-EASO, il-FRA, l-Europol u l-Eurojust. L-eu-LISA se tikkoopera mill-qrib mal-aġenziji rilevanti tal-ĠAI (il-Frontex, l-Europol u l-Eurojust) biex jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għas-SIS, il-VIS u/jew l-Eurodac kif minqux fil-bażijiet ġuridiċi, u biex jinħoloq l-aċċess tagħhom għal sistemi ġodda ta' informazzjoni tal-UE bħall-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-arkitettura tal-interoperabbiltà bbażata fuq id-drittijiet ta' aċċess skont ir-regolamenti rilevanti.

Fid-dawl tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, l-eu-LISA se żżid konsiderevolment il-kooperazzjoni tagħha mal-ENISA. Iż-żewġ aġenziji se jaħdmu għall-konsolidazzjoni tal-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam taċ-ċibersigurtà u tas-sigurtà tal-ICT u kwistjonijiet oħra fejn jistgħu jintlaħqu s-sinerġiji, abbażi tal-Memorandum ta' Qbil mill-2018 u l-Pjan ta' Kooperazzjoni 2021–2023. Bil-għan tal-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, l-eu-LISA se tikkollabora saħansitra aktar mill-qrib mal-EASO biex twettaq l-għanijiet previsti mill-Kummissjoni Ewropea. Din il-kooperazzjoni ġiet deskritta fil-Pjan ta' Kooperazzjoni tal-EASO-eu-LISA 2020-2022. Fil-proċess tal-implimentazzjoni u l-użu sussegwenti tas-sistemi l-ġodda u l-arkitettura tal-interoperabbiltà fil-qasam tal-ĠAI, l-eu-LISA se tikkoopera mill-qrib mas-CEPOL biex tiżgura li l-uffiċjali fuq il-post ikollhom l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jagħmlu użu massimu mill-għodod il-ġodda.

Se titwettaq komunikazzjoni regolari mal-aġenziji rilevanti tal-ĠAI b'mod partikolari dwar ir-riformulazzjoni tas-SIS, l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-interoperabbiltà biex jiġi żgurat skambju ta' informazzjoni adegwat u implimentazzjoni f'waqtha tas-sistemi sabiex jingħata l-aħjar appoġġ lill-Istati Membri. Se tingħata attenzjoni partikolari lill-komunitajiet tal-utenti differenti tas-sistemi u l-ħtiġijiet tagħhom biex jaġġustaw il-proċessi tan-negozju tagħhom u jadottaw infrastrutturi u għodod tekniċi ġodda.

Barra minn hekk, eu-LISA se tikkoopera mal-FRA dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku fir-rigward tal-użu tas-sistemi tal-IT operati mill-eu-LISA u l-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà. L-għanijiet komuni u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni huma deskritti fil-Pjan ta' Kooperazzjoni bilaterali 2020–2022.

L-eu-LISA se tkompli l-parteċipazzjoni proattiva tagħha fin-Network tal-aġenziji tal-ĠAI (JHAAN) u n-network usa' ta' aġenziji deċentralizzati – in-Network tal-aġenziji tal-UE (EUAN). Meta jkun il-waqt, l-eu-LISA se tibda t-tħejjijiet biex tippresjedi l-JHAAN, skedat għall-2024, abbażi tal-prinċipju ta' rotazzjoni bejn id-disa' aġenziji.

L-Aġenzija tista' tfittex ukoll li tiżviluppa l-kondiviżjoni tas-servizzi ma' aġenziji oħrajn tal-UE fl-ispirtu tal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE[17] u wara l-adozzjoni tal-mandat rivedut tagħha (jiġifieri l-Artikolu 41(4) Kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet, mal-korpi, mal-uffiċċji u mal-aġenziji tal-Unjoni). L-allinjament mal-portafoll ta' servizzi tal-Aġenzija se jiżgura li tali kondiviżjoni tas-servizzi ssir b'mod simplifikat u effiċjenti, u ma jkollha l-ebda impatt fuq l-attivitajiet ewlenin tal-Aġenzija. L-Aġenzija se tkompli tipprovdi lill-aġenziji speċifiċi b'aċċess għas-sistemi kif stipulat fl-atti legali.

**Komunikazzjoni**

L-objettivi, l-għanijiet u l-messaġġi tal-komunikazzjoni esterna tal-2021 tal-eu-LISA se jkunu direttament ibbażati fuq l-objettivi strateġiċi ġenerali tal-Aġenzija għall-2018-2022. L-inizjattivi ta' komunikazzjoni se jkomplu jippromwovu l-immaġni u r-reputazzjoni tal-eu-LISA bħala kontributur affidabbli u fdat għall-implimentazzjoni ta' politiki fl-oqsma tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, bir-responsabbiltajiet estiżi tagħha fir-rigward ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti u ġodda taħt il-mandat tagħha. Il-komunikazzjoni esterna se tiffoka fuq l-għoti ta' informazzjoni aġġornata, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni u l-għoti fil-pront ta' informazzjoni oġġettiva, affidabbli u ċara lill-partijiet ikkonċernati kif meħtieġ mill-bażijiet ġuridiċi bl-użu ta' mezzi moderni ta' komunikazzjoni, kemm online kif ukoll offline.

B'mod partikolari, l-Aġenzija se tiffoka l-isforzi ta' komunikazzjoni tagħha fuq li jiġi enfasizzat il-bidu tal-operat tal-EES il-ġdida, iż-żieda tas-sensibilizzazzjoni dwar it-tnedija tal-ETIAS u l-ECRIS-TCN fl-2022, u l-promozzjoni ta' informazzjoni dwar l-impatt ta' teknoloġiji ġodda fuq it-tisħiħ tas-sigurtà interna, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-iffaċilitar ta' verifiki fil-fruntieri mingħajr xkiel. L-eu-LISA se tikkoordina f'waqtu mal-aġenziji rilevanti tal-ĠAI l-komunikazzjoni dwar l-EES u l-ETIAS biex tiżgura li tingħata informazzjoni adegwata lill-Istati Membri li jimplimentaw is-sistema msemmija. L-eu-LISA se tipprovdi appoġġ f'waqtu u koordinat għall-inizjattivi kollha ta' komunikazzjoni dwar il-promozzjoni tal-interfaċċa tal-web relatata mal-ETIAS u l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn il-partijiet ikkonċernati bħal organizzazzjonijiet trasportaturi. Dawn l-inizjattivi kollha se jkunu kkoordinati mill-qrib mal-unitajiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea u l-aġenziji tal-ĠAI.

L-Aġenzija se taħdem fuq il-komunikazzjoni interna tagħha biex ittejjeb aktar l-informazzjoni fuq il-post u l-kondiviżjoni tal-għarfien fost l-għadd li qiegħed notevolment dejjem jikber ta' impjegati, li jinsabu fi tliet siti ġeografiċi differenti. Għal dan il-għan, se taġġorna u ttejjeb l-intranet tagħha sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-impjegati bħala pjattaforma interattiva u rilevanti għall-komunikazzjoni u l-involviment. Il-komunikazzjoni interna se tipprovdi kontribut f'waqtu u aġġornamenti regolari dwar il-progress fl-iżvilupp tas-sistemi kollha tal-IT taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija u l-pjanijiet u l-fażijiet tal-kostruzzjoni tal-bini/binjiet l-ġdid/il-ġodda fis-siti operazzjonali tal-Aġenzija. L-azzjonijiet ta' komunikazzjoni interna se jiġu implimentati f'konformità mal-pjan ta' azzjoni annwali, li jqis ir-riżultati tal-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-persunal tal-komunikazzjoni interna.

[17] Anness I għal 11450/1, Brussell, 18 ta' Ġunju 2012.

### 2.1.8. Il-ġestjoni finanzjarja, l-akkwist u kontabilità

L-Aġenzija se tkompli tikkonsolida l-proċessi tagħha għar-regolazzjoni tal-użu tar-riżorsi, billi tirfina l-akkwist, il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja u l-ġestjoni tal-assi, filwaqt li tapplika l-prinċipji baġitarji u kontabilistiċi aċċettati b'mod ġenerali tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi stabbiliti mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, u mill-kontabilist tal-eu-LISA fejn ir-regoli jippermettu devjazzjonijiet irraġunati. L-Unità tal-Finanzi tagħti prijorità lill-kapaċitajiet tagħha ta' rapportar/analiżi sabiex tiżgura teħid ta' deċiżjonijiet u rapportar finanzjarju ġusti, trasparenti u affidabbli.

Żviluppi maġġuri f'dan il-qasam għall-perjodu se jinkludu:

- l-immudellar ta' miri ta' nfiq fil-ġestjoni tal-proġetti, billi l-istadji importanti għall-ħlas jintrabtu ma' riżultati tanġibbli tal-proġetti, sabiex tiżdied il-preċiżjoni fil-previżjoni tal-konsum tal-approprjazzjonijiet ta' pagament;
- l-adattament tal-mudell tal-akkwist għall-mudell ta' provvista adottat mill-Aġenzija permezz tal-istrateġija ddedikata, speċjalment fir-rigward tal-iżvilupp, tal-manutenzjoni u tal-evoluzzjonijiet tas-sistemi li jkunu qed jiġu ġestiti;
- iż-żieda fl-użu tal-e-Prior suite (Fatturazzjoni Elettronika u Akkwist Elettroniku) ġestita mill-Kummissjoni Ewropea.

### 2.1.9. Is-servizzi korporattivi

**Il-ġestjoni tal-faċilitajiet**

Sa mill-ewwel proġett ta' bini, żviluppi sinifikanti fil-qasam tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni ħolqu domandi ġodda għall-kapaċitajiet operazzjonali tal-eu-LISA. Dawn l-iżviluppi ħolqu xi dubji dwar jekk is-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strasburgu għandux il-kapaċità meħtieġa biex jospita kemm is-sistemi attwali kif ukoll dawk ġodda fdati lilu, u jakkomoda l-persunal addizzjonali.

Wara diskussjoni komprensiva f'Novembru 2017, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA rrikonoxxa l-ħtieġa għal estensjoni tal-ispazju għall-uffiċċji tiegħu u l-ħtieġa għal espansjoni taċ-ċentru tad-*data* fis-sit tekniku fi Strasburgu.

It-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali tal-Aġenzija fi Strasburgu hija proġett indispensabbli li se jġib benefiċċji ċari, peress li l-Aġenzija diġà għandha rwol kruċjali fil-funzjonament sostenibbli taż-Żona Schengen u l-kontribut tagħha għat-twettiq b'suċċess tal-prijoritajiet politiċi u operazzjonali fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni se jkompli jikber fis-snin li ġejjin.[18]

Barra minn hekk, se jsir titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol minn perspettiva funzjonali kif meħtieġ fil-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn u fis-sit tekniku attwali fi Strasburgu, flimkien ma' xogħlijiet ta' manutenzjoni regolari meħtieġa, skont l-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija u billi tinżamm linja miftuħa ta' djalogu mal-partijiet ikkonċernati u mal-okkupanti biex jiġi żgurat li kollox ikun qed jaħdem kemm jista' jkun mingħajr xkiel.

Se jsir sforz sostanzjali ulterjuri fuq l-implimentazzjoni ta' diversi miżuri ambjentali bħaċ-ċertifikazzjoni u l-kalkolu tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS), kif ukoll fuq it-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju tal-Aġenzija. Permezz tal-kooperazzjoni ma' diversi entitajiet tal-eu-LISA, se tingħata prijorità massima lis-saħħa u s-sikurezza fis-siti kollha u l-implimentazzjoni ta' kuljum tal-azzjonijiet rilevanti u l-miżuri preventivi. B'mod parallel, f'dan il-perjodu, jenħtieġ li jitlesta l-aġġornament tal-uffiċċju ta' kollegament tal-Aġenzija fi Brussell u se jiġi rilokat għall-bini tal-uffiċċji ta' kollegament konġunt flimkien ma' aġenziji oħrajn tal-ĠAI. Jenħtieġ li tiġi stabbilita wkoll katina tal-loġistika u l-provvisti ddedikata għall-uffiċċju ta' kollegament.

[18] Aktar dettalji huma mogħtija fl-Anness V Bini

**Is-servizzi tal-ICT korporattivi**

Il-prijoritajiet ewlenin se jkunu l-manutenzjoni regolari tas-sistemi u l-infrastruttura tal-IT korporattivi, f'Tallinn, Strasburgu, l-uffiċċju ta' kollegament fi Brussell u s-sit tal-kontinwità tan-negozju fl-Awstrija. B'mod parallel, in-network, is-sistemi, il-virtwalizzazzjoni u l-arkitettura tal-ħżin tal-IT korporattivi tal-Aġenzija se jkomplu jevolvu u se jeħtieġu firxa ta' inizjattivi. Barra minn hekk, il-personalizzazzjoni u l-aġġornament tal-applikazzjonijiet tal-IT korporattivi, jiġifieri l-pjattaformi ta' kollaborazzjoni, l-għodod ta' komunikazzjoni u ta' ġestjoni tal-proġetti, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-produzzjoni sħaħ ta' ARES u SYSPER għall-ġestjoni tad-Dokumenti u tal-HR li kienu nbdew fis-snin preċedenti, se jkomplu (ara t-taqsima li jmiss).

B'kont meħud tal-fatt li l-infrastruttura tal-IT korporattiva tal-Aġenzija fl-2021 għandha tiġi sostitwita, wara perjodu ta' ħames snin, imbagħad tinbeda l-migrazzjoni lejn il-cloud tad-DIGIT tal-infrastruttura tal-IT korporattiva. Dan se jippermetti lis-settur tas-servizzi tal-IT korporattivi jnaqqas il-kostijiet operazzjonali filwaqt li jżid l-effettività tal-proċessi tal-IT. Dan huwa mistenni li jkun proġett ta' sentejn.

Barra minn hekk, l-enfasi se tkun fuq il-forniment ta' kapaċitajiet ta' komunikazzjoni aħjar, aktar sikuri u aċċellerati fir-rigward tal-komunikazzjoni bl-email, bit-telefon, bl-internet u bil-web, kif ukoll fuq il-ħolqien ta' Aġenzija li kemm jista' jkun ma tagħmilx użu mill-karti permezz tal-awtomatizzazzjoni ta' għadd ta' servizzi fil-katalgu tas-Servizzi Korporattivi. Għalhekk, sabiex tiżgura għażla standardizzata, ippjanar, twassil u manutenzjoni ta' servizzi tal-IT korporattivi fi ħdan l-Aġenzija, fl-2021, l-unità tas-Servizzi tal-IT Korporattivi se tniedi proġett ta' sentejn għall-implimentazzjoni tal-qafas ITIL 4. Dan se jippermetti lill-Aġenzija tnaqqas il-kostijiet fuq is-servizzi tal-IT korporattivi u l-ħidma fuq l-IT korporattiva se tiġi ssimplifikata aktar.

Fl-aħħar nett, fl-2021, l-Aġenzija se timplimenta proġett ta' sentejn bejn l-organizzazzjonijiet, relatat mad-definizzjoni tal-politiki tal-ġestjoni tad-dokumenti u tal-użu ta' sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti. Dan huwa mistenni jġib benefiċċji multipli bħal, pereżempju, tnaqqis fl-ispazji tal-ħżin, sigurtà mtejba, konformità regolatorja mtejba, irkupru aktar faċli, kollaborazzjoni aħjar, backup, irkupru minn diżastri u kontinwità tan-negozju aħjar, eċċ.

### *2.1.10. Il-ġestjoni tar-riżorsi umani u tal-għarfien*

Għas-snin 2021–2023, l-Aġenzija identifikat l-oqsma ewlenin ta' attivitajiet ta' organizzazzjoni li qed tikber u tinbidel, il-prijoritajiet u l-isfidi, u n-negozju ta' kuljum fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi umani (HRM).

Fl-2019, l-Aġenzija bidlet l-istruttura organizzazzjonali tagħha sabiex ittejjeb il-prestazzjoni tagħha u tottimizza l-użu tar-riżorsi umani addizzjonali mogħtija lilha skont ir-Regolament il-ġdid tal-eu-LISA u r-regolamenti l-oħrajn li jafdaw sistemi ġodda lill-Aġenzija, bħall-ETIAS, l-ECRIS-TCN, jew l-interoperabbiltà bejn is-sistemi Ewropej. Il-mandat estiż tal-Aġenzija jitlob trasformazzjoni tal-mudell operattiv tagħha biex tiġġestixxi b'mod effettiv il-kompiti attwali u ġodda. Din it-trasformazzjoni għadha għaddejja u huwa mistenni li fl-2021 l-istruttura organizzazzjonali l-ġdida tal-Aġenzija tkun kompletament funzjonali u li l-mudell operattiv il-ġdid jiġi implimentat bis-sħiħ.

**Il-konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara l-bidla, it-tkabbir u t-trasformazzjoni b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet**

L-għan primarju tal-HRM huwa li jiġi żgurat li jkunu implimentati riżorsi umani adegwati u disponibbli biex jindirizzaw dan il-perjodu ta' tkabbir u li l-Aġenzija nnifisha tkun ppreparata għall-kompiti u l-isfidi fil-ġejjieni b'livelli adegwati ta' persunal. Hekk kif hija ppjanata żieda fil-persunal fl-eu-LISA fis-snin li ġejjin, il-piż amministrattiv tal-HRM se jiżdied. Il-finalizzazzjoni tat-trasformazzjoni organizzazzjonali tal-Aġenzija, li hija essenzjali wkoll biex jiġu ffaċċjati l-isfidi fil-qasam tar-riżorsi umani, se żżid ma' dan il-piż akbar. Din it-trasformazzjoni organizzazzjonali mhux biss se tbiddel l-istruttura organizzazzjonali iżda wkoll il-proċessi ta' ħidma, il-mudell operazzjonali u l-Qafas ta' Kompetenza. Dan l-ammont ta' xogħol għandu jiġi assorbit primarjament permezz tal-ottimizzazzjoni tal-proċessi attwali u ż-żieda fl-effiċjenza amministrattiva. Matul din

it-trasformazzjoni, ir-regoli ta' implimentazzjoni għar-Regolamenti tal-Persunal iridu jiġu adottati, implimentati u osservati mill-Aġenzija. Fir-rigward tal-ġestjoni tal-HRM tal-persunal kollu tal-eu-LISA, l-enfasi se tinżamm fuq ir-reklutaġġ, l-integrazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-membri tal-persunal ġodda fl-organizzazzjoni sabiex ikunu jistgħu jimpenjaw ruħhom biżżejjed fil-ħidma u jilħqu l-objettivi stabbiliti mill-Aġenzija. L-attivitajiet fid-dominju tal-HR, bħall-istabbiliment ta' drittijiet u intitolamenti, pagi u pagamenti, liv, proċessi ta' valutazzjoni u riklassifikazzjoni se jitwettqu b'mod effiċjenti u fi żmien debitu. L-Aġenzija se ttejjeb is-servizzi interni relatati mal-HRM billi tipprovdi opportunitajiet għall-iżvilupp, l-amministrazzjoni effiċjenti, l-għodod elettroniċi għall-proċessi ta' reklutaġġ tal-persunal u l-implimentazzjoni ta' għodod oħrajn tal-IT tal-HR, bħal moduli bażiċi ta' SYSPER u l-iżvilupp ta' moduli fakultattivi bħala parti mill-approċċ tal-eu-LISA għall-awtomatizzazzjoni ta' dmirijiet amministrattivi ripetittivi permezz tal-għodod tal-IT.

**L-iżvilupp ulterjuri tal-kultura tat-tagħlim, il-funzjoni tal-HR għas-sħubija tan-negozju u l-iżvilupp u ż-żamma tal-persunal**

L-unità tal-HR se tkompli tappoġġa l-kultura tat-tagħlim fl-Aġenzija permezz ta' attivitajiet ta' tagħlim informali, imtejba b'ambjent fiżiku adegwat u bil-kontribut attiv tal-membri tal-persunal fil-kondiviżjoni tal-għarfien, fl-għoti ta' feedback u ta' appoġġ. Il-programm on-boarding għal persuni ġodda se jiġi aġġustat skont il-ħtiġijiet tan-negozju li qed jinbidlu u implimentat kif xieraq. L-2021 se tara aktar żvilupp u implimentazzjoni tal-programm ta' tmexxija għall-kapijiet tal-unitajiet, id-dipartimenti u s-setturi, kif ukoll evalwazzjoni ta' 360 grad, li t-tnejn huma marbuta mal-Qafas ta' Kompetenza.

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Qafas tal-Kompetenzi se jkomplu fl-oqsma tar-reklutaġġ, tal-iżvilupp tal-persunal u tat-taħriġ.

**Taħriġ tal-persunal tal-eu-LISA fl-operazzjonijiet (taħriġ tekniku intern għall-persunal) u ġestjoni tal-għarfien**

L-Aġenzija se tkompli tipprovdi korsijiet relatati mal-operazzjonijiet u s-sistemi lill-persunal tal-eu-LISA, sabiex ikun jista' jottimizza l-prestazzjoni u joffri servizzi aħjar lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija. Bl-estensjoni tal-mandat tal-Aġenzija, it-taħriġ tal-persunal huwa saħansitra aktar essenzjali minħabba sistemi ġodda u li qed jinbidlu. Permezz tal-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika ta' ġestjoni tal-għarfien, jinkiseb l-għarfien u dan jippermetti lill-eu-LISA tikber bħala ċentru ta' għarfien espert u ta' għarfien.

### *2.1.11. Il-protezzjoni tad-data*

Biex tiżgura konformità sħiħa mal-qafas legali tal-protezzjoni tad-*data*, l-eu-LISA timplimenta r-Regolament (UE) 2018/1725 li jħassar ir-Regolament 45/2001[19] u tadatta l-proċeduri tagħha skont dan.

Fid-9 ta' Ottubru 2019 il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA adotta r-Regoli ta' Implimentazzjoni l-ġodda dwar l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (UPD) skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament tal-eu-LISA 2018/1726 u l-Artikolu 45(3) tar-Regolament il-ġdid dwar il-Protezzjoni tad-*Data* 2018/1725. Dawn ir-regoli japplikaw għall-kompiti, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-UPD. L-UPD tal-eu-LISA jimmonitorja l-konformità interna, jinforma u jagħti pariri dwar l-obbligi tal-protezzjoni tad-*data*, jipprovdi pariri dwar il-Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIAs) u jaġixxi bħala punt ta' kuntatt għas-suġġetti tad-*data* u l-EDPS. Ir-ritorn lejn approċċ ta' valutazzjoni tar-riskju tal-privatezza joħloq responsabbiltajiet ġodda għall-UPD tal-Aġenzija, għall-maniġers tal-proġetti u għall-kontrolluri prinċipalment fir-rigward tar-rekwiżit li jitwettqu Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* u jiġu implimentati kontrolli sabiex jitnaqqsu r-riskji identifikati. L-UPD jappoġġa din il-bidla kulturali, billi jservi bħala interpretu bejn ir-rekwiżiti legali u l-lingwaġġ tekniku.

[19] Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

L-eu-LISA hija kompletament konxja mir-riskji li l-operazzjonijiet ta' pproċessar li jinvolvu *data* personali jikkawżaw għas-suġġetti tad-*data* u, għalhekk, hija pprovduta l-ogħla protezzjoni għal tali operazzjonijiet. L-akbar impenn sabiex id-*data* tinżamm f'ambjent sigur huwa obbligatorju sabiex jiġi żgurat il-livell ta' konformità mal-protezzjoni tad-*data*.

L-Aġenzija żżomm kultura ta' sensibilizzazzjoni billi tipprovdi taħriġ lill-persunal u lill-kuntratturi fuq il-post dwar kif jipproċessaw *data* personali skont l-istandards meħtieġa mill-istrumenti legali tal-protezzjoni tad-*data*. Din il-kultura teħtieġ l-iżvilupp ta' linji gwida sabiex jiġu segwiti l-aħjar prattiki u standards ta' organizzazzjonijiet simili u gwida mill-komunità tal-Protezzjoni tad-*Data*.

L-eu-LISA tippjana li tindirizza r-responsabbiltajiet relatati mal-protezzjoni tad-*data* li jirriżultaw mir-Regolament il-ġdid u mis-sistemi l-ġodda fdati lill-Aġenzija billi tidentifika l-prijoritajiet u tiżviluppa strateġija għat-twettiq tal-kompiti tagħha fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* fir-rigward tal-persunal tal-Aġenzija, iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE. Waqt l-iżvilupp tas-sistemi l-ġodda, l-Aġenzija tkun konxja mid-dmir li tirrispetta drittijiet fundamentali oħrajn, minbarra l-protezzjoni tad-*data*, bħall-prinċipju tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet tat-tfal, l-aċċess għal rimedju effettiv, eċċ. Ir-rekwiżiti tal-privatezza mid-disinn u prestabbiliti se jkomplu jkunu ta' eżempju u se jkunu evidenza viżibbli għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u għaċ-ċittadini tal-impenn tal-Aġenzija li tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*. Il-kooperazzjoni li għaddejja mal-EDPS se tkompli bħala prijorità u element ewlieni fir-responsabbiltà tal-Aġenzija.

Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-aġenziji tal-ĠAI se tkompli tipproteġi d-*data* rilevanti fis-sistemi. Barra minn hekk, l-eu-LISA se jkollha rwol partikolari fir-rigward tal-ETIAS peress li l-Aġenzija se tkun il-kontrollur tad-*data* għall-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni tas-Sistema Ċentrali tal-ETIAS. Il-modalitajiet għandhom jiġu maqbula mill-kontrolluri kollha tal-ETIAS biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-*data* prestabbilita u mid-disinn.

Minħabba l-operazzjonijiet tal-Aġenzija fil-kwartieri ġenerali f'Tallinn u s-sit tekniku fi Strasburgu, il-funzjoni tal-UPD se tissaħħaħ b'riżorsi adegwati fiż-żewġ siti.

# 3. Il-prospettiva tar-riżorsi umani u finanzjarji għas-snin 2021-2023

## 3.1 Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali

### 3.1.1 Ħarsa ġenerali lejn il-persunal għall-2019 u l-2020

Il-persunal tal-eu-LISA jikkonsisti minn aġenti temporanji[20] (TA), aġenti kuntrattwali (CA) u esperti nazzjonali sekondati (SNEs). Il-baġit, adottat għall-2019, awtorizza 172 kariga ta' TA fil-pjan ta' stabbiliment, 88 kariga ta' CA u 11-il kariga għall-SNEs.

It-Tabella 3 hawn taħt tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-persunal għall-2019 flimkien mal-oqsma ta' attività tagħhom.

TABELLA 3. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PERSUNAL GĦALL-2019

| Qasam ta' attività | Karigi awtorizzati fl-2019 | | | Total għal kull qasam ta' attività | Sitwazzjoni attwali tal-2019 fil-31.12.2019 inklużi offerti ta' impjieg maħruġa | | | Total tal-FTEs għal kull qasam ta' attività | Perċentwal ta' karigi awtorizzati fl-2019 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | TA | CA | SNE | | TA | CA | SNE | | |
| Karigi awtorizzati skont il-baġit tal-2019 (linja bażi) | 113 | 27 | 9 | **149** | 113 | 29 | 8 | 150 | 100.67 % |
| EES (żvilupp) | 14 | | | **14** | 14 | | | 14 | 100.00 % |
| Ir-Regolament il-ġdid tal-eu-LISA - persunal addizzjonali | 21 | 27 | 2 | **50** | 16 | 24 | 2 | 42 | 84.00 % |
| ETIAS | 7 | 12.5 | | **19.5** | 7 | 3 | | 10 | 51.28 % |
| ECRIS | | 5 | | **5** | | 1 | | 1 | 20.00 % |
| Ritorn tas-SIS II u l-fruntiera tas-SIS II | | 4 | | **4** | | 4 | | 4 | 100.00 % |
| Interoperabbiltà bejn is-sistemi Ewropej | 15 | 12.5 | | **27.5** | 9 | 2 | | 10 | 40.00 % |
| LFS Eurodac, soġġett għall-adozzjoni tal-istrument legali | 2 | | | **2** | 0 | | | 0 | 0.00 % |
| **Total tal-FTEs** | **172** | **88** | **11** | **271** | **159** | **63** | **10** | **232** | **85.61 %** |
| **Total tal-FTEs minbarra l-Eurodac** | **170** | **88** | **11** | **269** | **159** | **63** | **10** | **232** | **86.25 %** |
| **Perċentwal ta' karigi awtorizzati għall-2019 għal kull tip ta' kariga minbarra l-Eurodac** | | | | **269** | **93.53 %** | **71.59 %** | **90.91 %** | | |
| **Perċentwal ta' karigi awtorizzati għall-2019 għal kull tip ta' kariga inkluża l-Eurodac** | | | | **271** | **92.44 %** | **71.59 %** | **90.91 %** | | |

It-tabella ta' hawn fuq tinkludi persunal stabbilit, u offerti ta' impjieg maħruġa jew offerti ta' sekondar.

Minkejja l-isforzi kbar biex jiġi reklutat persunal addizzjonali fl-2019 għal kważi mitt kariga, mhux kollha setgħu jimtlew sa tmiem l-2019. Fl-2020, l-eu-LISA kompliet tirrekluta persunal addizzjonali għall-karigi li ma mtlewx fl-2019 u għall-karigi addizzjonali li huma mistennija fl-2020, prinċipalment, iżda mhux limitati għal, permezz tal-użu tal-listi ta' riżerva ta' kandidati li rnexxew maħluqa fl-2019. Dan huwa deskritt f'aktar dettall fil-punt 3.2.2

[20] Dawn huma karigi fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija. L-eu-LISA ma għandhiex karigi ta' uffiċjali fil-pjan ta' stabbiliment tagħha.

*Riżorsi Umani b) Tkabbir tal-kompiti eżistenti* u *c) Titjib fl-effiċjenza* kif ukoll fl-Anness *IV punt A. Politika ta' Reklutaġġ*.

Fl-2020, huwa mistenni li l-għadd globali tal-persunal se jiżdied bi 53 kariga. Dan jinkludi 3 karigi CA biex jirriflettu l-livell tal-linja bażi tal-persunal f'konformità mar-Regolament tat-Twaqqif il-ġdid; 18-il kariga TA għall-fażi operazzjonali tal-EES; 2 karigi TA skont ir-Regolament tat-Twaqqif il-ġdid; 12.5 karigi CA għall-ETIAS; 10 karigi TA u 7.5 karigi CA għall-interoperabbiltà.

Matul il-proċess tal-adozzjoni tal-baġit tal-2020 u fuq il-parir tal-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija rtirat it-talba tagħha għall-persunal addizzjonali mitlub fil-verżjoni inizjali tal-PD tal-2020.

TABELLA 4. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PERSUNAL GĦALL-2020

| Qasam ta' attività | Karigi awtorizzati għall-2020 | | | Total tal-FTEs għal kull qasam ta' attività | Żieda fl-għadd ta' karigi awtorizzati meta mqabbla mal-2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| | TA | CA | SNE | | |
| Karigi awtorizzati skont il-baġit tal-2019 (linja bażi) | 113 | 30 | 9 | **152** | 3 |
| EES (żvilupp + operazzjonali) | 32 | | | **32** | 18 |
| Ir-Regolament il-ġdid tal-eu-LISA - persunal addizzjonali | 23 | 27 | 2 | **52** | 2 |
| ETIAS | 7 | 25 | | **32** | 12.5 |
| ECRIS | | 5 | | **5** | 0 |
| Ritorn tas-SIS II u l-fruntiera tas-SIS II | | 4 | | **4** | 0 |
| Interoperabbiltà bejn is-sistemi Ewropej | 25 | 20 | | **45** | 17.5 |
| LFS Eurodac, soġġett għall-adozzjoni tal-istrument legali | 2 | | | **2** | 0 |
| **Total tal-FTEs** | **202** | **111** | **11** | **324** | **53** |

Madankollu, matul il-proċess ta' trasformazzjoni tal-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija u l-mudell operazzjonali tagħha, u l-ħidma ta' ppjanar għall-2021, il-ħtieġa għal persunal addizzjonali ġiet definita mill-ġdid. Għalhekk, minbarra l-persunal awtorizzat, kif elenkat fit-tabella ta' hawn fuq, l-eu-LISA qed tippreżenta talba mal-SPD għal 14-il kariga addizzjonali (11-il Aġent Kuntrattwali u 3 Esperti Nazzjonali Sekondati) biex tkopri l-ħtiġijiet tal-persunal tagħha. Dan huwa deskritt f'aktar dettall fil-punt 3.2.2 *Riżorsi Umani b) Tkabbir tal-kompiti eżistenti*.

Il-pjan ta' tliet snin għas-snin 2021–2023, b'deskrizzjoni aktar dettaljata tal-iżviluppi u tal-persunal meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi, huwa pprovdut fil-punt 3.2.2 *Riżorsi Umani, b) Tkabbir tal-kompiti eżistenti*. L-evoluzzjoni globali tal-kwota tal-persunal hija riflessa fit-tabelli fl-Anness III.

### 3.1.2 In-nefqa għall-2019

Fl-2019, l-eu-LISA ġestiet baġit ta' EUR 288.403 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 138.063 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament riċevuti mill-UE. Dawn l-approprjazzjonijiet kienu inizjalment assenjati għal kompiti/sistemi ġodda, kif ġej:

| Kompiti / sistemi ġodda* | Approprjazzjonijiet ta' Impenn (f'miljuni ta' EUR) |
|---|---|
| LFS dwar ir-riformulazzjoni tas-SIS dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija /fil-fruntieri | 2.261 |
| LFS dwar ir-riformulazzjoni tas-SIS dwar ir-ritorn | 0.517 |
| LFS dwar l-ECRIS | 4.116 |
| LFS dwar l-Interoperabbiltà | 5.830 |

* Inkluż in-nefqa amministrattiva, li hija allokata skont in-nomenklatura baġitarja fit-Titolu 1, "nefqa fuq il-persunal", u fit-Titolu 2, "nefqa infrastrutturali u operattiva".

Il-baġit tal-Aġenzija għall-2019 kien jinkludi approprjazzjonijiet li ġejjin:

a) għall-iżvilupp ta' sistemi eżistenti (riformulazzjoni tal-Eurodac[21], Allokazzjoni ta' Dublin[22],), li l-użu tagħhom kien kondizzjonali fuq l-adozzjoni tal-bażi ġuridika rispettiva;
b) għall-iżvilupp ta' sistemi ġodda (EES, ETIAS, Interoperabbiltà, u ECRIS) u sistema eżistenti (riformulazzjoni tas-SIS) li għalihom ġew adottati l-bażijiet ġuridiċi; madankollu, dan mhux qed jintuża f'dan l-istadju, peress li l-proċeduri ta' akkwist għadhom għaddejjin;
c) approprjazzjonijiet ta' pagament riċevuti matul il-proċedura baġitarja tal-UE li jistabbilixxu l-baġit tal-Aġenzija, iżda li ma kinux mitluba mill-Aġenzija.

Il-Bord tat-Tmexxija approva emenda waħda għall-baġit li tindirizza l-kwistjonijiet enfasizzati hawn fuq billi:

- irritorna EUR 8.289 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn;
- irritorna EUR 66.051 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

TABELLA 5. TQASSIM TAL-BAĠIT EMENDATORJU TAL-2019

| Titolu tal-baġit | Sistema / Kompitu | | baġit emendatorju (f'miljuni ta' EUR) Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|---|
| A01 | Nefqa fuq il-persunal | | **-2.554** | **-2.554** |
| | li minnha | *Interoperabbiltà* | *-2.006* | *-2.006* |
| | | *Riformulazzjoni tal-Eurodac* | *-0.268* | *-0.268* |
| | | *ECRIS* | *-0.280* | *-0.280* |
| B03 | Nefqa operazzjonali | | **-5.735** | **-63.497** |
| | li minnha | *Interoperabbiltà* | | *-1.688* |
| | | *Ritorn tar-riformulazzjoni tas-SIS II* | | *-0.299* |
| | | *Riformulazzjoni tal-Eurodac* | *-5.600* | *-3.920* |
| | | *Allokazzjoni ta' Dublin* | *-0.135* | *-0.135* |
| | | *Sistema ta' Dħul/Ħruġ* | | *-23.523* |
| | | *ETIAS* | | *-6.643* |
| | | *ECRIS* | | *-3.766* |
| | | *PAs addizzjonali mhux mitluba mill-eu-LISA* | | *-23.523* |
| **Baġit emendatorju totali għall-2019** | | | **-8.289** | **-66.051** |

L-akkwist li għaddej bħalissa għall-EES, l-ETIAS, l-Interoperabbiltà, ir-riformulazzjoni tas-SIS u l-ECRIS jippermetti lill-Aġenzija li tagħmel riport ta' EUR 159.076 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-2019 għall-2020 permezz ta' deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, sabiex tippreserva dawn il-fondi għall-użu fis-snin li ġejjin.[23]

| Titolu Baġitarju | Sistema/Kompitu | Riport mhux awtomatiku tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2019 (f'miljuni ta' EUR) |
|---|---|---|
| B03 Nefqa Operazzjonali | Interoperabbiltà | 2.818 |
| | Riformulazzjoni tas-SIS II dwar il-kooperazzjoni mal-pulizija /fil-fruntieri | 7.328 |
| | EES | 131.415 |
| | ETIAS | 9.983 |
| | ECRIS | 7.532 |
| **B03 Total** | | **159.076** |

[21] Soġġetta għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz b'soġġorn illegali jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (tfassil mill-ġdid) (COM(2016) 272 final).

[22] Soġġetta għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid) (COM(2016) 270 final).

[23] F'konformità mal-Art. 12(3) tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija

L-Aġenzija wriet ir-rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit li ġejja sa tmiem is-sena 2019:

- 99.7 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn, b'kont meħud tar-riport mhux awtomatiku ta' approprjazzjonijiet ta' impenn relatati ma' kompiti/sistemi ġodda;
- 99.3 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport 'il quddiem tan-nefqa amministrattiva għall-2020.

| **Approprjazzjonijiet ta' impenn** (f'miljuni ta' EUR) | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **implimentazzjoni tal-baġit tal-2019 mill-31/12/2019** | | | **Implimentazzjoni tal-baġit b'riport permezz ta' deċiżjoni** | |
| baġit finali adottat tal-2019 | impenji eżegwiti | % implimentati | riport mhux awtomatiku | % implimentati b'kunsiderazzjoni tar-riport mhux awtomatiku |
| **288.403** | **128.370** | **44.5 %** | **159.076** | **99.7 %** |

# 3.2 Il-programmazzjoni tar-riżorsi għas-snin 2021-2023

## 3.2.1 Ir-riżorsi finanzjarji

Is-snin 2021 sa 2023 se jkunu l-ewwel tliet snin taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, li fil-mument tal-abbozzar ta' dan id-dokument għad irid jiġi adottat mill-awtoritajiet baġitarji.

L-istimi tal-Aġenzija jindikaw quċċata fil-ħtiġijiet fis-snin 2021 u 2022, minħabba l-iżviluppi li għaddejjin għall-kompiti l-ġodda fdati lill-Aġenzija (eż. EES/ETIAS/Interoperabbiltà).

L-Anness I jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar in-nefqa operazzjonali skont is-sistema, kif previst fl-SPD 2021, u l-ippjanar pluriennali u l-ġustifikazzjoni tal-baġit. L-Anness II fih tqassim tal-baġit skont l-istruttura baġitarja tal-Aġenzija, bl-infiq operazzjonali jkunu raggruppati għal kull sistema.

## 3.2.2 Riżorsi umani

It-tabella 6 tippreżenta l-persunal meħtieġ għas-sistemi l-ġodda kif inklużi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi (LFS) rilevanti għar-regolamenti adottati fis-snin 2017–2019 u dawk ippjanati għall-adozzjoni fis-snin 2020–2021. Barra minn hekk, dawn huma kkumplimentati mit-tweġiba tal-Aġenzija għal talba biex jiġi indikat il-persunal addizzjonali meħtieġ biex iwettaq kompiti ta' natura orizzontali, jew għat-tħejjija tal-estensjoni tal-bini għall-bini tal-Aġenzija.

L-ippjanar tal-Aġenzija ħa kont tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni kif deskritta fil-Komunikazzjoni[24] tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, "Programmar tar-riżorsi umani u finanzjarji għall-aġenziji deċentralizzati 2014-2020", li jirrigwarda ċ-ċifri tal-pjan ta' stabbiliment. It-tnaqqis kollu tal-persunal mistenni fil-Komunikazzjoni ġie implimentat sa tmiem l-2018.

TABELLA 6. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PERSUNAL GĦALL-2021–2023

| **Elementi** | **2021** | | | | **2022** | | | | **2023** | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **TA** | **CA** | **SNE** | **persunal totali** | **TA** | **CA** | **SNE** | **persunal totali** | **TA** | **CA** | **SNE** | **persunal totali** |
| Persunal ta' referenza kif definit fir-Regolament tat-Twaqqif il-ġdid | 113 | 30 | 9 | **152** | 113 | 30 | 9 | **152** | 113 | 30 | 9 | **152** |
| LFS dwar l-EES | 32 | | | **32** | 32 | | | **32** | 32 | | | **32** |
| LFS dwar l-Eurodac, soġġett għall-adozzjoni tal-istrument legali | 2 | | | **2** | 2 | | | **2** | 2 | | | **2** |

[24] COM (2013) 519 final tal-10 ta' Lulju 2013 ipprevediet tnaqqis fil-persunal fl-għadd ta' Aġenti Temporanji li jirriżulta fil-livelli tal-persunal li ġejjin: 120 TAs fl-2015, segwiti minn 118-il TA fl-2016, 115-il TA fl-2017 u tnaqqis sa 113-il TA fis-snin 2018–2020.

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LFS dwar l-ETIAS | 7 | 35 | | **42** | 7 | 35 | | **42** | 7 | 35 | | **42** |
| LFS dwar il-Fruntieri/LE tas-SIS II u ritorni tas-SIS II | | 4 | | **4** | | 4 | | **4** | | 4 | | **4** |
| LFS dwar il-Bidla tar-Regolament ta' twaqqif - persunal addizzjonali | 23 | 27 | 2 | **52** | 23 | 27 | 2 | **52** | 23 | 27 | 2 | **52** |
| LFS dwar l-Interoperabbiltà | 31.5 | 26.5 | | **58** | 31.5 | 36.5 | | **68** | 30.5 | 34.5 | | **65** |
| LFS dwar l-ECRIS | | 5 | | **5** | | 5 | | **5** | | 5 | | **5** |
| LFS dwar ir-riformulazzjoni tal-VIS | 4 | 5 | | **9** | 6 | 7 | | **13** | 6 | 6 | | **12** |
| **Subtotal** | **212.5** | **132.5** | **11** | **356** | **214.5** | **144.5** | **11** | **370** | **213.5** | **141.5** | **11** | **366** |
| PD 2021–2023 talba għal persunal addizzjonali tal-eu-LISA | | 11 | 3 | **14** | | 11 | 3 | **14** | | 11 | 3 | **14** |
| **Total** | **212.5** | **143.5** | **14** | **370** | **214.5** | **155.5** | **14** | **384** | **213.5** | **152.5** | **14** | **380** |

Żviluppi sussegwenti, b'rabta mal-mandat estiż u l-bqija, se jirriżultaw f'żieda fil-pjan ta' stabbiliment fl-2021 b' 10.5 karigi ta' TA, 32.5 karigi ta' CA - jekk it-talba tal-Aġenzija tiġi approvata (jew b'21.5 karigi ta' CA jekk ma tiġix approvata) - u 3 karigi ta' SNE (jekk it-talba tal-Aġenzija tiġi approvata), meta mqabbla mal-2020.

**Il-prospettiva tar-riżorsi matul is-snin 2021-2023**

L-enfasi ewlenija, għar-riżorsi umani tal-eu-LISA, se tkompli tgħaqqad approċċ regolari u flessibbli lejn l-iżvilupp tar-riżorsi umani interni, ma' approċċ ta' esternalizzazzjoni kull fejn dan ikollu valur miżjud għall-kisba tal-objettivi tal-Aġenzija fis-snin 2021–2023.

Iċ-ċifri tal-ippjanar għar-riżorsi umani tal-Aġenzija jinsabu fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness III li jipprovdi l-ippjanar tal-persunal għad-durata tal-pjan pluriennali: 2021-2023. Filwaqt li fit-taqsimiet li ġejjin, l-enfasi hija fuq id-dettalji tal-ħtiġijiet tal-persunal tal-Aġenzija.

a) **Kompiti ġodda**

L-Aġenzija ngħatat mandat b'kompiti ġodda fis-snin 2018–2019. Peress li mhumiex meqjusa bħala kompiti ġodda fil-perspettiva tal-2021–2023, dawn huma deskritti fil-punt li jmiss. L-eu-LISA hija lesta li tieħu r-responsabbiltà mill-iżvilupp u t-tmexxija operazzjonali tas-sistemi l-ġodda jekk dan jiġi deċiż mil-leġiżlatura.

b) **It-tkabbir tal-kompiti eżistenti**

Bl-adozzjoni tar-Regolament tat-Twaqqif rivedut tal-Aġenzija, u r-regolamenti dwar l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi Ewropej (li fis-snin 2021–2023 jenħtieġ li jilħqu l-ogħla livell ta' żvilupp tagħhom jew, bħal fil-każ tal-EES, isiru operazzjonali), il-kompiti tal-Aġenzija qed jiżdiedu fil-kamp ta' applikazzjoni. Għaldaqstant, ingħaqad persunal addizzjonali mal-eu-LISA biex jibni l-kapaċità tagħha biex twettaq il-kompiti tagħha.

Minbarra dan ta' hawn fuq, l-ippjanar għall-2021–2023 jinkludi riżorsi umani addizzjonali[25] biex ikopru oqsma ta' ħidma jew attivitajiet, biex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju jew il-backup għal proġetti u attivitajiet li għalihom ma hemmx biżżejjed riżorsi interni biex jiġi allokat xogħol li ma jistax jiġi esternalizzat. Jenħtieġ li jiġi nnotat li kull wieħed mill-profili elenkati se jkun involut f'aktar minn attività jew proġett wieħed, u li ġew identifikati wara li r-riżorsi umani interni kollha ġew eżawriti għal involviment dirett jew indirett fl-attività jew fil-proġett rilevanti.

[25] Soġġett għall-adozzjoni tal-pjan ta' stabbiliment u l-abbozz tal-baġit għall-2021.

Huwa mistenni li fl-2021–2022 l-Aġenzija se tiffaċċja l-fażi l-aktar intensa tagħha f'termini ta' tkabbir u l-eżekuzzjoni tagħha ta' attivitajiet ewlenin matul l-implimentazzjoni ta' kompiti mibdija fil-passat, li setgħu ma kellhomx persunal sħiħ. Dan jinkludi t-tħejjija tal-proġetti l-ġodda (pereżempju relatati mal-implimentazzjoni tal-Infrastruttura Kondiviża Komuni, il-bini ta' sit ġdid fi Strasburgu, it-tisħiħ tal-IT korporattiva tal-eu-LISA, l-introduzzjoni tal-ġestjoni tal-għarfien, eċċ.) u l-koordinazzjoni meħtieġa bejniethom.

Hija meħtieġa attenzjoni partikolari għall-proġett ta' kostruzzjoni tal-bini l-ġdid fis-sit ta' Strasburgu (it-"tieni estensjoni")[26] biex jiġi akkomodat persunal addizzjonali fl-Aġenzija u biex jiġi pprovdut spazju għall-kuntratturi li l-eu-LISA tikkoopera magħhom ta' kuljum, għal faċilitajiet ta' taħriġ u laqgħat, eċċ. It-tagħlimiet meħuda mill-ewwel proġett ta' kostruzzjoni juru l-ħtieġa għal riżorsi interni adegwati għall-ġestjoni u l-monitoraġġ ta' din l-impriża mill-Aġenzija, minkejja kwalunkwe appoġġ li se jiġi pprovdut mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-konsulenza. L-Aġenzija jenħtieġ li tkun tista' tevita s-sottovalutazzjoni sinifikanti tal-isforz meħtieġ għal tali proġett ta' kostruzzjoni, it-titjib bil-mod tat-tim tal-proġett, u taħlita subottimali ta' kompetenzi u esperjenza meħtieġa fit-tim tal-proġett kif esperjenzat bl-ewwel estensjoni, jekk ir-riżorsi umani addizzjonali bil-kompetenzi rilevanti jsiru disponibbli.

[26] Ittra mill-President tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA lill-President tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' April 2019.

It-Tabella 7 tippreżenta l-ħtiġijiet u l-ġustifikazzjoni tagħhom wara analiżi ta' liema minn dawn il-karigi jistgħu jiġu esternalizzati. Il-profili elenkati ma jistgħux jiġu esternalizzati minħabba l-involviment tagħhom fil-ħidma fuq is-sistemi tal-IT fl-ambjent tal-produzzjoni, fil-ġestjoni finanzjarja, jew minħabba l-kontinwità tan-negozju, is-sensittività tal-informazzjoni indirizzata, jew l-għarfien tar-regoli tal-UE meħtieġ fil-każ ta' funzjonijiet orizzontali.

TABELLA 7. PERSUNAL ADDIZZJONALI MITLUB FL-2021 GĦAL ATTIVITAJIET ORIZZONTALI U OPERAZZJONALI

| Unità | Profil ta' persunal addizzjonali | Ġustifikazzjoni | Grupp ta' funzjoni | Numru ta' persunal addizzjonali 2021 | Numru ta' persunal addizzjonali 2022 | Numru ta' persunal addizzjonali 2023 | Kumulattiv 2021-2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ED | SNE fl-Uffiċċju ta' Kollegament | It-talba għal din il-kariga tressqet lill-MB f'Marzu 2019 minħabba żieda fl-ammont ta' xogħol. Il-persunal tal-Uffiċċju ta' Kollegament (attwalment 2 CAs) għandu u se jkollu jattendi aktar laqgħat u jorganizza aktar avvenimenti f'livell għoli. Għal skopijiet ta' reklutaġġ, kariga fl-Unità tas-Sigurtà ġiet assenjata mill-ġdid temporanjament għal dan il-għan. Madankollu, din jenħtieġ li tiġi rritornata u, għalhekk, qed tintalab kariga addizzjonali. | SNE | 1 | 1 | 1 | 1 |
| SCU | Espert tas-Sigurtà Protettiva fi Strasburgu | Fid-dawl tal-proġett il-ġdid ta' estensjoni tas-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu (inkluż is-sit temporanju) u ż-żieda fil-livell ta' theddid fi Franza, hija meħtieġa kariga addizzjonali tal-SNE fl-Unità tas-Sigurtà. Din il-kariga tappoġġa l-ġestjoni tal-attivitajiet ta' sigurtà fiżika ta' kuljum tal-Aġenzija biex jiġi żgurat li l-persunal attwali tat-TA jkun jista' jiffoka fuq il-prijoritajiet maqbula ta' livell ogħla relatati mal-bini il-ġdid attwali (litigazzjoni) u proġetti ġodda ta' bini. Din il-kariga ġiet mitluba fil-PD 2020 u fil-MB f'Marzu 2019. | SNE | 1 | 1 | 1 | 1 |
| ED | SNE fl-EPMO | It-talba għal din il-kariga tressqet lill-MB f'Marzu 2019 minħabba l-bidla fl-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA u l-iżviluppi fil-qasam tal-ġestjoni tal-proġetti. | SNE | 1 | 1 | 1 | 1 |
| SCU/IMU | Amministratur tal-Appoġġ Operazzjonali (Sigurtà) | Dawn ir-riżorsi huma meħtieġa għall-ġestjoni tat-TAPs tal-infrastruttura l-ġdida ta' komunikazzjoni. Biex jitjieb is-saff ta' sigurtà tal-kriptaġġ u l-monitoraġġ tas-sigurtà. Minħabba n-natura tax-xogħol, dan jenħtieġ li ma jiġix esternalizzat. | FG III | 1 | 1 | 1 | 1 |
| GCU | Uffiċjal tal-Ippjanar - Ġestjoni tal-Prestazzjoni Korporattiva | Din il-kariga hija meħtieġa b'mod kritiku biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għar-rieżami, l-aġġornament u ż-żamma tas-sett ta' KPIs korporattivi, l-istabbiliment u ż-żamma ta' sistema għall-valutazzjoni tal-effiċjenza organizzazzjonali inklużi l-KPIs rilevanti (kif mitlub mill-COM), għat-tfassil u ż-żamma tat-tabelli tar-riżultati bbilanċjati kif ukoll għall-kejl u r-rappurtar tal-prestazzjoni korporattiva. Barra minn hekk, il-kariga hija meħtieġa biex jiġu implimentati r-rekwiżiti estiżi b'mod sostanzjali tal-Artikolu 32 tal-FFR, li l-Aġenzija hija obbligata ssegwi peress li hija parti mir-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija. Barra minn hekk, il-kariga se tintuża biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' strateġiji u politiki kollaterali, relatati mal-ġestjoni korporattiva, u t- | FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |

| Unità | Profil ta' persunal addizzjonali | Ġustifikazzjoni | Grupp ta' funzjoni | Numru ta' persunal addizzjonali 2021 | Numru ta' persunal addizzjonali 2022 | Numru ta' persunal addizzjonali 2023 | Kumulattiv 2021-2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | trasferiment ta' strateġiji korporattivi fi programmi u portafolli. Bħalissa, minħabba nuqqas ta' din ir-riżorsa speċifika, l-Aġenzija mhijiex f'pożizzjoni li tkejjel il-prestazzjoni tagħha b'mod sostenibbli u affidabbli u tirrapporta dwarha. | | | | | |
| ESU | Assistent fil-Governanza - Bord tat-Tmexxija | Hija meħtieġa kariga addizzjonali biex tkopri l-korpi governattivi tal-interoperabbiltà u l-ECRIS-TCN. CA FG IV F'konformità mar-regolamenti dwar l-Interoperabbiltà u l-ECRIS TCN, il-korpi ta' governanza l-ġodda tal-Aġenzija se jorganizzaw l-għadd ta' laqgħat li ġej fis-sena:<br>- Interoperabbiltà bil-PMB: mill-inqas 12<br>- Interoperabbiltà bil-AG: regolarment (madwar 12 fis-sena)<br>- ECRIS TCN PMB: mill-inqas 4<br>- ECRIS TCN AG: mill-inqas 12<br>Għall-gruppi l-ġodda, mill-inqas 2 membri tal-persunal addizzjonali huma meħtieġa biex ikopru l-organizzazzjoni tal-laqgħat (inklużi t-trasport, l-akkomodazzjoni, il-faċilitajiet, eċċ.), il-koordinazzjoni tad-dokumenti tas-seduta u l-komunikazzjoni regolari mal-membri tal-gruppi.<br>Minbarra n-natura tal-kariga, hemm limitazzjonijiet serji relatati mal-baġit għall-missjonijiet interni u għalhekk, il-kompiti jistgħu jiġu ġestiti biss mill-persunal statutorju. | FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| ESU | Assistent għall-Kap tal-Unità | Din il-kariga nħolqot fl-2016 biex tikkumpensa għal tnaqqis fil-persunal wara perjodu ta' esternalizzazzjoni tagħha. Il-kuntratt ta' impjieg attwali se jiġi estiż. Għalhekk, din il-kariga teħtieġ rikonoxximent u awtorizzazzjoni baġitarja. L-esperjenza wriet li dan l-impjieg jenħtieġ li ma jiġix esternalizzat jekk ikun possibbli. | FG III | 1 | 1 | 1 | 1 |
| ACCO | Assistent tal-kontabilità | Il-kontinwità tan-negozju hija t-tħassib ewlieni għat-talba ta' kariga addizzjonali, kif ukoll żieda fl-ammont ta' xogħol. Il-mandat estiż tal-Aġenzija jirriżulta f'għadd dejjem jikber ta' tranżazzjonijiet li jeħtieġ li jiġu ċċertifikati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità (ACCO), li qed jaħdem mingħajr sostitut. Ir-Regolament Finanzjarju jistipula li d-delega tal-kompiti tal-ACCO hija possibbli biss għall-persunal full-time, immaniġġjat mill-ACCO. Mingħajr l-appoġġ amministrattiv ta' kuljum, l-ACCO ma jkunx jista' jipprovdi kopertura ta' servizzi kontabilistiċi fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu. | FG III | 1 | 1 | 1 | 1 |
| FPU | Uffiċjal għall-Konformità | Kontroll intern, proċeduri, awditi relatati mal-finanzi u l-akkwist. | FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| CSU | Assistent tal-Faċilità | Il-kariga hija meħtieġa għat-tieni estensjoni fil-proġett SXB, fuq medda qasira ta' żmien, għall-2021-2025. | FG III | 1 | 1 | 1 | 1 |

| Unità | Profil ta' persunal addizzjonali | Ġustifikazzjoni | Grupp ta' funzjoni | Numru ta' persunal addizzjonali 2021 | Numru ta' persunal addizzjonali 2022 | Numru ta' persunal addizzjonali 2023 | Kumulattiv 2021-2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| CSU | Maniġer tal-Proġett | Il-kariga hija meħtieġa għat-tieni estensjoni fil-proġett SXB, fuq medda qasira ta' żmien, għall-2021-2025. Il-kwalifiki speċjalizzati huma meħtieġa għas-suċċess tal-proġett u biex jittaffew ir-riskji identifikati. | FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| CSU | Assistent tas-Sigurtà | Il-kariga hija meħtieġa għat-tieni estensjoni fil-proġett SXB, fuq medda qasira ta' żmien, għall-2021-2025. Dan se jappoġġa u jservi l-monitoraġġ tas-sigurtà fil-bini temporanju li għandu jintuża matul il-proġett. | FG III | 1 | 1 | 1 | 1 |
| CSU | Uffiċjal tal-ICT | Il-kariga hija meħtieġa għall-bini l-ġdid, fuq medda qasira ta' żmien, 2021-2025. Dan se jappoġġa l-persunal u jservi l-monitoraġġ tal-infrastruttura tal-ICT fil-bini temporanju li għandu jintuża matul il-proġett. | FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| GCU | Uffiċjal tal-Ippjanar-Governanza Korporattiva | Din il-kariga hija meħtieġa b'mod kritiku biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti estiżi għall-implimentazzjoni ta' Qafas ta' Kontroll Intern fl-eu-LISA. Il-membru tal-persunal se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' kontroll intern u l-istabbiliment ta' struttura organizzazzjonali u sistema ta' kontroll intern li tkun f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi adottati mill-Bord tat-Tmexxija kif elenkati fl-Anness 1 għad-Deċiżjoni Nru 2019-042 tiegħu. Il-membru tal-persunal se jikkontribwixxi b'mod attiv għall-ġbir, l-analiżi u r-rappurtar ta' *data* organizzazzjonali abbażi tal-Kriterji ta' Monitoraġġ tal-Kontroll Intern (inklużi l-indikaturi tal-prestazzjoni u l-linji bażi) għal kull prinċipju u karatteristika tal-kontroll intern; u se jikkoordina l-isforzi istituzzjonali relatati mar-rieżami u l-aġġornamenti regolari tal-Kriterji ta' Monitoraġġ. Il-membru tal-persunal se jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-attivitajiet istituzzjonali relatati mal-ġestjoni tal-kwalità, inklużi l-proċessi relatati mal-awtovalutazzjoni tas-CAF. | FGIV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| **TOTAL : 6 FG IV + 5 FG III+ 3 SNE** | | | | **14** | **14** | **14** | **14** |

## c) It-titjib fl-effiċjenza

Għalkemm l-Aġenzija ngħatat persunal addizzjonali biex twettaq kompiti ġodda fis-snin 2018–2019 u 25 kariga minn 45 mitluba għall-internalizzazzjoni fl-2017 ġew internalizzati fl-2019, bl-adozzjoni tar-Regolament tat-Twaqqif il-ġdid tal-eu-LISA, hemm distakk kontinwu bejn ir-riżorsi umani disponibbli u l-ħtieġa għal persunal addizzjonali biex iwettaq ix-xogħol.

Sadanittant, ġew identifikati u adottati miżuri li jindirizzaw il-lakuni (bejn ir-riżorsi umani disponibbli u l-objettivi li għandhom jinkisbu mill-Aġenzija). Dawn il-miżuri jinkludu l-użu ta' fornituri tas-servizzi esterni mill-eu-LISA biex tkopri l-lakuni fl-IT u fl-impjiegi amministrattivi, li jistgħu jiġu esternalizzati jew fejn ma kien hemm l-ebda soluzzjoni oħra possibbli. Din l-informazzjoni hija ppreżentata kull sena fir-Rapporti ta' Attività Annwali Korporattivi tal-eu-LISA dwar il-kisba tal-objettivi u fil-preżentazzjoni tar-riżultati tal-eżerċizzju ta' parametraġġ referenzjarju. Jenħtieġ li jiġi ċċarat li kwalunkwe titjib fl-effiċjenza miksub permezz ta' titjib fil-proċessi tax-xogħol jiġi kkumpensat minnufih b'kompiti jew talbiet ġodda li jiġu indirizzati lill-Aġenzija, u dawk

miksuba bl-implimentazzjoni ta' għodod ġodda għandhom effett indirett li jirrikjedu kwalifiki addizzjonali jew ġodda, spiss imsarrfa f'persunal addizzjonali. Mingħajr metodoloġija maqbula b'mod komuni (ġdida) għar-riżultati tal-parametri referenzjarji, l-allokazzjoni tal-FTEs matul proċess ta' ppjanar ta' proġett jew attività u l-kumpens għas-sahra jibqgħu s-sorsi ta' referenza ewlenin. Bħalissa, l-allokazzjoni tax-xogħol issir permezz ta' għodda tal-PD għall-ippjanar tar-riżorsi. L-EPMO jinsab fil-proċess li jakkwista għodda għall-ippjanar u l-monitoraġġ tal-proġetti. Fl-2019, għall-ippjanar tal-ETIAS, intuża servizz ta' konsulenza biex jidentifika d-distakk bejn il-profili eżistenti u dawk meħtieġa.

Ir-reklutaġġ tal-persunal addizzjonali approvat għall-eu-LISA fl-2019 u fl-2020, taħt ir-Regolamenti l-ġodda fl-aħħar tal-2018, kien ta' sfida minħabba l-kamp ta' applikazzjoni (l-għadd ta' karigi u l-profili speċifiċi), iż-żmien u l-involviment tar-riżorsi umani eżistenti tal-Aġenzija. Huwa mistenni xi titjib fl-effiċjenza fil-proċess ta' reklutaġġ fl-2020 u l-2021 meta se jkun possibbli li jintużaw il-listi ta' riżerva maħluqa matul il-proċeduri tal-għażla mwettqa fl-2019 sabiex jimtlew il-karigi mogħtija fl-2020 u fl-2021. Dan sar bl-implimentazzjoni tal-għodda tar-Reklutaġġ elettroniku (l-ewwel fażi).

Fl-2019, bidla fl-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA li nbdiet f'Novembru 2017[27] laħqet l-istadju importanti li tiġi implimentata formalment. Qed jiġi żviluppat mudell operazzjonali ġdid biex jiffaċilita l-ħidma fuq attivitajiet u proġetti differenti u biex jindirizza l-isfidi ta':

a) il-mandat legali estiż b'mod sinifikanti tal-Aġenzija mir-Regolament tat-Twaqqif rivedut u inizjattivi ġodda bħall-ETIAS, l-EES, l-ECRIS_TCN u l-interoperabbiltà, li jpoġġu domandi ogħla fuq l-Aġenzija biex tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE, biex tikkontribwixxi u tieħu ħsieb l-akkwist, id-disinn, l-implimentazzjoni u l-operazzjonijiet tal-elementi ċentrali ta' dawn is-sistemi ġodda, u biex tipprovdi appoġġ lill-klijenti ta' dawn is-sistemi;
b) iż-żieda sinifikanti fil-persunal li titlob bidla fil-mudell operazzjonali eżistenti;
c) l-aġġustament tal-istruttura organizzazzjonali biex tagħmilha robusta u skalabbli biex tindirizza l-għadd dejjem jikber ta' sistemi ġestiti, u tippermettilha tkompli tipprovdi operazzjonijiet ewlenin fl-istess livelli jew f'livelli aħjar.

Fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet, organizzazzjoni ġerarkika ġiet sostitwita b'approċċ aktar trasversali, li fih l-Unitajiet jassumu skop amministrattiv u l-ħidma fuq is-sistemi hija bbażata fuq il-proċessi ta' ġestjoni tal-proġetti u tal-prodott. Ġie introdott mudell ta' ħidma ġdid fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet – il-mudell Plan-Build-Run — ibbażat fuq l-aħjar prattiki u fuq l-għoti ta' benefiċċji lill-Aġenzija. Inħolqu entitajiet funzjonali formali ġodda biex jippermettu approċċ aktar sistematiku u aktar effiċjenti biex jiġu ssodisfati l-funzjonijiet meħtieġa.

Fil-Kwartieri Ġenerali f'Tallinn, setturi ġodda fl-unitajiet eżistenti u l-ħolqien ta' unità ġdida u Dipartiment ġdid se jtejbu l-iskambju ta' informazzjoni u jeħilsu lill-maniġers diretti minn xi dmirijiet amministrattivi, u b'hekk jikkontribwixxu għall-effiċjenza amministrattiva.

L-eżerċizzju ta' riorganizzazzjoni kien jinkludi analiżi tar-riżorsi eżistenti, l-aħjar allokazzjoni tagħhom u l-persunal addizzjonali. L-istruttura organizzazzjonali l-ġdida tal-Aġenzija hija eżitu ta' dan l-eżerċizzju li għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza organizzazzjonali.

Inkiseb xi titjib ulterjuri fl-effiċjenza u jenħtieġ li jidher fuq terminu twil billi tibda l-ħidma fuq l-awtomatizzazzjoni u, fejn possibbli, is-simplifikazzjoni tal-proċessi interni, speċjalment f'kompiti amministrattivi u l-ġestjoni tal-prestazzjoni, bħat-twaqqif tal-objettivi, fluss tax-xogħol tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, il-ġestjoni tal-liv, ir-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-ħin tax-xogħol tal-persunal tal-Aġenzija, il-

[27] Dokument ta' diskussjoni dwar l-istruttura organizzazzjonali l-ġdida proposta tal-Aġenzija, ref. tad-dokument 2018–043 u Pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-istruttura organizzazzjonali l-ġdida tal-Aġenzija, referenza tad-dokument 2018–126.

ġestjoni tad-dokumenti, eċċ. Madankollu, l-esperjenza turi [28] li l-personalizzazzjoni jew l-iżvilupp tas-soluzzjonijiet tal-IT jeħtieġu sforzi akbar sabiex jitħejjew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u sabiex jiġu ttestjati s-soluzzjonijiet proposti. Għalhekk, għal fażi ta' żvilupp tal-għodod tal-IT, huwa meħtieġ xi appoġġ addizzjonali f'termini ta' riżorsi umani, u l-effiċjenzi mistennija se jidhru madwar sentejn jew tlieta wara li s-soluzzjonijiet jiġu implimentati bis-sħiħ.

Bidla fl-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija, distribuzzjoni ta' karigi u profili u r-reviżjoni tal-proċess ta' ppjanar tagħha jenħtieġ li jirriżultaw f'effiċjenzi fuq perjodu ta' sentejn sa tliet snin.

a) **Prijoritajiet negattivi/Tnaqqis tal-kompiti eżistenti**

Ma hemm l-ebda prijorità negattiva prevista mill-Aġenzija fil-futur qasir prevedibbli. Madankollu, fiż-żmien tal-abbozzar ta' dan id-dokument, ma jistax jiġi eskluż li l-assorbiment tal-kompiti addizzjonali ta' prijorità għolja allokati lill-Aġenzija jista' potenzjalment jirriżulta fil-ħtieġa li jiġu rieżaminati l-attivitajiet ippjanati fl-SPD 2021-2023, speċjalment fil-każ ta' nuqqas jew dewmien fil-forniment tar-riżorsi kollha meħtieġa, kemm jekk ikunu riżorsi finanzjarji kif ukoll jekk ikunu riżorsi umani.

b) **Tnedija mill-ġdid tar-riżorsi fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji**

Fil-ħin tal-abbozzar ta' dan id-dokument, għaddejjin ħafna inizjattivi sabiex jittejbu u jkomplu jiġu avvanzati l-operazzjonijiet tal-Aġenzija.

L-inizjattiva ewlenija kienet il-bidla fl-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija, immirata lejn żvilupp aktar sostenibbli tal-organizzazzjoni fis-snin li ġejjin. Din il-bidla rriżultat mhux biss fil-ħolqien ta' setturi, ta' unitajiet jew ta' dipartimenti ġodda sabiex jakkomodaw il-persunal addizzjonali approvat għall-eu-LISA għas-snin 2019 u 2020. Din appellat ukoll għal rieżami tal-impjiegi, il-profili, u l-kompetenzi fis-seħħ u dawk li għadhom meħtieġa. Filwaqt li għadd ta' karigi u profili ġew approvati għall-eu-LISA, it-talbiet għal aktar persunal addizzjonali, b'mod partikolari għall-profili orizzontali fl-2018, fl-2019 u għall-2020, ma ġewx approvati matul l-adozzjoni tal-estimi tal-baġit annwali rispettivi. Dan qed joħloq lakuni fir-riżorsi f'ċerti oqsma.

Matul ir-riorganizzazzjoni, inbidlu għadd ta' profili meta mqabbla mal-lista ta' profili fl-ippjanar inizjali wara analiżi tal-kompetenzi meħtieġa u l-kompetenzi disponibbli fost il-persunal eżistenti tal-Aġenzija. Matul dan l-eżerċizzju, fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet biss, 29 aġent ġew offruti opportunitajiet biex jiġu assenjati mill-ġdid għal kompiti ġodda, jew, wara proċess ta' għażla, għal rwol ġdid jew funzjoni ġdida. Fl-Unità tar-Riżorsi Umani, bħala parti mill-bidla fl-istruttura organizzazzjonali, inħolqu żewġ setturi u tim ta' reklutaġġ u l-kompiti ġew assenjati mill-ġdid biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti għas-sena.

Xi karigi addizzjonali ġew allokati lil unità jew dipartiment differenti minn dak ippjanat inizjalment biex jiġu koperti l-lakuni ewlenin li jirriżultaw min-nuqqas ta' persunal dedikat fl-unità jew fid-dipartiment ta' destinazzjoni. Pereżempju, 9 karigi inizjalment ippjanati fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet għall-Interoperabbiltà ġew allokati lill-Unità tas-Servizzi Korporattivi, id-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, l-Unità tar-Riżorsi Umani, l-Unità tal-Finanzi u l-Akkwist u lill-Unità tal-Governanza u l-Kapaċitajiet. L-effetti ta' din ir-riorganizzazzjoni se jkunu viżibbli meta l-proċess ta' reklutaġġ jiġi konkluż.

Dawn il-bidliet numeriċi fil-pjan ta' stabbiliment, ir-riżorsi umani tal-eu-LISA u l-evoluzzjoni tagħhom matul is-snin, inklużi l-pjanijiet futuri għall-2021-2023, huma riflessi fit-Tabelli 1 u 2 fl-Anness III. L-istruttura organizzazzjonali l-ġdida tal-Aġenzija hija ppreżentata fl-Anness X.

---

[28] Pereżempju, proġett pilota għall-aġenziji tal-UE dwar il-konnessjoni ma' Sysper, li fih tipparteċipa l-eu-LISA, tnieda fl-2017 u kien ippjanat għal sentejn biex jiġu implimentati l-moduli bażiċi u għal sena sa sentejn oħra għall-moduli addizzjonali. Dan għadu fil-fażi tat-trasferiment tad-*data* u tat-testijiet tal-aċċettazzjoni tal-utenti fi tmiem it-tielet sena. L-isforz għall-implimentazzjoni u l-iskeda ta' żmien tal-proġett kien issottovalutat mill-KUMM. Dan għandu impatt dirett fuq l-effiċjenza tal-ħidma fil-qasam tal-HR li taffettwa lill-Aġenzija kollha u b'mod partikolari l-persunal tal-HRU. Tħassib simili ġie espress minn aġenziji oħra.

# Taqsima III Programm ta' Ħidma għall-2021

# 1. Sommarju eżekuttiv

Ir-rwol tal-eu-LISA se jkompli jikber matul it-trasformazzjoni diġitali li għaddejja fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fis-snin li ġejjin. L-2021 se ġġib magħha għadd kbir ta' implimentazzjonijiet importanti u kumplessi, ippjanati u mwettqa f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-Istati Membri, li l-kontributi tagħhom se jikbru b'mod simultanju wkoll. Is-sistemi l-ġodda (l-EES, l-ECRIS-TCN, l-ETIAS, il-komponenti tal-interoperabbiltà) se jkunu fil-modalità ta' implimentazzjoni sħiħa u wara l-implimentazzjonijiet, ir-rwol tal-Aġenzija huwa li żżomm u tiżviluppa s-sistemi eżistenti taħt il-mandat tagħha.

Huwa essenzjali li matul l-implimentazzjoni tal-kompiti tagħha għall-2021, l-Aġenzija ssegwi r-rekwiżiti applikabbli kollha tal-protezzjoni tad-*data*, b'mod partikolari peress li l-Aġenzija qed topera sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam sensittiv tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Dan huwa rekwiżit legali li huwa rikonoxxut bis-sħiħ fir-Regolament (UE) 2018/1726 u fl-istrumenti legali tal-Unjoni dwar is-sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-interoperabbiltà. Konsegwentement, l-attivitajiet kollha f'dan id-dokument uniku ta' programmazzjoni se jiġu implimentati bil-għan li jiżdied il-valur (fejn applikabbli) fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*.

F'din it-taqsima li jmiss, huma stabbiliti l-attivitajiet (operazzjonali u orizzontali) li l-Aġenzija għandha l-għan li timplimenta fl-2021. Dawn huma bbażati fuq il-kuntest politiku u operazzjonali spjegat hawn fuq u fuq prijoritajiet interni maqbula għall-2021.

## *It-tmexxija operazzjonali u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi eżistenti*

Matul l-2021, l-Aġenzija se tibqa' ffukata fuq il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi ewlenin fdati lilha, u se tiżgura li l-utenti tal-Istati Membri jirċievu servizzi effiċjenti u affidabbli skont ir-rekwiżiti legali. Il-manutenzjoni obbligatorja fi ħdan il-kuntratt qafas tal-Infrastruttura Kondiviża Komuni se tkompli wkoll.
Se tiġi żviluppata u standardizzata dokumentazzjoni teknika li tkun affidabbli u faċli għall-utent (faċli biex tiġi ċċekkjata, faċli biex tiġi rieżaminata u strutturata).
Il-liċenzji użati fl-eu-LISA se jinżammu u jiġu ġestiti f'konformità mal-FLS meħtieġa mis-Sistemi Ewlenin tan-Negozju differenti.

Sabiex tiżgura servizz bla interruzzjoni, l-Aġenzija se tkompli topera, tiġġestixxi u żżomm iċ-ċentru tad-*data* ta' backup u s-sit tekniku ta' backup f'St. Johann im Pongau.

It-titjib fil-ġestjoni taċ-Ċiklu tal-ħajja tal-Applikazzjoni (ALM) se jiżgura l-kontinwità u l-funzjonament xieraq tal-pjattaforma ALM li qed tappoġġa l-ġestjoni tal-applikazzjonijiet (testijiet, rilaxx, manutenzjoni, eċċ.).

Fil-qosor, l-attivitajiet tal-2021 relatati mat-tmexxija operazzjonali, (ara d-dettalji hawn taħti fil-Kapitolu 2), huma kif ġej:

- Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu
    - 2.1.1.1 Eurodac – Manutenzjoni tad-DubliNet
    - 2.1.1.2 Manutenzjoni tal-VIS/BMS
    - 2.1.1.3 Manutenzjoni tas-SIS
    - 2.1.1.4 Manutenzjoni tal-AFIS tas-SIS
    - 2.1.1.5 Appoġġ tas-SIS lill-Istati Membri
    - 2.1.1.6 Evoluzzjonijiet mhux ippjanati tas-SIS
    - 2.1.1.7 Manutenzjoni tal-EES
    - 2.1.1.8 Manutenzjoni tas-CSI
    - 2.1.1.9 Tmexxija operazzjonali/koordinazzjoni tal-ġestjoni ta' kuljum tas-sistema u kompiti kondiviżi

- 2.1.1.10 Kontinwità tal-arkitettura tal-intrapriża - L-istabbiliment ta' arkitettura tal-interoperabbiltà
- 2.1.1.11. Attivitajiet Operazzjonali u Evoluzzjonijiet / Titjib tas-CU u l-BCU
- 2.1.1.12 Attivitajiet ta' ġestjoni tar-rilaxxi u tat-tnedijiet
- 2.1.1.13 Ġestjoni tal-liċenzji
- 2.1.1.14 Ġestjoni tal-operat ta' kuljum tal-Unità Ċentrali ta' Backup (BCU)
- 2.1.1.15 Appoġġ tal-ewwel livell ta' 24/7 għat-tmexxija operazzjonali tas-sistemi - Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA
- 2.1.2.1 Titjib fil-ġestjoni taċ-Ċiklu tal-ħajja tal-Applikazzjoni
- 2.1.2.2 Appoġġ tal-Pjattaforma ta' ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni

L-2021 se tkun l-aħħar sena għall-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tas-SIS u l-Fażi 2 tal-AFIS tas-SIS. Sakemm jiġu adottati r-regolamenti rispettivi, l-Aġenzija se tiffoka wkoll fuq l-implimentazzjoni tal-VIS.

Proġetti ġodda relatati mal-VIS se jinbdew fl-2021, minbarra l-kontinwazzjoni u l-finalizzazzjoni tal-proġetti li bdew fis-snin preċedenti (eż. l-interoperabbiltà). Se jitħejjew l-evoluzzjonijiet tal-VIS li jirriżultaw mir-Regolament tal-ETIAS u mill-bażi ġuridika l-ġdida tal-VIS, soġġetti għall-adozzjoni tagħha.

Il-leġiżlazzjoni riveduta tas-SIS ġiet approvata f'Diċembru 2018, u l-implimentazzjoni tal-qafas legali l-ġdid tas-SIS se tkompli sa tmiem l-2021. L-implimentazzjoni tal-Fażi 2 tas-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS) se tkompli sabiex l-AFIS tas-SIS tkun disponibbli fil-FLS sa tmiem l-2020.

Fil-qosor, l-attivitajiet tal-2021 (ara d-dettalji hawn taħt fil-Kapitolu 2) huma kif ġej:

- Attivitajiet ta' proġett operazzjonali
    - 2.2.1.1 Implimentazzjoni ta' qafas legali ġdid tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)
    - 2.2.1.2 Deċiżjoni dwar ir-Ritorn tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)
    - 2.2.1.3 Modulu/interfaċċa ġeneriċi ewlenin ta' interkonnessjoni tas-SIS biex jiġu permessi l-konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-ETIAS
    - 2.2.1.4 Implimentazzjoni tal-Fażi 2 tal-AFIS tas-SIS (Kontinwazzjoni mill-2019)
    - 2.2.1.5 Tmexxija tal-Ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni (PPE) tas-SIS minn Ġewwa l-Muntanja (ITM) għal Barra mill-Muntanja (OTM) (kont. mill-2020)
    - 2.2.1.6 Konformità tal-Eurodac mas-servizzi tas-CSI/CSS
    - 2.2.1.7 L-iżvilupp tar-riformulazzjoni tal-VIS
    - 2.2.1.8 L-iżvilupp tal-ETIAS — emendi konsegwenzjali għall-VIS
    - 2.2.1.9 Integrazzjoni tas-soluzzjoni ta' Monitoraġġ Integrat Uniku mal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti, b'mod li jkunu koperti s-sistemi kollha li qed jitħaddmu
    - 2.2.1.12 Kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' riorganizzazzjoni taċ-ċentru tad-*data*
    - 2.2.1.10 Appoġġ tekniku għal proġett biex tiġi żviluppata prova tal-kunċett u prototip tal-portal tal-UE tal-applikazzjonijiet online għal viża
    - 2.2.1.11 Aġġornament ġdid tal-Magna tat-Tiftix u ta' Oracle għas-SIS, it-titjib tad-disponibbiltà u l-kunsiderazzjoni tal-aspetti ta' traskrizzjoni (kontinwazzjoni mill-2019 u l-2020)
    - 2.2.2.1 Integrazzjoni tal-ġestjoni tal-assi mal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni (kontinwazzjoni mill-2019 u l-2020)

## *It-tmexxija operazzjonali u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni*

Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi fdati lill-eu-LISA, objettiv primarju tal-Aġenzija huwa t-tmexxija operazzjonali u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni. Fl-2020, huwa mistenni li d-DĠ DIGIT jiffirma kuntratt qafas ġdid għan-network sigur pan-Ewropew. F'dan ir-rigward, l-

Aġenzija se jkollha timplimenta l-attivitajiet meħtieġa sabiex tibda t-tranżizzjoni min-network TESTA-ng attwali għan-network sigur il-ġdid.

Fil-qosor, l-attivitajiet tan-network għall-2021 huma kif ġej:

- Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu
  - 2.1.1.16 Il-forniment ta' servizzi ta' network u t-tmexxija operazzjonali regolari tal-kuntratti tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni (l-eżekuzzjoni tal-baġit, l-akkwist, it-tiġdid, il-ġestjoni tal-kuntratti)
  - 2.1.1.17 Appoġġ tat-tieni livell 24/7 għat-tmexxija operazzjonali tas-sistemi ewlenin tan-negozju
- Attivitajiet ta' proġett operazzjonali
  - 2.2.1.13 Tranżizzjoni għan-network TESTA l-ġdid
  - 2.2.1.14 It-tmexxija tal-konnessjonijiet tal-WAN tas-sistemi ċentrali (kontinwazzjoni mill-2020)

## *L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda*

L-implimentazzjoni tal-EES u tal-ETIAS se tkompli fl-2021, flimkien mal-implimentazzjoni tal-BMS / sBMS tal-EES. Huwa mistenni li l-EES (flimkien mas-sistema bijometrika tagħha) tibda topera fil-Q1 tal-2022. Is-sistema bijometrika tal-EES se tkun l-ewwel element kostitwenti tal-sBMS, f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà.

L-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà (adottata f'Ġunju 2019) bejn is-sistemi se tkompli sabiex jiġu żgurati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni sħaħ tal-komponenti tal-interoperabbiltà kollha (ESP, CIR, sBMS, MID u CRRS), anki bl-interfaċċi kollha għas-sistemi eżistenti. Interfaċċi għal sistemi ġodda se jiġu kkunsidrati wkoll. B'mod parallel mal-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà, jeħtieġ li l-Aġenzija tfassal l-Arkitettura tal-Interoperabbiltà, tiddefinixxi l-elementi kostitwenti tal-interoperabbiltà, il-katalgu tar-rekwiżiti għall-interoperabbiltà, il-matriċi tal-applikazzjoni/tad-*data* għall-immappjar bejn il-funzjonijiet/l-applikazzjonijiet tan-negozju, u l-ħtiġijiet, il-mudelli u l-istandards tad-*data* għas-sistemi eżistenti u dawk ġodda.

L-iżvilupp tal-ECRIS-TCN (leġiżlazzjoni adottata f'Ġunju 2019) se jkun qed jagħmel progress ukoll. Peress li s-sistema ECRIS-TCN jeħtieġ li tiġi adattata għall-komponenti tal-interoperabbiltà, biex tappoġġa lill-SM fil-kisba ta' ġestjoni tal-fruntieri aktar intelliġenti u aktar sigura. Fl-2021 se jinbeda wkoll proġett għad-disponibbiltà għolja tal-ECRIS-TCN.

Fil-qosor, l-attivitajiet tal-2021 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma kif ġej:

- Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu
  - 2.1.1.10 Kontinwità tal-Arkitettura tal-Intrapriżi – L-istabbiliment ta' arkitettura tal-interoperabbiltà
- Attivitajiet ta' proġett operazzjonali
  - 2.2.1.15 L-implimentazzjoni tal-proġett tal-EES (kontinwazzjoni mill-2019)
  - 2.2.1.16 L-implimentazzjoni tal-BMS / sBMS tal-EES (kontinwazzjoni mill-proġett tal-EES tal-2019)
  - 2.2.1.17 L-implimentazzjoni tal-ETIAS (kontinwazzjoni mill-2019)
  - 2.2.1.18 L-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE
  - 2.2.1.19 L-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN (kontinwazzjoni mill-2019)

- 2.2.1.20 L-integrazzjoni bejn l-ECRIS-TCN u l-komponenti tal-interoperabbiltà (CIR, sBMS, CRRS)

## *Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju*

Fir-rigward tas-sigurtà, l-Aġenzija se tkompli tipprovdi s-sigurtà tal-informazzjoni u s-servizz ta' assigurazzjoni għas-sistemi tan-negozju ewlenin kollha, inkluż l-iżvilupp ulterjuri u t-titjib kontinwu tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni u s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju. Fl-2021, se jitwettaq studju dwar l-għażliet għat-titjib tal-integrazzjoni avvanzata tal-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u operazzjonijiet taċ-Ċibersigurtà tas-CBS tal-eu-LISA fl-Unità tal-Operazzjonijiet u s-Sigurtà) għas-Sistemi tan-Negozju Ewlenin, sabiex l-Aġenzija tkun tista' tiddeċiedi dwar l-aħjar mudell operazzjonali fil-mira. L-implimentazzjoni tas-Servizz ta' Ġestjoni tal-Identitajiet u l-Aċċessi tas-CBS se tinbeda wkoll fl-2021 biex tiżdied il-konformità mal-qafas regolatorju, għal maturità mtejba tal-profil taċ-ċibersigurtà, identifikazzjoni u detezzjoni mtejba ta' azzjonijiet tal-utenti malizzjużi jew suspettużi u ġestjoni aħjar tal-kontijiet tal-utenti u l-aċċess tal-utenti li jkunu effettivi fil-ħin u fir-riżorsi.

Is-sigurtà fiżika tas-siti l-ġodda f'Tallinn u fi Strasburgu se tissaħħaħ permezz ta' kontrolli addizzjonali.

Fil-qosor, l-attivitajiet tal-2021 huma kif ġej:

- Attivitajiet orizzontali
    - 2.3.8 Attivitajiet ta' sigurtà orizzontali
- Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu
    - 2.1.1.18 It-twassil tas-servizz tas-sigurtà u tal-assigurazzjoni tal-informazzjoni għas-sistemi ewlenin tan-negozju
- Attivitajiet ta' proġett operazzjonali
    - 2.2.1.21 It-twettiq ta' studju dwar l-għażliet għal titjib ulterjuri tal-integrazzjoni ta' monitoraġġ tas-sigurtà avvanzat u kapaċità tal-operazzjonijiet fl-Unità tal-Operazzjonijiet u l-Unità tas-Sigurtà
    - 2.2.1.22 L-Implimentazzjoni tas-Servizz ta' Ġestjoni tal-Identità u tal-Aċċess tas-CBS

## *Attivitajiet ta' appoġġ għan-negozju ewlieni*

Ir-rapportar statutorju se jitwettaq f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti.

Matul l-2021, il-pjan direzzjonali għall-monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija se jiġi implimentat f'konformità mal-mandat tal-Aġenzija skont ir-Regolament tat-Twaqqif il-ġdid tal-eu-LISA. L-istrateġija aġġornata tar-riċerka se tkun fil-fażi tal-eżekuzzjoni.

L-Aġenzija se tkompli tipprovdi pjan ta' taħriġ ta' kwalità għolja mfassal apposta għall-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi ġestiti minnha.

Se jitwettaq studju tal-fattibbiltà (biex tinkiseb l-indipendenza mill-bażijiet tad-*data* tal-kuntratturi) għall-kwalifika ta' sistemi ta' tqabbil bijometriku segwit minn implimentazzjoni (potenzjali) ta' bażijiet tad-*data* bijometriċi li jistgħu jintużaw mill-eu-LISA għal skopijiet ta' ttestjar.

Fil-qosor, l-attivitajiet tal-2021 huma kif ġej:

- Attivitajiet orizzontali
    - 2.3.1 Governanza korporattiva u bini tal-kapaċitajiet

- Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu
    - 2.1.1.19 L-implimentazzjoni tal-pjan ta' taħriġ għall-għoti ta' taħriġ lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija
    - 2.2.3.1 Studju ta' fattibbiltà u l-Implimentazzjoni ta' sett ta' għodod bijometriku[29]

## *Governanza korporattiva*

Sabiex tappoġġa l-iżvilupp tal-eu-LISA bħala Ċentru ta' Eċċellenza, l-Aġenzija se tkompli ttejjeb u żżomm l-qafas ta' proċess operazzjonali u l-mudell ta' governanza interna tagħha.

Bħala element rilevanti tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija, ir-reġistru ta' kontroll intern tal-eu-LISA se jinżamm, u se jitwettqu eżerċizzji ta' monitoraġġ regolari sabiex jiġu vvalutati u żgurati l-livelli ta' konformità mal-istandards ta' kontroll intern tal-Aġenzija. Id-Dipartiment ta' Governanza Korporattiva tal-Aġenzija se jikkoordina, iħejji u jiffaċilita l-ħidma tal-Bord tat-Tmexxija u tal-AGs.

L-Aġenzija se tipprovdi r-riżorsi meħtieġa sabiex tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward tal-produzzjoni tal-SPD tagħha u tar-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat. Rapporti oħrajn se jiġu pprovduti wkoll jekk meħtieġa mill-atti legali jew fuq talba.

L-isforzi fil-qasam tal-awditjar intern huma ffokati fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Awditjar Annwali.

L-EPMO tal-Aġenzija se jkompli jsaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha biex tappoġġa l-maniġers tal-proġetti/tal-programmi u tipprovdi servizzi ta' assigurazzjoni relatati mal-proġetti u l-programmi. L-EPMO se jkompli jsaħħaħ il-qafas tal-ġestjoni tal-proġetti fl-Aġenzija, u se jżomm u jiżviluppa l-għodod biex jappoġġa l-attività tiegħu u jibni mekkaniżmi allinjati mill-qrib mal-governanza tal-Aġenzija. Se jkompli jwettaq ukoll evalwazzjonijiet *ex ante* fl-Aġenzija.

Fil-qosor, l-attivitajiet tal-2021 huma kif ġej:

- Attivitajiet orizzontali
    - 2.3.1 Governanza korporattiva u bini tal-kapaċitajiet
    - 2.3.9 Attivitajiet tal-Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża (EPMO)
    - 2.3.10 L-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar intern annwali
- Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu
    - 2.1.4.1 It-tħaddim tal-proċessi tal-qafas tal-ITSM u rapportar regolari tal-eu-LISA
    - 2.1.4.2 It-titjib u l-personalizzazzjoni tal-għodod tal-ITSM, l-indirizzar tal-inizjattivi l-ġodda, kif ukoll l-eżitu mir-rieżamijiet regolari tal-proċess u s-servizzi
    - 2.1.4.3 Definizzjonijiet ġodda tas-servizzi u tal-proċessi bħala parti mill-Qafas tal-ITSM tal-eu-LISA
    - 2.2.4.1 Servizzi ta' titjib kontinwu tas-servizzi u rieżamijiet tal-proċessi (kontinwazzjoni)

## *Il-politika, ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjonijiet*

Is-sħubiji mal-istituzzjonijiet tal-UE, l-aġenziji – b'mod partikolari dawk fil-qasam tal-ĠAI - u ma' korpi oħra tal-UE se jkomplu. Il-fokus ewlieni ta' din is-sħubija se jkun fuq il-kontribut għall-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda u l-evoluzzjoni ta' dawk eżistenti, speċjalment billi l-għarfien espert tekniku u t-taħriġ tal-Aġenzija jsiru disponibbli għall-Istati Membri u l-aġenziji tal-ĠAI involuti.

[29] Is-sett ta' għodod bijometriku huwa sett ta' għodod għall-ittestjar tal-preċiżjoni tal-BMS, ipprovdut mill-eu-LISA. Is-sett ta' għodod bijometriku attwali huwa pprovdut mill-bejjiegħa.

L-Aġenzija se tkompli timmonitorja l-iżviluppi rilevanti fil-qasam tal-ĠAI. L-eu-LISA hija lesta li tikkontribwixxi bl-għarfien u l-assistenza tagħha għal studji u riċerka potenzjali f'sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-ĠAI, jekk tingħata s-setgħa minn delegazzjoni tal-Kummissjoni u taħt il-mandat tal-Aġenzija skont ir-Regolament tat-Twaqqif il-ġdid tagħha. Fil-qasam tal-komunikazzjoni korporattiva, l-isforzi ewlenin se jkunu dwar l-aġġornament tad-dokumenti qafas strateġiċi għall-komunikazzjoni interna u esterna u l-immodernizzar ulterjuri tal-kanali ta' komunikazzjoni online biex jiġu eżegwiti l-pjanijiet ta' azzjoni annwali ta' komunikazzjoni esterna u interna b'mod effiċjenti.

Fil-qosor, l-attivitajiet tal-2021 huma kif ġej:

- Attivitajiet orizzontali
    - 2.3.2 Appoġġ eżekuttiv u relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

## *Il-ġestjoni finanzjarja, l-akkwist u kontabilità*

Fl-2021, l-eżekuzzjoni tal-Pjan ta' Akkwist u ta' Akkwiżizzjoni u l-provvista f'waqtha ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, tal-akkwist u finanzjarja se jkunu l-prijorità ewlenija f'dan il-qasam ta' azzjoni strateġika.

Fil-qosor, l-attivitajiet tal-2021 huma kif ġej:

- Attivitajiet orizzontali
    - 2.3.3 Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabilità

## *Is-servizzi korporattivi*

Fi Strasburgu, inbdiet it-tieni estensjoni tal-bini operazzjonali biex jiġu ospitati proġetti attwali u futuri u se tkompli fl-2021 bil-fażi tal-akkwist tekniku tad-disinn.

Fir-rigward tas-servizzi tal-IT korporattivi, l-evoluzzjoni tan-network tal-IT korporattiv, is-sistemi, il-virtwalizzazzjoni u l-arkitettura tal-ħżin tal-Aġenzija se tkompli. Bl-istess mod, se jitkomplew il-personalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-IT korporattivi (pjattaformi ta' kollaborazzjoni, għodod ta' komunikazzjoni u ta' ġestjoni tal-proġetti; ARES u SYSPER).

Peress li l-infrastruttura tal-IT korporattiva tal-Aġenzija għandha tiġi sostitwita fl-2021 wara perjodu ta' ħames snin, se tinbeda l-migrazzjoni lejn il-cloud tad-DIGIT, dan se jnaqqas il-kostijiet operazzjonali tas-servizzi tal-IT tal-Aġenzija u jżid l-effettività tal-proċessi tal-IT. Matul l-2021, se jitnieda proġett ta' sentejn għall-implimentazzjoni tal-qafas tal-ITIL 4 biex tiġi pprovduta għażla standardizzata, ippjanar, twassil u manutenzjoni ta' servizzi tal-IT korporattivi fi ħdan l-Aġenzija. Wara dan, se tinbeda wkoll id-definizzjoni ta' politiki ta' ġestjoni tad-dokumenti u l-użu ta' sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti.

Fil-qosor, l-attivitajiet tal-2021 huma kif ġej:

- Attivitajiet orizzontali
    - 2.3.6 Twassil ta' servizzi korporattivi
    - 2.3.7 It-tieni estensjoni tal-bini operazzjonali fi Strasburgu

## *Il-ġestjoni tal-għarfien u tar-riżorsi umani*

Fl-2021, l-Aġenzija se tiffoka fuq ħames oqsma tal-ġestjoni tar-riżorsi umani:

- l-attivitajiet standard (kollox jibqa' għaddej bħas-soltu) ta' ġestjoni tar-riżorsi umani f'termini tal-istruttura, tal-proċessi u tal-prattiki organizzazzjonali mwettqa f'konformità mar-regoli u mad-deċiżjonijiet rilevanti;
- il-konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara t-tibdil, it-tkabbir u t-trasformazzjoni;

- l-iżvilupp ulterjuri tal-ambjent u tal-kultura tat-tagħlim, l-iżvilupp tal-funzjoni tal-HR lejn is-sħubija tan-negozju u t-tisħiħ tal-iżvilupp u taż-żamma tal-persunal;
- kontinwazzjoni tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni ulterjuri tal-Qafas ta' Kompetenza sabiex jiġi żgurat li "n-nies it-tajba jkunu fil-kariga t-tajba";
- taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA dwar l-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal) u ġestjoni tal-għarfien.

Fil-qosor, l-attivitajiet tal-2021 huma kif ġej:

- Attivitajiet orizzontali
  - 2.3.4 Ġestjoni tar-riżorsi umani
- Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu
  - 2.1.4.4 Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA dwar l-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal) u l-ġestjoni tal-għarfien

## *Il-protezzjoni tad-data*

Se jiġi abbozzat ir-Rapport ta' Ħidma Annwali 2021 dwar il-protezzjoni tad-*data*, u l-istatus intermedju dwar il-konformità tal-protezzjoni tad-*data* se jiġi rrapportat lill-MB. Is-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-frekwenza tas-sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar is-suġġett (inkluż waħda speċjali fil-jum għall-protezzjoni tad-*data*) se jiżdiedu biex tkompli issir sensibilizzazzjoni dwar ir-regolamenti u r-regoli interni dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Fil-qosor, l-attivitajiet tal-2021 huma kif ġej:

- Attivitajiet orizzontali
  - 2.3.5 Protezzjoni tad-*data*

# 2. Attivitajiet fl-2021

## 2.1. Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet operazzjonali kollha tan-negozju ċentrali tal-Aġenzija li jitwettqu kuljum. L-attivitajiet huma raggruppati skont l-Għanijiet Strateġiċi.

### 2.1.1. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1

*It-tmexxija operazzjonali u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi eżistenti*

#### *2.1.1.1. Eurodac - Manutenzjoni tad-DubliNet*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

- il-monitoraġġ kontinwu tal-operazzjonijiet u l-komponenti tas-sistema (jiġifieri l-monitoraġġ tal-istatus operazzjonali tas-CS tal-Eurodac, il-konnettività u l-operazzjonijiet tal-utenti, il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet DubliNet);
- komunikazzjoni/interazzjoni mal-komunità ta' utenti finali sabiex jittejbu u jiġu stabbilizzati l-operazzjonijiet u l-għoti ta' appoġġ għall-utenti;
- l-għoti ta' appoġġ fit-tielet livell;
- il-forniment u l-appoġġ ta' ċertifikati ta' kriptaġġ għal komunikazzjonijiet siguri;
- l-użu u l-manutenzjoni ta' għodod operazzjonali sabiex jiġu appoġġati l-għanijiet imsemmija hawn fuq;
- il-monitoraġġ kontinwu tal-inventarju u tal-komponenti tas-sistemi sabiex jiġi żgurat li dawn jinżammu aġġornati u jirċievu appoġġ kontinwu mill-fornituri (tiġdid tal-liċenzji, patching, eċċ., bħala parti mill-manutenzjoni adattiva);
- l-implimentazzjoni ta' evoluzzjonijiet iżgħar/urġenti jew bidliet tekniċi li ġejjin minn manutenzjoni korrettiva jew adattiva u emerġenzi operazzjonali oħrajn;
- l-implimentazzjoni ta' evoluzzjonijiet urġenti li ġejjin minn manutenzjoni adattiva kkawżata minn dewmien fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida mistennija;
- il-ġestjoni tal-interazzjoni mal-kuntrattur tal-MWO u s-segwitu kuntrattwali fir-rigward tal-miri/kompiti msemmija hawn fuq.

**VALUR MIŻJUD:**

L-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-SM b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju.

**SFIDI EWLENIN:**

- żieda f'daqqa fit-traffiku tal-Eurodac (minħabba sitwazzjoni ta' kriżi) iżżid ir-riskju ta' instabbiltà u tpoġġi pressjoni fuq ir-riżorsi (riżorsi umani, użu ta' ambjenti tekniċi, limitazzjonijiet ta' ħin) minħabba miżuri ta' mitigazzjoni tekniċi imprevedibbli;
- kwistjonijiet dwar id-disponibbiltà tal-ispazju taċ-ċentru tad-*data* jħallu impatt fuq operazzjonijiet bla xkiel (eż. tisħin żejjed fi ħdan l-ixkafef minħabba nuqqas ta' spazju addizzjonali, diffikultà biex tiżdied l-infrastruttura meta jinqalgħu kwistjonijiet minħabba kapaċità limitata);
- żieda fil-kostijiet ta' manutenzjoni li jirriżultaw minn dewmien fl-adozzjoni ta' bażijiet ġuridiċi meħtieġa għal evoluzzjonijiet ippjanati tas-sistema;
- żieda fil-kostijiet ta' manutenzjoni li jirriżultaw minn evoluzzjonijiet imprevedibbli relatati ma' notifiki ta' Tmiem l-Appoġġ jew Tmiem iċ-Ċiklu ta' kwalunkwe komponent tal-Eurodac.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira/Miri | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Iż-żamma tal-Eurodac u ta' DubliNet f'ordni ta' tħaddim ottimali | L-Eurodac u DubliNet joperaw kif meħtieġ (operazzjonijiet stabbli skont l-FLS)<br>L-Eurodac hija kontinwament koperta mill-appoġġ tekniku garantit mill-fornituri tagħha. | L-SM jirċievu servizz affidabbli tas-sistema tal-Eurodac u komunikazzjoni ma' DubliNet sigura u affidabbli. | Konformità mal-FLS dwar l-Eurodac u DubliNet u mal-KPIs korporattivi relatati mal-Eurodac. | Jiġi ssodisfat l-FLS standard u speċifiku dwar l-Eurodac u DubliNet sa 100 % | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema (abbażi tal-għodod operazzjonali u l-istatistika tal-FLS iġġenerata). | PSU |

## 2.1.1.2. *Manutenzjoni tal-VIS/BMS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Li jiġu garantiti l-kwalità u t-twassil tar-riżultati tanġibbli kuntrattwali mill-MW02 FwC, u tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz ta' manutenzjoni fil-FwC kollu, permezz ta':

- manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet;
- manutenzjoni adattiva: is-segwitu u l-antiċipazzjoni tal-obsolexxenza tal-komponenti tas-sistema, sabiex il-VIS/BMS jibqgħu kontinwament konformi mat-teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u jkun hemm appoġġ mill-manifatturi tal-komponenti u/jew l-edituri;
- manutenzjoni perfettiva: it-titjib, abbażi tal-għarfien espert tekniku u r-rilanċ identifikat, il-komponenti tal-VIS/BMS sabiex tiġi żgurata prestazzjoni ottimali;
- manutenzjoni preventiva: it-twettiq ta' bidliet fil-VIS/BMS abbażi ta' osservazzjonijiet operazzjonali sabiex jiġi evitat li sorsi potenzjali identifikati tal-kwistjonijiet jevolvu f'inċidenti.

**VALUR MIŻJUD:**

L-Aġenzija se tipprovdi lill-Istati Membri b'VIS/BMS li taħdem f'konformità mal-qafas leġiżlattiv tal-VIS/BMS u mal-FLS maqbul.

**SFIDI EWLENIN:**

L-iżgurar li l-bidliet fil-VIS/BMS meħtieġa skont l-attivitajiet ta' manutenzjoni jkunu integrati kif suppost fil-pjan direzzjonali globali tal-VIS/BMS, u jitnedu b'mod puntwali sabiex is-sistema twettaq il-funzjonijiet skont il-qafas leġiżlattiv tal-VIS/BMS u mal-FLS maqbul.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira(Miri) | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | L-iżgurar li l-prestazzjoni tal-VIS/BMS tkun skont ir-rekwiżiti dwar id-disponibbiltà/il-prestazzjoni u li l-avvenimenti jiġu ġestiti skont l-ITSM u l-FLS mal-utenti finali. Bil-manutenzjoni adattiva, biex jiġi żgurat li i l-VIS/BMS tkun koperta bl-appoġġ tal-manifatturi. | Il-prestazzjoni tas-sistema tal-VIS/BMS skont l-FLS | Il-VIS/BMS taġixxi skont ir-rekwiżiti u l-avvenimenti li jimpedixxu lis-sistema milli taġixxi kif xieraq jiġu ġestiti f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tibqa' skont il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz mal-utenti finali. | Konformità mal-FLS dwar il-VIS/BMS | L-attivitajiet ta' Manutenzjoni tal-VIS/BMS iwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun f'konformità mal-FLS, u jiġi antiċipat it-titjib u jiġu evitati l-inċidenti. (Jekk jogħġbok ara l-Anness XI). | Rapporti perjodiċi tat-tħaddim u l-manutenzjoni, inklużi FLS u Rapporti ta' Servizz ta' Kull Xahar. | PSU |

## *2.1.1.3. Manutenzjoni tas-SIS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet, ġestjoni tar-rilaxxi;
- manutenzjoni adattiva: is-segwitu u l-antiċipazzjoni tal-obsolexxenza tal-komponenti tas-sistema, sabiex is-SIS tibqa' kontinwament konformi ma' teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u jkun hemm appoġġ mill-manifatturi tal-komponenti u/jew l-edituri;
- l-użu u l-manutenzjoni ta' għodod operazzjonali sabiex jiġu appoġġati l-miri/kompiti msemmija hawn fuq;
- il-monitoraġġ kontinwu tal-inventarju tas-sistema u tal-komponenti sabiex jiġi żgurat li dawn jinżammu aġġornati u jirċievu appoġġ kontinwu mill-fornituri (tiġdid tal-liċenzji, patching, eċċ.);
- il-ġestjoni tal-interazzjoni mal-kuntrattur tal-MWO u s-segwitu kuntrattwali għall-miri/kompiti msemmija hawn fuq.

**VALUR MIŻJUD:**

CS tas-SIS disponibbli 24/7 skont l-FLS.

**SFIDI EWLENIN:**

It-teknoloġija bijometrika ġdida introdotta tista' tkun sfida għar-riżoluzzjoni tal-problemi u tal-inċidenti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira(Miri) | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | L-iżgurar tad-disponibbiltà tas-sistema 24 siegħa kuljum | CS tas-SIS disponibbli 24/7 skont l-FLS (disponibbiltà, prestazzjoni, eċċ.) | Sistema tas-SIS disponibbli, skont l-FLS, fl-2021. | Konformità mal-FLS dwar is-SIS u mal-KPIs korporattivi relatati mas-SIS. | L-FLS standard u speċifiku dwar is-SIS jiġi ssodisfat 100 % (Jekk jogħġbok ara l-Anness XI). | *Data* interna ta' SIS<br>*Data* tal-uffiċċju ta' servizz<br>*Data* tal-appoġġ tat-tieni livell disponibbli tal-eu-LISA<br>Rapporti perjodiċi dwar it-tħaddim u l-manutenzjoni. | PSU |

### 2.1.1.4. *Manutenzjoni tal-AFIS tas-SIS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet, ġestjoni tar-rilaxxi;
- manutenzjoni adattiva: is-segwitu u l-antiċipazzjoni tal-obsolexxenza tal-komponenti tas-sistema sabiex l-AFIS tas-SIS tibqa' kontinwament konformi mat-teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u jkun hemm appoġġ għall-manifatturi u/jew l-edituri tal-komponenti; l-implimentazzjoni għandha titwettaq bħala evoluzzjonijiet;
- l-użu u l-manutenzjoni ta' għodod operazzjonali sabiex jiġu appoġġati l-miri/kompiti msemmija hawn fuq;
- il-monitoraġġ kontinwu tal-inventarju tas-sistema u tal-komponenti sabiex jiġi żgurat li dawn jinżammu aġġornati u jirċievu appoġġ kontinwu mill-fornituri (tiġdid tal-liċenzji, patching, eċċ.);
- il-ġestjoni tal-interazzjoni mal-kuntrattur tal-MWO u s-segwitu kuntrattwali għall-miri/kompiti msemmija hawn fuq.

**VALUR MIŻJUD:**

CSIS tas-SIS disponibbli 24/7 skont l-FLS.

**SFIDI EWLENIN:**

It-teknoloġija bijometrika ġdida introdotta tista' tkun sfida għar-riżoluzzjoni tal-problemi u tal-inċidenti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira(Miri) | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | L-iżgurar tad-disponibbiltà tas-sistema 24/7 | L-iżgurar tad-disponibbiltà tal-AFIS tas-SIS 24/7, skont l-FLS (disponibbiltà, prestazzjoni). | Is-sistema tal-AFIS tas-SIS disponibbli, skont il-FLS, fl-2021. | Konformità mal-SLA dwar s-SIS. | FLS standard u speċifiku dwar is-SIS issodisfat 100 % (Jekk jogħġbok ara l-Anness XI). | *Data* interna ta' SIS<br>*Data* tal-uffiċċju ta' servizz<br>Appoġġ tat-tieni livell għad-*data* disponibbli tal-eu-LISA. | PSU |

## 2.1.1.5. *Appoġġ tas-SIS lill-Istati Membri*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- l-għoti ta' appoġġ kontinwu lill-Istati Membri matul il-proċess ta' kwalifika tal-evoluzzjoni tas-sistemi nazzjonali individwali tagħhom;
- It-twettiq ta' kampanji ta' testijiet u kwalifiki.

**VALUR MIŻJUD:**

- is-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri jiffunzjonaw sew;
- b'mod ġenerali, l-operat tal-Istati Membri ma jkunx affettwat minn problemi fis-sistemi ta' Stati Membri oħrajn;
- Stati Membri potenzjali ġodda jistgħu jiġu integrati bla xkiel fil-komunità tas-SIS;
- konformità mal-ICD u mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati tas-sistemi nazzjonali.

**SFIDI EWLENIN:**

- kumplessità akbar li tirriżulta mit-teknoloġija bijometrika li qed tiġi introdotta fis-sistema;
- kumplessità akbar li tirriżulta mill-inizjattivi ta' interoperabbiltà;
- trikkib ma' attivitajiet oħrajn tal-proġett.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira(Miri) | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | L-iżgurar li s-Sistemi Nazzjonali huma lesti joperaw mas-Sistema Ċentrali. | L-ittestjar ta' rapporti għall-partijiet ikkonċernati differenti li jikkonfermaw ir-rieda tal-SM li joperaw mas-C.SIS. SM ġodda li jingħaqdu mas-SIS jistgħu jiġu integrati fi kwalunkwe ħin xieraq. | Appoġġ effettiv għas-sistemi nazzjonali | Il-kwalità u l-ħin tal-integrazzjoni tal-Istati Membri. Aderenza mal-pjan ta' ttestjar tal-Istati Membri. | L-ebda devjazzjoni mill-pjan ta' ttestjar għas-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri. | *Data* tas-SIS. *Data* operazzjonali u tal-ittestjar. Informazzjoni minn Stati Membri ġodda (jekk ikun hemm). | TTU |

### 2.1.1.6. *Evoluzzjonijiet mhux ippjanati tas-SIS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

L-azzjonijiet jew il-kompiti ewlenin huma kkawżati mill-bidliet mitluba.

**VALUR MIŻJUD:**

Kapaċitajiet imtejba tas-SIS fir-rigward tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll fil-fruntieri permezz tal-funzjonalitajiet addizzjonali identifikati.

**SFIDI EWLENIN:**

Ir-riskji marbutin ma' attivitajiet mhux ippjanati; impatt fuq l-ippjanar ġenerali.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | L-iżgurar li l-evoluzzjonijiet kollha meħtieġa li ma jkunux ippjanati tas-sistema jiġu indirizzati b'mod sistematiku u xieraq. | Is-SIS se timplimenta bidliet kif iddefiniti mill-komunità tal-partijiet ikkonċernati. | Rilaxx ġdid tas-sistema ċentrali tas-SIS | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

### 2.1.1.7. *Manutenzjoni tas-SIS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- monitoraġġ kontinwu tal-operazzjonijiet u l-komponenti tas-sistema;
- komunikazzjoni/interazzjoni mal-komunità ta' utenti finali sabiex jittejbu u jiġu stabbilizzati l-operazzjonijiet u l-għoti ta' appoġġ għall-utenti;
- l-għoti ta' appoġġ fit-tielet livell/ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet operazzjonali, u ssodisfar tat-talbiet;
- l-użu u l-manutenzjoni ta' għodod operazzjonali sabiex jiġu appoġġati l-miri/kompiti msemmija hawn fuq;
- il-monitoraġġ kontinwu tal-inventarju tas-sistema u tal-komponenti sabiex jiġi żgurat li dawn jinżammu aġġornati u jirċievu appoġġ kontinwu mill-fornituri (tiġdid tal-liċenzji, patching, eċċ., bħala parti mill-manutenzjoni adattiva);
- l-implimentazzjoni ta' aġġornamenti tekniċi u interventi urġenti li jiġu minn manutenzjoni korrettiva u emerġenzi operazzjonali;
- il-ġestjoni tal-interazzjoni mal-kuntrattur tal-MWO u s-segwitu kuntrattwali għall-miri/kompiti msemmija hawn fuq.

**VALUR MIŻJUD:**

L-Aġenzija se tipprovdi lill-Istati Membri b'EES li taħdem f'konformità mal-qafas leġiżlattiv tal-EES u mal-FLS maqbul.

**SFIDI EWLENIN:**

- interdipendenzi ma' attivitajiet oħrajn li jservu l-implimentazzjoni tal-EES, bħall-eżistenza ta' Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI), l-Aġġornament tan-Network u l-Attivitajiet ta' Riforumulazzjoni tas-sistemi ta' legat (VIS);
- kollaborazzjoni u kooperazzjoni xierqa mal-SM, peress li l-implimentazzjonijiet nazzjonali għandhom jiġu sinkronizzati wkoll;
- impatt possibbli fuq l-implimentazzjoni ta' inizjattivi oħrajn jew ta' attivitajiet fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu minħabba restrizzjonijiet fuq ir-riżorsi interni.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Li jiġi żgurat li l-EES taħdem skont ir-rekwiżiti u li l-avvenimenti jiġu ġestiti b'mod xieraq. | Is-sistema ċentrali tal-EES taġixxi skont l-FLS | L-EES taġixxi skont ir-rekwiżiti u l-avvenimenti li jipprevjenu lis-sistema milli taġixxi kif suppost huma ġestiti b'mod proattiv. | Konformità mal-FLS dwar l-EES | L-FLS dwar l-EES standard u speċifiku jiġi ssodisfat 100 % | Rapporti perjodiċi dwar it-tħaddim u l-manutenzjoni | PPU |

### 2.1.1.8. *Manutenzjoni tas-CSI*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- appoġġ kontinwu għall-pakkett ta' ħidma tal-"Uffiċċju tal-Programm CSI" u appoġġ ġenerali għal inizjattivi tat-teknoloġija tas-CSI;
- segwitu regolari, inkluż aġġornament tal-istatus tal-Elementi ta' Konfigurazzjoni (CIs) permezz ta' ġestjoni tal-inċidenti/tal-problemi/tat-tibdil u tat-talbiet;
- l-applikazzjoni ta' patching tekniku u tas-sigurtà;
- l-implimentazzjoni ta' manutenzjoni korrettiva;
- Pakkett ta' Ħidma (WP) għall-manutenzjoni evoluzzjonarja.

**VALUR MIŻJUD:**

- l-infrastruttura Kondiviża Komuni hija disponibbli u f'konformità mal-FLS;
- l-infrastruttura Kondiviża Komuni hija adattata għall-avvanzi fit-teknoloġija kosteffettiva;
- l-attivitajiet relatati mas-servizzi kondiviżi (jiġifieri għodod għas-sigurtà tal-applikazzjonijiet, monitoraġġ komuni, eċċ), akkwistati barra mill-kuntratti tas-sistemi tan-negozju ewlenin, jinżammu/jiġu appoġġati permezz ta' kuntratt ta' Ordni ta' Xogħol ta' Manutenzjoni (MWO) uniku.

**SFIDI EWLENIN:**

Li jiġi stabbilit Ftehim dwar il-Livell Operazzjonali (OLA) xieraq fost is-CSI u l-kuntratturi assoċjati tas-Sistemi Ewlenin tan-Negozju (CBSs) għall-ġestjoni xierqa tar-relazzjoni u r-responsabbiltajiet, fil-livell tal-ġestjoni tal-infrastruttura.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | L-identifikazzjoni proattiva ta' kwalunkwe oġġett ta' konfigurazzjoni (CIs) li għandu jasal għat-tmiem tal-appoġġ. Iż-żamma tas-CIs kollha taħt appoġġ xieraq mill-bejjiegħa u pjattaforma kondiviża adattata għall-avvanzi | Il-manutenzjoni kontinwa tas-CSI skont l-inventarju tal-infrastruttura u l-katalgu tas-servizzi tas-CSI. L-aġġornament jew is-sostituzzjoni tal-komponenti rilevanti identifikati bħala subeffettivi jew skaduti. | Manutenzjoni obbligatorja fi ħdan is-CSI tal-FwC, inkluża l-ġestjoni tal-programmi. Pjattaformi allinjati mar-rekwiżiti tas-CBS permezz ta' stack teknoloġiku kosteffettiv, affidabbli u awtomatizzat. | Konformità mal-FLS dwar il-manutenzjoni L-indikaturi tal-prestazzjoni tas-CBS | Konformità 100 % | Il-kejl tal-KPI permezz tal-Għodda tal-ITSM. Il-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-CBS. | IMU |

| | fit-teknoloġija kosteffettiva. | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|

### 2.1.1.9. *Koordinazzjoni tal-ġestjoni operazzjonali/ġestjoni tas-sistema ta' kuljum u kompiti kondiviżi*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- koordinazzjoni tal-attivitajiet operazzjonali;
- ġestjoni tat-tibdil;
- ġestjoni tal-Istazzjon tax-Xogħol tal-Utent Finali (EUWS);
- ġestjoni tal-backup;
- ġestjoni tas-sistema ta' kuljum, l-inċidenti u r-riżoluzzjoni tal-problemi.

**VALUR MIŻJUD:**

L-operazzjonijiet kollha ta' amministrazzjoni tas-sistemi jipprovdu s-servizzi meħtieġa affidabbli u disponibbli (f'konformità mal-FLS implimentati) lis-CBS u lis-CSI.

**SFIDI EWLENIN:**

L-iżgurar li s-servizzi kollha jiġu pprovduti skont l-aspettattivi tan-negozju u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Il-manutenzjoni, l-istabbiliment u l-monitoraġġ xierqa tas-CBS taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA sabiex tiġi żgurata infrastruttura sigura u affidabbli. | Il-ġestjoni operazzjonali sigura u affidabbli tas-sistemi tan-negozju ċentrali (CBS). | Kemm is-CBS kif ukoll l-Istati Membri jirċievu infrastruttura affidabbli f'konformità mal-FLS maqbula. | Konformità mal-FLS dwar is-CBS u s-CSI. | L-infrastruttura tas-sistemi kollha hija konformi mas-servizzi u l-FLS speċifiċi tagħhom, kif definiti fil-katalgu tas-Servizzi tal-eu-LISA u l-proċess ta' Ġestjoni fil-Livell tas-Servizz. | Rapporti tal-SM9 tal-ITSM | IMU |

### *2.1.1.10. Kontinwità tal-arkitettura tal-intrapriża - l-istabbiliment ta' arkitettura tal-interoperabbiltà*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- l-istabbiliment ta' arkitettura ta' interoperabbiltà fil-mira;
- id-definizzjoni tal-elementi kostitwenti tal-interoperabbiltà;
- il-ġbir tar-rekwiżiti disponibbli u l-istabbiliment ta' katalgu tar-rekwiżiti għall-interoperabbiltà;
- l-istabbiliment ta' dijagrammi tal-entità tad-*data*, funzjonijiet tan-negozju u l-irbit tagħhom ma' xulxin kemm għas-sistemi operazzjonali eżistenti kif ukoll għal dawk futuri, meħtieġa għall-immudellar tal-interoperabbiltà abbażi tal-EIRA u oqfsa oħra;
- l-istabbiliment ta' dijagramma tad-*data* kunċettwali għall-portafoll tas-sistemi antiċipat fl-eu-LISA;
- l-istabbiliment ta' matriċi futura tal-applikazzjoni/tad-*data* tal-istat biex jitlesta l-immappjar bejn il-funzjonijiet/l-applikazzjonijiet tan-negozju, u l-ħtiġijiet tad-*data*, li sservi bħala punt tat-tluq ewlieni għall-appoġġ tal-interoperabbiltà;
- id-definizzjoni u d-dokumentazzjoni ta' skambji ta' informazzjoni futuri bbażati fuq ir-rekwiżiti tal-interoperabbiltà;
- l-istabbiliment ta' mudelli u standards tal-interoperabbiltà li għandhom jintużaw fl-iżvilupp ta' sistemi ġodda u l-evoluzzjoni ta' dawk eżistenti u l-iżgurar li dawn ikunu bbażati fuq mudelli u standards adottati b'mod wiesa'/tal-aħjar prattiki barra mill-eu-LISA.

**VALUR MIŻJUD:**

Benefiċċji operazzjonali:

- aktar effiċjenza u effettività;
- twassil imqassar u ħinijiet taċ-ċiklu mqassra;
- operazzjonijiet, proċessi u prestazzjoni tan-negozju mtejba.

Benefiċċji tal-infrastruttura tal-IT:

- aktar interoperabbiltà u integrazzjoni;
- aktar użu mill-ġdid;
- aktar standardizzazzjoni;
- tnaqqis fl-iskart u fir-ridondanza;

- tnaqqis fil-kostijiet tal-IT;
- użu mtejjeb u twettiq tal-benefiċċji tal-IT;
- appoġġ għat-tnedija, l-inizjalizzazzjoni u l-iżvilupp tal-IS;
- aktar stabbiltà, sigurtà u affidabbiltà;
- aġilità, flessibbiltà u rispons imtejba.

**SFIDI EWLENIN:**

Ma hemm l-ebda sfida ewlenija prevista f'dan il-punt.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Tiġi stabbilita l-arkitettura futura tal-interoperabbiltà għall-Aġenzija (kemm CBS kif ukoll IT korporattiva) | Tiġi żviluppata u maqbula arkitettura ta' interoperabbiltà fil-mira għal sistemi futuri. Jiġu stabbiliti mudelli u standards ta' interoperabilità. Entità tad-*Data* Mudell/funzjoni tan-negozju. Żvilupp ta' Matriċi ta' skambju ta' informazzjoni. Żieda fil-Livell ta' Maturità tal-Intrapriża. | Id-definizzjoni tal-elementi kostitwenti tal-interoperabbiltà, il-katalgu tar-rekwiżiti għall-interoperabbiltà, il-matriċi tal-applikazzjoni/tad-*data* għall-immappjar bejn il-funzjonijiet/l-applikazzjonijiet tan-negozju, u l-ħtiġijiet, il-mudelli u l-istandards tad-*data* għal sistemi eżistenti u ġodda. | Implimentazzjoni tal-Fażi 3: Arkitettura tal-intrapriża - kontinwu tal-intrapriża. | Konformità 100 % | Rapport lill-bord ta' rieżami tal-arkitettura u lill-kumitat ta' ġestjoni | PSU |

## 2.1.1.11. *Attivitajiet Operazzjonali u Evoluzzjonijiet/Titjib tas-CU u l-BCU*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi t-tħaddim ta' kuljum taċ-ċentri tad-*data* (DC).

**VALUR MIŻJUD:**

Servizzi taċ-Ċentru tad-*Data* affidabbli u flessibbli ħafna.

**SFIDI EWLENIN**

Ma ġie identifikat l-ebda riskju kbir.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Titjib tal-prestazzjoni ġenerali tas-servizz u ottimizzazzjoni tal-kostijiet u r-riskji. | L-integrazzjoni operazzjonali tad-dixxiplini tal-ġestjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-faċilitajiet biex jiġu ċċentralizzati l-monitoraġġ, il-ġestjoni u l-ippjanar intelliġenti tal-kapaċità tas-sistemi kritiċi kollha tad-DC. | Tnedija u tħaddim tad-DC | Disponibbiltà tas-servizzi tad-DC | Is-servizzi kollha disponibbli 24/7 | Rapporti tal-SM9 tal-ITSM | IMU |

### 2.1.1.12. *Attivitajiet ta' ġestjoni tar-rilaxxi u tat-tnedijiet*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Il-ġestjoni tar-rilaxxi u tat-tnedija tas-sistemi tan-negozju ewlenin kollha inkluż il-koordinazzjoni u s-segwitu tal-attivitajiet kollha relatati mal-fażijiet kollha tal-proċess: l-ippjanar, il-bini, l-ittestjar u l-validazzjoni, it-tnedija, ir-rieżami u l-għeluq. Dawn l-attivitajiet jinkludu dan li ġejjin:

- id-definizzjoni u l-qbil dwar il-pjanijiet ta' ġestjoni tar-rilaxx u tat-tnedija;
- l-iżgurar tal-integrità tal-pakketti ta' rilaxx u l-ittestjar tagħhom;
- l-iżgurar li l-pakketti ta' rilaxx jistgħu jiġu installati u rtirati;
- ir-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji, tal-problemi u tat-tagħlimiet meħuda u t-teħid ta' azzjonijiet korrettivi;
- l-iżgurar li l-ħiliet u l-għarfien jiġu ttrasferiti għall-operazzjonijiet u għall-utenti.

**VALUR MIŻJUD:**

L-Aġenzija twettaq bidliet tekniċi u kummerċjali billi timminimizza r-riskji u tipprovdi lill-Istati Membri b'applikazzjonijiet li jaħdmu f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom. Din ittejjeb ukoll il-konsistenza fl-approċċ ta' implimentazzjoni għas-sistemi ewlenin tan-negozju kollha.

**SFIDI EWLENIN:**

L-iżgurar li l-bidliet meħtieġa permezz tal-attivitajiet ta' manutenzjoni jkunu integrati b'mod xieraq fil-pjan direzzjonali globali u jitnedu fil-ħin sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mal-ħtiġijiet tan-negozju.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Li jiġu ddefiniti u li jintlaħaq qbil dwar il-pjanijiet ta' rilaxx u ta' tnedija u li s-servizzi ġodda, modifikati jew irtirati jiġu mgħoddija formalment. | Ir-rilaxxi ppjanati, iddefiniti, ittestjati u implimentati fil-produzzjoni għas-CBS kollha. | Koordinazzjoni u segwitu aħjar tal-attivitajiet kollha relatati mal-ġestjoni tar-rilaxx u tat-tnedija fil-fażijiet kollha: ippjanar, bini, ittestjar u validazzjoni, tnedija, rieżami u għeluq. | It-twettiq tal-pjanijiet ta' rilaxx.<br>L-implimentazzjoni tar-rilaxxi għas-CBS. | Pjanijiet ta' rilaxx maħluqa u maqbula fil-Q1.<br>Rilaxxi mnedija skont il-pjanijiet ta' rilaxx. | Pjanijiet ta' rilaxx maqbula | TTU |

## 2.1.1.13. *Ġestjoni tal-liċenzji*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

L-iżgurar li l-liċenzji użati fl-eu-LISA jiġu ġestiti b'mod ċentrali u li d-dati tat-tiġdid tal-appoġġ ikunu allinjati kull meta jkun possibbli.

**VALUR MIŻJUD:**

Il-liċenzji ġestiti permezz ta' kuntratt uniku jibbenefikaw minn prezzijiet innegozjati (jiġifieri, il-kuntratt ta' ULM ta' Oracle nnegozjat fil-livell tal-Kummissjoni).

L-allinjament tad-dati ta' tiġdid inaqqas l-għadd ta' proċeduri ta' tiġdid.

**SFIDI EWLENIN:**

Il-konverżjoni ta' kuntratti multipli għal kuntratt ċentralizzat teħtieġ l-involviment ta' diversi kuntratturi li joperaw taħt kundizzjonijiet differenti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet | Segwitu tad-diversi liċenzji użati fl-eu-LISA. | Appoġġ kontinwu għal-liċenzji użati mill-eu-LISA (CBS u proġetti kondiviżi). | Il-liċenzji użati fl-eu-LISA huma appoġġati f'konformità mal-FLS, meħtieġ mis-Sistemi | Ammont ta' liċenzji taħt kuntratt ta' appoġġ ġestit ċentralment | Oracle (50 %)<br>Software ta' backup (50 %)<br>Linux OS (20 %) | Kuntratti tas-CBS<br>Kuntratt tas-CSI | IMU |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | | | tan-Negozju Ewlenin differenti. | | | | |

## 2.1.1.14. *Ġestjoni tal-operat ta' kuljum tal-Unità Ċentrali ta' Backup (BCU)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- il-ġestjoni ta' kuljum taċ-ċentri tad-*data*;
- il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-awtoritajiet Awstrijaċi;
- il-ġestjoni tal-kapaċità.

**VALUR MIŻJUD:**

Iċ-ċentri tad-*data* jipprovdu servizz essenzjali.

**SFIDI EWLENIN:**

- dewmien fl-implimentazzjoni tas-sistema;
- nuqqas ta' kapaċità taċ-ċentri tad-*data*.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Iż-żewġ ċentri tad-*data* jinżammu kompletament operazzjonali. | Il-manutenzjoni kontinwa u s-segwitu tal-kapaċità taż-żewġ ċentri tad-*data* (CU u BCU) | Iċ-ċentri tad-*data* (BCU) jaħdmu kif meħtieġ, u jipprovdu lill-Aġenzija bil-funzjonalità meħtieġa. | Disponibbiltà tar-riżorsi taċ-Ċentri tad-*Data* (tkessiħ, qawwa). | Konformità 100 % | Għodod ta' monitoraġġ | IMU |

### 2.1.1.15. *Appoġġ tal-ewwel livell 24/7 għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi - Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Ġestjoni operazzjonali tal-ewwel livell 24/7 tas-sistemi tan-negozju ewlenin, inkluż:

- komunikazzjoni effettiva lill-Istati Membri u lil partijiet ikkonċernati oħrajn;
- il-ġestjoni tad-dokumentazzjoni operazzjonali mal-Istati Membri;
- il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-avvenimenti;
- il-parteċipazzjoni fil-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-inċidenti skont il-politika tal-eu-LISA dwar il-ġestjoni tal-inċidenti;
- l-indirizzar ta' talbiet standard skont il-politika tal-eu-LISA dwar l-issodisfar tat-talbiet;
- it-twassil f'waqtu tar-rapporti maqbula skont il-Politika tal-eu-LISA dwar il-Ġestjoni fil-Livell ta' Servizz;
- il-kontribut regolari għall-ġestjoni tal-għarfien, kif ukoll għall-bażi tad-*data* tal-għarfien.

**VALUR MIŻJUD:**

L-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA jipprovdi s-servizzi meħtieġa għall-utenti tas-sistema tan-negozju ewlenija għall-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħrajn.

**SFIDI EWLENIN:**

L-iżgurar li s-servizzi jiġu pprovduti skont ir-regoli u r-rekwiżiti tas-sistemi tan-negozju, kif ukoll skont l-aspettattivi tal-klijenti. Li tiġi garantita l-kwalità adegwata tal-komunikazzjoni ta' kuljum lill-partijiet ikkonċernati.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Iż-żamma u t-titjib kontinwu tal-attivitajiet ta' appoġġ ta' kuljum u s-sodisfazzjon tal-klijenti | L-appoġġ effiċjenti u effettiv tal-ewwel għas-sistemi ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA u komunikazzjoni affidabbli għall-klijenti u għall-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA | L-utenti tas-sistemi tan-negozju ewlenin u tal-Istati Membri jirċievu servizzi effiċjenti u affidabbli bħala l-ewwel livell ta' appoġġ u ta' komunikazzjoni permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni maqbula. | Indikaturi tal-Prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz Stħarriġ Annwali dwar is-Sodisfazzjon tal-Klijenti. | Għall-indikaturi tal-Prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz: aktar minn 80 %. Għall-istħarriġ Annwali dwar is-Sodisfazzjon tal-Klijenti: aktar minn 80 %. | Ir-rapporti dwar l-indikaturi tal-Prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz. Stħarriġ Annwali dwar is-Sodisfazzjon tal-Klijenti. | SOU |

*Il-ġestjoni operazzjonali u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni*

### 2.1.1.16. *It-twassil tas-servizzi tan-network u l-ġestjoni operazzjonali regolari tal-kuntratti tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni (eżekuzzjoni tal-baġit, akkwiżizzjoni, tiġdid u ġestjoni tal-kuntratti)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- Il-ġestjoni operazzjonali tal-infrastruttura tan-network lokali tas-CBS;
- Il-ġestjoni operazzjonali tan-network tal-ġestjoni lokali (EUWS);
- Il-ġestjoni operazzjonali tat-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS;
- Il-ġestjoni operazzjonali tat-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS;
- il-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi ta' VIS Mail;
- il-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi ta' SIS Mail;
- l-evoluzzjoni tal-proċessi ta' ġestjoni tan-network;
- l-evoluzzjoni tal-arkitettura tan-network.

Attivitajiet ta' TESTA:

- is-superviżjoni, li tinkludi l-analiżi u r-rieżami tar-rapporti operazzjonali, l-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari relatati mal-operazzjonijiet u s-segwitu mal-fornitur, it-talbiet għal bidla u l-partijiet tekniċi tal-ordnijiet ta' servizz;
- il-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur: iż-żamma tal-listi ta' kuntatt fl-Istati Membri, il-koordinazzjoni tal-attivitajiet kollha tan-network li għandhom impatt fuq Stat Membru;
- il-proposta ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kif mitluba mill-Kummissjoni;
- l-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tat-titjib tas-servizzi tan-network (titjib kontinwu).

Attività kontinwa relatata mal-handover ta' kuntratti ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni lil eu-LISA. Dan ikopri:

- l-estensjoni jew it-tiġdid tal-appoġġ dwar il-komponenti ta' SIRENE mail u VIS mail;
- l-akkwiżizzjoni u t-tiġdid tal-komponenti tat-tieni saff ta' kriptaġġ;

- il-ġestjoni kuntrattwali tal-kuntratti speċifiċi ta' TESTA-ng għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA f'konformità mar-Regolament tat-Twaqqif tal-eu-LISA;
- il-ġestjoni kuntrattwali tal-kuntratti ta' appoġġ għas-sistemi VIS u SIS Mail;
- il-ġestjoni kuntrattwali tal-kuntratti tat-tieni saff ta' kriptaġġ ta' VIS u ta' SIS;
- l-għoti ta' speċifikazzjonijiet għall-estensjoni tal-kuntratti speċifiċi.

**VALUR MIŻJUD:**

L-infrastruttura ta' komunikazzjoni u s-sistemi ta' komunikazzjoni relatati jipprovdu s-servizz meħtieġ lis-sistemi tan-negozju ewlenin u lill-Istati Membri.

Fir-rigward tal-aspetti kuntrattwali, l-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'infrastruttura ta' komunikazzjoni għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LUSA f'konformità mal-qafas leġiżlattiv u mal-FLS.

**SFIDI EWLENIN:**

L-iżgurar li s-servizzi jiġu pprovduti skont l-aspettattivi tan-negozju u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Iż-żamma u l-monitoraġġ tan-networks ġestiti mill-eu-LISA sabiex jiġu żgurati d-disponibbiltà, is-sigurtà u l-affidabbiltà tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni. Għal SIRENE mail u VIS mail, il-komponenti kollha jridu jkunu koperti minn appoġġ tal-partijiet terzi u tal-manifattur. | Infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura u affidabbli u sistemi ta' komunikazzjoni relatati li joperaw kif meħtieġ, u manutenzjoni ġestita skont il-FLS. | Is-Sistemi tan-Negozju Ewlenin u l-Istati Membri jirċievu servizz affidabbli mill-infrastruttura ta' komunikazzjoni, is-sistemi ta' komunikazzjoni relatati huma skont ir-rekwiżiti, u huma ġestiti b'mod proattiv sabiex il-prestazzjoni tkun skont il-FLS. | Konformità mal-FLS dwar l-infrastruttura ta' komunikazzjoni. | Is-Servizzi tal-Infrastruttura tan-Network għandhom ikunu disponibbli u jaħdmu skont il-FLS speċifiku għas-sistema deskritt fil-verżjoni valida tal-katalgu tas-Servizzi tal-eu-LISA. | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistemi u l-FLS. | IMU |

### 2.1.1.17. *Appoġġ tat-tieni livell 24/7 għall-applikazzjoni għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tan-negozju ewlenin*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Appoġġ tat-tieni livell 24/7 (applikazzjonijiet u bażijiet tad-*data*) għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tan-negozju ewlenin kollha, inklużi l-ġestjoni tal-inċidenti, il-ġestjoni tal-problemi, il-ġestjoni tat-tibdil u tar-rilaxx (it-tnedija ta' RFCs u rilaxxi) u l-appoġġ tekniku għall-proġetti. L-attivitajiet ta' manutenzjoni sabiex il-prestazzjoni tas-sistemi tkun skont il-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz, abbażi tal-antiċipazzjoni tat-titjib u l-prevenzjoni tal-inċidenti.

**VALUR MIŻJUD:**

L-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u se tipprovdi lill-Istati Membri applikazzjonijiet f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom.

**SFIDI EWLENIN:**

L-iżgurar li t-tibdiliet meħtieġa fl-applikazzjoni skont l-attivitajiet ta' manutenzjoni jkunu integrati b'mod xieraq fil-pjan direzzjonali globali u jitnedu fil-ħin sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mal-ħtiġijiet tan-negozju.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Verifika tas-sors(i) | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | L-iżgurar ta' operazzjonijiet tal-applikazzjonijiet tat-tieni livell 24/7 mingħajr interruzzjonijiet u ta' kwalità għolja fil-ġestjoni tas-CBS. | Operazzjonijiet tal-applikazzjonijiet tat-tieni livell 24/7 mingħajr interruzzjonijiet u ta' kwalità għolja fil-ġestjoni tas-CBS. | Is-CBS u l-Istati Membri jirċievu servizz affidabbli relatat mal-applikazzjonijiet, inklużi bażijiet tad-*data* | Konformità mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz operazzjonali għall-applikazzjonijiet. | L-attivitajiet ta' manutenzjoni jwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistemi tkun skont il-ftehim dwar il-livell ta' servizz, abbażi tal-antiċipazzjoni tat-titjib u l-prevenzjoni tal-inċidenti. | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema u l-FLS. | SOU |

*Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju*

### 2.1.1.18. It-twassil tas-servizz tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-assigurazzjoni għas-sistemi tan-negozju ewlenin

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- Ippjanar u Ġestjoni
    - politika, standards u gwida tas-sigurtà;
    - arkitettura tas-sigurtà;
    - sensibilizzazzjoni u taħriġ dwar is-sigurtà;
    - rapportar u komunikazzjoni;
- Identifikazzjoni
    - il-ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà;
    - immudellar tat-theddid;
    - intelliġenza ta't-theddid;
    - identifikazzjoni tal-assi;
- Assigurazzjoni
    - valutazzjonijiet u awditi tas-sigurtà;
    - valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u ttestjar tal-penetrazzjoni;
    - eżerċizzji taċ-ċibersigurtà u t-Tim l-Aħmar;
- Protezzjoni
    - ġestjoni tal-aċċess u tal-identitajiet;
    - konfigurazzjoni sigura;
    - sigurtà tan-network;
    - l-iżvilupp ta' sistema sigura u s-sigurtà tal-applikazzjonijiet;
    - is-sigurtà tal-punt ta' tmiem;
    - kriptografija u PKI;
    - il-ġestjoni tal-vulnerabbiltà teknika;

- Detezzjoni
    - avveniment ta' sigurtà u monitoraġġ tal-inċidenti;
- Rispons
    - il-ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà;
    - il-forensika diġitali;
- Irkupru
    - il-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju tal-ICT.

**VALUR MIŻJUD:**

- riskji tas-sigurtà ġestiti għal livell aċċettabbli;
- konformità mar-rekwiżiti legali u kummerċjali;
- fiduċja akbar tal-partijiet ikkonċernati;
- żieda fir-reputazzjoni tal-Aġenzija bħala gwardjan affidabbli u sigur ta' informazzjoni sensittiva dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u tas-sigurtà interna tal-UE.

**SFIDI EWLENIN:**

- prijorità baxxa fir-rigward ta' kompiti oħrajn;
- żieda fil-kumplessità tal-attività tal-proġett li taqbeż il-kapaċità tar-riżorsi.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija | It-twassil tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Informazzjoni u l-Assigurazzjoni f'konformità mal-Istrateġija ta' Sigurtà u l-Kontinwità u l-Katalgu tas-Servizzi. | Il-politika tas-sigurtà; Ġestjoni tar-riskji tas-sigurtà; pjanijiet tas-sigurtà; sensibilizzazzjoni tas-sigurtà u taħriġ fis-sigurtà, arkitettura tas-sigurtà, valutazzjonijiet u verifiki tas-sigurtà; liċenzji tas-software; ittestjar tas-sigurtà, monitoraġġ tas-sigurtà, ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà, gwida dwar is-sigurtà. | L-assigurazzjoni li r-riskji tas-sigurtà tal-informazzjoni se jiġu ġestiti għal livell aċċettabbli. | (1) % tal-proċessi tan-negozju u s-servizzi tagħhom koperti mill-proċess tal-ġestjoni tar-riskju tal-informazzjoni<br>(2) % tal-persunal li temmew it-taħriġ ta' tagħlim elettroniku dwar is-sensibilizzazzjoni tas-sigurtà<br>(3) % tal-kontrolli tas-sigurtà implimentati f'kull Pjan tas-Sigurtà | (1) 60 %<br>(2) 75 %<br>(3) 65 %<br>(4) 75 % | Rapporti interni dwar il-valutazzjoni tar-riskji<br>Rapportar tat-tagħlim elettroniku<br>Kwestjonarju ta' awtovalutazzjoni<br>Rapporti dwar il-valutazzjoni tas-sigurtà | SCU |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | tas-Sistema tal-Informazzjoni<br>(4) % tat-testijiet ta' sigurtà trimestrali mwettqa versus ippjanati. | | | |

*Attivitajiet ewlenin ta' appoġġ għan-negozju (rapportar statutorju għas-sistemi, taħriġ tekniku estern, riċerka teknoloġika, eċċ.)*

### *2.1.1.19. Implimentazzjoni tal-pjan ta' taħriġ għall-għoti ta' taħriġ lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

L-organizzazzjoni u l-għoti ta' taħriġ kif previst fil-pjan ta' taħriġ annwali approvat.

**VALUR MIŻJUD:**

Jiżdied l-għarfien tekniku tal-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE rilevanti dwar is-sistemi, li jirriżulta fi prestazzjoni aħjar fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri jirċievu taħriġ imfassal apposta dwar l-użu tekniku tas-sistemi.

**SFIDI EWLENIN:**

- id-disponibbiltà tal-persunal tal-eu-LISA sabiex jipprovdi taħriġ, kif ukoll dik tal-kuntratturi sabiex iħejju u jagħtu korsijiet ta' taħriġ speċifiċi;
- proġetti paralleli multipli li jinvolvu żviluppi ta' sistema ġdida jimponu domandi eċċessivi taż-żmien fuq l-esperti tal-Istati Membri li jindirizzaw is-sistemi tal-eu-LISA, li jfisser li jkollhom żmien limitat sabiex jipparteċipaw f'korsijiet ta' taħriġ rilevanti. Dan jikkawża tnaqqis gradwali fil-kompetenzi fil-livell tal-SM;
- il-karattru mhux permanenti tal-profili tal-impjiegi li jappoġġaw l-attivitajiet ta' Taħriġ tal-SM (appoġġ estern u SNE).

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iżżid kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | It-titjib u l-applikazzjoni tal-għarfien tal-Istati Membri u tal-aġenziji tal-UE rilevanti dwar il-funzjonament tekniku u l-użu tas-sistemi. | L-issodisfar tal-kompitu ewlieni tal-Aġenzija skont ir-Regolament tat-Twaqqif tagħha u l-għoti ta' taħriġ tekniku | Ikun fis-seħħ programm ta' taħriġ dwar is-sistemi mfassal apposta u reattiv li jissodisfa b'mod sħiħ il- | Ir-rata ta' sodisfazzjon tat-trainees (skala 1-5, b'1 l-aktar baxxa, 5 l-ogħla). | Medja ta' mhux anqas minn 3 (skali 1-5) | Formoli ta' evalwazzjoni | GCU |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | dwar il-funzjonament u l-użu tas-sistemi lill-Istati Membri. | ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati. | | | | |

## 2.1.2. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2

*Il-ġestjoni operazzjonali u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi eżistenti*

### *2.1.2.1. Titjib fil-ġestjoni taċ-Ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjonijiet (ALM)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Bħalissa, l-eu-LISA qed taffaċċja sfidi minn tarf sa tarf:

- it-traċċabbiltà tal-artefatti tal-iżvilupp tal-applikazzjonijiet;
- il-formalizzazzjoni tal-proċessi taċ-ċiklu ta' ħajja tal-applikazzjonijiet u l-qafas ta' governanza;
- in-nuqqas ta' livell ta' awtomatizzazzjoni meħtieġ għall-ġestjoni taċ-Ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjonijiet.

Dan kien wassal għal diffikultajiet fl-aċċess għall-informazzjoni jew għad-dokumentazzjoni matul il-proċessi ta' żvilupp tal-applikazzjonijiet. Il-pjan għall-introduzzjoni ta' proċess effiċjenti ta' ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-Applikazzjonijiet (ALM) u l-użu ta' sett ta' għodod ta' awtomazzjoni se jkollhom impatt fuq l-unitajiet operazzjonali kollha tal-Aġenzija. Madankollu, is-sitwazzjoni attwali li qed tiffaċċja l-Aġenzija, li qed tiżviluppa fl-istess ħin diversi sistemi ġodda tal-IT fuq skala kbira (l-ewwel waħda l-EES), teħtieġ approċċ flessibbli u gradwali għall-implimentazzjoni tal-ALM, u l-kisbiet ta' gwadann rapidu, qabel ma l-implimentazzjoni tkun tista' tiġi estiża għall-aġenżija kollha. L-implimentazzjoni tal-ALM diġà hija ppjanata bħala attività ddedikata fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2020-2022 u se tiġi ffinalizzata fl-2021.

L-istudju dwar l-ALM tal-2019 huwa mistenni li jżid l-għarfien dwar il-kapaċità tal-ALM u jiddefinixxi xi elementi ewlenin għall-implimentazzjoni tagħha, bħal proċessi u governanza. Dan se jrawwem l-użu aktar konsistenti u aktar effiċjenti tal-għodod. Se jappoġġa wkoll l-ippjanar tal-attivitajiet meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa tas-soluzzjonijiet tal-ALM, li tibda fl-2020 u li għandha tiġi ffinalizzata fl-2021.

**VALUR MIŻJUD:**

- anqas falliment uman minħabba awtomatizzazzjoni ogħla;
- irkupru aktar malajr.

**SFIDI EWLENIN:**

- Ir-regoli tal-akkwist.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | L-iżgurar tad-disponibbiltà tal-għodod u tal-proċeduri sabiex jiġi żgurat mudell ta' twassil kontinwu li jipprovdi aktar flessibbiltà u aġilità. | Prodotti, għodod u proċeduri. | Twassil aktar malajr tar-rilaxxi. | Żmien għas-suq (meta mqabbel mas-snin ta' qabel) | Aktar rilaxxi.<br>Bidliet aktar malajr.<br>Kampanji ta' testijiet aktar mgħaġġla.<br>Awtomazzjoni ogħla. | Pjan ta' rilaxxi annwali | TTU |

## 2.1.2.2. *Appoġġ għall-pjattaforma tal-Ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-Applikazzjonijiet (ALM)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Il-pjattaforma tal-ALM (ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-Applikazzjoni), ippjanata li tiġi implimentata għat-twassil tal-proġett tal-EES u s-sistemi l-ġodda kollha li ġejjin, hija maħsuba biex f'xi punt tintuża wkoll għas-CBS diġà eżistenti. Il-pjattaforma se tkopri ħafna għodod miċ-ċiklu tal-ħajja u għalhekk se jkunu meħtieġa sjieda u appoġġ xierqa mill-persunal intern sabiex tinżamm pjattaforma li tista' tiġi użata għall-ittestjar xieraq u t-twassil tar-rilaxxi.

**VALUR MIŻJUD:**

Iż-żamma ta' pjattaforma li tista' tiġi użata għall-ittestjar xieraq u t-twassil tar-rilaxxi għas-CBS (ġodda u eżistenti).

**SFIDI EWLENIN:**

L-isfida ewlenija hija li jkun hemm governanza xierqa tal-pjattaforma sabiex ikun hemm użu u segwitu effiċjenti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | Li jkun hemm pjattaforma li tkun aġġornata u kontinwament disponibbli. | Manutenzjoni matul is-snin għall-pjattaforma tal-ALM (inklużi għodod, *data*, proċessi). | L-iżgurar tal-kontinwità u l-funzjonament xieraq tal-pjattaforma tal-ALM li qed tappoġġa l-ġestjoni tal-applikazzjonijiet | Pjattaforma kontinwament disponibbli biex jiġu appoġġati l-attivitajiet dwar l-ALM, l-ebda proġett jew attività ta' rilaxx milquta minħabba d- | Impatt ta' 0 % fuq l-attivitajiet ta' proġett, rilaxx u dawk operazzjonali ppjanati. | Ippjanar, riskji u kwistjonijiet relatati mal-attivitajiet ta' proġett, rilaxx jew dawk operazzjonali. | TTU |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | (testijiet, rilaxx, manutenzjoni). | disponibbiltà tal-għodod u d-*data*. | | | |

## 2.1.3. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3

*Mhux applikabbli. Ma hemmx attivitajiet fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu għall-Għan Strateġiku 3 ippjanati fl-2021.*

## 2.1.4. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4

*Il-governanza korporattiva (Ċentru ta' Eċċellenza, governanza, ippjanar u rapportar statutorju korporattiv, ġestjoni tal-kwalità, awditjar intern, eċċ.)*

### *2.1.4.1. It-tmexxija tal-proċessi tal-qafas tal-ITSM u rapportar regolari tal-eu-LISA*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- it-tmexxija tal-proċessi kif xieraq, filwaqt li jiġi kkunsidrat titjib possibbli fid-definizzjoni tal-proċess kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-proċess;
- ir-rapportar regolari dwar il-KPIs tal-proċess u dwar il-FLS;
- il-monitoraġġ u s-suġġeriment tal-evoluzzjoni tal-proċessi permezz ta' Titjib Kontinwu tas-Servizz sabiex jiġi appoġġat iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proċessi implimentati;
- il-kunsiderazzjoni u s-suġġeriment ta' titjib possibbli fl-għodda ITSM tal-eu-LISA.

**VALUR MIŻJUD:**

- titjib sinifikanti fit-tħaddim u l-kontroll tal-proċessi;
- rapportar imtejjeb bl-użu ta' *data* SM9 online u l-KPI definit għal kull sistema;
- definizzjoni u implimentazzjoni tal-proċessi ġodda meħtieġa, parti mill-qafas tal-ITSM tal-eu-LISA;
- evoluzzjonijiet tal-maturità għall-proċessi permezz ta' Titjib Kontinwu tas-Servizz;
- iż-żamma ta' reġistru b'titjib u b'inizjattivi;
- effiċjenza ottimizzata permezz tal-ingranaġġ tal-kapaċitajiet tal-għodda tal-ITSM mas-sistemi tal-eu-LISA u l-infrastruttura tal-appoġġ tal-kuntratturi.

**SFIDI EWLENIN:**

- prijorità baxxa minħabba arretrat tal-kompiti;
- nuqqas ta' kontroll u superviżjoni xierqa tal-proċessi.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Allinjament kontinwu tal-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, il-proċessi u l-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod | Iż-żamma, il-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-proċessi tal-ITSM tal-eu-LISA b'mod xieraq. | Il-proċessi tal-ITSM tal-eu-LISA jitmexxew b'mod effiċjenti u effettiv. | Is-sistemi tan-negozju ewlenin u l-Istati Membri jirċievu servizzi affidabbli, abbażi tal-Qafas tal-ITSM tal-eu-LISA. | Konformità mal-KPIs għall-proċessi | Il-KPIs maqbula għall-proċessi | Dokumentazzjoni dwar il-proċessi rispettivi. Rapporti dwar il-KPIs. | SOU |

### 2.1.4.2. *Titjib u personalizzazzjoni tal-għodod tal-ITSM, l-indirizzar tal-inizjattivi l-ġodda, kif ukoll l-eżitu mir-rieżamijiet regolari tal-proċessi u s-servizzi*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- il-ġbir u l-analiżi tal-kapaċitajiet ġodda meħtieġa, il-funzjonalitajiet ġodda u l-karatteristiċi mtejba tal-għodod tal-ITSM, xprunati prinċipalment minn:
  - l-eżitu ta' rieżamijiet regolari tal-proċessi u s-servizzi ppjanati għall-2021; titjib meħtieġ fl-għodod, li għandu jiġi rreġistrat, għal valutazzjoni u segwitu xierqa, fir-reġistru tas-CSI tal-eu-LISA;
  - l-onboarding ta' sistemi u inizjattivi ġodda kif meħtieġ, il-bidliet u t-titjib tal-proċessi u s-servizzi (kemm dawk eżistenti kif ukoll dawk ġodda);
- l-għoti tar-riżorsi meħtieġa għat-titjib maqbul fl-għodod;
- tim tal-proġett li għandu jiġi mħabbar , u l-kamp ta' applikazzjoni maqbul tiegħu, abbażi tal-Kompitu 1, id-deskrizzjoni tal-pakkett ta' ħidma, l-iskedar u r-riżorsi;
- offerta għal konsulenza esterna biex jitmexxa dan il-proġett, li għandha tiġi definita u maqbula;
- il-bidu tat-titjib maqbul - il-bidu tal-proġett.

**VALUR MIŻJUD:**

- proċessi konsiderevolment aktar effiċjenti u effettivi fis-seħħ, deskrizzjonijiet aktar preċiżi tas-servizzi, allinjati mal-onboarding tas-sistemi l-ġodda, u b'hekk tissaħħaħ il-prestazzjoni operazzjonali tal-eu-LISA, u jintlaħqu l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati;
- jiġu minimizzati r-riskji b'mod sinifikanti, relatati mal-kejl tas-servizz (FLS, KPIs).

**SFIDI EWLENIN:**

- prijorità baxxa minħabba piż żejjed tal-kompiti;
- nuqqas ta' kontroll u superviżjoni xierqa tal-proċess.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-allinjament kontinwu tal-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, il-proċessi u l-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod | Li jiġu allinjati l-kamp ta' applikazzjoni u l-kapaċitajiet tal-proċessi, kif ukoll id-definizzjonijiet tas-servizz rispettivi ġodda jew aġġornati, li jibbenefikaw mill-funzjonalitajiet tal-għodod ġodda, personalizzati u mtejba. | L-għodod tal-ITSM huma aġġornati, adattati għall-iskop u adattati għall-użu, u jindirizzaw l-onboarding tas-sistemi l-ġodda - mill-perspettivi tal-utent, tal-kuntrattur, tas-servizz u tal-proċess. | Tissaħħaħ l-effettività tal-proċess u l-onboarding b'suċċess tas-sistemi l-ġodda fil-mudell tal-proċess tal-ITSM tal-eu-LISA kif ukoll fl-għodod rispettivi. | Il-KPIs u l-FLS rispettivi għall-proċessi | Il-livelli maqbula tal-KPIs u tal-FLS rispettivi | Rappurtar Trimestrali u Annwali dwar il-KPIs | SOU |

### *2.1.4.3. Definizzjonijiet ġodda ta' servizz u ta' proċess bħala parti mill-Qafas tal-ITSM tal-eu-LISA*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- l-identifikazzjoni tas-servizzi l-ġodda u l-qbil dwar id-definizzjoni tagħhom, permezz tal-ġestjoni tal-proġetti;
- l-impenn dwar ir-riżorsi meħtieġa u d-definizzjoni tas-servizzi mal-partijiet ikkonċernati rispettivi, involuti u interni tal-eu-LISA;
- l-aġġornament tal-katalgu tas-Servizzi tal-eu-LISA;

- deċiżjoni ta' Ġestjoni dwar liema proċessi ġodda jeħtieġ li jiġu definiti fi żmien qasir, bi qbil dwar is-sjieda tal-proċess (eż. Ġestjoni tad-disinn tas-servizzi, Ġestjoni tar-relazzjonijiet tan-negozju, Ġestjoni tal-bejjiegħ);
- it-twaqqif tal-organizzazzjoni meħtieġa - bħala proġett, bl-istima tar-riżorsi interni u esterni;
- id-definizzjoni tal-proċessi u l-implimentazzjoni tagħhom;
- l-aġġornament tal-pakkett qafas tal-ITSM tal-eu-LISA, inklużi l-proċessi l-ġodda.

**VALUR MIŻJUD:**

Proċessi konsiderevolment aktar effiċjenti u effettivi fis-seħħ, li jżidu b'mod sinifikanti l-prestazzjoni operazzjonali tal-eu-LISA, jissodisfaw l-aspettattivi kollha tal-partijiet ikkonċernati, jimminimizzaw ir-riskji relatati mal-kejl tas-servizz, jiggarantixxu approċċ prammatiku u realistiku għall-kejl u r-rappurtar tas-servizzi.

**SFIDI EWLENIN:**

- prijorità baxxa minħabba piż żejjed tal-kompiti;
- nuqqas ta' kontroll u superviżjoni xierqa tal-proċessi.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-allinjament kontinwu tal-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, il-proċessi u l-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod | Li jiġu definiti u mwassla servizzi ġodda, abbażi tal-inizjattivi ġodda li għaddejjin (l-interoperabbiltà, l-ETIAS, l-EES, eċċ.), biex jiġi identifikat t-titjib meħtieġ fil-proċessi eżistenti u jiġu definiti u implimentati proċessi ġodda. | Mudelli ta' proċessi u servizzi aġġornati tal-eu-LISA, li jiddefinixxu servizzi ġodda, xprunati minn inizjattivi, proċessi u sistemi ġodda, li jsaħħu l-mod kif l-eu-LISA tipprovdi s-servizzi tagħha lill-partijiet ikkonċernati kollha. | Il-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA jinqdew b'mod aktar effiċjenti. | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien maqbula tal-proġett. | Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-iskeda ta' żmien approvati | Tabelli operattivi u rapporti perjodiċi dwar il-progress tal-proġett. Repożitorju tad-dokumentazzjoni tal-proġett. | SOU |

*Il-ġestjoni tal-għarfien u tar-riżorsi umani*

### *2.1.4.4. Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA dwar l-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal) u l-ġestjoni tal-għarfien*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- taħriġ intern (analiżi, disinn, żvilupp, implimentazzjoni, evalwazzjoni, analiżi tal-lakuni, allinjament, segwitu) u kondiviżjoni tal-għarfien;
- il-ġestjoni tal-għarfien skont il-politika ta' ġestjoni tal-għarfien (li bħalissa qed tiġi abbozzata fiż-żmien tal-kitba ta' dan l-SPD);
- il-ħolqien ta' kontenut għat-tagħlim elettroniku;
- il-ġestjoni amministrattiva tat-taħriġ;
- l-għoti ta' appoġġ għall-operazzjonijiet u għall-maniġers tal-proġetti fl-implimentazzjoni ta' titjib fis-sistemi kurrenti u t-tnedija ta' karatteristiċi u ta' sistemi ġodda fdati lill-Aġenzija;
- it-twaqqif tal-ambjent xieraq li jippermetti li l-persunal jitgħallem u jipprattika;
- il-kooperazzjoni mad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet dwar l-ippjanar u t-twettiq ta' taħriġ tekniku.

**VALUR MIŻJUD:**

- il-persunal operazzjonali tal-eu-LISA se jkun jista' jwettaq aħjar u joffri servizzi aħjar lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija;
- żieda tal-valur miżjud għas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati;
- issir konsulent fdat u faċilitatur tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija;
- l-iżvilupp u ż-żamma ta' immaġni pożittiva lejn il-partijiet ikkonċernati interni u esterni tagħha;
- il-konsolidazzjoni tar-rwol tagħha bħala impjegatur attraenti, b'enfasi fuq iż-żamma tal-persunal u l-għoti ta' żvilupp kontinwu tal-persunal.

**SFIDI EWLENIN:**

- nuqqas ta' riżorsi umani disponibbli biex tiġi implimentata l-Politika ta' Ġestjoni tal-Għarfien u biex jiġu assorbiti l-bidliet li ġejjin mir-riorganizzazzjoni (sessjonijiet ta' taħriġ tekniku ġew ipprovduti mill-maniġers tal-applikazzjonijiet; dan se jinbidel taħt l-istruttura organizzazzjonali l-ġdida);
- membri tal-persunal eżistenti li ma jgħaddux mill-proċess ta' ċertifikazzjoni, li jagħti assigurazzjoni li l-objettivi tat-tagħlim intlaħqu li huma meħtieġa biex jaċċessaw is-sistemi.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżitii) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tkompli tkun impjegatur attraenti, billi żżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal | Twieġeb għall-ħtiġijiet ta' taħriġ tekniku. It-tkabbir bħala ċentru ta' għarfien u ż-żamma ta' eċċellenza operazzjonali. Li jiġu identifikati soluzzjonijiet ġodda sabiex jiġu ottimizzati l-proċessi tan-negozju. Jiġi żgurat li jinġabar l-għarfien. L-organizzazzjoni tal-attivitajiet wara l-analiżi. L-evalwazzjoni tal-impatt l-ebda negozju. | Korsijiet dwar l-operazzjonijiet u l-applikazzjonijiet għall-persunal; il-ħolqien ta' laboratorju tat-taħriġ; l-implimentazzjoni tal-politika ta' ġestjoni tal-għarfien; l-onboarding tekniku; il-ħolqien ta' proċess ta' ċertifikazzjoni qabel l-aċċess għas-sistemi ewlenin. | Il-persunal tal-eu-LISA se jkun jista' jaħdem aħjar; l-eu-LISA se tiġi rikonoxxuta bħala ċentru tal-għarfien espert u tal-għarfien. | 1. Għadd ta' attivitajiet ta' taħriġ organizzati.<br>2. Livell ta' sodisfazzjon ġenerali.<br>3. Żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar il-Bażi tad-*Data* tal-Ġestjoni tal-Għarfien.<br>4. 100 % tal-persuni ġodda jkunu segwew programm tekniku ta' onboarding.<br>5. Għadd ta' persunal li jgħaddi mill-proċess ta' ċertifikazzjoni. | 1. 50 sessjoni ta' taħriġ organizzati.<br>2. Livell ta' sodisfazzjon ogħla minn 85 %.<br>3. Tal-anqas 2 sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni organizzati.<br>4. 100 % tal-persuni ġodda segwew il-programm ta' onboarding tekniku fi żmien 3 xhur mindu waslu.<br>5. 100 % tal-persunal tekniku (li jaħdem direttament fuq is-sistemi) jgħaddi mill-proċess ta' ċertifikazzjoni. | Rapporti tal-SMART Statistika tal-iLearn Rapporti ta' progress tal-Programm ta' Ħidma | HRU |

## 2.2. Attivitajiet ta' proġett operazzjonali

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet operazzjonali kollha tan-negozju operazzjonali ewlieni tal-Aġenzija li jitwettqu fuq bażi ta' kuljum. Il-prestazzjoni tal-proġetti tiġi mmonitorjata skont il-metodoloġija ta' ġestjoni tal-proġetti tal-Aġenzija. F'konformità ma' din il-metodoloġija, l-indikaturi tal-prestazzjoni tal-proġetti miżmuma għar-rapportar korporattiv tal-Aġenzija huma l-kost, l-iskeda u l-kamp ta' applikazzjoni. Għar-rapportar dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni, l-Aġenzija tuża skala ta' klassifikazzjoni tad-dawl tat-traffiku "RAG" (aħmar, ambra/isfar, aħdar). L-indikaturi RAG huma stabbiliti f'konformità mat-tolleranzi li ġejjin:

| | Kost | Skeda | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|
| **Aħdar** | Devjazzjoni totali < 5 % | Devjazzjoni totali < 5 % | L-ebda devjazzjoni |
| **Ambra** | Devjazzjoni totali bejn 5 % u 10 % | Devjazzjoni totali bejn 5 % u 10 % | Devjazzjonijiet permessi fil-limiti għall-kost u l-iskeda, sakemm dawn ikunu allinjati mal-każ tan-negozju u jkunu approvati mill-bord tal-proġett |
| **Aħmar** | Devjazzjoni totali > 10 % | Devjazzjoni totali > 10 % | Meta l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ma jiġux issodisfati |

## 2.2.1. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1

*Il-ġestjoni operazzjonali u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi eżistenti*

### 2.2.1.1. *Implimentazzjoni ta' qafas legali ġdid tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- funzjonalitajiet ġodda, regoli tan-negozju, kampijiet tad-*data*, allerti u kategoriji ta' oġġetti skont l-Artikoli 26, 32, 36 u 38 tar-Regolament dwar is-SIS;
- kampijiet tad-*data* addizzjonali skont l-Artikolu 24 tar-Regolament dwar is-SIS u għal identifikazzjoni aħjar tal-persuni;
- l-irfinar tas-sistema ċentrali mill-perspettiva tal-kapaċità.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

Fl-2019, l-eu-LISA ffukat fuq it-tnedija tal-iżviluppi relatati mal-qafas legali l-ġdid tas-SIS.

Fl-2020, eu-LISA ffukat fuq l-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet il-ġodda, ir-regoli tan-negozju, kampijiet ta' *data* addizzjonali u allerti skont l-artikoli msemmija hawn fuq.

**VALUR MIŻJUD:**

It-titjib tal-kapaċitajiet tas-SIS fir-rigward tal-infurzar tal-liġi u l-kontroll tal-fruntieri permezz tal-funzjonalitajiet addizzjonali identifikati.

**SFIDI EWLENIN:**

- il-partijiet ikkonċernati kollha se jkollhom jiġu kkoordinati mill-qrib f'kull stadju ta' dan il-proġett;
- l-Istati Membri se jkollhom jilħqu stadji importanti partikolari permezz ta' dati ta' skadenza stabbiliti f'konformità mal-ICD;
- l-implimentazzjoni, sabiex tippermetti l-operazzjonijiet ta' ttestjar, minħabba li din hija pass ewlieni fit-twettiq tal-proġett.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet | L-għoti ta' kategoriji ġodda ta' allerti f'SIS, kampijiet tad-*data* addizzjonali, kategoriji ta' oġġetti ġodda u | Il-proġett se jipprovdi funzjonalitajiet ġodda definiti fil-bażi ġuridika ġdida tas-SIS għall- | Rilaxx ġdid tas-sistema ċentrali tas-SIS li jinkludi l-funzjonalitajiet ewlenin ġodda tas-SIS | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | utenti ġodda għas-sistema. | infurzar tal-liġi u l-kontroll fil-fruntieri. | identifikati fl-istrument legali riformulat (deċiżjoni ta' ritorn mhux inkluża). | | | | |

## 2.2.1.2. *Deċiżjoni ta' ritorn tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Dan il-proġett se jiżviluppa u jimplimenta r-rekwiżiti dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn stabbiliti fl-istrument legali l-ġdid tas-SIS.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

Fl-2019, l-Aġenzija se tibda l-proġett dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn tas-SIS.

Fl-2020, l-eu-LISA ffukat fuq l-implimentazzjoni tal-allert il-ġdid dwar id-deċiżjoni ta' ritorn u l-funzjonalità relatata.

**VALUR MIŻJUD:**

It-titjib tal-kapaċitajiet ta' SIS dwar il-migrazzjoni u l-infurzar tal-liġi permezz tat-titjib tal-kontroll, l-istatus u l-informazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa (li bħalissa mhumiex ikkontrollati kif suppost).

**SFIDI EWLENIN:**

- il-partijiet ikkonċernati kollha se jkollhom jiġu kkoordinati mill-qrib f'kull stadju ta' dan il-proġett;
- l-Istati Membri se jkollhom jilħqu stadji importanti partikolari permezz ta' skadenzi stabbiliti f'konformità mal-implimentazzjoni tal-ICD;
- in-nuqqas tal-ġbir ta' għarfien xieraq fil-qasam tan-negozju dwar id-deċiżjoni Ewropea ta' ritorn l-attivitajiet u l-prattiki se jipperikolaw il-proġett.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | L-għoti ta' kategoriji ġodda ta' allert (deċiżjoni ta' ritorn) flimkien mal-funzjonalità relatata. | Dan il-proġett se jipprovdi deċiżjoni ġdida ta' ritorn definita fil-bażi ġuridika ġdida tas-SIS. | Rilaxx ta' sistema ċentrali ġdida tas-SIS, inklużi funzjonalitajiet ta' deċiżjoni ta' ritorn. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

### *2.2.1.3. Modulu / interfaċċa ta' interkonnessjoni ġeneriċi tas-SIS ewlieni[30] biex jiġu permessi konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-ETIAS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett, is-SIS ċentrali se tiġi estiża b'soluzzjoni li se tippermetti li jiġu skambjati messaġġi ma' sistemi oħra. Fl-ewwel fażi, is--SIS Ċentrali se tiġi estiża b'modulu/interfaċċa ta' interkonnessjoni ġenerika u l-Aġenzija se tiġġestixxi u tissorvelja l-istadji li ġejjin tal-proġett: it-talba tal-attività lill-kuntrattur tal-MWO tas-SIS, id-disinn, il-bini, l-implimentazzjoni, l-integrazzjoni, l-ittestjar, it-tnedija u l-aċċettazzjoni tas-sistema finali.

Fit-tieni fażi, il-modulu/l-interfaċċa tal-interkonnessjoni se jiġu personalizzati sabiex jiġu skambjati messaġġi mal-ETIAS; l-attività se tinkludi:

- it-talba lill-kuntrattur tal-MWO tas-SIS biex titwettaq l-attività meħtieġa, fir-rigward tal-informazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt li tkun tħejjiet qabel;
- ir-rieżami tal-ICD tas-SIS sabiex dan jirrifletti l-istruttura tal-messaġġi/tat-tranżazzjonijiet mibgħuta mill-ETIAS u t-tweġibiet mibgħuta lura;
- il-kooperazzjoni mat-tim tal-ETIAS u tas-SIS għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proġetti u l-ippjanar tal-allinjament skont ir-rekwiżiti tal-att legali;
- konfigurazzjoni tal-modulu/interfaċċa tal-interkonnessjoni (interkonnettività) bejn is-SIS u l-ETIAS;
- l-irfinar tal-aspetti tal-kapaċità ta' tiftix alfanumeriku tas-Sistema Ċentrali tas-SIS sabiex tinżamm konformità mal-volum meħtieġ ta' tfittxijiet;
- l-ittestjar rilevanti qabel it-tnedija finali għall-produzzjoni;
- Tnedija għall-produzzjoni, attivitajiet ta' għeluq tal-proġetti u aċċettazzjoni finali tas-sistema.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

Modulu bażiku ta' interkonnessjoni implimentat u lest għall-ittestjar.

**VALUR MIŻJUD:**

- jiġu limitati l-kostijiet futuri tal-interkonnessjoni tas-Sistema Ċentrali tas-SIS ma' sistemi oħrajn;
- ġestjoni aktar faċli tar-riżorsi;
- l-interkonnessjoni operazzjonali bejn is-SIS Ċentrali u l-ETIAS f'konformità mar-rekwiżiti.

[30] L-implimentazzjoni ta' dan il-modulu/ta' din l-interfaċċa ta' interkonnessjoni se tqis l-IA korrispondenti fi ħdan l-implimentazzjoni tal-ETIAS u se tqis ukoll l-aspetti tal-interoperabbiltà.

**SFIDI EWLENIN:**

- spazju limitat fiċ-ċentru tad-*data* jista' jinfluwenza l-arkitettura tas-soluzzjoni;
- riżorsi limitati tal-eu-LISA tista' twassal għal żieda fl-appoġġ estern;
- Id-definizzjonijiet tal-ICD tas-sistemi interni u esterni jistgħu ma jkunux lesti;
- l-atti legali jistgħu jinfluwenzaw il-possibbiltajiet ta' interkonnessjoni;
- il-volum tal-iskambju futur ta' messaġġi mhuwiex ċar.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Din l-attività għandha l-għan li tagħmilha possibbli li s-sistema ċentrali tas-SIS tiġi interkonnessa ma' sistemi interni jew esterni oħrajn (eż. l-ETIAS, il-VIS ...). Li s-Sistema Ċentrali tas-SIS tiġi aġġornata skont ir-rekwiżiti legali tal-ETIAS billi jkunu jistgħu jsiru tfittxijiet alfanumeriċi tad-*data* personali ta' TCNs irreġistrati fl-ETIAS, wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni, | Modulu ta' interkonnessjoni se jistabbilixxi soluzzjoni ta' bus tas-servizzi għall-intrapriżi, li tippermetti l-iskambju tad-*data* ma' sistemi interni jew esterni. Is--SIS aġġornata biex tikkonforma mar-rekwiżiti legali tal-ETIAS: Is-sistema Ċentrali tas-SIS hija interkonnessa mal-ETIAS u tista' tindirizza t-tfittxijiet alfanumeriċi li ġejjin mill-ETIAS, u t-tweġibiet mibgħuta lill-ETIAS għat-TCNs. | Pjattaforma/interfaċċa tas-Sistema Ċentrali operazzjonali tas-SIS għall-interkonnessjoni ma' sistemi oħra fis-seħħ Is-SIS hija konformi mad-dispożizzjonijiet legali tal-ETIAS u tippermetti, permezz ta' tfittxijiet awtomatizzati, li ssir valutazzjoni ta' jekk id-dħul tal-applikant fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida (sigurtà, immigrazzjoni illegali eċċ.). | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

## *2.2.1.4. L-implimentazzjoni tal-Fażi 2 tal-AFIS tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- it-twettiq ta' kampanji ta' ttestjar tal-integrazzjoni interni u tal-SM;
- il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni fil-livelli tas-sistema ċentrali u tas-sistema nazzjonali;
- komunikazzjoni u segwitu regolari mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

- il-validazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda tal-marki tas-swaba' flimkien mal-Istati Membri u l-Kummissjoni li jirriżultaw mill-qafas legali tas-SIS il-ġdid;
- l-aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema tal-AFIS tas-SIS;
- it-titjib tal-arkitettura tas-sistema tal-AFIS imwassla fil-Fażi 1 sabiex tlaħħaq mar-rekwiżiti l-ġodda.

**VALUR MIŻJUD:**

Il-kontrolli fil-fruntiera tal-ewwel linja se jkunu attivati mal-Fażi 2 tal-AFIS. Il-funzjonalità tal-marki tas-swaba' latenti se tkun attivata wkoll għal persuni mfittxija mhux magħrufa.

**SFIDI EWLENIN:**

- il-partijiet ikkonċernati kollha jridu jkunu kkoordinati mill-qrib f'kull stadju ta' dan il-proġett;
- l-Istati Membri se jkollhom jilħqu l-istadji importanti partikolari bi skadenzi speċifiċi skont l-implimentazzjoni tal-ICD, sabiex jippermettu l-operazzjonijiet tal-ittestjar, billi dan huwa pass ewlieni fit-twettiq tal-proġett;
- l-Istati Membri se jkollhom ikunu lesti għad-data tat-twettiq fil-mira tal-proġett;
- evoluzzjoni fil-hardware/fis-software u kwistjonijiet ta' konsistenza se jkollhom jiġu indirizzati fuq bażi individwali, u dawk il-kwistjonijiet mhux magħrufa jistgħu jwasslu għal dewmien addizzjonali;
- l-attivitajiet ta' riformulazzjoni tas-SIS se jsiru b'mod parallel ma' din l-implimentazzjoni u jista' jkollhom impatt dirett fuq il-bini tas-soluzzjoni;
- l-iskeda ta' żmien tal-attivitajiet tal-interoperabbiltà jista' jkollha effett fuq ir-rekwiżiti li għandhom jiġu kkunsidrati qabel l-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-AFIS;
- l-implimentazzjoni Attiva-Attiva tista' tkun meħtieġa biex jiġu ssodisfati impenji addizzjonali mal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | L-għoti ta' ħin tar-rispons aħjar għat-tfittxijiet bijometriċi. Iż-żieda fil-kapaċità u t-throughput tal-bażi tad-*data* tal-AFIS. L-appoġġ għall-funzjonijiet bijometriċi addizzjonali u l-għoti ta' livelli addizzjonali ta' preċiżjoni. | Dan il-proġett se jipprovdi titjib fil-funzjonalitajiet diġà stabbiliti fil-fażi 1 tal-AFIS tas-SIS. | Dan il-proġett se jipprovdi kapaċitajiet bijometriċi addizzjonali lill-Istati Membri. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

### 2.2.1.5. *Tmexxija tal-Ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni (PPE) tas-SIS minn Ġewwa l-Muntanja (ITM) għal Barra mill-Muntajna (OTM) (kontinwazzjoni mill-2020)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- tmexxija tal-PPE tas-SIS minn proġett tal-ITM għal dak tal-OTM u se tissepara bis-sħiħ il-PRD mill-PPE fil-bini tal-BCU;
- it-tfassil u t-twassil ta' PPE distint u r-rilokazzjoni tas-sistemi rilevanti kollha għall-bini tal-OTM tal-BCU;
- id-dekummissjonar ta' kwalunkwe tagħmir mhux meħtieġ li jinsab fil-bini tal-ITM tal-BCU u b'hekk tiġi rilaxxata impronta siewja taċ-ċentru tad-*data* għall-użu fl-ISS futuri u proġetti oħra;
- it-twettiq tal-valutazzjoni tas-sigurtà fil-kuntest tal-proċess tal-ġestjoni tal-bidla.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

Matul l-2020 huwa ppjanat dan li ġej:

- il-bidu tal-proġett;
- valutazzjoni tal-impatt għas-servizzi u l-funzjonalitajiet fil-BCU (dokumentazzjoni dettaljata tal-Iskeda tal-Proġetti);
- il-prerekwiżiti ta' referenza għat-twassil tal-Parti I (tfassil mill-ġdid tal-PPE);
- il-prerekwiżiti ta' referenza għat-twassil tal-Parti II (tfassil mill-ġdid tan-network, rikonfigurazzjoni tal-apparat, pjan ta' tranżizzjoni, eċċ.).

**VALUR MIŻJUD:**

- PRD u PPE distinti tas-SIS fil-bini tal-BCU;
- Fl-ITM tal-BCU se jkunu ospitati biss is-sistemi tal-PRD tal-eu-LISA;
- Fl-OTM tal-BCU se jkunu ospitati s-sistemi mhux tal-PRD tal-eu-LISA;
- l-ebda infrastruttura kondiviża bejn is-sistemi tal-PRD u tal-PPE tas-SIS.

**SFIDI EWLENIN:**

- Perjodu ta' qtugħ tal-PPE tal-BCU għal ġimagħtejn;
- L-OTM tal-BCU mhux biżżejjed sabiex jiġu pprovduti impronta taċ-ċentru tad-*data* u network ta' appoġġ għas-sistemi tal-PPE tas-SIS.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Allinjament mad-deċiżjoni tal-eu-LISA li jinżammu biss is-sistemi ta' produzzjoni fil-bini BCU ITM tal-BCU | Moviment tal-PPE tas-SIS minn ITM għal OTM għall-bini f'Sankt Johann im Pongau - Salzburg (BCU) | Ir-riżultat tal-proġett huwa s-separazzjoni u t-tmexxija tas-sistemi tal-PPE tas-SIS minn ITM għal OTM, għal bini tal-BCU. Dan se jirrilaxxa marka siewja taċ-Ċentru tad-*Data* li tista' tintuża għall-espansjoni tal-PRD. Barra minn hekk se jipprovdi sigurtà akbar fis-sistemi tal-eu-LISA. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

## 2.2.1.6. *Il-konformità tal-Eurodac mas-servizzi tas-CSI/CSS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- allinjament kontinwu tal-Eurodac mas-servizzi tas-CSI/CSS, malli dawn ikunu lesti u inklużi fil-katalgu tas-CSS;
- l-allinjament se jinkludi (skont il-katalgu li jevolvi tas-CSS) l-użu ta' dawn is-servizzi armonizzati: servizzi tan-network, servizzi ta' monitoraġġ, servizzi tas-sistema operazzjonali, servizzi tas-sigurtà, servizzi ta' ġestjoni tad-*data*, servizzi ta' lokalizzazzjoni u ta' direttorju, servizzi ta' ġestjoni tas-sistemi u tan-networks;
- il-proġett se jinkludi l-ġestjoni tal-interazzjoni tal-kuntrattur tal-Eurodac mal-kuntrattur(i) tas-CSS, il-ħolqien u l-ġestjoni ta' interfaċċi kuntrattwali permezz tal-FLS, evoluzzjonijiet u aġġornamenti tekniċi tal-Eurodac (l-FAT, il-PPE, l-ambjenti tat-Test u tal-Produzzjoni),
- l-ittestjar u l-kwalifiki, il-ġestjoni tal-proġetti, ir-rappurtar u s-segwitu.

**VALUR MIŻJUD:**

- it-tnaqqis tat-TCO assoċjat mal-implimentazzjoni tas-sajlos attwali;
- l-armonizzazzjoni tal-attivitajiet ta' ġestjoni operazzjonali u l-użu aħjar tal-għarfien u tar-riżorsi miksuba;
- ippjanar aħjar taċ-ċentru tad-*data* u tnaqqis tal-impronta tal-infrastruttura.

**SFIDI EWLENIN:**

- dewmien fil-proġett ta' implimentazzjoni tas-CSI/CSS Ċentrali u n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' servizzi fil-katalgu rilevanti fil-ħin biex ikun jista' jsir ippjanar xieraq;

- limitazzjonijiet tal-ispazju fiċ-ċentru tad-*data* jista' jkollhom impatt fuq l-implimentazzjoni tas-CSI/CSS, u dan idewwem l-attivitajiet rilevanti previsti għall-konformità tal-Eurodac;
- limitazzjonijiet tekniċi tal-arkitettura tal-Eurodac jistgħu joħolqu diffikultajiet ta' konformità f'ċerti servizzi komuni.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | L-allinjament mal-Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI) u mas-Servizzi Kondiviżi Komuni permezz tal-użu ta' software u ta' infrastruttura armonizzati, imfassla ċentralment fil-livell tal-eu-LISA. | L-Eurodac qed tuża l-Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI) u s-Servizzi Kondiviżi Komuni (CSS) disponibbli. Riżultati indikattivi (skont il-prontezza tas-CSS-CSI): L-użu ta' Servizzi ta' ħżin, Għodod u servizzi ta' monitoraġġ, servizzi ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni, kontejners, eċċ. | Is-sistema Ċentrali tal-Eurodac tikkonforma mar-rekwiżiti tas-CSI u tieħu vantaġġ mis-CSS offruti, filwaqt li tippermetti l-armonizzazzjoni bejn l-applikazzjonijiet, il-ħolqien ta' sinerġiji u l-iffaċilitar tal-ġestjoni operazzjonali, l-ekonomiji ta' skala, it-tnaqqis ta' TCO | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

### 2.2.1.7. *L-iżvilupp tar-riformulazzjoni tal-VIS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi s-CS-VIS u s-Sistema Nazzjonali dwar il-Viża mmodifikati f'konformità mal-bażi ġuridika emendata tal-VIS[31].

**VALUR MIŻJUD:**

Is-sistema se tkun lesta sabiex tiġi aġġornata kif meħtieġ mill-bażi ġuridika emendata tal-VIS.

**SFIDI EWLENIN:**

Dewmien fl-adozzjoni tal-bażi legali.

[31] Aktar dettalji se jkunu disponibbli wara l-adozzjoni tal-emendi għall-bażi ġuridika tal-VIS.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Abbozzi ta' speċifikazzjonijiet, akkwist, disinn, ittestjar, integrazzjoni tat-tibdiliet meħtieġa fil-VIS sabiex ikun hemm fis-seħħ funzjonalitajiet ġodda tal-VIS | CS-VIS u NS-VIS immodifikati f'konformità mal-bażi ġuridika emendata tal-VIS. | CS-VIS u NS-VIS immodifikati f'konformità mal-bażi ġuridika emendata tal-VIS. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

## 2.2.1.8. L-iżvilupp tal-ETIAS – implimentazzjoni ta' emendi konsegwenzjali għall-VIS

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

- l-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet il-ġodda għas-sistema tal-VIS biex ikun hemm interazzjoni mal-ETIAS;
- l-aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema tal-VIS skont dan;
- l-integrazzjoni u l-validazzjoni tal-bidliet permezz tal-kampanja ta' ttestjar.

**VALUR MIŻJUD:**

Il-VIS u l-ETIAS se jkunu kompletament interoperabbli: il-VIS se tkun tista' tirċievi, tipproċessa u twieġeb domandi tal-ETIAS.

**SFIDI EWLENIN:**

- il-kuntratt attwali tal-MWO2 jintemm f'Mejju 2022;
- din l-attività trid tkun ikkoordinata mill-qrib mar-riformulazzjoni tal-VIS u ma' bidliet oħra fl-interoperabbiltà biex jiġu ddeterminati l-bidliet meħtieġa fis-sistema tal-VIS. Se tiġi imposta skeda stretta biex isiru dawn il-bidliet.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Il-VIS se tkun tista' tirċievi, tipproċessa u twieġeb id-domandi tal-ETIAS. | Se jiġu stabbiliti funzjonalitajiet ġodda tal-VIS. | Aktar funzjonalitajiet tas-sistema VIS u l-konformità legali. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

### *2.2.1.9. L-integrazzjoni tas-soluzzjoni ta' Monitoraġġ Integrat Uniku mal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti, b'mod li jkunu koperti s-sistemi kollha li qed jitħaddmu*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tikkonsisti mill-integrazzjoni tas-soluzzjoni unika ta' monitoraġġ mal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti – għall-2021-2022, billi jiżdiedu s-sistemi l-ġodda kollha.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

Din l-attività tikkonsisti minn tliet fażijiet: l-ewwel tnejn se jiġu implimentati qabel l-2021, it-tielet waħda, li għandha tiġi implimentata fl-2021–2022.

1. Qbil mal-kuntratturi kollha tal-eu-LISA sabiex jikkontribwixxu għall-ġestjoni standardizzata tal-avvenimenti - fl-2020.

   Dan se jinkludi studju maħsub biex jikseb dan li ġej:

- li jintlaħaq qbil mal-kuntratturi kollha tal-eu-LISA li huma se jikkontribwixxu għal din id-definizzjoni tal-proċess;
- li tiġi riċevuta l-lista eżistenti bit-twissijiet uniċi kollha mingħand il-kuntratturi, bl-attributi rispettivi tagħhom – sitwazzjoni kif inhi;
- li l-listi jiġu analizzati mill-esperti tal-eu-LISA bl-assistenza tal-kuntratturi;
- li tiġi abbozzata proposta, valida għas-sistemi kollha, li jkun fiha t-tipi ta' allert ta' appoġġ L1 u L2, l-attributi tal-gruppi u tal-allerti li huma meħtieġa mill-eu-LISA – sitwazzjoni TO-BE.

2. Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ta' ġestjoni tal-Avvenimenti tal-eu-LISA - prevista għall-2020-2021:

- li tiġi definita l-politika ta' ġestjoni tal-avvenimenti;
- li jiġi definit pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-politika.

**VALUR MIŻJUD**

- li jiġi pprovdut livell ogħla ta' flessibbiltà għas-segwitu u għall-komunikazzjoni ta' kwalunkwe tip ta' kwistjoni, u li jiġu ffaċilitati b'mod sinifikanti l-attivitajiet ta' appoġġ ta' kuljum tal-Livell 1 u l-Livell 2;
- l-integrazzjoni tas-soluzzjoni ta' Monitoraġġ Uniku flimkien mal-proċess tal-ġestjoni tal-Avvenimenti se tipprovdi livell suffiċjenti ta' allinjament għas-soluzzjonijiet ta' monitoraġġ fis-sistemi kollha taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA;
- it-tnaqqis b'mod sinifikanti tar-riskju għal ommissjoni ta' allert kritiku;
- is-sistema tan-negozju ewlenija kollha se tkun koperta mis-soluzzjoni ta' Monitoraġġ Uniku u se tuża approċċ standardizzat għall-ġenerazzjoni tal-allarm/twissija.

**SFIDI EWLENIN:**

- l-iskeda ta' żmien jaf ma tintlaħaqx, minħabba dewmien possibbli fl-implimentazzjoni tal-ġestjoni tal-Avvenimenti;
- restrizzjonijiet tas-sigurtà;
- dewmien fl-akkwist;
- il-progress ta' dan il-proġett pluriennali jiddependi mill-kisbiet tas-sena ta' qabel.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Titjib sinifikanti tal-monitoraġġ għas-sistemi tan-negozju ewlenin kollha, filwaqt li jittieħdu l-benefiċċji mis-soluzzjoni Unika ta' monitoraġġ diġà implimentata kif ukoll mill-proċess ta' ġestjoni tal-Avvenimenti tal-ITSM stabbilit fl-2020. | Permezz ta' proċess Standardizzat ta' monitoraġġ tal-Avvenimenti fis-sistemi kollha sabiex l-allarmi riċevuti jiġu strutturati b'mod aħjar, bl-attributi neċessarji obbligatorji. | Abbażi tal-proċess ta' ġestjoni tal-Avvenimenti fis-sistemi kollha u tal-kwalità mtejba tal-ġenerazzjoni tal-allarmi, l-integrazzjoni meħtieġa bis-soluzzjoni Unika ta' monitoraġġ se ttejjeb b'mod sostanzjali l-effiċjenza u l-effettività tal-monitoraġġ. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | SOU |

### 2.2.1.10. *Appoġġ tekniku għal proġett biex tiġi żviluppata prova tal-kunċett u prototip tal-portal tal-UE tal-applikazzjoni online għall-viża (formola ta' kontinwazzjoni tal-2020)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Il-proġett għandu l-għan speċifiku li:

- jidentifika l-ħtiġijiet tal-applikanti u l-konsulati fil-proċess tal-applikazzjoni online għal viża;
- jidentifika s-soluzzjonijiet teknoloġiċi biex jiġu ssodisfati dawk il-ħtiġijiet;
- jiżviluppa kunċett għall-arkitettura tan-negozju ta' portal tal-applikazzjonijiet online, b'kont meħud ta':
    - l-għażla ppreferuta tal-istudju iżda wkoll għażliet oħra possibbli, u
    - ir-rekwiżiti tal-Istati Membri għal ċerti funzjonalitajiet.

- jinbena prototip ta' realizzazzjoni tal-portal tal-applikazzjonijiet online, inklużi profili/interfaċċi differenti għall-utenti għall-awtoritajiet ċentrali u l-konsulati tal-Istati Membri, il-fornituri esterni tas-servizzi (ESP) u l-applikanti;
- jiġu ttestjati l-funzjonalitajiet tal-portal tal-applikazzjonijiet online skont kriterji speċifiċi li jistgħu jitkejlu, b'mod partikolari l-preċiżjoni, l-effettività u l-impatt fuq il-proċess tal-applikazzjoni għal viża;
- jiġi vvalidat il-kunċett tekniku tal-portal tal-applikazzjoni għal viża, inklużi r-rekwiżiti għall-arkitettura tas-sistema;
- jiġu analizzati r-rekwiżiti tekniċi, baġitarji u legali biex jitwassal il-portal tal-applikazzjonijiet online, inkluża stima sħiħa tal-kost, u jingħataw ir-rakkomandazzjonijiet relatati.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

L-analiżi, id-disinn, l-abbozz ta' speċifikazzjonijiet, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' mudell.

**VALUR MIŻJUD:**

Ir-riżultati tal-proġett għandhom jipprovdu bażi ta' evidenza importanti biex tiġi kkunsidrata l-fattibbiltà tal-portal tal-UE tal-applikazzjoni online għall-viża u biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar passi ulterjuri, inklużi proposti leġiżlattivi possibbli.

**SFIDI EWLENIN:**

- l-implimentazzjoni tal-proġetti fi ħdan ir-riżorsi eżistenti fl-eu-LISA;
- dewmien fl-għoti ta' kuntratti minħabba proċeduri ta' akkwist obbligatorji.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Li tiġi ttestjata u murija l-fattibbiltà tal-kunċett ta' portal tal-UE tal-applikazzjonijiet online għal viża, li jinvolvi lill-SM. Li tingħata gwida dwar ir-rekwiżiti tekniċi, baġitarji u legali għal portal tal-UE tal-applikazzjonijiet online għal viża, fid-dawl tal-proposti legali possibbli. | Il-proġett se jiżviluppa u jittestja prototip tal-portal tal-UE tal-applikazzjonijiet online għal viża li jikkorrispondi mar-rakkomandazzjonijiet tal-ewwel fażi tal-istudju. | Ir-riżultati tal-proġett għandhom jipprovdu bażi ta' evidenza importanti biex tiġi kkunsidrata l-fattibbiltà ta' portal online tal-UE għall-applikazzjoni tal-viża u deċiżjonijiet dwar passi ulterjuri, inklużi proposti leġiżlattivi possibbli. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | | PSU |

### 2.2.1.11. *Aġġornament Ġdid tal-Magna tat-Tiftix u ta' Oracle għas-SIS, it-titjib tad-disponibbiltà u l-kunsiderazzjoni tal-aspetti ta' traskrizzjoni (kontinwazzjoni mill-2019 u l-2020)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Il-proġett għandu l-għan speċifiku li:

- jimplimenta l-magna tat-tiftix tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku inklużi funzjonalitajiet ġodda ta' tiftix;
- iżid il-kapaċità ta' domandi;
- jassenja mill-ġdid ir-riżorsi li jżidu l-kapaċità tal-allerti;
- jottimizza l-kapaċità ġenerali;

**VALUR MIŻJUD:**

- l-istabbilimentta' funzjonalitajiet ta' tiftix tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku;
- il-ħolqien ta' kapaċità addizzjonali għad-domandi (8 darbiet aktar mid-disinn oriġinali tas-CS tas-SIS);
- il-ħolqien ta' kapaċità addizzjonali għall-allerti.

**SFIDI EWLENIN:**

- riżorsi limitati;
- kunflitt ma' proġetti oħrajn;
- test diffiċli ħafna tal-ekwivalenza ta' domandi.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Il-ksib ta' funzjonalitajiet ta' tiftix tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku li jkunu kosteffiċjenti. Kapaċità addizzjonali għas-Sistema Ċentrali. Ikun permess l-użu fil-futur | Is-Sistema Ċentrali tas-SIS se timplimenta magna tat-tiftix ġdida għal kapaċità addizzjonali dwar id-domandi u l-allerti. Dokumentazzjoni assoċjata aġġornata. | Funzjonijiet ġodda ta' tiftix tal-ogħla livell u kosteffiċjenti tas-Sistema Ċentrali l-ġdida tas-SIS, kapaċità addizzjonali ta' domandi u ta' allerti; it-tħejjija ta' modulu tal- | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | qarib tal-istess magna fl-Istati Membri kollha. | | magna tat-tiftix għas-Sistemi Nazzjonali | | | | |

### 2.2.1.12. *Kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' riorganizzazzjoni taċ-ċentru tad-data (kontinwazzjoni mill-2020)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Il-proġett għandu l-għan speċifiku li jimplimenta:

- soluzzjoni standard ta' xkaffar għas-CBS eżistenti u ġodda kollha;
- tray tal-cables, pre-cabling u standard tal-konteniment;
- provvista adegwata tal-elettriku u soluzzjoni ta' tkessiħ.

**VALUR MIŻJUD:**

- l-issodisfar tar-rekwiżiti eżistenti u ġodda għaċ-ċentri tad-*data* u l-infrastruttura;
- it-tnaqqis tal-kostijiet billi jintuża approċċ standardizzat.

**SFIDI EWLENIN:**

- L-iżgurar li l-kapaċità taċ-ċentri tad-*data* tkun biżżejjed biex tospita s-sistemi l-ġodda.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Ir-riorganizzazzjoni taċ-ċentri tad-*data* sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ġodda ta' ġestjoni tal-kapaċità (kapaċità, qawwa, tkessiħ). | Ċentri tad-*data* riorganizzati (xkafef, komputazzjoni u qawwa). | Iċ-ċentri tad-*data* se jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda f'termini ta' densità għolja sabiex jiksbu kapaċità ta' ospitar akbar u jindirizzaw il-ħtiġijiet tan-negozju. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | IMU |

*Il-ġestjoni operazzjonali u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni*

### 2.2.1.13. Tranżizzjoni għan-network TESTA l-ġdid

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-migrazzjoni se jkun l-elementi li ġejjin taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA, jiġifieri

- l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS/EES/ETIAS;
- l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS;
- links minn punt għal punt għas-sistemi ċentrali tal-EES, tal-ETIAS, tas-SIS u tal-VIS.

Kull element se jkollu jiġi ddisinjat, mibni u ttestjat qabel ma tkun tista' sseħħ il-migrazzjoni mill-element attwali.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

- ġew iffirmati kuntratti speċifiċi għall-kontinwazzjoni ta' infrastrutturi ta' komunikazzjoni attwali u l-links minn punt għal punt;
- ġie ffirmat kuntratt speċifiku għall-implimentazzjoni u l-migrazzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS.

**VALUR MIŻJUD:**

- Ħarsa ġenerali u kontroll aħjar fuq il-forniment tan-network wiesa' u tas-servizz:
  - kuntrattwalment;
  - kollaborazzjonijiet aktar mill-qrib mal-SM.
- Valur tekniku:
  - il-monitoraġġ minn tarf sa tarf;
  - il-ġestjoni tal-apparat kriptografiku;
  - is-siti jistabbilixxu l-għarfien inklużi l-ispeċifiċitajiet.
- Żieda fis-sigurtà:
  - kontroll dirett fuq il-kriptaġġ u l-aċċess fiżiku għall-ixkafef;
- migrazzjonijiet futuri aktar faċli;
- disponibbiltà akbar - possibbiltà li jintużaw diversi fornituri b'mod parallel;
- żieda fil-kapaċità għall-Infrastrutturi ta' Komunikazzjoni.

**SFIDI EWLENIN:**

- Is-servizzi ta' TESTA-ng mhux se jiġu estiżi;
- Il-kuntratt qafas F-PEN mhux se jingħata;
- L-iffirmar tal-kuntratt qafas F-PEN se jiddewwem;
- il-baġit mhux se jiġi approvat fil-ħin għall-iffirmar ta' kuntratti speċifiċi;
- ir-riżorsi għall-ġestjoni tat-TAP mhux se jkunu disponibbli;
- il-migrazzjoni ma tistax isseħħ qabel ma n-Network ta' Komunikazzjoni l-ġdid ikun teknikament lest;
- l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni tal-VIS se tiġi migrata biss wara l-EiO tal-EES, biex jiġi evitat kwalunkwe impatt fuqha;
- il-migrazzjoni jenħtieġ li tuża l-mekkaniżmi disponibbli (kommutazzjoni, B TAPs, barra l-ħinijiet tal-uffiċċju) biex tnaqqas l-impatt tagħha fuq in-negozju għall-minimu meħtieġ;
- il-migrazzjoni se jkollha ssir f'konformità mal-politiki tal-ITSM tal-eu-LISA, b'mod partikolari mal-politika tal-Ġestjoni tat-Tibdil. Għalhekk, kull migrazzjoni tas-sit se ssir f'żewġ stadji (a) il-migrazzjoni ta' qabel il-produzzjoni, (b) il-migrazzjoni tal-produzzjoni – li jfisser, li se jkun hemm żewġ avvenimenti ta' migrazzjoni għal kull sit u għandu jkun hemm mill-inqas ħamest ijiem ta' xogħol tal-utent aħħari bejn il-passi.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Il-kontinwazzjoni tal-iskambju ta' komunikazzjoni sigur bejn is-Sistemi Nazzjonali u s-Sistemi Ċentrali tas-SIS, il-VIS, l-EES, l-ETIAS, l-Eurodac u sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA u bejn diversi istanzi tas-Sistemi Ċentrali. | Infrastrutturi ta' Komunikazzjoni ġodda għas-SIS, il-VIS, l-EES, l-ETIAS<br>Is-siti kollha tas-SIS, tal-VIS, tal-EES u tal-ETIAS ġew migrati lejn infrastrutturi ġodda tal-komunikazzjoni.<br>Il-konnessjonijiet tal-eu-LISA użati mill-Eurodac ġew immigrati lejn l-infrastruttura ta' komunikazzjoni l-ġdida tal-Eurodomain. | Skambju ta' komunikazzjoni bla xkiel u sigur appoġġat bejn is-Sistemi Nazzjonali u s-Sistemi Ċentrali u fost l-istanzi tas-sistema Ċentrali għal diversi snin li ġejjin. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | IMU |

## 2.2.1.14. *It-tmexxija tal-konnessjonijiet tal-WAN tas-sistemi ċentrali (kontinwazzjoni mill-2020)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Il-proġett jikkonsisti f'diversi kompiti:

- xogħol tal-inġinerija sabiex jinħolqu żewġ punti ta' dħul separati fiżikament fil-kamra tat-telekomunikazzjoni taċ-ċentru tad-*data*;
- l-installazzjoni ta' linji fiżiċi ġodda (ram u fibra) mill-operatur tat-telekomunikazzjoni u t-tħaddim tal-linji wara l-ittestjar;
- il-migrazzjoni tal-konnessjonijiet eżistenti (TESTA-ng SIS/VIS/EUROSAC; EASO, FRONTEX; CSS; Kuntrattur tal-Internet) għal-linji l-ġodda separati fiżikament.

**VALUR MIŻJUD:**

- Li tittejjeb ir-reżiljenza tal-konnessjonijiet tan-network billi ttejjeb is-separazzjoni fiżika tal-konnessjonijiet tan-network – dan iħalli spazju fiċ-ċentru tad-*data* billi jgħaqqad it-tagħmir li bħalissa huwa mifrux fuq diversi xkafef.

**SFIDI EWLENIN:**

- Is-sejbien ta' vettura kuntrattwali sabiex jintlaħaq l-objettiv.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tal-Aġenzija | Tmexxija tal-punti tat-terminazzjoni tad-WAN fiċ-ċentru tad-*data* tas-CU għall-kmamar tal-komunikazzjoni l-ġodda fis-CU. | L-implimentazzjoni tal-punti ta' terminazzjoni tal-Wan permezz tal-kmamar tekniċi l-ġodda fiċ-Ċentru tad-*Data* tas-CU. | Titjib fil-kapaċità taċ-ċentri tad-*data* u żieda fir-reżiljenza fiżika tan-network. | Konformità mal-FLS għall-kuntratt tan-network | Ir-rapport tal-indikaturi tal-prestazzjoni tan-network se juri konnessjoni sigura u stabbli wara l-Implimentazzjoni. | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistemi u l-FLS | IMU |

*L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda*

### 2.2.1.15. Implimentazzjoni tal-proġett tal-EES (kontinwazzjoni mill-2019)

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

L-Aġenzija hija responsabbli mill-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha relatati mal-iżvilupp, mal-implimentazzjoni u mal-ġestjoni operazzjonali tal-EES, u għall-konnessjoni tal-infrastrutturi tal-fruntieri tal-Istati Membri mal-EES. Dan se jsir permezz tal-Interfaċċa Nazzjonali Uniformi (NUI), li hija identika fl-Istati Membri kollha peress li hija bbażata fuq speċifikazzjonijiet tekniċi komuni. L-eu-LISA mhux biss se tiżviluppa din l-interfaċċa, iżda se tikkoordina wkoll l-integrazzjoni tal-NUI mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, l-eu-LISA għandha tospita l-interfaċċa esterna l-oħra tal-EES – is-Servizz tal-Web (WS) – li għandu jipprovdi servizzi lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jivverifikaw it-tul tas-soġġorn awtorizzat tagħhom. Id-WS se jaħdem ukoll bħala portal għat-trasportaturi, sabiex jivverifikaw jekk ċittadin ta' pajjiż terz b'viża għal perjodu qasir maħruġa għal dħul wieħed jew għal tnejn, ikunx diġà laħaq in-numru ta' drabi ta' dħul awtorizzati bil-viża. Din l-attività se tiffoka fuq it-twassil ta' komponenti relatati mas-Sistema Ċentrali tal-EES li jistgħu jiffaċilitaw l-introduzzjoni ta' komponenti tal-interoperabbiltà ġodda fil-pjattaforma. Barra minn hekk, l-evoluzzjonijiet tekniċi tal-VIS u tas-SIS jistgħu jkunu parti mill-pakkett ta' implimentazzjoni. Dan se jinkludi l-modulu/interfaċċa ewlenin ta' interkonnessjoni ġenerika tal-EES u tal-VIS li jippermettu l-konnessjonijiet tal-EES u tal-VIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-konnessjoni tal-ETIAS.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

Fl-2019, il-FWC għall-proġett ġie ffirmat u daħal fil-fażi tal-finalizzazzjoni tar-rekwiżiti. F'konformità mal-ippjanar indikattiv, l-eu-LISA bdiet taħdem fuq l-interoperabbiltà tal-VIS-EES. Inbdiet valutazzjoni tal-impatt tar-regolament dwar l-EES fuq il-VIS u d-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali, u l-valutazzjoni sħiħa hija mistennija li titlesta sal-aħħar tas-sena. Id-dokument tekniku l-ġdid tal-VIS (Dokument ta' Kontroll tal-Interfaċċa – ICD) huwa mistenni li jintbagħat lill-Istati Membri sa tmiem l-2019.

Fl-2020, il-fażi tal-ittestjar u tal-iżvilupp se timxi 'l quddiem (Jan-Sett 2020). L-NUIs se jintużaw bejn Mejju u Awwissu 2020, u se jitwettaq ittestjar tal-integrazzjoni fost is-sistemi (Sett - Ott 2020). L-ittestjar tal-Istati Membri se jibda f'Diċ 2020.

**VALUR MIŻJUD:**

Il-proġett għandu l-għan li jimplimenta s-sistema tan-negozju ewlieni, skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES).

L-EES hija meħtieġa biex tindirizza l-isfidi li ġejjin:

- l-indirizzar tad-dewmien tal-kontrolli fil-fruntieri u t-titjib tal-kwalità tal-kontrolli fil-fruntieri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi;
- l-iżgurar ta' identifikazzjoni sistematika u affidabbli ta' persuna b'permanenza b'awtorizzazzjoni tal-viża skaduta;
- it-tisħiħ tas-sigurtà interna u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja.

**SFIDI EWLENIN:**

- interdipendenzi ma' attivitajiet oħra li jagħtu servizz għall-implimentazzjoni tal-EES, bħall-eżistenza ta' infrastruttura kondiviża komuni (CSI), aġġornamenti tan-network u attivitajiet ta' riformulazzjoni għas-sistemi storiċi (VIS);
- il-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni xierqa mal-SM u l-aġenziji rilevanti tal-ĠAI, peress li l-implimentazzjonijiet nazzjonali għandhom ukoll ikunu sinkronizzati; jiżguraw li t-tagħmir ta' kontroll tal-fruntieri li jkun qed jintuża jissodisfa l-livelli ta' prestazzjoni meħtieġa u jiżgura s-sigurtà;
- impatt possibbli fuq l-implimentazzjoni ta' inizjattivi oħra jew ta' attivitajiet ta' żamma tal-istatus quo minħabba restrizzjonijiet fuq ir-riżorsi interni;
- ottimizzazzjoni tal-proċessi u l-infrastrutturi tan-negozju fil-punti ta' qsim tal-fruntieri.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iżżid kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | It-tfassil u l-implimentazzjoni tal-pjattaforma u s-sistema tal-EES f'konformità mar-Regolament dwar l-Interoperabbiltà. | Is-sistema Ċentrali tal-EES se ssir operazzjonali. | L-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri sabiex jiksbu ġestjoni tal-fruntieri aktar sigura u aktar intelliġenti. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PPU |

## 2.2.1.16. *Implimentazzjoni tal-BMS / sBMS tal-EES (kontinwazzjoni mill-proġett tal-EES tal-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività se tiffoka fuq it-twassil tal-komponent relatat mal-BMS tal-EES, skont ir-Regolament il-ġdid dwar l-Interoperabbiltà, sabiex il-pjattaforma tkun tista' tintuża bħala sistema bijometrika kondiviża mill-Aġenzija.

Bħala parti mill-akkwist tal-BMS tal-EES (sBMS), l-eu-LISA se tibda tipprovdi gradwalment is-sett il-ġdid ta' għodod tas-software għall-utent (USK), li se jkollu jiġi integrat fis-sistemi nazzjonali tal-EES u li se jissostitwixxi l-varjetà ta' settijiet ta' għodod mhux standardizzati li attwalment jintużaw fil-kamp ta' applikazzjoni tal-VIS u tas-SIS.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

Fl-2019, il-FWC għall-proġett ewlieni tal-EES ġie ffirmat u mdaħħal fil-fażi tal-finalizzazzjoni tar-rekwiżiti. Fir-rigward tal-sBMS/EES tal-BMS, attwalment għaddejja offerta (bħalissa fil-Fażi I), u l-Fażi 2 se tiġi konkluża bl-iffirmar tal-FWC f'Diċembru.

Fl-2020, l-iżvilupp tal-EES se jimxi ' quddiem (Jan-Set 2020) b'mod parallel mal-finalizzazzjoni tar-rekwiżiti għall-sBMS/EES tal-BMS (Jan-April). L-ittestjar tal-integrazzjoni bejn is-sistemi se jsir bejn Set-Ott 2020.

**VALUR MIŻJUD:**

Il-proġett għandu l-għan li jimplimenta s-sistemi tan-negozju ewlenin, skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES).

L-istabbiliment ta' Sistema ta' Dħul/Ħruġ tal-UE huwa meqjus bħala neċessarju sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin:

- l-indirizzar tad-dewmien tal-kontrolli fil-fruntieri u t-titjib tal-kwalità tal-kontrolli fil-fruntieri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi;
- l-iżgurar ta' identifikazzjoni sistematika u affidabbli ta' persuna b'permanenza b'awtorizzazzjoni tal-viża skaduta;
- it-tisħiħ tas-sigurtà interna u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja.

**SFIDI EWLENIN:**

- interdipendenzi ma' attivitajiet oħra li jagħtu servizz għall-implimentazzjoni tal-EES, bħall-eżistenza ta' infrastruttura kondiviża komuni (CSI), aġġornamenti tan-network u attivitajiet ta' riformulazzjoni għas-sistemi storiċi (VIS);
- kollaborazzjoni u kooperazzjoni xierqa mal-SM u l-aġenziji rilevanti tal-ĠAI, peress li l-implimentazzjonijiet nazzjonali għandhom jiġu sinkronizzati wkoll;
- impatt possibbli fuq l-implimentazzjoni ta' inizjattivi oħra jew ta' attivitajiet ta' żamma tal-istatus quo minħabba restrizzjonijiet interni fuq ir-riżorsi.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | It-tfassil u l-implimentazzjoni tal-pjattaforma u s-sistema tal-BMS Kondiviża f'konformità mar-Regolament dwar l-Interoperabbiltà. | Id-dħul fis-seħħ tas-sistema tal-BMS tal-EES flimkien mas-Sistema Ċentrali tal-EES sal-iskadenza legali + pjattaforma tal-sBMS disponibbli bħala pjattaforma ta' migrazzjoni tal-BMS għas-sistemi li ntwirtu tal-eu-LISA (SIS, VIS u Eurodac) u sistemi futuri (ECRIS-TCN). | L-għoti ta' appoġġ lill-SM u lill-aġenziji rilevanti tal-ĠAI sabiex jiksbu ġestjoni tal-fruntieri aktar sigura u aktar intelliġenti. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PPU |

### *2.2.1.17. Implimentazzjoni tal-ETIAS (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- l-istabbiliment tal-infrastruttura teknika (kontinwazzjoni mill-2020);
- l-implimentazzjoni teknika u funzjonali;
- il-kwalifika funzjonali, teknika u tas-sigurtà minn tarf sa tarf;
- definizzjoni ta' livell għoli tal-proċeduri tan-negozju u tal-provi;
- speċifikazzjoni tar-rapporti legali/operazzjonali.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

Il-leġiżlazzjoni rilevanti ġiet adottat f'Settembru 2018. L-atti ta' implimentazzjoni ġew approvati fl-2019 u fl-2020. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tħejjew fl-2019 u fl-2020. L-akkwist beda fl-2019. Ġie rreklutat persunal ġdid. Il-kuntratti għall-qafas tal-inġinerija trasversali ġew iffirmati fl-2020. Dan ippermetta l-bidu tal-iżvilupp tas-sistema ċentrali tal-ETIAS għall-eu-LISA. Ġie ppjanat ukoll it-tfassil ta' livell għoli tal-ETIAS.

**VALUR MIŻJUD:**

L-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri, lill-Frontex u lill-Europol b'sistema funzjonali f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom.

**SFIDI EWLENIN:**

- L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-iżvilupp gradwali tal-EES u tal-ETIAS, minflok approċċ parallel;
- kooperazzjoni xierqa mal-Frontex, bħala ospitant tas-CU tal-ETIAS.
- għadd ta' komponenti tal-ETIAS mistennija jiġu kondiviżi mal-EES. L-introduzzjoni ta' dipendenzi bejn tali proġetti kbar tista' tintroduċi dewmien mhux mistenni;
- is-sena mistennija għad-dħul fis-seħħ hija meqjusa bħala ta' sfida kbira u ottimisti żżejjed;
- l-ammont ta' riżorsi umani ppjanati li jiġu involuti fil-proġett jista' jkun insuffiċjenti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | Id-disinn, l-implimentazzjoni u l-kwalifika tas-sistema ċentrali u tal-infrastruttura ta' | Id-dħul fis-seħħ tal-ETIAS fi ħdan l-iskadenza mistennija. | L-ETIAS hija żviluppata skont ir-regolament ta' assigurazzjoni sabiex l-Istati Membri jiġu pprovduti b'sistema | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | komunikazzjoni. L-adattament tal-ambjent u l-miżuri ta' sigurtà sabiex jikkonformaw ma' tipi ġodda ta' servizzi. L-interoperabbiltà ma' sistemi ċentrali oħrajn. Tħejjija tal-operazzjonijiet. | | ġdida bl-għan li r-riskju jiġi vvalutat qabel id-dħul fiż-żona Schengen ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża. | | | | |

### *2.2.1.18. L-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività ta' portafoll (programm) wieħed tinkludi l-flussi ta' ħidma li ġejjin:

- l-iżvilupp tas-CIR għadu għaddej (bħala parti mill-ETIAS) sa tmiem l-2022, inkluż l-iżvilupp għall-komponenti tal-artikoli 20/22;
- l-iżvilupp tal-ESP għadu għaddej (bħala parti mill-ETIAS) sa tmiem l-2023;
- l-iżvilupp tal-sBMS għadu għaddej (bħala parti mill-EES) (sa tmiem l-2021) u jiġi estiż biex jinkludi s-sistemi l-oħra (bħal fil-bażi ġuridika);
- l-iżvilupp tal-MID minn Jan tal-2021 sa tmiem l-2023;
- l-iżvilupp tas-CRRS (mill-2020 sal-tmiem l-2021).
- l-appoġġ għall-aġenziji rilevanti tal-ĠAI għall-implimentazzjoni tal-ESP u l-sBMS, inkluż l-iżgurar tal-implimentazzjoni xierqa tal-funzjonalità ta' tiftix bijometriku mill-aġenziji rilevanti.

Kull sistema (SIS/VIS/Eurodac/EES/ETIAS/ECRIS-TCN) se tinkludi referenzi fir-rigward tal-adattamenti tagħhom għall-interoperabbiltà fil-proġetti tagħhom stess, f'konformità mal-baġit rispettiv previst fil-QFP.

**VALUR MIŻJUD:**

- użabbiltà akbar, kontroll imtejjeb tal-aċċess u kapaċitajiet ġodda għas-sistemi;
- it-titjib tat-TCO tas-sistemi;
- it-titjib fil-kapaċitajiet ta' tiftix u ta' ġestjoni tal-identitajiet tas-sistema;
- it-titjib fil-ġestjoni tal-kapaċità, fil-prestazzjoni u fl-iskalabbiltà;
- it-tnaqqis fil-Kost Totali tas-Sjieda tas-sistemi, servizzi aħjar għall-partijiet ikkonċernati.

**SFIDI EWLENIN:**

- l-adozzjoni tardiva tal-Atti ta' Implimentazzjoni u Delegati u tal-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS;
- proġetti multipli konkorrenti li jikkompetu għar-riżorsi (EES, ECRIS-TCN, eċċ.);
- il-koordinazzjoni u l-allinjament tal-implimentazzjoni tal-ESP mal-aġenziji rilevanti tal-ĠAI;
- skedi ta' żmien interdipendenti bejn proġetti differenti (Interoperabbiltà u l-EES, l-ETIAS, eċċ.).

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | Objettivi Speċifiċi: it-tfassil, it-twettiq, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni operazzjonali ta' komponenti tekniċi ta' kwalità għolja li jippermettu l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-IT fuq skala kbira, u b'hekk jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tan-negozju kollha msemmija hawn fuq. | L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija – ESP (2020–2023).<br>L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità – CIR (2020-2022).<br>L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-BMS Kondiviża – sBMS (2020-2023).<br>L-iżvilupp u Implimentazzjoni tal-MID (2021–2023).<br>L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-CRRS, integrata mal-komponenti kollha previsti mir-regolament dwar l-interoperabbiltà u s-CBSs (2019–2021). | L-ESP, is-CIR, l-sBMS, l-MID u s-CRRS implimentati bis-sħiħ flimkien mal-interfaċċi kollha għas-sistemi eżistenti. Interfaċċi għal sistemi futuri se jiġu meqjusa wkoll. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

### 2.2.1.19. *Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- it-tħejjija, il-pubblikazzjoni u l-ġestjoni tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp u l-bidu tal-operazzjonijiet tal-ECRIS-TCN;
- id-definizzjoni ta' disinji dettaljati u ta' livell għoli minn tarf sa tarf;
- id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà tal-ECRIS-TCN;
- l-istabbiliment tal-infrastruttura teknika;
- l-implimentazzjoni teknika u funzjonali;
- il-kwalifika funzjonali, teknika u tas-sigurtà minn tarf sa tarf;
- id-definizzjoni, l-istabbiliment u l-ittestjar tal-proċessi u tal-proċeduri tan-negozju mal-partijiet ikkonċernati (l-Istati Membri, l-Eurojust, l-Europol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew);
- id-definizzjoni, l-istabbiliment u l-ittestjar tar-rapporti legali/operazzjonali;
- l-istabbiliment u l-ittestjar tal-proċessi operazzjonali, tal-proċeduri u tal-għodod ta' appoġġ;
- il-preparazzjoni u t-trasferiment għall-operazzjonijiet.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

It-tħejjija tal-akkwist, ir-reklutaġġ tat-tim tal-proġetti u l-appoġġ għat-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni u delegati.

**VALUR MIŻJUD:**

Din is-sistema ċentralizzata se tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jidentifikaw liema Stati Membri oħrajn għandhom rekords kriminali dwar it-TCN ikkonċernat sabiex b'hekk ikunu jistgħu jużaw is-sistema ECRIS eżistenti biex jindirizzaw it-talbiet għal informazzjoni dwar kundanni lil dawn l-Istati Membri biss.

**SFIDI EWLENIN:**

Kuntrattur estern se jkun responsabbli mill-iżvilupp tas-Sistema Ċentrali, li se titwettaq f'sinkronizzazzjoni mal-implimentazzjoni tas-sistema nazzjonali, taħt il-koordinazzjoni tal-eu-LISA. Fattur ta' suċċess kritiku għat-twettiq f'waqtu u ta' kwalità se jkun l-istabbiliment ta' forum ta' Ġestjoni tal-Proġetti għall-maniġers ta' proġetti nazzjonali, ippresedut mill-eu-LISA, bil-għan li jantiċipa u jtaffi r-riskji, jiġġestixxi l-kwistjonijiet komuni fil-pront u jrawwem komunikazzjoni bejn il-proġetti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija | Id-disinn u l-implimentazzjoni tas-sistema ċentrali, tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, tal-infrastruttura uniformi nazzjonali u tal-interoperabbiltà ma' sistemi ċentrali oħrajn. | Id-dħul fis-seħħ tas-sistema ċentrali ta' ECRIS-TCN fi ħdan l-iskadenza legali. | L-għoti ta' appoġġ lill-SM sabiex jiksbu ġestjoni tal-fruntieri aktar sigura u aktar intelliġenti | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

## 2.2.1.20. *Integrazzjoni bejn l-ECRIS-TCN u l-komponenti tal-interoperabbiltà (CIR, sBMS, CRRS)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Is-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN se tiġi adattata u migrata għall-komponenti tal-interoperabbiltà (is-CIR, l-sBMS u l-ESP).

**VALUR MIŻJUD:**

Id-*data* tal-ECRIS-TCN se tkun disponibbli fis-CIR u fl-sBMS permezz tal-ESP.

**SFIDI EWLENIN:**

- l-implimentazzjoni tal-proġett tiddependi ħafna mill-adozzjoni f'waqtha tal-atti ta' implimentazzjoni u l-forniment tar-riżorsi meħtieġa;
- dan se jiddependi mill-implimentazzjoni tas-CIR, l-sBMS u l-ESP.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | Id-disinn u l-implimentazzjoni tas-sistema ċentrali, tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, tal-infrastruttura uniformi nazzjonali u tal-interoperabbiltà ma' sistemi ċentrali oħrajn. | Is-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN adattata għall-interoperabbiltà u d-dħul fis-seħħ fi ħdan l-iskadenza legali. | L-għoti ta' appoġġ lill-SM sabiex jiksbu ġestjoni tal-fruntieri aktar sigura u aktar intelliġenti. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

*Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju*

### 2.2.1.21. It-twettiq ta' studju dwar l-għażliet għal aktar titjib fl-integrazzjoni ta' kapaċitajiet avvanzati ta' monitoraġġ u operazzjonijiet tas-sigurtà fl-Unitajiet tal-Operazzjonijiet u fl-Unità tas-Sigurtà

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Dan huwa proġett pluriennali biex jiġu integrati kapaċitajiet avvanzati ta' monitoraġġ u operazzjonijiet tas-sigurtà għas-sistemi fuq skala kbira fl-Unità tal-Operazzjonijiet u fl-Unità tas-Sigurtà. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett għall-ewwel sena jinvolvi t-twettiq ta' studju minn kuntrattur biex jiddefinixxi l-ixprunaturi u r-rekwiżiti għall-implimentazzjoni ta' proċessi, kapaċitajiet u għodod speċifiċi. Din l-attività għandha tanalizza s-sitwazzjoni attwali, tivvaluta l-firxa ta' għażliet ta' mudelli operattivi potenzjali fil-mira, tipprovdi rakkomandazzjonijiet u kriterji għall-għażla tal-aħjar mudell operattiv fil-mira, tiddefinixxi l-arkitettura tas-soluzzjoni u toħloq pjan ta' implimentazzjoni ta' referenza. Dan il-proġett jibni fuq il-bażi żviluppata mis-sistema ta' monitoraġġ tal-informazzjoni u tal-avvenimenti tas-sigurtà. Is-snin sussegwenti se jinkludu l-implimentazzjoni tal-mudell operattiv ottimali fil-mira, inkluża l-implimentazzjoni tal-proċessi u s-soluzzjonijiet tekniċi.

**VALUR MIŻJUD:**

- dan se jtejjeb b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-organizzazzjoni li tipprevedi, tipproteġi kontra, tidentifika u tirrispondi għal inċidenti kritiċi ta' sigurtà u attakki ċibernetiċi mmirati;
- dan se jnaqqas l-impatt tal-inċidenti tas-sigurtà permezz ta' rati aktar mgħaġġla ta' inċidenti ta' sigurtà u ta' rispons.

**SFIDI EWLENIN:**

- id-disponibbiltà ta' riżorsi biex tiġi appoġġata l-eżekuzzjoni tal-istudju;
- il-prijoritizzazzjoni tal-kompiti tax-xogħol;
- id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija | L-integrazzjoni ta' kapaċitajiet avvanzati ta' monitoraġġ u operazzjonijiet tas-sigurtà fl-Unità tal-Operazzjonijiet u fl-Unità tas-Sigurtà. | Għall-ewwel sena: Studju dwar l-għażliet għall-integrazzjoni tal-kapaċitajiet avvanzati ta' monitoraġġ u operazzjonijiet tas-sigurtà fl-Unità tal-Operazzjonijiet u fl-Unità tas-Sigurtà, inkluż: Mudell Operattiv fil-Mira, Arkitettura tas-soluzzjoni, Pjan ta' implimentazzjoni ta' referenza, Pjan ta' implimentazzjoni tat-taħriġ, Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ta' kooperazzjoni bejniethom (eż ENISA eċċ.). | Għall-ewwel sena: l-għażliet għall-integrazzjoni ta' kapaċitajiet avvanzati ta' monitoraġġ u operazzjonijiet tas-sigurtà fl-Unità tal-Operazzjonijiet u fl-Unità tas-Sigurtà biex jippermettu t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-mudell operattiv ottimali fil-mira. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | Scup SCP |

## 2.2.1.22. *Implimentazzjoni tas-Servizz tal-Ġestjoni tal-Identitajiet u l-Aċċess tas-CBS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett jinvolvi l-ispeċifikazzjoni, id-disinn, l-akkwist, u l-implimentazzjoni tal-hardware u s-software meħtieġa għat-twassil ta' sistema ta' Ġestjoni tal-Identitajiet u l-Aċċessi għall-awtomatizzazzjoni u l-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-ġestjoni tal-aċċessi għall-amministraturi tal-eu-LISA dwar is-CBS. Din is-sistema se tiġi implimentata fuq l-infrastruttura komuni kondiviża.

**VALUR MIŻJUD:**

- tnaqqis sinifikanti fil-ħin u r-riżorsi meħtieġa għall-forniment u l-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-utenti fis-CBS, speċjalment bit-tkabbir mistenni fil-bażi tal-utenti tal-eu-LISA għall-ġestjoni operazzjonali;
- maturità akbar ta' konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti tas-sigurtà tar-rieżami u l-monitoraġġ jew il-proviżjonament u l-ġestjoni tal-kont tal-utent.

**SFIDI EWLENIN:**

- Nuqqas ta' allokazzjoni tar-riżorsi u għoti ta' prijorità għar-riżorsi interni.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija | L-implimentazzjoni tas-Servizz tal-Ġestjoni tal-Identitajiet u l-Aċċessi biex jiġu awtomatizzati l-flussi tax-xogħol tal-ġestjoni tal-aċċess tal-ITSM u t-theddid avvanzat tal-utent u l-analitika tal-imġiba.<br>It-titjib tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-Ġestjoni tal-Aċċessi għall-utenti tas-sistema. | Sistema Ġdida tal-Ġestjoni tal-Identitajiet u tal-Aċċessi (hardware/software) fi ħdan l-Infrastruttura Komuni Kondiviża.<br>Aġġornament tal-Proċess tal-Ġestjoni tal-Aċċess.<br>Flussi tax-xogħol tal-Ġestjoni Awtomatizzata tal-Aċċess. | Aktar konformità mal-qafas regolatorju.<br>Maturità mtejba tal-profil taċ-ċibersigurtà.<br>L-identifikazzjoni u d-detezzjoni mtejba ta' azzjonijiet tal-utenti malizzjużi jew suspettużi.<br>Ġestjoni aħjar tal-ħin u effettiva fl-użu tar-riżorsi tal-kontijiet tal-utenti u l-aċċess tal-utenti. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | SCU |

## 2.2.2. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2

*Il-ġestjoni operazzjonali u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi eżistenti*

### *2.2.2.1. L-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-assi mal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni (kontinwazzjoni mill-2019 u l-2020)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi l-armonizzazzjoni tad-*data* u:

- l-identifikazzjoni tas-sorsi tad-*data* affidabbli għall-proċessi bħala bażi għall-integrazzjoni;
- il-kisba ta' ħarsa waħda integrata lejn il-proċess, bl-użu tal-aħjar prattiki kemm tal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni tal-ITIL kif ukoll tal-ġestjoni tal-assi.

**VALUR MIŻJUD:**

- il-Kost Totali effiċjenti tas-Sjieda;
- estensjoni tal-benefiċċji tanġibbli għal persuni f'kuntratti, għal akkwisti u għal finanzjament, u b'hekk allinjament bejn l-organizzazzjonijiet ma' persuni u ma' proċessi;
- il-kostijiet, il-benefiċċji, l-impatt tas-servizz u l-benefiċċji tal-mitigazzjoni tar-riskji huma soġġetti għal ingranaġġ għoli fis-sistemi kollha.

**SFIDI EWLENIN:**

- l-impenji tas-sidien tal-proċess;
- il-koordinazzjoni bejn l-IT u s-sidien tal-proċess;
- li jiġi segwit approċċ ta' proġett bi stadji importanti għall-proċess;
- limitazzjonijiet possibbli tas-sigurtà.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġi żviluppat u miżmum mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operazzjonali | L-istabbiliment ta' proċessi li jottimizzaw l-ispiża u l-użu ta' kull assi. Il-Kost Totali effiċjenti tas-Sjieda | Sistema li tippermetti ħarsa ġenerali kompleta lejn il-Punti ta' Konfigurazzjoni b'karatteristiċi tekniċi, ġestjoni finanzjarja, tal-liċenzjar, tal-akkwist u tat-talbiet. Armonizzazzjoni tad-*data* bejn dawn iż-żewġ proċessi. | Repożitorju uniku, ċentralizzat u relazzjonali għall-istatus kuntrattwali, finanzjarju u operazzjonali tal-komponenti u l-assi tal-IT. | Perċentwal tal-assi u l-Punti ta' Konfigurazzjoni koperti mill-mudell ta' integrazzjoni. L-għadd ta' inċidenti rrapportati, fejn il-kawża sottostanti tal-Inċident tkun ir-riżultat ta' informazzjoni mhux preċiża dwar il-ġestjoni tal-konfigurazzjoni. L-għadd ta' Bidliet mhux awtorizzati misjuba b'mod awtomatiku. L-għadd ta' bidliet mhux awtorizzati identifikati bħala riżultat tal-awditi mwettqa bl-użu ta' software għall-aġġornament tal-konfigurazzjoni awtomatika. | Perċentwal tal-assi u l-Punti ta' Konfigurazzjoni koperti mill-mudell ta' integrazzjoni 80 % | Dokumentazzjoni tal-proġett | IMU |

## 2.2.3. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3

*L-attivitajiet ewlenin ta' appoġġ għan-negozju (rapportar statutorju għas-sistemi, taħriġ tekniku estern, riċerka teknoloġika, eċċ.)*

### *2.2.3.1. L-istudju ta' fattibbiltà u l-implimentazzjoni ta' sett ta' għodod bijometriku*[32]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- studju ta' fattibbiltà dwar l-użu ta' *data* tal-produzzjoni għal finijiet ta' ttestjar f'konformità mar-regolamenti applikabbli inkluż il-qafas legali tal-protezzjoni tad-*data*. L-istudju se jeżamina kif il-produzzjoni tista' tintuża u tinħeba b'tali mod li ma tkunx traċċabbli għall-oriġinatur tad-*data*;
- il-kisba u l-oskurament tad-*data* msemmija kemm għall-Marki tas-Swaba' kif ukoll għall-Immaġnijiet tal-Wiċċ;
- iż-żieda fl-għarfien u know how tal-eu-LISA dwar il-bażijiet tad-*data* bijometriċi peress li dawn huma l-qalba tal-għodod ta' identifikazzjoni li npoġġu fis-sistemi preżenti u futuri kollha tagħna;
- il-bini ta' għodod biex l-algoritmi bijometriċi jiġu ttestjati b'mod indipendenti mill-bejjiegħa tagħna;
- il-bini u ż-żamma ta' bażijiet tad-*data* bijometriċi li jippermettu lill-eu-LISA twettaq ittestjar tal-preċiżjoni, u eventwalment tipprovdilhom id-*data* tat-testijiet;
- il-bini ta' bażi tad-*data* tal-immaġnijiet tal-wiċċ li l-eu-LISA hija nieqsa kompletament minnha bħalissa.

**VALUR MIŻJUD:**

- il-bini tal-bażijiet tad-*data* tat-testijiet minna stess ifisser li dawn jistgħu jkunu konformi mar-rekwiżiti eżatti;
- l-eu-LISA tista' tittestja algoritmi tat-tiftix b'mod indipendenti mill-fornituri tal-BMS;
- iż-żieda fl-għarfien tal-Aġenzija dwar it-tiftix/il-bażijiet tad-*data* bijometriċi se tippermettilna nieħdu rwol mexxej f'xi suġġetti;
- preċiżjoni ogħla tas-sistemi taħt il-mandat tal-Aġenzija;
- il-konformità mal-atti legali tas-sistemi u l-qafas legali tal-protezzjoni tad-*data*;
- il-konformità mar-Regolament tat-Twaqqif l-Aġenzija.

[32] Is-sett ta' għodod bijometriku huwa sett ta' għodod biex tiġi ttestjata l-preċiżjoni tal-BMS, ipprovduta mill-eu-LISA. Is-sett ta' għodod bijometriku attwali huwa pprovdut mill-bejjiegħa.

**SFIDI EWLENIN:**

- Proġetti ambizzjużi oħrajn li qed iseħħu fl-istess ħin.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tidentifika soluzzjonijiet ġodda sabiex tiffaċilita l-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju | Tinkiseb l-indipendenza mill-kuntrattur u jinħolqu bażijiet tad-*data* proprji għall-kwalifika ta' sistemi ta' tqabbil bijometriku (FP u FI). | Rapport ta' studju segwit minn implimentazzjoni (potenzjali) ta' bażijiet tad-*data* bijometriċi li jistgħu jintużaw mill-eu-LISA għal skopijiet ta' ttestjar. | L-Aġenzija se jkollha l-kapaċità li tibni għodod biex tittestja b'mod indipendenti l-algoritmi bijometriċi; twettaq ittestjar tal-preċiżjoni u toħloq bażi tad-*data* tal-immaġnijiet tal-wiċċ. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | TTU |

## 2.2.4. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4

*Il-governanza korporattiva (Ċentru ta' Eċċellenza, governanza, ippjanar u rapportar statutorju korporattiv, ġestjoni tal-kwalità, awditjar intern, eċċ.)*

### *2.2.4.1. Is-servizzi ta' titjib fis-servizz u rieżamijiet tal-proċessi kontinwi (kontinwazzjoni)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Kull sentejn, ir-rieżamijiet tal-mudell tas-servizzi u tal-proċessi tal-eu-LISA jitwettqu bl-użu ta' mudelli u ta' proċeduri predefiniti, bħala parti mid-dokument ta' politika ta' Titjib Kontinwu tas-Servizz. Il-mudell tas-servizz huwa bbażat fuq il-katalgu ta' servizzi tal-eu-LISA; il-mudell tal-proċessi jkopri l-proċessi kollha tal-ITSM li hemm fis-seħħ. Bħala eżitu potenzjali addizzjonali, it-titjib meħtieġ għall-għodod se jiġi ddefinit u implimentat.

**VALUR MIŻJUD:**

- proċessi aktar effiċjenti u effettivi se jkunu fis-seħħ, u jżidu b'mod sinifikanti l-prestazzjoni operazzjonali tal-eu-LISA u l-issodisfar tal-aspettattivi kollha tal-partijiet ikkonċernati;
- il-minimizzazzjoni tar-riskji relatati mal-kejl tas-servizzi, li jiggarantixxu approċċ prammatiku u realistiku għall-kejl u għar-rappurtar tas-servizzi;
- it-titjib meħtieġ għall-għodod se jiġi ddefinit u implimentat.

**SFIDI EWLENIN:**

- nuqqas ta' riżorsi interni suffiċjenti għall-impenji u l-kontributi;
- nuqqas ta' kuntratturi esterni għall-ġestjoni tal-proġetti u għat-titjib tal-għodod.

| Objettiv strateġiku | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Valur(i) fil-mira | Sors(i) ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Allinjament kontinwu tal-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, il-proċessi u l-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod | Li jiġu rieżaminati u aġġornati l-proċessi tal-ITSM u s-servizzi pprovduti mill-eu-LISA. | Proċess aġġornat u mudell ta' servizz tal-eu-LISA, li jindirizza r-rekwiżiti tas-sistemi l-ġodda, id-domanda tas-servizzi l-ġodda u t-titjib fl-għodod rispettivi. | Validazzjoni tat-Titjib fis-Servizz Kontinwu tal-proċessi eżistenti tal-ITSM kif ukoll tas-servizzi pprovduti sabiex iservu aħjar lill-partijiet ikkonċernati interni u esterni tal-eu-LISA. | KPIs ta' Titjib fis-Servizz Kontinwu għall-proċessi | Il-valuri fil-mira huma parti mid-dokument ta' politika ta' Titjib Kontinwu tas-Servizzi tal-eu-LISA | Rapportar trimestrali dwar il-KPIs għall-proċessi | SOU |

## 2.3. Attivitajiet orizzontali

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet trasversali organizzazzjonali kollha li jitwettqu fuq bażi ta' kuljum u l-proġetti sabiex jappoġġjaw l-eżekuzzjoni tan-negozju operazzjonali ewlieni tal-Aġenzija. L-attivitajiet jinkludu eżerċizzji ta' ppjanar u rapportar annwali, il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati esterni bħall-Istati Membri, il-Kummissjoni jew aġenziji u korpi oħrajn, l-isforzi ta' komunikazzjoni esterna u interna jew il-ġestjoni tar-riskji korporattivi u l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern. Dawn ikopru wkoll il-ġestjoni baġitarja, finanzjarja u tal-akkwisti, kif ukoll ir-reklutaġġ, it-tagħlim u l-iżvilupp tal-persunal, l-amministrazzjoni tal-persunal u l-pagi. L-attivitajiet ta' żamma tal-istatus quo ta' awditjar intern u protezzjoni tad-*data* huma parti minn din it-taqsima u tkopri l-informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' sigurtà ta' kuljum relatati mas-sigurtà fiżika u tal-informazzjoni.

### 2.3.1. *Il-governanza korporattiva u l-bini tal-kapaċitajiet*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- l-ippjanar u r-rapportar korporattivi;
- l-għoti ta' kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-konformità u l-governanza;
- l-espansjoni tal-kapaċità tal-Aġenzija fil-qasam tal-ġestjoni strateġika;
- l-implimentazzjoni ta' eżerċizzju ta' ġestjoni tal-kwalità tal-intrapriża;

- l-abbozzar ta' rapporti dwar il-funzjonament tekniku u l-aggregazzjoni tal-istatistika;
- il-kontribut bħala osservatur għall-evalwazzjonijiet ta' Schengen fl-oqsma tas-SIS/SIRENE u l-Politika Komuni dwar il-Viżi (inkluża l-VIS) u l-iżgurar ta' użu aħjar tas-SIS u tal-VIS mill-Istati Membri;
- it-twettiq ta' pjan direzzjonali annwali għall-monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija;
- l-integrazzjoni tas-sejbiet tar-riċerka fi proġetti interni;
- l-implimentazzjoni tal-pjan ta' Taħriġ għall-għoti ta' taħriġ lill-SM u l-aġenziji rilevanti tal-UE dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija.

**VALUR MIŻJUD:**

- l-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u, fl-istess ħin, se tiġġestixxi l-ħidma tagħha b'mod prevedibbli u strutturat u taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha. Il-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA jirċievu informazzjoni f'waqtha u suffiċjenti dwar l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija u l-kisba tal-objettivi. Il-maniġment u l-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA se jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet operazzjonali u strateġiċi bbażati fuq *data* verifikabbli b'mod oġġettiv;
- l-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-istandards ta' kontroll intern ġestiti mill-eu-LISA jikkontribwixxu sabiex tiġi ffaċilitata l-governanza tajba mill-Aġenzija;
- tisħiħ tal-kapaċità ta' ġestjoni strateġika biex tkompli tittejjeb il-prestazzjoni tal-Aġenzija;
- l-Istati Membri tal-UE jużaw is-sistemi taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA billi jsegwu l-aħjar prattiki ta' appoġġ għall-implimentazzjoni korretta tal-acquis ta' Schengen fl-oqsma ta' SIS/SIRENE u l-Politika Komuni dwar il-Viżi;
- aktar sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati dwar teknoloġiji ta' rilevanza, li tippermetti t-teħid ta' deċiżjonijiet imtejjeb u kapaċità u kapaċitajiet imtejba sabiex issir ħidma ma' esperti tal-Aġenzija fuq proġetti ġodda u dawk li għaddejjin bħalissa;
- il-viżjoni mtejba tal-Aġenzija bħala ċentru ta' għarfien u ċentru għall-iskambju ta' informazzjoni ta' kwalità għolja;
- jiżdied l-għarfien tekniku tal-SM dwar is-sistemi, li jirriżulta fi prestazzjoni aħjar fil-livell nazzjonali. L-SM jirċievu taħriġ imfassal apposta dwar l-użu tekniku tas-sistemi;

**SFIDI EWLENIN:**

- l-iżgurar tal-għoti f'waqtu ta' informazzjoni tal-kwalità u fil-kwantità mixtieqa;
- nuqqas ta' għodod u riżorsi materjali disponibbli biex jitwettqu xi kompiti ta' monitoraġġ (eż. għodod iddedikati għall-monitoraġġ tal-pubblikazzjoni, aċċess għal ġurnali akkademiċi ta' rilevanza);
- l-iżgurar li l-materjali tal-librerija ta' rilevanza jkunu disponibbli fis-siti differenti tal-Aġenzija, imnaqqsa fejn possibbli permezz tax-xiri ta' riżorsi online;
- id-disponibbiltà tal-persunal tal-eu-LISA sabiex jipprovdi taħriġ, kif ukoll dik tal-kuntratturi sabiex iħejju u jagħtu taħriġ speċifiku;
- proġetti paralleli multipli li jinvolvu żviluppi ta' sistema ġdida jimponu esiġenzi eċċessivi taż-żmien fuq l-esperti tal-Istati Membri li jindirizzaw sistemi tal-eu-LISA, li jfisser li jkollhom żmien limitat sabiex jipparteċipaw f'korsijiet ta' taħriġ rilevanti. Dan iwassal għal tnaqqis gradwali fil-kompetenzi fil-livell tal-Istati Membri.

| Unità | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Valur(i) fil-mira | Sors(i) ta' verifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| GCU | L-issodisfar tar-rekwiżiti ta' ppjanar tar-Regolament tat-Twaqqif tal-eu-LISA u tar-Regolament Finanzjarju Qafas. Li tiġi pprovduta informazzjoni lill-MB dwar it-twettiq tal-attivitajiet, il-kisba tal-objettivi annwali u l-prestazzjoni f'oqsma ewlenin. | Abbozz tal-SPD 2022–2024 adottat mill-MB.<br>L-SPD 2022–2024 finali adottat mill-MB u ppubblikat.<br>SPD 2023-2025 abbozzat u sottomess għad-diskussjonijiet lill-AGs u lill-MB.<br>CAAR 2020 adottat mill-MB u ppubblikat.<br>Ir-rapport interim tal-2021 adottat mill-MB u kondiviż mal-partijiet ikkonċernati. | L-eu-LISA tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati tagħha b'informazzjoni suffiċjenti dwar l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-kompiti fdati lill-Aġenzija u l-prestazzjoni tagħha, sabiex b'hekk tiżgura livell għoli ta' fiduċja u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti legali; | Dokumenti u rapporti adottati u ppubblikati f'konformità mar-rekwiżiti legali. | Abbozz tal-SPD 2022–2024 adottat qabel il-31 ta' Jannar 2021.<br>SPD 2022–2024 adottat qabel it-30 ta' Novembru 2021.<br>CAAR 2020 adottat u ppubblikat qabel l-1 ta' Lulju 2021.<br>Rapport Interim 2021 adottat qabel l-aħħar ta' Awwissu 2021. | Ittri ta' sottomissjoni tad-dokumenti lill-partijiet ikkonċernati.<br>Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija.<br>Pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Aġenzija. |
| | L-iżgurar ta' governanza tajba permezz tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Qafas ta' Kontroll Intern u l-ġestjoni totali tal-kwalità. | L-ICF jiġi implimentat, immonitorjat u vvalutat.<br>Ir-reġistru ta' kontroll intern jiġi aġġornat u implimentat.<br>Ir-riskji korporattivi huma identifikati u l-CAF hija implimentata. | L-Aġenzija tapplika elementi ta' governanza tajba fil-prattiki tal-ġestjoni tal-konformità tagħha. | Il-valutazzjoni ġenerali tal-effettività tal-ICF tal-eu-LISA titwettaq fil-kuntest tal-CAAR 2021. | Il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni ġenerali huma pożittivi. | CAAR 2021 |
| | Li ssaħħaħ, ittejjeb u timmodernizza l-kapaċitajiet ta' governanza strateġika tal-Aġenzija. | Persunal tal-Aġenzija mħarreġ dwar ġestjoni korporattiva strateġika mtejba.<br>Għodod ġodda implimentati.<br>Prattiki mtejba. | L-Aġenzija se jkollha kapaċitajiet ta' ġestjoni strateġika aġġornati biex taqdi aħjar lill-partijiet ikkonċernati tagħha u biex tappoġġa l-korpi ta' governanza tagħha. | Indikaturi tal-implimentazzjoni tal-proġetti. | Proġett komplut fi ħdan il-livelli ta' tolleranzi. | Ir-rapport ta' tmiem il-proġett |
| | Li tiġi pprovduta informazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi u l-użu tagħhom, li tissodisfa r-rekwiżiti legali mir-Regolament tat-Twaqqif u r-Regolamenti tas-sistemi speċifiċi. | Rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi (rapport annwali tal-Eurodac, tas-SIS), statistika annwali (SIS, Eurodac, EES) u lista ta' awtoritajiet (aġġornament tal-lista ta' awtoritajiet kompetenti għas-SIS, lista ta' uffiċċji tal-N.SIS u uffiċċji SIRENE nazzjonali, lista ta' awtoritajiet għall-Eurodac, lista ta' awtoritajiet għall-EES) ippreżentati lill-istituzzjonijiet tal-UE jew ippubblikati fil-ĠU tal-UE. | L-issodisfar tal-obbligi ta' rapportar kollha f'konformità mal-istrumenti legali u s-sistemi tal-Aġenzija. | Sottomissjoni f'waqtha u pubblikazzjoni tar-rapporti. | Ir-rapporti kollha sottomessi. | Ittri ta' sottomissjoni tar-rapporti rilevanti; il-pubblikazzjoni fil-ĠU tal-UE jew fuq is-sit web tal-Aġenzija. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | L-iżgurar ta' implimentazzjoni tajba tal-acquis ta' Schengen fil-qasam ta' SIS/SIRENE u l-Politika Komuni dwar il-Viżi mill-Istati Membri evalwati, kif ukoll l-iżgurar ta' użu aħjar ta' SIS u tal-VIS. | Il-parteċipazzjoni fil-missjonijiet ta' evalwazzjoni ta' Schengen f'SIS/SIRENE u fl-oqsma ta' Politika Komuni dwar il-Viżi (inkluża l-VIS) bħala osservatur u l-kontribut għar-rapporti ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri tal-UE. | L-Istati Membri tal-UE japplikaw u jimplimentaw l-acquis ta' Schengen fl-oqsma ta' SIS/SIRENE u l-Politika Komuni dwar il-Viżi u jiżguraw l-użu aħjar tas-SIS u tal-VIS. | Il-parteċipazzjoni tal-persunal tal-eu-LISA f'missjonijiet ta' evalwazzjoni meta jkun meħtieġ u l-kontribut għar-rapporti ta' evalwazzjoni. | Parteċipazzjoni u kontribut b'suċċess. | Rapporti ta' implimentazzjoni biannwali u rapport ta' attività annwali tal-eu-LISA. |
| | Il-monitoraġġ tat-teknoloġiji rilevanti u l-komunikazzjoni tas-sejbiet lill-partijiet ikkonċernati. | Rapporti ta' riċerka ppubblikati online.<br>L-organizzazzjoni ta' avvenimenti tal-industrija u l-kontribut fil-konferenza annwali tal-2021 tal-eu-LISA.<br>L-għoti ta' pariri *ad hoc* lill-KUMM/SM. | It-tixrid tal-għarfien u l-għoti ta' pariri *ad hoc* jagħti spinta lis-sensibilizzazzjoni meħtieġa tal-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet tekniċi, li jwassal għal possibbiltajiet kollaborattivi mtejba.<br>Tkabbir tal-profil tal-Aġenzija bħala ċentru ta' għarfien u tisħiħ tal-immaġini tagħha. | L-għadd ta' rapporti ta' riċerka mħejjija u ppubblikati fuq is-sit web tal-eu-LISA.<br>L-għadd ta' delegati fiż-żewġ avvenimenti tal-industrija tal-Aġenzija u l-konferenza annwali. | Pubblikazzjoni ta' mill-inqas żewġ rapporti fl-2021.<br>Aktar minn 50 delegat jipparteċipa fl-avvenimenti tal-industrija u aktar minn 120 jipparteċipaw fil-konferenza annwali. | Is-sit web tekniku tal-eu-LISA; Rapporti tal-avvenimenti. |
| | It-titjib tal-għarfien intern tal-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti riċenti, sabiex il-materjal ta' riċerka jsir faċilment disponibbli u sabiex b'hekk jiġi żgurat li tintuża l-aħjar teknoloġija disponibbli, soġġetta għal analiżi tal-kost-benefiċċji; | Rapporti qosra ta' fokus fuq ir-riċerka u t-teknoloġiji ġodda għall-ġestjoni, l-input għal proġetti bbażati fuq il-monitoraġġ tat-teknoloġija, librerija mgħammra tajjeb b'materjali komprensivi, aġġornati u rilevanti hija disponibbli biex tiġi appoġġata l-ħidma interna. | L-ippjanar minn qabel għall-evoluzzjoni tas-sistemi jsir b'għarfien sħiħ tax-xejriet u tal-possibbiltajiet futuri probabbli, b'mod li jippermetti aktar effiċjenza; | L-għadd ta' sommarji ppreżentati lit-timijiet ta' ġestjoni u ta' operazzjonijiet fuq talba.<br>L-ammont ta' ingaġġ mal-AGs tas-sistema biex jiġu rfinati l-prijoritajiet u r-rispons fil-ħidma dwar l-evoluzzjoni tas-sistema. | Jiġu sottomessi mill-inqas 4 sommarji dwar it-teknoloġija. Kull AG tas-sistema jiġi ingaġġat mill-inqas darba fis-sena permezz ta' preżentazzjoni fil-laqgħat tal-AG. | Bullettini interni<br>Minuti tal-laqgħat tal-Grupp Konsultattiv. |
| | It-titjib tal-għarfien tal-Istati Membri dwar il-funzjonament tekniku u l-użu tas-sistemi. | Ikun fis-seħħ programm ta' taħriġ dwar is-sistemi mfassal apposta u risponsiv li jissodisfa bis-sħiħ il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati. | L-utenti tal-Istati Membri jirċievu taħriġ dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi. | Ir-rata ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti tas-sessjonijiet ta' taħriġ. | Ir-rata ta' sodisfazzjon titkejjel b'marki minn 1 (l-iktar li ma rnexxietx) sa 5 (ta' suċċess kbir). | Formoli ta' evalwazzjoni mimlija mill-parteċipanti tas-sessjonijiet ta' taħriġ. |

## 2.3.2. *Appoġġ eżekuttiv u relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Bord tat-Tmexxija;
- appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Gruppi Konsultattivi;
- l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni Esterna;

- l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Interna tal-eu-LISA;
- il-monitoraġġ, il-koordinazzjoni u l-iżvilupp tal-politika biex l-eu-LISA tkun rappreżentata fl-istituzzjonijiet, l-aġenziji u fora oħra tal-UE; il-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-ĠAI fi ħdan il-mandat tal-eu-LISA, u li taġixxi bħala faċilitatur bejn il-komunitajiet tekniċi u legali.

**VALUR MIŻJUD:**

- l-appoġġ għall-eżekuzzjoni u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament tat-Twaqqif. Iż-żamma ta' immaġni pożittiva tal-Aġenzija;
- l-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u fl-istess ħin iżżomm lill-pubbliku informat;
- l-Aġenzija żżomm u trawwem l-immaġini pożittiva tagħha bħala Korp tal-UE trasparenti, responsabbli lejn il-pubbliku;
- l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni interna se jiffaċilitaw it-tisħiħ tal-kultura korporattiva tal-Aġenzija bħala organizzazzjoni moderna u li tiffunzjona sew;
- l-iżgurar li l-eu-LISA tkun sieħeb ta' fiduċja u ta' valur għall-partijiet ikkonċernati kollha tagħha, u b'hekk tippromwovi u żżomm l-immaġni pożittiva tal-eu-LISA; iżżid is-sensibilizzazzjoni fl-eu-LISA dwar il-qasam, ix-xejriet u l-prijoritajiet tal-ĠAI; taġixxi bħala faċilitatur bejn il-leġiżlatura u l-livelli operazzjonali.

**SFIDI EWLENIN:**

- li jiġi żgurat it-twassil f'waqtu tal-input meħtieġ;
- l-informazzjoni sensittiva għaż-żmien ma tilħaqx udjenzi fil-mira f'sitwazzjonijiet ta' urġenza u ta' kriżi minħabba n-nuqqas ta' webmaster/assistent ta' informazzjoni online, rilevanti għall-kontinwità tan-negozju fil-qasam tal-komunikazzjoni online;
- il-kanali ta' informazzjoni bbażati fuq it-teknoloġija mhumiex ġestiti u l-prodotti ġodda ta' komunikazzjoni online mhumiex żviluppati b'mod sostenibbli minħabba l-funzjoni nieqsa ta' assistent full-time għall-komunikazzjoni diġitali u offline;
- nuqqas ta' persunal awtorizzat fis-sit tekniku tal-Aġenzija sabiex jipprovdi kontinwità tan-negozju, iwettaq kompiti interni ta' ġestjoni tar-reputazzjoni u jirreaġixxi malajr f'każ ta' urġenza jew ta' kriżi;
- limitazzjonijiet fuq il-ġestjoni tal-inċidenti matul kriżi potenzjali, li jeħtieġu l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' komunikazzjoni ta' kriżi mmirata lejn partijiet ikkonċernati interni, li hija waħda mill-elementi ewlenin għall-ġestjoni tal-kriżijiet.

| Unità | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Valur(i) fil-mira | Sors(i) ta' verifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ESU | L-appoġġ effettiv għall-operazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija. | Iż-żamma f'livell għoli tal-appoġġ amministrattiv u loġistiku lill-Bord tat-Tmexxija. | Il-Bord tat-Tmexxija huwa appoġġat b'mod suffiċjenti sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod effettiv. | Il-laqgħat imwettqa kif ippjanat.<br>Rata ta' sodisfazzjon ġenerali tal-partijiet ikkonċernati kif imkejla fi stħarriġ ta' sodisfazzjon. | Laqgħat organizzati kif meħtieġ.<br>Sodisfazzjon ġenerali ogħla minn 60 % fir-rigward tal-appoġġ organizzazzjonali u segretarjali pprovdut. | Minuti tal-MB.<br>Stħarriġ dwar il-livell ta' sodisfazzjon tal-klijenti. |
| | L-appoġġ effettiv għall-operazzjonijiet tal-Gruppi Konsultattivi. | Iż-żamma f'livell għoli tal-appoġġ amministrattiv u | Il-Gruppi Konsultattivi huma appoġġati b'mod suffiċjenti | Il-laqgħat imwettqa kif ippjanat. | Laqgħat organizzati kif meħtieġ. | Minuti tal-AG.<br>Stħarriġ dwar il-livell ta' sodisfazzjon tal-klijenti. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | loġistiku lill-Gruppi Konsultattivi. | sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod effettiv. | Rata ta' sodisfazzjon ġenerali tal-partijiet ikkonċernati kif imkejla fi stħarriġ ta' sodisfazzjon. | Sodisfazzjon ġenerali ogħla minn 60 % fir-rigward tal-appoġġ organizzazzjonali u segretarjali pprovdut. | |
| | L-għoti ta' informazzjoni aġġornata, iż-żieda tas-sensibilizzazzjoni u l-għoti malajr ta' informazzjoni oġġettiva, affidabbli u li tinftiehem faċilment lill-pubbliku u lill-partijiet ikkonċernati. | Il-kompiti ta' informazzjoni u komunikazzjoni esterni jitwettqu f'konformità mar-rekwiżiti legali u l-istandards ta' kwalità stabbiliti għall-Istituzzjonijiet u l-Korpi tal-UE u skont il-prinċipji tal-Istrateġija ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni tal-eu-LISA. | Għarfien aħjar u sensibilizzazzjoni mtejba tal-partijiet ikkonċernati primarji dwar ir-rwol u l-kompiti tal-Aġenzija fil-provvista ta' valur miżjud għall-benefiċċju taċ-ċittadini. | Jiġi żgurat li l-produzzjoni tal-kontenut issegwi l-istandards tal-fluss tax-xogħol u tal-kwalità editorjali approvati, ir-rekwiżiti tal-produzzjoni tal-istampar u online jiġu ssodisfati mill-kuntratturi u l-prestazzjoni titwettaq f'konformità mal-miri ta' kull tliet xhur stabbiliti tal-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-Komunikazzjoni Esterna tal-2021.<br>Il-viżibbiltà bbażata fuq il-web tal-eu-LISA u l-livell ta' involviment jitkejlu regolarment permezz ta' għodod ta' analiżi tal-web u ta' monitoraġġ tal-midja soċjali.<br>Ir-rata ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti bil-ġestjoni tal-avvenimenti titkejjel permezz ta' folji ta' evalwazzjoni.<br>KPI 29: il-viżibbiltà tal-eu-LISA bbażata fuq il-web. | Il-pubblikazzjonijiet korporattivi obbligatorji u l-materjali ta' informazzjoni pubblika ġenerali kollha huma ppubblikati kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Komunikazzjoni Esterna u l-Informazzjoni tal-2021 f'konformità mal-istandards istituzzjonali u r-rekwiżiti lingwistiċi tal-UE.<br>100 % tat-talbiet għal informazzjoni ppreżentati permezz tas-sit web huma mwieġba f'konformità mal-linji gwida tal-Ombudsman Ewropew.<br>L-analitika tal-web turi evoluzzjoni pożittiva meta mqabbla mad-*data* ġenerali tal-2020.<br>Ir-rata ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti b'ġestjoni tal-avvenimenti hija ogħla minn dik tal-2020.<br>100 % tal-mistoqsijiet tal-midja huma mwieġba f'konformità mar-rekwiżiti u l-istandards tal-UE. | Is-sit web pubbliku tal-eu-LISA,<br>L-analitika tal-web, rapport Interim,<br>CAAR. |
| | It-titjib tal-kondiviżjoni ta' għarfien u informazzjoni fl-aġenzija u l-kontribut għall-involviment tal-impjegati. | L-attivitajiet kollha tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Interna annwali huma implimentati b'mod sħiħ. | Il-persunal fis-siti kollha tal-Aġenzija huma informati u involuti fil-livell korporattiv, li jippermettilhom li jieħdu deċiżjonijiet informati rigward il-kompiti professjonali tagħhom u jkollhom aċċess għal għodod ta' komunikazzjoni interna għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u r-rispons. | Il-konformità tal-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-Komunikazzjoni Interna mal-miri u l-iskeda taż-żmien. | Il-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-Komunikazzjoni Interna huwa implimentat skont il-miżuri u l-iskadenzi definiti. | Folja ta' evalwazzjoni u rispons dirett.<br>Stħarriġ Annwali dwar is-Sodisfazzjon tal-Persunal dwar il-Komunikazzjoni Interna.<br>Rapport interim<br>CAAR. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Monitoraġġ u analiżi komprensivi tal-politika u t-tħejjija tal-pożizzjonijiet tal-eu-LISA, li jiżguraw li l-għarfien espert tal-eu-LISA jintuża bis-sħiħ. | Noti informattivi, dokumenti ta' pożizzjoni, diskorsi u analiżi fl-oqsma ta' kompetenza tal-eu-LISA. | Analiżi, koordinazzjoni u żvilupp tal-politika fil-fond u ta' kwalità għolja biex jiġu implimentati l-objettivi stabbiliti mil-leġiżlatur lill-eu-LISA. | Kwalità u puntwalità tad-dokumenti ta' politika. | Kwalità għolja, mogħtija qabel l-iskadenza/l-iskadenzi. | Feedback mill-maniġment |
| | Relazzjonijiet u koordinazzjoni ta' kwalità għolja tal-partijiet ikkonċernati mal-Istati Membri, il-korpi tal-UE, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-industrija u l-akkademja. | Ir-rappreżentanza tal-eu-LISA fil-laqgħat. L-implimentazzjoni ta' Arranġamenti ta' Ħidma u Pjanijiet ta' Kooperazzjoni mal-korpi tal-UE. | Kooperazzjoni sistematika u li tiffunzjona tajjeb mas-sħab li tenfasizza u tagħmel l-aħjar użu mill-valur miżjud tal-eu-LISA. | Kwalità u puntwalità tal-kontributi. | Kwalità għolja, mogħtija qabel l-iskadenza/l-iskadenzi. | Feedback mill-maniġment. |

## 2.3.3. *Il-ġestjoni finanzjarja, l-akkwist u kontabilità*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- l-eżekuzzjoni tal-Pjan ta' Akkwist u l-Akkwiżizzjoni;
- it-twassil f'waqtu ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja;
- iż-żamma tal-kontijiet tal-Aġenzija;
- kontroll intern, proċeduri u awditi relatati mal-finanzi u l-akkwisti.

**VALUR MIŻJUD:**

- iż-żamma u l-iffaċilitar tal-operat tal-Aġenzija permezz tal-iżgurar tal-akkwiżizzjonijiet f'konformità ma' ġestjoni finanzjarja tajba;
- l-appoġġ għall-eżekuzzjoni bla xkiel tal-objettivi korporattivi u operazzjonali tal-Aġenzija;
- ir-rapportar u l-preżentazzjoni koerenti u kredibbli tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Aġenzija;
- il-konformità ma' ġestjoni finanzjarja tajba;
- pagamenti implimentati kif suppost u l-irkupru f'waqtu tal-ammonti stabbiliti bħala riċevibbli;
- l-għoti ta' prerekwiżiti legali għall-proċeduri ta' kwittanza;
- l-issodisfar tar-rekwiżiti statutorji li huma obbligatorji għal korp tal-UE.

**SFIDI EWLENIN:**

- ippjanar u skedar;

- riskji legali (kawżi l-qorti);
- l-adegwatezza tal-kwalità tal-ippjanar u l-kontroll intern;
- l-espansjoni tar-riżultati tan-negozju u l-kumplessità dejjem tikber ta' tranżazzjonijiet finanzjarji li għandhom jiġu kkontrollati u rrapportati;
- nuqqas fil-kontrolli interni jista' jirriżulta f'nefqa mhux ġustifikata, fi frodi u f'ċaħda ta' kwittanza mill-awtorità baġitarja.

| Unità | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Valur(i) fil-mira | Sors(i) ta' verifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| FPU / AO | L-għoti ta' appoġġ għall-attivitajiet korporattivi u ewlenin tal-Aġenzija billi jiġu pprovduti l-akkwist u l-akkwiżizzjoni f'waqthom. | Is-servizzi ta' akkwist f'waqthom u ta' kwalità għolja b'appoġġ għall-Aġenzija huma pprovduti matul is-sena. | Il-ħtiġijiet ta' akkwiżizzjoni tal-Aġenzija jiġu indirizzati f'konformità mal-obbligi statutorji u fi ħdan il-qafas baġitarju. | KPIs korporattivi:<br>KPI Nru 17: L-effiċjenza tal-proċess tal-akkwist.<br>KPI Nru 18: Ġestjoni tal-akkwist: % tal-proġetti ta' akkwisti skont l-iskeda. | KPI Nru 17: Il-livell fil-mira ta' dan il-KPI huwa definit bħala inqas minn 25 %.<br>KPI Nru 18: Il-livell fil-mira ta' dan il-KPI huwa definit bħala > 60 % | KPI Nru 17: statistika dwar il-proċedura ta' akkwist.<br>KPI Nru 18: statistika dwar il-proċedura ta' akkwist. |
| | L-iżgurar ta' ġestjoni finanzjarja tajba u ta' kapaċitajiet għall-ippjanar preċiż tal-baġit, għall-monitoraġġ u għall-eżekuzzjoni bħala sostenn għall-operazzjonijiet tal-Aġenzija. | Huma pprovduti servizzi baġitarji, ta' akkwist u finanzjarji interni ta' kwalità għolja, li jiżguraw li jintlaħqu l-objettivi korporattivi u operazzjonali.<br>Il-proċessi jiġu riveduti kontinwament sabiex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività, kull fejn possibbli permezz ta' dematerjalizzazzjoni. | Is-servizzi baġitarji, tal-assi u finanzjarji tal-Aġenzija huma ġestiti f'konformità mal-obbligi statutorji. | KPIs korporattivi:<br>KPI Nru 10: Ir-rata ta' kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament.<br>KPI Nru 11: Rata (%) ta' impenji baġitarji.<br>KPI Nru 12: Rata (%) ta' implimentazzjoni tal-pagamenti.<br>KPI Nru 15: L-ammont (%) ta' pagamenti kkompletati fl-iskadenzi statutorji.<br>Ebda interruzzjoni maġġuri tas-servizzi attribwibbli għal kwistjonijiet organizzattivi interni. | KPI Nru 10: Il-livell fil-mira ta' dan il-KPI huwa ddefinit bħala < 5 %.<br>KPI Nru 11: Il-livell fil-mira ta' dan il-KPI huwa definit bejn 95 % sa 99 %.<br>KPI Nru 12: Il-livell fil-mira ta' dan il-KPI huwa definit bħala > 95 %.<br>KPI Nru 15: Il-livell fil-mira ta' dan il-KPI huwa definit bħala > 90 %. | Maħżen tad-*data* tal-ABAC.<br>CAAR 2021 |
| | L-iżgurar tal-preżentazzjoni xierqa tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija, is-salvagwardja tal-assi tal-Aġenzija u l-irkupru f'waqtu tal-ammonti dovuti. | Kontijiet annwali kkonsolidati u individwali provviżorji u finali. | Il-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali sabiex jirrappreżentaw b'mod ġust u trasparenti l-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija u l-iffaċilitar tal-proċedura ta' kwittanza. | It-twassil f'waqtu tal-kontijiet proviżorji, konsolidati u finali lill-Awtorità Baġitarja u lill-QEA. | Skadenzi ta' rappurtar stabbiliti mir-regolament Finanzjarju u mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni. | Id-data rreġistrata tas-sottomissjoni tal-kontijiet annwali. |
| | L-iżgurar li l-attivitajiet fil-qasam tal-ġestjoni finanzjarja u tal-akkwisti jkunu konformi mal-istandards applikabbli, u | L-iżvilupp u r-reviżjoni ta' proċeduri u kontrolli; it-twettiq ta' awditi interni u esterni fil-qasam finanzjarju u tal-akkwisti. | L-Aġenzija tagħmel użu minn sett komprensiv ta' proċeduri u kontrolli li huma xierqa għall-iskop tagħhom sabiex tippromwovi l-ġestjoni | Sett komprensiv u koerenti ta' proċeduri jkopri l-proċessi tan-negozju ewlenin fil-qasam tal-finanzi u tal-akkwist. | 80 % tal-proċeduri elenkati fil-pjan ta' ħidma annwali tal-Unità jiġu eżegwiti bis-sħiħ u b'suċċess. | Pjan ta' ħidma annwali tal-unità |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | jkunu ddokumentati, riveduti u aġġornati. | | finanzjarja tajba u l-kontroll intern. | | | |

## 2.3.4. *Ġestjoni tar-riżorsi umani*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- il-konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara t-tibdil, it-tkabbir u t-trasformazzjoni b'enfasi fuq il-kapaċitajiet u l-iżvilupp;
- l-iżvilupp ulterjuri tal-kultura tat-tagħlim, l-iżvilupp tal-funzjoni tal-HR lejn is-sħubija tan-negozju u t-tisħiħ tal-iżvilupp u taż-żamma tal-persunal;
- taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA dwar l-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal) u ġestjoni tal-għarfien.

**VALUR MIŻJUD:**

- l-eu-LISA se jttejjeb l-effettività tal-proċessi tal-HRM, kif ukoll l-istruttura organizzazzjonali fir-rigward ta' ambjent li dejjem qed jinbidel;
- l-eu-LISA se tissodisfa l-obbligi legali u finanzjarji tagħha lejn il-persunal, u se tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS, mar-Regoli ta' Implimentazzjoni u ma' regoli oħra li jirregolaw il-ġestjoni tar-riżorsi Umani fl-eu-LISA;
- il-persunal operazzjonali tal-eu-LISA se jkun jista' jwettaq aħjar u joffri servizzi aħjar lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija;
- żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati;
- tkun konsulent fdat u faċilitatur tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija;
- tiżviluppa u żżomm l-immaġini pożittiva lejn il-partijiet ikkonċernati interni u esterni tagħha;
- tkompli tkun impjegatur attraenti; iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal.

**SFIDI EWLENIN:**

- l-iżgurar tad-disponibbiltà tal-persunal fl-HRU bl-għarfien rispettiv u t-trasferiment tal-għarfien fil-każ ta' dawran tal-impjegati tal-HR;
- l-iżgurar ta' rapportar f'waqtu fl-oqsma rispettivi tal-HR u l-preservazzjoni tal-preċiżjoni tar-rekords, l-iżbalji umani jiġu limitati għall-minimu fil-każ ta' dawran tal-impjegati; L-implimentazzjoni ta' din l-attività u s-suċċess tagħha jiddependu mill-implimentazzjoni f'waqtha tal-attivitajiet ippjanati għall-2020;
- l-iżgurar li l-istruttura organizzazzjonali tiżgura r-riżorsi meħtieġa;
- riżorsi umani insuffiċjenti disponibbli biex tiġi implimentata l-Politika ta' Ġestjoni tal-Għarfien u biex jiġu assorbiti l-bidliet li ġejjin mir-riorganizzazzjoni (eż. it-taħriġ tekniku kien proprjetà tal-Maniġers tal-Applikazzjonijiet; dan se jinbidel mal-istruttura organizzazzjonali l-ġdida);
- il-membri tal-persunal eżistenti li ma jgħaddux mill-proċess ta' ċertifikazzjoni li għandu jiġi introdott u meħtieġ biex jiġu aċċessati s-sistemi.

| Unità | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Valur(i) fil-mira | Sors(i) ta' verifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| HRU | Li jiġu ippjanati r-riżorsi tal-Aġenzija biex jintlaħqu l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tal-eu-LISA u li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal u tas-CEOS.<br>Li l-Qafas ta' Kompetenza jiġi integrat fl-oqsma kollha tal-HR biex jiġi żgurat l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-persunal. | L-intitolamenti tal-persunal, l-eżekuzzjoni tal-pagi u pagamenti oħra, it-tiġdid tal-kuntratt, il-programm ta' on-boarding u l-Qafas ta' Kompetenza implimentati fil-ħin.<br>Regoli ta' Implimentazzjoni adottati.<br>Persunal addizzjonali rreklutat skont il-pjan ta' reklutaġġ tal-2021. | L-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija se tirrifletti l-iżvilupp u takkomoda tkabbir kontinwu.<br>L-eu-LISA se tissodisfa l-obbligi tagħha lejn il-persunal f'konformità mal-qafas regolatorju.<br>Persunal ġdid integrat fl-organizzazzjoni. | KPIs korporattivi:<br>KPI 13: Il-proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi u l-proporzjon (%) tar-riżorsi operazzjonali meta mqabbel mar-riżorsi umani kollha fi ħdan l-Aġenzija (il-persunal u l-SNE).<br>KPI 24: Ir-rata ta' assenteiżmu (%) fil-perjodu ta' rapportar.<br>KPI 25: Il-Perċentwal Annwali (%) tad-dawran tal-impjegati. | KPI 13: 20 % tal-karigi amministrattivi u 70 % tal-karigi operazzjonali.<br>KPI 24: Il-livell fil-mira ta' dan il-KPI huwa definit bħala:<br>• Nru. metriku 1 < 15-il jum għal kull membru tal-persunal<br>• Nru. metriku 2 < 10 %<br>• Nru. metriku 3 > 15 %,<br>KPI 25: ≤ 5 % għall-Aġenzija kollha. | Rapporti ta' SMART.<br>Id-deċiżjonijiet rilevanti tal-MB jew l-ED.<br>CAAR 2021. |
| | Il-funzjoni tal-HR twieġeb għall-ħtiġijiet tan-negozju.<br>It-titjib tas-servizzi tal-HR. Amministrazzjoni u rapportar aktar effiċjenti.<br>It-titjib tal-prestazzjoni permezz tal-ambjent fiżiku.<br>It-tmexxija tal-eu-LISA għandha tapprova u tagħti s-setgħa lill-kultura ta' tagħlim billi tistabbilixxi mudell eżemplari. | L-iżvilupp ta' dokument ta' proposta dwar sħubija kummerċjali tal-HR.<br>L-implimentazzjoni ulterjuri tal-mudell tas-CAF.<br>L-iżvilupp ulterjuri ta' għodod tal-IT tal-HR.<br>Attivitajiet ta' tagħlim informali msaħħa aktar billi jinħoloq spazju għall-uffiċċji sabiex tiġi appoġġata kultura ta' tagħlim. | Il-persunal tal-eu-LISA jieħu rwol aktar attiv fil-kondiviżjoni tal-għarfien tiegħu, filwaqt li jipprovdi rispons kostruttiv lill-kollegi u jiddiskuti b'mod miftuħ l-iżbalji u l-kisbiet. | L-għadd ta' attivitajiet ta' tagħlim informali seħħew.<br>Ir-riżultati tal-istħarriġ dwar l-Involviment tal-Persunal żdiedu.<br>Ġie segwit pjan direzzjonali għall-għodod tal-IT.<br>KPIs korporattivi:<br>KPI 27: Indiċi taż-żamma tat-talenti.<br>KPI 28: Livell tal-involviment tal-persunal. | Saru 20 attività ta' tagħlim informali.<br>Ir-riżultati tal-istħarriġ dwar l-Involviment tal-Persunal żdiedu.<br>Għodod tal-IT.<br>KPI 27: ċifra pożittiva.<br>KPI 28: ≥ 63 %. | Rapporti ta' SMART.<br>Dokument Uniku ta' Programmazzjoni.<br>CAAR 2021. |
| | It-tweġib għall-ħtiġijiet ta' taħriġ tekniku.<br>It-tkabbir bħala ċentru ta' għarfien u ż-żamma ta' eċċellenza operazzjonali.<br>Li jiġu identifikati soluzzjonijiet ġodda sabiex jiġu ottimizzati l-proċessi tan-negozju<br>Jiġi żgurat li jingħabar l-għarfien.<br>L-organizzazzjoni tal-attivitajiet wara l-analiżi. | Korsijiet u applikazzjonijiet ipprovduti lill-persunal.<br>Ħolqien ta' laboratorju tat-taħriġ.<br>L-implimentazzjoni tal-Politika ta' Ġestjoni tal-Għarfien.<br>On-boarding tekniku.<br>Il-ħolqien ta' proċess ta' ċertifikazzjoni qabel l-aċċess għal sistemi ewlenin. | Il-persunal tal-eu-LISA se jkun jista' jaħdem aħjar.<br>L-eu-LISA se tiġi rikonoxxuta bħala ċentru ta' għarfien espert u ta' għarfien. | Għadd ta' attivitajiet ta' taħriġ organizzati.<br>Livell ta' sodisfazzjon ġenerali.<br>Żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar il-Bażi tad-*Data* tal-Ġestjoni tal-Għarfien.<br>100 % tal-persuni ġodda jkunu segwew programm ta' on-boarding tekniku.<br>Għadd ta' persunal li jgħaddi mill-proċess ta' ċertifikazzjoni. | 50 sessjoni ta' taħriġ organizzati.<br>Livell ta' sodisfazzjon ogħla minn 85 %.<br>Tal-anqas 2 sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni organizzati.<br>100 % tal-persuni ġodda segwew il-programm ta' on-boarding tekniku fi żmien 3 xhur mindu waslu.<br>100 % tal-persunal tekniku (li jaħdem direttament fuq is-sistemi) jgħaddi mill-proċess ta' ċertifikazzjoni. | Rapporti ta' SMART.<br>Statistika tal-iLearn.<br>CAAR 2021. |

### 2.3.5. *Il-protezzjoni tad-data*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- it-tkomplija tal-proċess ta' implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Protezzjoni tad-*Data* derivati mir-Regolament tal-UE 2018/1725;
- l-abbozzar tar-Rapport ta' Ħidma Annwali 2021 u r-rapportar tal-istatus intermedju dwar il-konformità tad-DP lill-MB;
- iż-żieda tas-Sensibilizzazzjoni dwar il-Protezzjoni tad-*Data*;
- It-twettiq tal-istħarriġ Annwali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

**VALUR MIŻJUD:**

- il-konformità regolatorja mal-qafas legali dwar id-DP li huwa applikabbli għall-eu-LISA;
- tiġi pprovduta informazzjoni dwar id-DP lill-partijiet ikkonċernati rilevanti;
- l-impenn tal-persunal lejn id-DP mistenni jilħaq livell għoli;
- it-titjib fil-konformità mal-protezzjoni tad-*data* u l-identifikazzjoni ta' prattiki riskjużi possibbli dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data*.

**SFIDI EWLENIN:**

- il-konformità mar-Regolament tal-UE dwar id-DPR tinkiseb permezz tal-prinċipju tar-responsabbiltà, u n-nuqqas ta' konformità ma' dak il-prinċipju jista' jwassal lill-Aġenzija biex tiġi mmultata direttament mill-EDPS;
- l-iżvilupp ta' sistema ġdida se jżid il-ħidma tal-UPD, li jista' jwassal biex xi wħud mill-kompiti tal-UPD ikollhom jingħataw prijorità mill-ġdid.

| Unità | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Valur(i) fil-mira | Sors(i) ta' verifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| UPD | L-allinjament u l-infurzar tar-Regolament il-ġdid dwar l-ipproċessar ta' *data* personali applikabbli għall-istituzzjonijiet u għall-korpi tal-Komunità. | Implimentazzjoni kontinwa tad-deċiżjoni mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali fl-eu-LISA. | L-iżgurar tal-konformità tar-regoli interni mal-qafas legali applikabbli. | L-għadd ta' sessjonijiet imwettqa dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-ksur tad-*data* personali. | Minimu ta' 15-il notifika ta' informazzjoni ġenerali kkomunikati lill-persunal kollu matul is-sena, bl-użu ta' għodod ta' komunikazzjoni interna. | Rapport ta' Ħidma Annwali tal-UPD;<br>Bullettini interni |
| | Il-pubbliku, l-MB u l-EDPS jiġu infurmati dwar il-livell ta' konformità mad-DP permezz tal-pubblikazzjoni fuq is-sit web | Rapport ta' Ħidma Annwali 2021 ippreżentat għall-approvazzjoni lill-MB tal-eu-LISA. | Il-MB jiġi infurmat dwar il-livell ta' konformità mad-DP. | Rapport adottat u ppubblikat f'konformità mar-rekwiżiti legali. | Ir-Rapport ta' Ħidma Annwali 2021 adottat u ppubblikat sal-iskadenza stabbilita. | Rapport ta' Ħidma Annwali tal-UPD.<br>Lista ta' attendenza mill-HR |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | tal-Aġenzija tar-Rapport ta' Ħidma Annwali tal-2021; aġġornament kontinwu tal-persunal dwar il-prinċipji applikabbli tad-DP. | Rapport tal-istatus intermedju dwar id-DP. Fehim akbar/miżmum tal-persunal dwar kunċetti u drittijiet tal-protezzjoni tad-*data*. | Il-membri tal-persunal jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*. | L-għadd ta' notifiki ta' sensibilizzazzjoni ġenerali tad-DP mxerrda permezz ta' għodod ta' komunikazzjoni interna. Mill-inqas żewġ sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni mwassla lill-persunal kollu matul is-sena. | Żewġ sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni mwassla u li għalihom attendew mill-inqas 25 persuna għal kull sit. | |
| | Awditi tal-konformità mal-protezzjoni tad-*data* f'unità speċifika tal-eu-LISA | Għandu jiġi ppreżentat rapport bl-eżiti/bis-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet lid-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA. | Għandhom jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet dwar il-konformità mal-protezzjoni tad-*data* sabiex tiżdied il-konformità mal-protezzjoni tad-*data* tal-Aġenzija. | Ir-rapport ippreżentat lid-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA. | It-twettiq f'waqtu tal-istħarriġ, sa massimu ta' 5 xhur. | Rapport dwar il-Protezzjoni tad-*Data* |

## 2.3.6. *Is-servizzi korporattivi*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

L-element tas-servizzi korporattivi jinkludu l-komputazzjoni tal-utent finali, il-manutenzjoni taċ-ċentru tad-*data* tal-IT korporattiva, il-manutenzjoni tan-network tal-IT korporattiva, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-applikazzjonijiet tal-IT korporattiva, it-telefons ċellulari, it-telefonija bil-linja tat-telefon fissa u t-telefonija IP, il-ġestjoni tal-faċilitajiet, is-servizzi ta' loġistika u tal-imħażen, il-provvista ta' uffiċċji, il-ġestjoni tal-missjonijiet u l-ġestjoni tad-dokumenti.

Din l-attività tinkludi:

- l-għoti ta' pariri legali lill-eu-LISA[33];
- l-amministrazzjoni u l-manutenzjoni ta' networks u komunikazzjonijiet tal-IT korporattivi;
- l-amministrazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-IT korporattivi u l-ħżin;
- l-amministrazzjoni u l-manutenzjoni ta' applikazzjonijiet tal-IT korporattivi;
- servizzi ta' loġistika u provvisti tal-uffiċċju;
- il-ġestjoni u l-appoġġ tas-servizzi tal-missjonijiet;
- l-għoti ta' appoġġ lill-utenti finali (uffiċċju tas-servizz);
- l-akkwist ta' tagħmir, infrastruttura u servizzi korporattivi tal-ICT;
- il-ġestjoni ta' servizzi ta' dokumenti / rekords / arkivji;

[33] L-Uffiċjal Legali jinsab fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi fl-istruttura tal-Aġenzija.

- l-implimentazzjoni tal-ITIL fis-servizzi tal-IT korporattivi;
- il-ħolqien ta' sit web ġdid tal-eu-LISA
- operazzjonijiet u servizzi tal-faċilità;
- l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti għall-eu-LISA;
- infrastruttura tal-IT korporattiva u applikazzjonijiet migrazzjoni lejn il-cloud.

**VALUR MIŻJUD:**

- il-mitigazzjoni tar-riskji ta' nuqqas ta' feedback u ta' kawżi l-qorti;
- integrazzjoni aħjar tal-pjattaforma tan-network, titjib fil-kontinwità tan-negozju u fl-irkupru minn diżastri, sigurtà aħjar, servizzi tan-network aħjar;
- is-sistemi tal-IT korporattivi u l-ħżin ser jibqgħu produttivi u kosteffettivi;
- l-applikazzjonijiet tal-IT korporattivi se jibqgħu produttivi u kosteffettivi;
- livell aħjar ta' benesseri sostenibbli għall-persunal b'kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati;
- it-tranżizzjoni bla xkiel tas-servizzi tan-negozju tal-IT u mhux tal-IT fir-rigward tal-missjonijiet;
- sodisfazzjon akbar tal-utenti finali, komunikazzjoni mtejba, u effiċjenza msaħħa li tippermetti l-produttività mal-Aġenzija kollha;
- viżibbiltà aħjar tal-infiq, prestazzjoni operazzjonali, preċiżjoni akbar tad-*data*, twassil tal-valur;
- titjib fil-kwalità tad-*data*, fil-ġestjoni tal-informazzjoni, fl-effiċjenza tal-proċessi, fis-sigurtà u fl-aġilità organizzazzjonali;
- permezz tal-implimentazzjoni tal-qafas ITIL, l-Aġenzija se tkun tista' tnaqqas il-kostijiet għas-servizzi tal-IT korporattivi u s-settur tal-IT korporattiv se jiġi ssimplifikat;
- livell aħjar tal-benessri sostenibbli għall-persunal b'kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati f'konformità mal-istandards u mal-politiki rilevanti fil-qasam tal-faċilitajiet u tas-saħħa u s-sikurezza;
- prattiki standardizzati;
- żieda fil-kontroll tad-dokumenti;
- permessi tal-aċċess;
- il-faċilità tal-ħżin tar-rekords;
- irkupru minn diżastri, faċilità ta' ġestjoni, u l-arkivju;
- Ir-ROI huwa aktar faċli biex jiġi previst, b'kostijiet minimi ta' implimentazzjoni;
- is-soluzzjoni hija skalabbli, u tippermetti l-espansjoni kemm online kif ukoll ġeografika;
- tnaqqis fl-ispejjeż ġenerali tal-infrastruttura;
- żieda fl-affidabbiltà u d-disponibbiltà;
- ħila għal tibdil f'dawran aktar malajr.

**SFIDI EWLENIN:**

- riżorsi limitati għall-għoti ta' pariri legali skont il-ħtiġijiet u l-iskadenzi mistennija;
- id-disponibbiltà tal-għarfien tekniku meħtieġ biex jitħaddmu u jittejbu kontinwament in-networks u l-komunikazzjonijiet tal-IT korporattivi;
- sigurtà vs użabbiltà. Aktar ma t-tqassim ikun sigur, aktar ikunu kbar il-piżijiet fuq il-flussi tan-network;
- id-disponibbiltà tal-għarfien tekniku meħtieġ biex jitħaddmu u jittejbu kontinwament is-sistemi tal-IT korporattivi u l-ħżin;
- it-twettiq ta' kontinwità tan-negozju effettiva mingħajr il-preżenza tal-persunal fiż-żewġ siti għal appoġġ ta' stennija u għal intervent fiżiku għall-ġestjoni fil-pront tal-inċidenti;
- id-disponibbiltà tal-għarfien tekniku meħtieġ għall-operat u t-titjib kontinwu tal-applikazzjonijiet korporattivi;
- dipendenza fuq kuntratturi esterni, nuqqas ta' kontinġenza tal-persunal u nuqqas ta' riżorsi umani fil-portafoll tal-Missjonijiet;
- id-dipendenza fuq sidien ta' proċessi u kuntratturi/fornituri ta' servizzi u riżorsi umani esterni;
- il-proġett jiddependi ħafna minn teħid ta' deċiżjonijiet suffiċjenti u f'waqtu dwar l-aspetti tan-negozju u legali meħtieġa, kif ukoll id-disponibbiltà tar-riżorsi. Barra minn hekk, il-proġett jiddependi ħafna milil-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati differenti, l-effiċjenzi tat-tim tal-ġestjoni tal-proġetti, il-kwalità tad-disinn tekniku u l-kostruzzjoni;
- rekwiżiti u politiki ta' sigurtà;
- rekwiżiti u politiki dwar il-protezzjoni tad-*data*.

| Unità | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Valur(i) fil-mira | Sors(i) ta' verifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| CSD/ CSU | L-appoġġ għall-konformità tal-eu-LISA mar-regolamenti applikabbli. | L-għoti ta' pariri legali u ta' opinjonijiet lill-partijiet ikkonċernati interni u esterni u r-rappreżentanza tal-eu-LISA fil-qrati nazzjonali jew tal-UE jekk ikunu meħtieġa. | Konformità mill-eu-LISA mar-regolamenti applikabbli. | Għoti ta' pariri u opinjonijiet legali. | Għoti ta' pariri u opinjonijiet legali f'waqtu. | Opinjonijiet legali |
| | L-Aġenzija tiġi pprovduta b'network flessibbli, affidabbli u integrat u infrastruttura ta' komunikazzjoni għall-użu korporattiv. | L-amministrazzjoni u l-manutenzjoni korrettiva, preventiva, adattiva u evoluttiva tan-networks u l-komunikazzjonijiet tal-IT korporattiva. | Il-kapaċità li jiġu amministrati u miżmuma n-networks u l-komunikazzjonijiet sabiex jiġu kkoreġuti l-ħsarat; tittejjeb il-prestazzjoni u d-disponibbiltà; u jiġu adattati għal ambjent mibdul jew għal rekwiżiti mibdula. | Disponibbiltà tas-servizzi | 90 % | Reġistri ta' monitoraġġ |
| | Is-sistemi tal-IT korporattivi u l-ħażna jinżammu kontinwament f'konformità mar-rekwiżiti tal-utenti, l- | L-amministrazzjoni u l-manutenzjoni korrettiva, preventiva, adattiva u | Iż-żamma tas-sistemi u l-ħżin biex jiġu kkoreġuti l-ħsarat; jitjiebu l-prestazzjoni u d-disponibbiltà; u jiġu adattati s- | Livell ta' servizz maqbul | Twassil f'waqtu tas-servizz u appoġġ relatat. | Stħarriġ tal-utenti finali |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data*, il-funzjonijiet assoċjati, u t-talbiet mill-partijiet ikkonċernati interni u esterni. | evoluttiva tas-sistemi tal-IT korporattivi u l-ħżin. | sistemi u l-ħżin għal ambjent mibdul jew rekwiżiti mibdula. | | | |
| | Iż-żamma u l-appoġġ għall-applikazzjonijiet korporattivi ta' kwalità li jtejbu l-proċessi tan-negozju tal-organizzazzjoni. | L-amministrazzjoni u l-manutenzjoni korrettiva, preventiva, evoluttiva u adattiva tal-applikazzjonijiet tal-IT korporattivi. | Il-modifika tal-applikazzjonijiet biex jiġu kkoreġuti l-ħsarat; titjieb il-prestazzjoni; u jiġu adattati l-applikazzjonijiet għal ambjent mibdul jew għal rekwiżiti mibdula. | Livell ta' servizz maqbul | It-twassil f'waqtu tas-servizz u l-appoġġ relatat;<br>90 % tal-ħin tal-operat tal-applikazzjoni relatata. | Stħarriġ tal-utenti finali. Statistika dwar id-disponibbiltà tal-applikazzjonijiet. |
| | Li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-loġistika u tal-provvisti f'Tallinn, fi Strasburgu u fi Brussell. | Is-siti kollha tal-Aġenzija jipprovdu servizzi ta' loġistika u ta' provvista ta' kwalità għolja. | Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal u l-użu effettiv tal-faċilitajiet fil-postijiet kollha tal-Aġenzija. | Livell ta' servizz maqbul | Twassil f'waqtu tas-servizz u appoġġ relatat. | L-għeluq, l-aċċettazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-pagamenti tal-Kuntratti Speċifiċi mas-sħab. |
| | Operazzjonijiet organizzazzjonali għat-titjib tal-effettività tal-portafoll tal-missjonijiet, inkluż l-istabbiliment ta' għodda tal-missjonijiet. | Operazzjonijiet organizzazzjonali għat-titjib tal-effettività tal-portafoll tal-missjonijiet. | Ġestjoni effiċjenti u effettiva tal-missjonijiet li tkopri l-persunal fil-postijiet kollha u l-esperti esterni. | L-għadd ta' missjonijiet imwettqa, b'talbiet għal missjonijiet ippreżentati fil-ħin permezz tal-għodda tal-missjoni. | Perċentwal(i) tal-indikatur tal-prestazzjoni. | Statistika interna mill-Assistent Amministrattiv għall-Missjonijiet. |
| | Jiġu riċevuti u pproċessati t-talbiet għas-servizzi mingħand l-utenti assistenti, tiġi kkoordinata r-riżoluzzjoni tal-inċidenti u tiġi pprovduta l-ewwel linja ta' appoġġ tal-IT. | Appoġġ rapidu u ta' kwalità għolja tal-IT kull meta t-teknoloġija ma tkunx qed taħdem kif suppost. | Is-sodisfazzjoni tal-utenti finali żiedet il-konnettività, tejbet il-komunikazzjoni, u saħħet l-effiċjenza b'benefiċċju għall-produttività mifruxa mal-Aġenzija kollha. | Sodisfazzjon tal-utenti finali | 90 % | Stħarriġ tal-utenti finali |
| | Forniment ta' software, hardware, tagħmir, servizzi u liċenzji tal-ICT korporattivi li jsaħħu l-produttività mal-Aġenzija kollha. | Forniment tal-hardware, is-software u s-sistemi tal-IT korporattivi meħtieġa u l-kisba tal-aħjar prattiki tal-akkwist tal-proġetti. | Ix-xiri tas-software, il-hardware, it-tagħmir, is-servizzi u l-liċenzji korporattivi kollha meħtieġa tal-ICT biex jiġu appoġġati l-applikazzjonijiet, is-sistemi, in-networks u l-komunikazzjoni tal-IT korporattiva, u l-utenti finali. | Livell ta' servizz maqbul | It-twassil fil-ħin tas-servizz. | Stħarriġ tal-utenti finali |
| | Il-ġestjoni tad-*data* bħala assi kritiku għall-operazzjonijiet tal-Aġenzija u l-ġestjoni tal-ispejjeż totali tas-sjieda għal inizjattivi strateġiċi ta' ġestjoni tal-informazzjoni. | Il-fehim tal-ġestjoni tal-informazzjoni – mill-input, il-klassifikazzjoni u l-ġestjoni attwali (il-ġestjoni tal-proċess tan-negozju, il-ġestjoni tar-rekords, il-ġestjoni tal-kontenut, il-kollaborazzjoni, | Approċċ olistiku għall-ġestjoni tal-informazzjoni, mill-Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi għall-ġestjoni tad-*data* u tal-arkivji. | Livell ta' servizz maqbul | Twassil f'waqtu tas-servizz u appoġġ relatat. | Stħarriġ tal-utenti finali |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | eċċ.) sal-ħżin u l-output tal-informazzjoni. | | | | |
| | It-titjib tal-effiċjenza u l-kisba tat-twassil ta' servizz prevedibbli. | Għażla standardizzata, ippjanar, twassil u manutenzjoni ta' servizzi tal-IT korporattivi fi ħdan l-Aġenzija. | L-utenti finali jiġu pprovduti b'servizzi xierqa, li jiżguraw il-benefiċċji tan-negozju billi jiġu pprovduti dawn is-servizzi u jiġi użat iċ-ċiklu tal-ħajja mill-bidu sat-tmiem biex is-servizz jiġi traċċat f'kull pass. | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien maqbula tal-proġett. | Il-proċessi u l-għodod tal-ITIL huma implimentati u użati fl-IT Korporattiva. | Rapporti tal-proġett |
| | Il-provvista ta' servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-faċilitajiet fil-postijiet kollha tal-Aġenzija. | L-impriżi meħtieġa biex jiġu ppreservati s-servizzi effettivi fil-postijiet kollha tal-Aġenzija fir-rigward tal-ġestjoni tal-Faċilitajiet. | Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal u l-kapaċità li jintużaw l-uffiċċji tas-siti kollha tal-Aġenzija. | Konformità mal-istandards applikabbli. | Twassil f'waqtu tas-servizz u appoġġ relatat. | L-għeluq, l-aċċettazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-pagamenti tal-Kuntratti Speċifiċi stabbiliti mas-sħab. |
| | L-eu-LISA tiġi pprovduta b'sit web modern skont ix-xejriet attwali u l-aħjar prattiki minn perspettiva ta' tfassil u funzjonalità. | Jiġi standardizzat u allinjat is-Sit web il-ġdid mas-siti web futuri relatati mal-ETIAS u l-EES u tiżdied is-sensibilizzazzjoni għall-Aġenzija. | L-eu-LISA tiġi pprovduta b'sit web modern skont ix-xejriet attwali u l-aħjar prattiki minn perspettiva ta' tfassil u funzjonalità. | Il-proġett jitwassal fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma. | Aħdar | Rapporti tal-proġett |
| | L-eu-LISA tiġi pprovduta bil-funzjonalità li tindirizza d-dokumenti b'mod li jippermettilhom jinħolqu, jiġu kondiviżi, organizzati, maħżuna u rkuprati b'mod effiċjenti u effettiv, f'konformità mal-istandards u l-politiki. | Repożitorju ċentrali għad-Dokumenti fi ħdan l-eu-LISA;<br>Politika ta' Żamma ta' Dokumenti Maqbula/Definiti.<br>Proċessi ta' Ġestjoni ta' Dokumenti u Permessi ta' Aċċess.<br>Verżjoni, Awtentikazzjoni u Kontroll tal-Klassifikazzjoni tad-Dokumenti.<br>Permessi ta' Livell ta' Aċċess definiti u fis-seħħ. | Hemm fis-seħħ sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti u politiki relatati u jintużaw mill-persunal tal-Aġenzija.<br>Is-sigurtà u s-sikurezza tad-dokumenti, il-prevenzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat għal dokumenti u l-permess ta' rkupru minn ħsara fiżika jew telf ta' dokumenti. | Is-sistema tal-Ġestjoni tad-Dokumenti u r-Rekords hija disponibbli għall-Aġenzija. | Il-proġett jitwassal fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma. | Rapporti tal-proġett |
| | Jitnaqqsu l-ispejjeż operazzjonali tal-IT Korporattiva.<br>Tiżdied l-effettività tal-proċessi tal-IT.<br>Jitnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija għall-implimentazzjoni tal-bidliet.<br>Jinżamm aġġornat mal-avvanzi teknoloġiċi. | Infrastruttura tal-IT korporattiva ospitata fil-cloud tad-DIGIT.<br>Applikazzjonijiet Korporattivi ospitati fil-cloud tad-DIGIT. | Iffrankar tal-kostijiet Operazzjonali tal-IT;<br>Proċessi tal-IT issimplifikati;<br>Konsum tal-Użu ta' Riżorsi Definiti.<br>Skalabbiltà u affidabbiltà akbar. | L-infrastruttura tal-IT Korporattiva mmexxija b'suċċess lejn il-Cloud.<br>L-Applikazzjonijiet kollha mmexxija b'suċċess lejn il-Cloud. | Il-proġett jitwassal fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma. | Rapporti tal-proġett |

## 2.3.7. *It-tieni estensjoni tal-uffiċċju operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Wara diskussjoni fil-fond f'Novembru 2017, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA rrikonoxxa l-ħtieġa għal estensjoni ulterjuri tal-ispazju tal-uffiċċju tiegħu u l-ħtieġa għal espansjoni taċ-ċentru tad-*data* fis-sit operazzjonali fi Strasburgu[34].

Il-motivazzjonijiet għal din l-estensjoni ulterjuri huma kif ġej:

- il-mandat estiż tal-eu-LISA għas-sistemi l-ġodda fdati lill-Aġenzija u s-servizzi ġodda li għandhom isiru disponibbli għall-Istati Membri se jeħtieġu kapaċità taċ-ċentru tad-*data* akbar minn dik li teżisti llum jew li setgħet kienet prevista fl-2015, meta tfassal l-ewwel proġett ta' bini;
- is-sistemi eżistenti ġestiti mill-Aġenzija diġà għaddejjin – jew se jgħaddu minn – evoluzzjonijiet sostanzjali;
- iż-żieda sinifikanti fil-persunal (kemm intern kif ukoll estern) għas-sistemi u l-kompiti l-ġodda assenjati lill-Aġenzija. L-aħjar stimi jindikaw li l-eu-LISA se teħtieġ sa 443 – 463 spazju tax-xogħol fis-sit tekniku fi Strasburgu.

Il-proġett se jeħtieġ analiżi tas-sitwazzjoni attwali meta mqabbla mal-konfigurazzjoni u l-kapaċità ppjanati għall-eu-LISA, b'kont meħud tar-rekwiżiti tan-negozju attwali tagħha u l-mandat estiż aġġornat. Il-proġett imbagħad se jfassal u jimplimenta l-bidliet/x-xogħol ta' kostruzzjoni meħtieġa sabiex jiġu estiżi l-faċilitajiet preżenti.

L-Aġenzija ssottomettiet l-istima tar-riżorsi baġitarji meħtieġa għal dan il-proġett fil-proposta tal-QFP li ġiet ikkomunikata lid-DĠ HOME fil-5 ta' April 2018. Abbażi tal-esperjenza tal-ewwel proġett ta' estensjoni, l-Aġenzija tkun teħtieġ għadd ta' karigi temporanji addizzjonali fil-pjan ta' stabbiliment sabiex twettaq il-ġestjoni tal-proġetti u tiżgura l-konformità mal-obbligi legali imposti mil-liġi Franċiża fuq l-awtorità kontraenti.

Meta jitqiesu l-iskadenzi amministrattivi obbligatorji u l-qafas regolatorju tal-Aġenzija, u b'applikazzjoni ta' approċċ tal-perkors kritiku għall-iskeda ta' żmien prevista għal dan il-proġett, id-dati ta' ppjanar ewlenin huma dawk indikati hawn taħt. Il-bidu tal-proġett jaffettwa l-baġit tal-2021, kif deskritt fl-iskeda ta' żmien proviżorja hawn taħt. Il-passi ewlenin tal-proġett huma stabbiliti fl-Anness V Bini.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI:**

Fażi tat-Teħid Q4 2017 – Q3 2019:

- studju tal-fattibbiltà;
- analiżi tal-mudell operattiv attwali vs il-mudell operattiv fil-mira (analiżi tad-diskrepanzi, definizzjoni tar-rekwiżiti);

---

[34] Deċiżjoni tal-MB 2017-185, il-punt 10

- abbozz ta' pjan tal-proġett.

Fażi ta' Bidu / Ippjanar Q4 2019 – Q3 2021

- il-governanza tal-proġetti;
- ftehim ta' servizz mal-Istat Franċiż;
- il-kuntratt u l-attivitajiet ta' servizz tal-programmatur;
- studji preliminari.

Disinn / Eżekuzzjoni (Fażi tal-Bini) Q3 2021 – Q2 2026

**VALUR MIŻJUD:**

- l-Aġenzija tkun kapaċi takkomoda t-tkabbir u tappoġġa mudell ta' negozju skalabbli billi tipprovdi biżżejjed spazju biex tospita s-sistemi u r-riżorsi operazzjonali;
- iċ-ċentru tad-*data* u s-soluzzjoni attiva-attiva tad-*data* se jsaħħu l-istandards għoljin ta' sigurtà eżistenti;
- il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal ukoll se jissaħħu aktar, biex b'hekk jiġi appoġġat il-benesseri tal-persunal fi ħdan l-ambjent tal-eu-LISA.

**SFIDI EWLENIN:**

Il-liġi ta' Moore u l-avvanzi fit-teknoloġija jistgħu jkunu rebbieħa u jrendu ċ-ċentru tad-*data* l-ġdid skadut sakemm jitlesta l-bini. Kumpaniji tal-enerġija lokali jaf ma jkunux jistgħu jipprovdu l-enerġija elettrika meħtieġa għall-estensjoni. Il-kost tal-estensjoni huwa stima bbażata fuq l-informazzjoni attwalment disponibbli. Il-kost reali jiddependi mid-disinn dettaljat, mill-kundizzjonijiet tas-suq fiż-żmien tal-offerta, eċċ. Hemm ukoll xi inċertezza dwar l-immappjar tal-ħtiġijiet, fir-rigward ta' żviluppi ġodda u l-adozzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti legali ġodda.

| Unità | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Valur(i) fil-mira | Sors(i) ta' verifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| CSU | L-objettiv tal-proġett huwa li l-bini operazzjonali eżistenti fi Strasburgu jiġi estiż biex jipprovdi għaż-żieda fil-kapaċità, il-persunal u l-infrastruttura tas-sistemi b'appoġġ għall-eżekuzzjoni tal-istrateġija tal-eu-LISA u l-portafoll ta' programmi u proġetti. | It-tieni estensjoni tal-bini tal-Aġenzija fi Strasburgu se tipprovdi l-faċilitajiet li ġejjin:<br>- Ċentru tad-*Data* Ġdid<br>- Uffiċċju / Bini Ġdid<br>- Parkeġġ Ġdid tal-Karozzi<br>- Karigi ta' Gwardji Ġodda. | Uffiċċji u faċilitajiet adegwati biex jospitaw l-infrastruttura tas-sistemi addizzjonali u l-membri tal-persunal. Kundizzjonijiet operazzjonali u tax-xogħol xierqa f'konformità mar-regolamenti tekniċi, operazzjonali, tas-sikurezza u tas-sigurtà, l-aħjar prattiki u standards. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti |

## 2.3.8. *Attivitajiet ta' sigurtà orizzontali*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- it-tħaddim, l-ippjanar u l-iżvilupp tal-elementi protettivi tal-ġestjoni tal-kontinwità u s-sigurtà;
- it-twassil tas-servizz tas-sigurtà u tal-assigurazzjoni tal-informazzjoni għas-sistemi ewlenin tan-negozju;
- it-twassil tas-servizz tas-sigurtà u tal-assigurazzjoni tal-informazzjoni għall-infrastruttura korporattiva;
- iż-żamma u t-titjib tal-qafas tal-politika tas-sigurtà u s-sottomissjoi ta' rapporti;
- it-tħaddim, l-ippjanar u l-iżvilupp tal-partijiet ta' kontinwità tan-negozju/irkupru minn diżastri/rispons f'każ ta' emerġenza mis-sigurtà u l-ġestjoni tal-kontinwità;
- it-tħaddim, l-ippjanar u l-iżvilupp tal-kontinwità tal-operat/irkupru minn diżastru għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA;
- l-implimentazzjoni ta' proċessi ta' titjib kontinwu għas-sistemi ta' ġestjoni tal-Aġenzija għas-sigurtà tal-informazzjoni, ir-riskju u l-kontinwità tan-negozju, li jkopru sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-IT korporattiva. Dan jinkludi l-proviżjonament meħtieġ tar-riżorsi u l-attività relatata ta' rappurtar lill-partijiet ikkonċernati.

**VALUR MIŻJUD:**

- jiġi implimentat livell adegwat ta' sigurtà protettiva fil-livell tal-Aġenzija sabiex ikun permess it-twettiq tal-proċess u l-attivitajiet normali mill-eu-LISA;
- riskji tas-sigurtà ġestiti għal livell aċċettabbli;
- konformità mar-rekwiżiti legali u kummerċjali;
- fiduċja akbar tal-partijiet ikkonċernati;
- żieda fir-reputazzjoni tal-aġenzija bħala kustodja affidabbli u sigura ta' informazzjoni sensittiva dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna tal-UE;
- riskji tas-sigurtà ġestiti għal livell aċċettabbli;
- il-kooperazzjoni mal-Istati Membri u aġenziji oħra tal-UE żżomm skambju meħtieġ tal-għarfien u l-aħjar prattiki;
- jiġi implimentat livell adegwat ta' kontinwità tan-negozju fil-livell tal-aġenzija sabiex tinkiseb ir-reżiljenza meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet ewlenin tagħha;
- jiġi implimentat livell adegwat ta' kontinwità tan-negozju fil-livell tal-aġenzija sabiex tinkiseb ir-reżiljenza meħtieġa għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA.

**SFIDI EWLENIN:**

- l-impenn tal-partijiet ikkonċernati esterni fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-kontrolli speċifiċi tas-sigurtà protettiva, kif meħtieġ;
- prijorità baxxa meta mqabbla ma' kompiti oħra;
- żvijar tal-kamp ta' applikazzjoni minn kompiti mhux ewlenin;

- żieda fil-kumplessità tal-attività tal-proġett li taqbeż il-kapaċità tar-riżorsi;
- nuqqas ta' kapaċità fil-funzjoni tal-Infrastruttura korporattiva biex tappoġġa attivitajiet ta' ġestjoni tas-sigurtà;
- nuqqas ta' riżorsi biex jiġu organizzati laqgħat ippjanati;
- l-impenn tal-partijiet ikkonċernati esterni fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-BCMS, kif meħtieġ;
- l-impenn tal-partijiet ikkonċernati esterni fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-kontrolli relatati mal-BC, kif meħtieġ.

| Unità | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Valur(i) fil-mira | Sors(i) ta' verifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| SCU | Il-konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-familja ta' standards tal-ISO 27000. | L-Aġenzija tadotta miżuri ta' sigurtà xierqa bbażati fuq il-valutazzjoni tar-riskji, il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-aħjar prattiki. | L-Aġenzija tiżgura l-livell xieraq ta' sikurezza u ta' sigurtà tan-nies u tal-assi fil-bini tagħha. | Il-miżuri ta' sigurtà protettiva jikkonformaw 100 % mal-valutazzjoni tar-riskju, ir-regoli u r-regolamenti tal-eu-LISA u l-istandards tal-ISO.<br>KPI 1 Korporattiv: Perċentwal (%) tal-objettivi tas-sigurtà implimentati kif definit skont il-leġiżlazzjoni.<br>KPI 2 Korporattiv: L-għadd ta' eżerċizzji ta' emerġenza/ta' sigurtà u eżerċizzju relatati mal-kontinwità tan-negozju mwettqa kull sena. | Żgurar tas-sigurtà fiżika tal-uffiċċju tal-eu-LISA u s-sigurtà protettiva għall-missjonijiet, l-attivitajiet u l-persunal tal-eu-LISA f'livell aċċettabbli skont ir-regoli u r-regolamenti rilevanti, u l-eżiti tal-valutazzjoni tar-riskju-<br>KPI 1: 100 %<br>KPI 2: 2. | Ir-rapport Interim tal-2021.<br>CAAR 2021. |
| | It-twassil tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Informazzjoni u l-Assigurazzjoni f'konformità mal-Istrateġija ta' Sigurtà u l-Kontinwità u l-Katalgu tas-Servizzi. | Il-politika tas-sigurtà; Ġestjoni tar-riskji tas-sigurtà; pjanijiet tas-sigurtà; sensibilizzazzjoni tas-sigurtà u taħriġ fis-sigurtà, arkitettura tas-sigurtà, valutazzjonijiet u awditi tas-sigurtà; liċenzji tas-software; ittestjar tas-sigurtà, monitoraġġ tas-sigurtà, ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà, gwida dwar is-sigurtà. | L-iżgurar li r-riskji tas-sigurtà tal-informazzjoni se jiġu ġestiti f'livell aċċettabbli. | % tal-proċessi tan-negozju u s-servizzi tagħhom koperti mill-proċess tal-ġestjoni tar-riskju tal-informazzjoni.<br>% tal-persunal li temmew it-taħriġ ta' tagħlim elettroniku dwar is-sensibilizzazzjoni tas-sigurtà.<br>% tal-kontrolli tas-sigurtà implimentati f'kull Pjan tas-Sigurtà tas-Sistema tal-Informazzjoni.<br>% tat-testijiet ta' sigurtà trimestrali mwettqa versus ippjanati. | 60%;<br>75%;<br>65%;<br>75 % | Rapporti interni dwar il-valutazzjoni tar-riskji.<br>Rapportar tat-tagħlim elettroniku.<br>Kwestjonarju ta' awtovalutazzjoni.<br>Rapporti dwar il-valutazzjoni tas-sigurtà. |
| | Għoti kontinwu ta' sensibilizzazzjoni ta' sigurtà strateġika lill-partijiet ikkonċernati. | L-organizzazzjoni ta' laqgħat relatati mas-sigurtà u mal-kontinwità tan-negozju mal-partijiet ikkonċernati. | L-Aġenzija tikkontribwixxi għall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-esperjenza dwar is-sigurtà u | It-twassil b'suċċess ta' 2 laqgħat annwali tas-SON b'rata ta' sodisfazzjon għolja tal-partijiet ikkonċernati. | Ġew organizzati 2 laqgħat annwali tas-SON.<br>Laqgħat relatati mas-sigurtà u mal-BC (jiġifieri SON, network | Minuti tal-laqgħa.<br>CAAR 2021 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | l-kontinwità tan-negozju ma' aġenziji oħra | | tal-BC u oħrajn) fuq bażi annwali. | |
| | Il-konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-familja ta' standards tal-ISO 22300. | Il-politiki u l-pjanijiet għall-Kontinwità tan-Negozju għas-sistemi huma aġġornati u ttestjati<br>Kontrolli Speċifiċi tal-Kontinwità tan-Negozju/tal-Irkupru mid-Diżastri huma implimentati kif meħtieġ għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira. | Ir-reżiljenza tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA qiegħda fis-seħħ biex tiżgura l-livell mistenni ta' servizzi pprovduti lill-partijiet ikkonċernati. | Il-kontrolli tal-BC ikopru s-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA u l-infrastruttura tan-network iddedikata.<br>Il-pjanijiet tal-BC jiġu ttestjati u t-testijiet juru l-effettività tal-kontrolli tal-BC fis-seħħ.<br>Il-persunal tal-Aġenzija jirċievi taħriġ speċifiku u sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni kif meħtieġ. | Il-konklużjonijiet tat-testijiet tal-BC huma pożittivi.<br>Mill-inqas 80 % tal-persunal jitħarreġ kif meħtieġ u jkun konxju tar-responsabbiltajiet tiegħu fil-qasam tal-BC. | Ir-rapport Interim tal-2021.<br>CAAR 2021 |

## 2.3.9. *Attivitajiet tal-Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża (EPMO)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- l-iżvilupp u t-tnedija ta' proċessi u ta' programmi ta' taħriġ, l-evalwazzjoni ta' proġetti, it-twettiq ta' rieżamijiet ta' garanzija tal-kwalità tal-proġetti, ir-rieżami tal-proċessi u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-proġetti;
- valutazzjonijiet uffiċjali bbażati fuq il-mudell CMMI (kontinwazzjoni mill-2020);
- l-implimentazzjoni ta' bidliet kulturali u t-tranżizzjoni għall-Mudell Operazzjonali tal-eu-LISA 2.0;
- it-twaqqif taċ-ċentru tal-karrieri tal-Ġestjoni tal-Proġetti tal-eu-LISA.

**VALUR MIŻJUD:**

- l-allinjament aħjar bejn l-istrateġija u l-ambjent ta' eżekuzzjoni tal-proġetti;
- it-titjib tal-KPIs relatati mal-ġestjoni tal-proġetti u tal-programmi;
- il-provvista lill-Maniġment tal-Aġenzija b'informazzjoni intuwittiva oġġettiv dwar il-progress reali li jkun sar fil-kisba tal-objettivi ta' maturità fil-qasam tal-Ġestjoni tal-Proġetti;
- il-minimizzazzjoni tar-riskju globali assoċjat mal-ġestjoni ta' proġetti kumplessi mwettqa mill-Aġenzija;
- id-definizzjoni ta' perkors ċar għall-kisba tal-istatus ta' Ċentru ta' Eċċellenza tal-ICT;
- l-iżgurar ta' bidla kulturali mill-approċċ funzjonali/silo għal organizzazzjoni matriċi;
- li strutturi organizzazzjonali ġodda taħt l-eu-LISA 2.0 ikunu jistgħu jottimizzaw il-mudell u l-proċessi operattivi;

- ippjanar u eżekuzzjoni simplifikati tal-programm ta' ħidma annwali, billi jiġu armonizzati l-proċessi għall-ġestjoni tar-riżultati tanġibbli, ir-realizzazzjoni tal-benefiċċji, il-prestazzjoni tal-investiment u l-ippjanar tal-forza tax-xogħol. Dan jinvolvi maniġers diretti li jieħdu s-sjieda tal-ippjanar finanzjarju u tar-riżorsi biex jiżviluppaw kultura ta' ppjanar tajjeb f'tim;
- jippermetti lill-eu-LISA tilħaq l-għanijiet strateġiċi tagħha SG2 u SG4, billi jiġu pprovduti l-mezzi għall-iżvilupp tal-kapital uman tagħha;
- l-appoġġ tal-mudell organizzazzjonali l-ġdid tal-eu-LISA bil-mezzi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-membri tal-persunal fl-Unità tal-PM;
- l-armonizzazzjoni tal-prattiki tal-PM fost il-partijiet ikkonċernati kollha, sabiex ikun hemm il-kapaċità li l-Maniġers tal-Proġetti jitħarrġu mill-Istati Membri, flimkien mal-PMs tal-eu-LISA;
- l-iżvilupp tal-kultura tal-PM biex issir kapaċità ewlenija tal-eu-LISA.

**SFIDI EWLENIN:**

- riżorsi insuffiċjenti fi ħdan l-EPMO jew unitajiet oħra;
- s-sensibilizzazzjoni mal-Aġenzija kollha dwar l-approċċ tas-CMMI;
- bidliet organizzazzjonali jista' jkollhom impatt fuq il-bini taċ-ċentru tal-karrieri;
- identifikazzjoni tal-isponsor(s).

| Unità | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Valur(i) fil-mira | Sors(i) ta' verifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| EPMO | Li tiġi ssodisfata l-missjoni tal-EPMO.<br>Il-provvista ta' klassifikazzjoni oġġettiva, ipprovata u kredibbli tal-kisbiet tal-Aġenzija fil-maturità tal-Ġestjoni tal-Proġetti Organizzazzjonali billi jiġi applikat il-mudell ta' titjib tal-proċessi użat l-aktar (CMMi) u l-metodu ta' valutazzjoni (SCAMPI).<br>Li jiġi żgurat li l-organizzazzjoni tal-eu-LISA tkun ippreparata għal sfidi futuri u li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni għall-mudell operattiv il-ġdid billi tissimplifika l-proċessi trasversali u jadatta l-kapaċitajiet interni. | Ir-riżultati tanġibbli tal-EPMO, kif miftiehem fil-Karta tal-EPMO.<br>Rapport ta' valutazzjoni tal-Klassi A ta' SCAMPI (valutazzjoni uffiċjali).<br><br>Il-kapaċitajiet meħtieġa għat-tħaddim ta' Ċentru għall-Iżvilupp Professjonali għall-profili tal-impjiegi kollha relatati mal-ġestjoni tal-proġetti, il-programmi u l-portafolli fl-eu-LISA. | Allinjament aħjar bejn l-istrateġija tal-Aġenzija u l-eżekuzzjoni tal-proġett, permezz tal-integrazzjoni tal-proċessi ewlenin li ġejjin: Il-Ġestjoni tal-Proġetti, il-Ġestjoni tal-Programmi u l-Ġestjoni tal-Portafolli.<br>L-Aġenzija evalwata uffiċjalment skont il-mudell tas-CMMI.<br>Proċessi aktar effiċjenti u aktar rapidi għat-Teħid tad-Deċiżjonijiet.<br>Aktar Aġilità fl-impjieg. Aktar setgħa u sjieda permezz ta' funzjonijiet ċentralizzati ġodda u profili armonizzati.<br>Pożizzjonament aħjar tal-Aġenzija se jwassal għal | Il-kisba tal-objettivi maqbula fil-Pjan Direzzjonali tal-EPMO.<br>Il-livell ta' maturità taż-żoni rilevanti tal-proċess.<br>L-għadd ta' profili tal-impjiegi li qed jiġu appoġġati minn programmi ta' taħriġ.<br>Numru ta' karrieri / perkorsi ta' ċertifikazzjoni definiti.<br>Bidla kulturali u tranżizzjoni għall-Mudell Operazzjonali tal-eu-LISA 2.0 fi ħdan il-kostijiet, l-iskeda u l-kamp ta' applikazzjoni stabbiliti.<br>Għadd ta' individwi li qed jitħarrġu. | Kif definit fil-Karta tal-EPMO.<br>Valutazzjoni mwettqa b'suċċess (fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni, iż-żmien, il-baġit).<br>Immarkar ekoloġiku għall-ispejjeż, l-iskeda u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett.<br>Mill-inqas 2 profili tal-impjiegi relatati mal-Ġestjoni tal-Proġetti se jkunu appoġġati minn programmi ta' taħriġ. | Intranet tal-EPMO.<br>Bażi tad-*data* tal-PARs tal-Istitut tas-CMMI (https://sas.cmmiinstitute.com/pars/)<br>PUMA/PPM |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | L-għan tal-proġett huwa li jwitti t-triq għaċ-Ċentru tal-Karrieri tal-PM tal-eu-LISA. | | suċċess sostnut tal-Organizzazzjoni. Allinjament tal-kapaċità ta' taħriġ bi profili/rwoli tax-xogħol definiti fi ħdan il-Qafas ta' Żvilupp ta' Kompetenza tal-eu-LISA. - Żieda fir-rata ta' żamma tal-persunal. | | | |

## 2.3.10. *L-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar intern annwali*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

Din l-attività tinkludi:

- il-monitoraġġ tal-kontrolli interni;
- ir-rieżami tal-effettività tal-kontrolli tal-proċess tan-negozju;
- it-twettiq tal-awtovalutazzjonijiet;
- l-identifikazzjoni u r-rapportar tan-nuqqasijiet;
- l-iżgurar li l-fornituri jkunu indipendenti, kwalifikati u konformi;
- l-ippjanar, il-valutazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' inizjattivi ta' assigurazzjoni;
- l-identifikazzjoni, l-aġġornament u l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti ta' konformità esterni;
- l-ottimizzazzjoni tar-rispons tal-Aġenzija għar-rekwiżiti esterni;
- il-konferma tal-konformità esterna.

**VALUR MIŻJUD:**

- trasparenza għall-partijiet ikkonċernati ewlenin dwar l-adegwatezza tal-kontrolli interni tal-Aġenzija. Dan jibni l-fiduċja fl-operazzjonijiet tal-Aġenzija, il-fiduċja fit-twettiq tal-objettivi tal-Aġenzija, u fehim tar-riskju residwu;
- l-iżgurar li l-Aġenzija qed tiffunzjona f'konformità mar-rekwiżiti u r-regolamenti interni u esterni applikabbli kollha.

**SFIDI EWLENIN:**

- id-disponibbiltà ta' fornituri ta' kwalità għolja ta' servizzi tal-awditjar esternalizzati.

| Unità | Objettiv(i) tal-attività | Eżitu(Eżiti) tal-attività | Riżultat(i) tal-attività | Indikatur(i) tal-prestazzjoni | Valur(i) fil-mira | Sors(i) ta' verifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
In-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri fl-eu-LISA huwa dovut għall-popolazzjoni li fil-biċċa l-kbira tagħha hi magħmula mill-irġiel fl-ambjent tal-IT fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tal-Aġenzija fi Strasburgu. L-interess akbar mill-irġiel fl-impjiegi tal-eu-LISA huwa viżibbli wkoll fl-għadd ta' applikazzjonijiet riċevuti fil-proċeduri ta' reklutaġġ. L-ambjenti tax-xogħol tal-IT fit-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet jiffaċċjaw l-istess sfida, u din hija riflessjoni tax-xejriet tal-edukazzjoni[70] għall-istudji tal-ICT. Is-soluzzjonijiet implimentati mill-eu-LISA biex jiġi ffaċilitat il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (ħinijiet flessibbli, telexogħol) ma biddlux is-sitwazzjoni b'mod sinifikanti. L-eu-LISA qed tinkoraġġixxi applikazzjonijiet minn kandidati nisa għall-karigi ppubblikati u tappoġġa r-reklutaġġ ta' kandidati nisa li rnexxew. Dan l-approċċ ġab riżultati pożittivi. Fl-2019, il-perċentwal tal-persunal femminili żdied b'7 % (minn 22 % għal 29 %) meta mqabbel mal-2018.

**Bilanċ ġeografiku**

Fl-eu-LISA hija rrappreżentata 21 nazzjonalità tal-UE. Din iċ-ċifra baqgħet l-istess matul l-aħħar ftit snin.

Rappreżentanza ġeografika wiesgħa fost il-persunal tikkontribwixxi għad-diversità ta' kulturi u għal skambju reċiproku. Bis-siti ewlenin tagħha f'Talinn u fi Strasburgu, l-eu-LISA ma tqisx li r-rappreżentanza eċċessiva tal-persunal Estonjan u Franċiż, sa 30 % tal-għadd ta' impjegati fis-siti rispettivi, tikkostitwixxi tfixkil maġġuri tal-bilanċ ġeografiku. L-akbar grupp ta' membri tal-persunal Franċiż huwa dovut għall-fatt li l-parti tal-persunal li taħdem għall-awtoritajiet nazzjonali Franċiżi fuq il-proġetti tal-IT ittrasferiti lill-Aġenzija meta ġiet stabbilita u ssieħbet mal-eu-LISA wara l-proċedura ta' kompetizzjoni għal dawn il-karigi speċjalizzati ħafna.

[70] Fil-Konferenza ta' Gartner "Reimagine HR" li saret fil-5-6 ta' Settembru 2018, ġie ddikjarat li l-perċentwal ta' nisa li jistudjaw l-IT jew l-ICT huwa inqas minn 50 % u, mill-gradwati, 15 % ta' nisa gradwati biss jidħlu fis-suq tax-xogħol fil-qasam tal-ICT.

In-nazzjonalitajiet tal-persunal tal-eu-LISA (Aġenti Temporanji) għal kull grupp ta' funzjoni huma ppreżentati fit-Tabella 2 hawn taħt.

# Table 2 – Persunal tal-eu-LISA skont in-nazzjonalità

| **eu-LISA - l-istatus fil-31.12.2019.** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Nazzjonalità** | **AD** | **AST** | **Total ta' AD + AST** | **Perċentwal** |
| L-Awstrija (AT) | 0 | 0 | 0 | 0.00% |
| Il-Belġju (BE) | 2 | 4 | 6 | 3.90 % |
| Il-Bulgarija (BG) | 3 | 0 | 3 | 1.95 % |
| Il-Kroazja (HR) | 2 | 0 | 2 | 1.30 % |
| Ċipru (CY) | 0 | 0 | 0 | 0.00% |
| Ir-Repubblika Ċeka (CZ) | 1 | 0 | 1 | 0.65 % |
| Id-Danimarka (DK) | 0 | 0 | 0 | 0.00% |
| L-Estonja (EE) | 5 | 6 | 11 | 7.14 % |
| Il-Finlandja (FI) | 0 | 1 | 1 | 0.65 % |
| Franza (FR) | 25 | 9 | 34 | 22.08 % |
| Il-Ġermanja (DE) | 6 | 1 | 7 | 4.55 % |
| Il-Greċja (EL) | 17 | 1 | 18 | 11.69 % |
| L-Ungerija (HU) | 4 | 2 | 6 | 3.90 % |
| L-Irlanda (IE) | 1 | 0 | 1 | 0.65 % |
| L-Italja (IT) | 12 | 1 | 13 | 8.44 % |
| Il-Latvja (LV) | 1 | 2 | 3 | 1.95 % |
| Il-Litwanja (LT) | 2 | 3 | 5 | 3.25 % |
| Il-Lussemburgu (LU) | 0 | 0 | 0 | 0.00% |
| Malta (MT) | 0 | 0 | 0 | 0.00% |
| In-Netherlands (NL) | 2 | 1 | 3 | 1.95 % |
| Il-Polonja (PL) | 7 | 2 | 9 | 5.84 % |
| Il-Portugall (PT) | 1 | 2 | 3 | 1.95 % |
| Ir-Rumanija (RO) | 15 | 4 | 19 | 12.34 % |
| Is-Slovakkja (SK) | 2 | 0 | 2 | 1.30 % |
| Is-Slovenja (SI) | 0 | 0 | 0 | 0.00% |
| Spanja (ES) | 4 | 2 | 6 | 3.90 % |

| eu-LISA - l-istatus fil-31.12.2019. | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Nazzjonalità | AD | AST | Total ta' AD + AST | Perċentwal |
| L-Iżvezja (SE) | 0 | 0 | 0 | 0.00% |
| Ir-Renju Unit (UK) | 0 | 1 | 1 | 0.65 % |
| Persunal totali | 112 | 42 | 154 | |

Sabiex tinkiseb rappreżentanza tan-nazzjonalitajiet bbilanċjata, simili għar-rappreżentanza tan-nazzjonalitajiet fil-popolazzjoni tal-UE ġenerali, minn Ottubru 2014 l-Aġenzija bdiet iżżid messaġġi speċifiċi mal-avviżi tal-pożizzjonijiet vakanti kollha tagħha, fejn tħeġġeġ lill-kandidati mill-pajjiżi sottorappreżentati fl-eu-LISA sabiex japplikaw.

In-nazzjonalitajiet tal-gruppi l-oħrajn tal-persunal tal-eu-LISA (l-Aġenti Kuntrattwali u l-Esperti Nazzjonali Sekondati) huma ppreżentati fit-Tabella 3 hawn taħt.

# Tabella 3 – L-Aġenti Kuntrattwali u l-SNEs tal-eu-LISA skont in-nazzjonalità

| Nazzjonalità | eu-LISA - l-istatus fil-31.12.2019 | | |
|---|---|---|---|
| | CA FG IV | CA FG III | SNE |
| L-Awstrija (AT) | 0 | 0 | 0 |
| Il-Belġju (BE) | 2 | 0 | 0 |
| Il-Bulgarija (BG) | 0 | 2 | 1 |
| Il-Kroazja (HR) | 0 | 0 | 1 |
| Ċipru (CY) | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Repubblika Ċeka (CZ) | 0 | 0 | 0 |
| Id-Danimarka (DK) | 0 | 0 | 0 |
| L-Estonja (EE) | 1 | 8 | 0 |
| Il-Finlandja (FI) | 1 | 0 | 0 |
| Franza (FR) | 12 | 3 | 0 |
| Il-Ġermanja (DE) | 1 | 1 | 1 |
| Il-Greċja (EL) | 10 | 3 | 1 |
| L-Ungerija (HU) | 0 | 0 | 0 |
| L-Irlanda (IE) | 1 | 0 | 0 |
| L-Italja (IT) | 1 | 1 | 2 |
| Il-Latvja (LV) | 2 | 0 | 0 |
| Il-Litwanja (LT) | 0 | 0 | 0 |
| Il-Lussemburgu (LU) | 0 | 0 | 0 |
| Malta (MT) | 0 | 0 | 0 |

| Nazzjonalità | eu-LISA - l-istatus fil-31.12.2019 | | |
|---|---|---|---|
| | CA FG IV | CA FG III | SNE |
| In-Netherlands (NL) | 0 | 0 | 0 |
| Il-Polonja (PL) | 2 | 1 | 1 |
| Il-Portugall (PT) | 2 | 0 | 0 |
| Ir-Rumanija (RO) | 6 | 0 | 0 |
| Is-Slovakkja (SK) | 0 | 0 | 0 |
| Is-Slovenja (SI) | 0 | 0 | 0 |
| Spanja (ES) | 1 | 0 | 1 |
| L-Iżvezja (SE) | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Renju Unit (UK) | 0 | 0 | 0 |
| Persunal totali | 42 | 19 | 8 |

Id-diffikultà inerenti li jiġu attirati applikanti minn xi pajjiżi hija affettwata b'mod negattiv minn taħlita ta' fatturi. Dawn il-fatturi jikkonċernaw primarjament l-ispejjeż u d-distanzi (jiġifieri l-ispejjeż relattivament għoljin tal-akkomodazzjoni għall-barranin, id-distanzi konsiderevoli minn ħafna postijiet ta' oriġini tal-membri tal-persunal tal-Aġenzija u l-ispejjeż konsegwenti għoljin tat-trasportazzjoni għar-ritorn/għaż-żjarat, il-kundizzjonijiet ġenerali tas-suq tax-xogħol fl-Estonja li jagħmluha diffiċli għall-membri tal-familja tal-persunal tal-eu-LISA sabiex isibu impjieg fil-postijiet fejn huma assenjati, u l-koeffiċjent ta' korrezzjoni baxx f'Tallinn).

Il-kwistjoni tal-bilanċ ġeografiku se tkompli tiġi indirizzata fi proċessi tar-reklutaġġ fil-ġejjieni. Il-prijorità tal-proċessi tal-għażla hija l-mertu tal-kandidati. Madankollu, fil-każijiet fejn żewġ kandidati jkollhom l-istess numru ta' punti matul l-evalwazzjoni, iċ-ċittadini tal-pajjiżi li ma jkunux irrappreżentati sew f'termini ġeografiċi se jiġu rakkomandati għar-reklutaġġ sabiex iġibu aktar bilanċ u jibnu fuq id-diversità tal-persunal eżistenti.

# E. L-edukazzjoni skolastika

F'konformità mar-Regolament tat-Twaqqif tal-Aġenzija, l-Istati Membri tal-UE li jospitaw lill-eu-LISA se jipprovdu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-Aġenzija, inkluż fost faċilitajiet oħrajn, edukazzjoni skolastika multilingwi u b'orjentazzjoni Ewropea u konnessjonijiet xierqa tat-trasportazzjoni. Ftehim iffirmat fl-2014 mal-Kummissjoni Ewropea għall-kontribuzzjoni finanzjarja lill-Iskejjel Ewropej f'Tallinn u fi Strasburgu jistabbilixxi l-kontribuzzjoni annwali li għandha tħallas l-Aġenzija għall-għadd ta' studenti li ġejjin mill-persunal tagħha.

Fl-2019, ħamsa u għoxrin tifel u tifla tal-persunal tal-eu-LISA attendew l-Iskola Ewropea f'Tallinn u ħamsa u sebgħin tifel u tifla tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA attendew l-Iskola Ewropea fi Strasburgu. Bl-espansjoni tal-Aġenzija f'termini tal-persunal, il-kontribuzzjonijiet għall-Iskejjel Ewropej se jiżdiedu fis-snin li ġejjin. Għas-sena skolastika 2018/2019, l-Aġenzija ħallset aktar minn EUR 570 000 u għas-sena skolastika 2019/2020 aktar minn EUR 660 000.

F'Tallinn u Strasburgu, hemm possibbiltajiet oħra biex tinkiseb edukazzjoni bbażata fuq kurrikulu internazzjonali jew kurrikulu nazzjonali fid-diversi skejjel nazzjonali u internazzjonali fil-livelli kollha tal-iskejjel fiż-żewġ bliet.

Għall-membri tal-persunal li t-tfal tagħhom għandhom inqas minn 4 snin u li ma jistgħux jattendu l-Iskejjel Ewropej, fl-2014 eu-LISA introduċiet allowance għall-iskejjel preprimarji għar-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tat-tfal żgħar, fil-kindergartens jew fl-iskejjel preprimarji b'kuntratti ta' servizz mal-eu-LISA. Din l-inizjattiva se tkompli fil-futur ukoll, peress li kellha impatt pożittiv fuq l-aċċettazzjoni tal-offerti ta' impjieg, speċjalment f'Tallinn, fejn din it-tip ta' assistenza għall-ġenituri li jaħdmu hija apprezzata ħafna. Sbatax-il membru tal-persunal kienu użaw dawn is-servizzi ta' nurseries għal dsatax-il tifel u tifla sa tmiem l-2019.

# Anness V: Binjiet

| | L-isem, il-post u t-tip ta' bini | Kummenti Oħrajn |
|---|---|---|
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini: | eu-LISA,<br>Vesilennuki 5, Tallinn, l-Estonja | |
| L-erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>Li minnha, spazju għall-uffiċċji<br>Li minnha, spazju mhux għall-uffiċċji | 4 397.3 m²<br>1 161.4 m²<br>3 235.9 m² | |
| Il-kera annwali (f'EUR) | N/A | |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | N/A | |
| L-għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | L-EE bniet u ttrasferixxiet kwartieri ġenerali (HQ) ġodda għall-Aġenzija fi tranżazzjoni mhux ta' skambju | |
| Il-valur preżenti tal-bini | Il-valur tas-suq ġust tal-art ittrasferita fil-ħin tat-trasferiment: EUR 3.16 m<br>Il-valur tal-kostruzzjoni tal-proprjetà tal-bini ttrasferita: EUR 8.5 m | |

| | L-isem, il-post u t-tip ta' bini | Kummenti Oħrajn |
|---|---|---|
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini: | 18 Rue de la Faisanderie<br>67100 Strasbourg, Franza | n/a |
| L-erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>Li minnha, spazju għall-uffiċċji<br>Li minnha, spazju mhux għall-uffiċċji | 7 842 m²<br>155 m²<br>687 m² | |
| Il-kera annwali (f'EUR) | | Fit-3/2/2017, l-Aġenzija akkwistat il-kontejners tal-uffiċċji modulari preċedentement mikrija għal EUR 60 000 (netti) |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | N/A | |
| L-għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | FR tat il-bini sħiħ għal 1 EUR fid-29 ta' Mejju 2013 | |
| Il-valur preżenti tal-bini | Il-valur tal-bini: EUR 653 093 (il-valur kontabilistiku nett fil-31/12/2017)<br>Il-valur tal-art: EUR 1 665 315 (il-valur kontabilistiku nett fil-31/12/2017) | |

| | | |
|---|---|---|
| | Bini taħt kostruzzjoni: EUR 18 987 421.94 (il-valur kontabilistiku fit-30/09/2018) | |
| | L-isem, il-post u t-tip ta' bini | Kummenti Oħrajn |
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini: | PLATON building, 4 Rue Jean Sapidus, 67400 Illkirch-Grafenstaden, Strasburgu, Franza | Spazju ta' uffiċċju temporanju |
| L-erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>Li minnha, spazju għall-uffiċċji<br>Li minnha, spazju mhux għall-uffiċċji | 2 074.40 m² | Se tiġi pprovduta *data* addizzjonali wara t-tlestija tax-xogħlijiet ta' sistemazzjoni ppjanati għal tmiem l-2020. |
| Il-kera annwali (f'EUR) | EUR 541 107.24 | |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | Ftehim ta' kiri (6 + 3 snin) | |
| L-għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | N/A | |
| Il-valur preżenti tal-bini | N/A | |

| | **L-isem, il-post u t-tip ta' bini** | **Kummenti Oħrajn** |
|---|---|---|
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini: | Iċ-Ċentru ta' Riżerva Federali u Ċentrali Awstrijak f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija | Faċilità ta' backup |
| L-erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>Li minnha, spazju għall-uffiċċji<br>Li minnha, spazju mhux għall-uffiċċji | 626 m²<br>223 m²<br>403 m² | |
| Il-kera annwali (f'EUR) | EUR 591 328 | In-nefqa operazzjonali |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | Ftehim Operazzjonali Indefinit mar-Repubblika tal-Awstrija | |
| L-għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | N/A | |
| Il-valur preżenti tal-bini | Ma hemmx *data* disponibbli | |

| | **L-isem, il-post u t-tip ta' bini** | **Kummenti Oħrajn** |
|---|---|---|
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini: | L-Uffiċċju ta' Kollegament tal-eu-LISA,<br>20 avenue d'Auderghem, 1040 Brussell. | Fl-2021 l-uffiċċju LO se jbiddel il-post tiegħu. L- |

| | | |
|---|---|---|
| | 98 m² (erba' uffiċċji fit-tieni sular) | informazzjoni se tiġi aġġornata, meta jiġi ffirmat il-kuntratt. |
| L-erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>Li minnha, spazju għall-uffiċċji | 98 m²<br>98 m² | |
| Il-kera annwali (f'EUR) | EUR 20 433 | |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | Il-ftehim tal-kera | |
| L-għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | N/A | |
| Il-valur preżenti tal-bini | N/A | |

<u>Proġett ta' bini fi Strasburgu</u>

Dan il-proġett ta' bini, li nbeda fl-2014, jinsab fil-fażi tal-aċċettazzjoni.

<u>It-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali fi Strasburgu</u>

B'kont meħud tar-rwol kruċjali tal-Aġenzija fil-funzjonament sostenibbli taż-Żona Schengen u l-kontribut tagħha għat-twettiq b'suċċess tal-prijoritajiet politiċi u operazzjonali fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, u dan se jkompli jikber fis-snin li ġejjin, it-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali tal-Aġenzija fi Strasburgu hija proġett indispensabbli għall-ġestjoni ta' din l-espansjoni.

B'mod aktar speċifiku, se tiżgura li jkun hemm kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għall-persunal tal-Aġenzija u l-kuntratturi li jaħdmu fuq il-post, u l-konformità mal-istandards attwali tal-effiċjenza enerġetika u ambjentali. L-Aġenzija se tkun tista' tuża u tiġġestixxi s-sistemi l-ġodda fdati lilha b'mod effiċjenti, effettiv u ottimizzat. B'dan il-mod, l-Aġenzija se tkun tista' twettaq il-mandat il-ġdid tagħha filwaqt li tkompli tiggarantixxi d-disponibbiltà, il-kunfidenzjalità, l-integrità u l-evoluzzjoni tas-sistemi diġà fdati lilha.

Wara l-informazzjoni preliminari lill-awtorità baġitarja dwar il-proġett tal-bini futur tal-eu-LISA, li ntbagħtet fit-2 ta' April 2019, u l-impenn tal-istat Franċiż li jappoġġa lill-Aġenzija f'dan il-proġett, l-eu-LISA ffokat fuq l-iffirmar ta' ftehim mal-Awtoritajiet Franċiżi u t-tlestija tal-proċess ta' akkwist għall-akkwist tas-servizzi ta' programmatur.

Bħala riżultat tal-involviment tal-Aġenzija mal-Ministeru għall-Intern Franċiż u b'mod partikolari s-*Secrétariat général pour l'administration du ministère de l'Intérieur* (SGAMI), ġie prodott studju ta' qabel il-fattibbiltà mill-esperti tas-SGAMI abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti fid-dokument tal-Bord tat-Tmexxija 2019–046 (*Nota ta' ġustifikazzjoni għat-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali fi Strasburgu*) u b'kont meħud tar-rekwiżiti addizzjonali tal-fażijiet "offerti-disinn-offerti-bini" għat-twassil tal-proġett.

Il-konklużjoni tal-istudju hija pjan ta' proġett rivedut b'mod sinifikanti, li jinvolvi distribuzzjoni riveduta tar-riżorsi finanzjarji għall-proġett kollu. F'dan ir-rigward, l-aċċettazzjoni mistennija tal-bini l-ġdid ġiet posposta minn April 2023 għal April 2026.

It-tabella li ġejja fiha l-istadji ewlenin fl-ippjanar aġġornat għall-proġett tat-tieni estensjoni.

| Stadju importanti | Għandu jinkiseb sa |
|---|---|
| **Adozzjoni tal-Każ tan-Negozju mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA** | Marzu – 2018 |
| **Informazzjoni preliminari lill-Awtorità Baġitarja** | April – 2019 |
| **Bidu tal-offerta għar-rekwiżiti funzjonali — Programmatur (proċedura nnegozjata)** | April – 2019 |
| **Firma tal-kuntratt tar-rekwiżiti funzjonali mal-Programmatur** | Diċembru– 2019 |
| **Konklużjoni tar-rekwiżiti funzjonali** | Diċembru– 2020 |
| **Bidu tal-offerta tad-disinn tekniku abbażi tar-rekwiżiti funzjonali** | Diċembru– 2020 |
| **Firma tal-kuntratt tad-disinjatur tekniku** | Ottubru– 2021 |
| **Bidu tal-istudju tad-disinn tekniku** | Ottubru– 2021 |
| **Disinn iddettaljat konkluż** | Marzu– 2023 |
| **Approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-proġett ta' kostruzzjoni** | Marzu– 2023 |
| **Talba tal-Bord tat-Tmexxija lill-Awtorità Baġitarja** | April – 2023 |
| **Approvazzjoni tal-firma tal-kuntratt mill-Awtorità Baġitarja** | Ġunju – 2023 |
| **Sejħa għall-offerti tal-kostruzzjoni tal-bini inkluż l-iffirmar tal-kuntratt ta' eżekuzzjoni tax-xogħlijiet** | April – 2024 |
| **Bidu tax-xogħol tal-bini** | April – 2024 |
| **Aċċettazzjoni tal-kostruzzjoni** | April – 2026 |

Id-distribuzzjoni baġitarja stmata f'EUR ġiet aġġornata kif ġej:

| 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | Total f'EUR |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 700 000 | 29 000 | 1 800 000 | 2 000 000 | 10 283 400 | 14 615 300 | **29 427 700** |

L-iskeda ta' żmien tal-proġett u l-pakkett finanzjarju se jiġu rfinati aktar dwar il-konklużjoni tas-servizzi tal-programmatur. Il-kuntratt tal-programmatur ġie ffirmat f'Diċembru 2019 u l-laqgħa tal-bidu għall-proġett saret fit-23 ta' Jannar 2020.

# Anness VI: Privileġġi u immunitajiet

| Privileġġi tal-Aġenzija | Privileġġi tal-persunal | |
|---|---|---|
| | Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet/status diplomatiku | Faċilitajiet ta' edukazzjoni / tal-preprimarja |
| Il-membri tal-persunal statutorju tal-eu-LISA f'Tallinn, sakemm ma jkunux residenti permanenti tal-Estonja qabel jibdew jassumu l-ħatra tagħhom fl-Aġenzija, se jirċievu rimborż mill-gvern Estonjan ta' somma ugwali għall-VAT imħallsa għax-xiri ta' prodotti fl-Estonja (limitata għal lista speċifika ta' prodotti) matul perjodu ta' sena minn meta jibdew jassumu d-doveri tagħhom fl-Aġenzija f'Tallinn bil-għan li jiġi ffaċilitat l-istabbiliment tagħhom fl-Estonja.<br>Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA f'Tallinn u l-membri tal-familja li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom ikunu eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Estonjana, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni. | Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-eu-LISA u r-Repubblika tal-Estonja, l-Artikolu 12 | Fil-ħarifa tal-2013 ġiet stabbilita Skola Ewropea Akkreditata f'Tallinn.<br>L-Iskola Ewropea ssegwi l-kurrikulu tat-tip II kemm fil-livell tan-nursery, tal-primarja kif ukollta s-sekondarja.<br>Fl-Iskola Ewropea jiddaħħlu tfal minn 4 snin 'il fuq. |
| Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-membri tal-familja li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom għandhom ikunu eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħrajn tal-Unjoni. Sakemm ikunu koperti mill-iskema tas-sigurtà soċjali tal-Istat tal-oriġini tagħhom, l-esperti sekondati jkunu eżentati wkoll mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża. | Ftehim dwar is-sit tekniku tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja bejn l-eu-LISA u l-Gvern ta' Franza, l-Artikolu 13. | Il-Gvern Franċiż impenja ruħu li jsib l-aħjar soluzzjoni possibbli sabiex jeduka lit-tfal tal-persunal tal-Aġenzija u lill-membri tal-familji li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom u li joffrilhom edukazzjoni fil-livell primarju u sekondarju mfassla għall-ħtiġijiet individwali tagħhom u jipprovdilhom l-opportunità li jiksbu kwalifiki rikonoxxuti fuq livell internazzjonali. Il-gvern kompla jimpenja ruħu biex jiżgura li l-aċċess għall-Iskola Ewropea ta' Strasburgu, li toffri bakkalawrjat rikonoxxut mill-Istati Membri kollha tal-UE, ikun garantit għat-tfal kollha tal-persunal tal-Aġenzija u għall-membri tal-familji tagħhom li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Akkreditazzjoni u Kooperazzjoni bejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej u l-Iskola Ewropea ta' Strasburgu, li kien iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Mejju 2011. |

# Anness VII: Evalwazzjonijiet

## *Evalwazzjonijiet Ex ante*

F'Novembru 2017, il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija adotta politika ta' evalwazzjoni *ex-ante*, proċess u kriterji (inkluż il-livell limitu finanzjarju) għall-għażla ta' proġetti għall-evalwazzjoni *ex-ante*, kif iddikjarat fid-dokument tal-Aġenzija 2017-173. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jivvaluta l-opportunità u l-fattibbiltà ta' proġetti proposti, f'konformità mal-għanijiet u mal-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija, u jifforma parti miċ-ċiklu ta' Ppjanar tal-Istrateġiji tal-eu-LISA. Dan jaġixxi wkoll bħala kontroll tal-kwalità billi jipprovdi, minn stadju bikri, il-mezzi sabiex tiġi vvalutata t-tħejjija tad-*data* billi jidentifika lakuni u inkonsistenzi kif ukoll billi jiskopri in-nonkonformità mal-kriterji tal-kwalità applikabbli. Ir-rieżami annwali tal-Politika ta' Evalwazzjoni *Ex ante* tal-2018 enfasizza li ċ-ċiklu ta' Evalwazzjoni *Ex ante*, li jkopri perjodu ta' sentejn, ikun jibbenefika minn approċċ ta' evalwazzjoni rivedut billi r-rekwiżiti tal-valutazzjoni jitfasslu skont il-passi tal-proċess ta' Evalwazzjoni *Ex ante*. Bħala riżultat ta' dan, ġie implimentat approċċ ottimizzat b'żewġ stadji mill-2019, magħmul minn valutazzjoni tal-opportunità (stadju 1) segwita minn valutazzjoni tal-fattibbiltà (stadju 2) fis-sena ta' wara

Wara d-deċiżjoni ta' hawn fuq tal-Bord tat-Tmexxija u l-adozzjoni tal-approċċ aġġornat, il-proġetti li ġejjin, inklużi fl-SPD 2021–2023 se jkunu soġġetti għal evalwazzjoni *ex-ante*, Fażi 1 Valutazzjoni tal-Opportunità:

| Nru ta' referenza | Titlu tal-Attività |
|---|---|
| 2.2.1.22 | Implimentazzjoni tas-Servizz tal-Ġestjoni tal-Identitajiet u l-Aċċess tas-CBS |
| 2.2.1.21 | It-twettiq ta' studju tal-għażliet għal aktar titjib tal-integrazzjoni ta' kapaċitajiet avvanzati ta' monitoraġġ u operazzjonijiet tas-Sigurtà fl-Unità tal-Operazzjonijiet u l-Unità tas-Sigurtà |
| 2.2.3.1 | Studju ta' fattibbiltà u Implimentazzjoni ta' Sett ta' għodod bijometriku |
| 2.1.4.2 | Titjib u personalizzazzjoni tal-Għodod tal-ITSM, l-indirizzar tal-inizjattivi l-ġodda, u l-eżiti ta' rieżamijiet regolari tal-proċess u s-servizzi |
| 2.1.4.3 | Definizzjonijiet ġodda ta' servizz u ta' proċess bħala parti mill-Qafas tal-ITSM tal-eu-LISA |
| 2.3.9 | Ċentru tal-Karrieri tal-Ġestjoni tal-Proġetti tal-eu-LISA |
| 2.3.6 | Implimentazzjoni tal-ITIL fis-Servizzi tal-IT Korporattivi |
| 2.1.1.6 | Evoluzzjonijiet mhux ippjanati tas-SIS |
| 2.3.6 | Implimentazzjoni ta' Sistema ta' Ġestjoni tad-Dokumenti għall-eu-LISA |
| 2.3.6 | Infrastruttura u Applikazzjonijiet tal-IT Korporattivi Migrazzjoni għall-Cloud |

## *Evalwazzjonijiet tal-Prestazzjoni tas-Sistemi*

Li jiġu evalwati u mmonitorjati l-prestazzjoni tas-sistemi ġestiti mill-eu-LISA u sabiex tiġi appoġġata l-eżekuzzjoni tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 19.1(ff) tar-Regolament (UE) 2018/1726 għat-twettiq tar-rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-SIS u tal-VIS, il-Bord tat-Tmexxija approva Ftehim Standard fil-Livell tas-Servizzi (dokument 2013-084).

## *Qafas ta' Kontroll Intern (ICF)*

Il-kontroll intern japplika għall-attivitajiet kollha, irrispettivament minn jekk humiex finanzjarji jew mhux finanzjarji. Il-proċess jgħin lil organizzazzjoni tilħaq l-objettivi tagħha u ssostni l-prestazzjoni operazzjonali u finanzjarja, filwaqt li tirrispetta r-regoli u r-regolamenti. Dan jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet tajba, filwaqt li jieħu kont tar-riskji għall-kisba tal-objettivi u jnaqqashom għal livelli aċċettabbli permezz ta' kontrolli kosteffettivi. Sistema ta' kontroll intern tippermetti li l-maniġment jibqa' ffokat fuq l-objettivi operazzjonali u finanzjarji tal-Aġenzija.

Qafas ta' 17-il prinċipju ta' kontroll intern, kif adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA (deċiżjoni 2019-042 tad-19 ta' Marzu 2019), huwa l-qafas ta' kontroll intern (ICF) segwit fl-eu-LISA. L-ICF huwa bbażat fuq standards stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea għad-dipartimenti tagħha stess, u jqis ir-riskji assoċjati mal-ambjent tal-ġestjoni u n-natura tal-operazzjonijiet tal-eu-LISA. Il-Bord tat-Tmexxija approva l-ICF għall-Aġenzija u ta l-fiduċja tiegħu lid-Direttur Eżekuttiv bl-implimentazzjoni tiegħu.

L-ICF huwa mfassal sabiex jipprovdi aċċertament raġonevoli rigward il-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA: "(1) l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-operazzjonijiet; (2) l-affidabbiltà tar-rappurtar; (3) is-salvagwardja tal-assi u tal-informazzjoni; (4) il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u s-segwitu għal frodi u irregolaritajiet, u (5) il-ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, b'kunsiderazzjoni tal-karattru pluriennali tal-programmi kif ukoll tan-natura tal-pagamenti kkonċernati".

Fl-ewwel parti tas-sena, il-Maniġer tal-Aġenzija responsabbli mill-ġestjoni tar-riskju u mill-kontroll intern se jaħdem mal-maniġers biex jiġu vvalutati l-preżenza u l-funzjonament tal-komponenti kollha ta' kontroll intern sabiex jipprovdi l-assigurazzjoni meħtieġa lid-Direttur Eżekuttiv li l-kontrolli interni fis-seħħ huma mfassla tajjeb u qed jaħdmu kif maħsub.

It-tabella li ġejja turi l-QKI tal-eu-LISA bil-ħames komponenti ta' kontroll intern u bis-17-il prinċipju tiegħu:

| Komponenti | Prinċipji |
|---|---|
| AMBJENT TA' KONTROLL | 1. Il-wiri ta' impenn favur l-integrità u l-valuri etiċi<br>2. L-eżerċitar tar-responsabbiltà ta' sorveljanza<br>3. L-istabbiliment ta' struttura, ta' awtorità u ta' responsabbiltà<br>4. Il-wiri tal-impenn favur il-kompetenza<br>5. It-tisħiħ tal-obbligu ta' rendikont |
| VALUTAZZJONI TAR-RISKJU | 6. L-ispeċifikazzjoni ta' objettivi xierqa<br>7. L-identifikazzjoni u l-analiżi tar-riskju<br>8. Il-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi<br>9. L-identifikazzjoni u l-analiżi ta' tibdil sinifikanti |
| ATTIVITAJIET TA' KONTROLL | 10. L-għażla u l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' kontroll<br>11. L-għażla u l-iżvilupp ta' kontroll ġenerali fuq it-teknoloġija<br>12. It-tnedija permezz ta' politiki u ta' proċeduri |
| INFORMAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI | 13. L-użu ta' informazzjoni rilevanti<br>14. Komunikazzjoni interna<br>15. Komunikazzjoni esterna |
| ATTIVITAJIET TA' MONITORAĠĠ | 16. It-twettiq ta valutazzjonijiet kontinwi u/jew separati<br>17. Il-valutazzjoni u l-komunikazzjoni tan-nuqqasijiet |

# Anness VIII: Riskji korporattivi fl-2021[71]

Il-lista ta' riskju li ġejja, flimkien mar-riskji miftuħa mis-snin preċedenti, tikkostitwixxi r-Reġistru tar-Riskju Korporattiv għal eu-LISA.

| | |
|---|---|
| RISKJU 1 | Dipendenza żejda fuq il-kuntratturi esterni biex jitwettqu funzjonijiet sensittivi u telf ta' kontroll fuq l-eżekuzzjoni tal-istrateġija minħabba l-esternalizzazzjoni tal-kapaċitajiet ewlenin |
| RISKJU 2 | Allokazzjoni insuffiċjenti ta' fondi fi ħdan il-QFP il-ġdid biex jiġu koperti l-kompiti meħtieġa |
| RISKJU 3 | Nonkonformità potenzjali mar-rekwiżiti u r-regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sikurezza minħabba nuqqas ta' valutazzjoni tar-riskju dwar is-Saħħa u s-Sikurezza |
| RISKJU 4 | Inabbiltà li jiġu reklutati kandidati ta' profil għoli (AD7+) bl-esperjenza meħtieġa (10–15-il sena) biex iwettqu l-kompiti tal-Aġenzija.<br>In-natura, il-kumplessità u d-daqs tal-attivitajiet tagħha jirrikjedu persunal bi kwalifiki għolja u b'esperjenza |
| RISKJU 5 | In-nuqqas ta' spazju fiżiku adegwat fil-ħin biex jiġu akkomodati l-persunal addizzjonali u l-attivitajiet essenzjali tal-Aġenzija |
| RISKJU 6 | Minħabba kapaċitajiet u maturità ta' ġestjoni tal-proġetti aktar baxxi milli mistenni, l-Aġenzija tista' ma tkunx<br>- tista' tikseb l-objettivi strateġiċi tagħha<br>- li tistabbilixxi, iżżomm u teżerċita kontroll sħiħ fuq l-iżvilupp tas-sistemi tal-IT tal-ġenerazzjoni l-ġdida fuq skala kbira |
| RISKJU 7 | L-Aġenzija tista' ma tkunx ippreparata biżżejjed għall-paradigma l-ġdida tal-Akkwist Trasversali li teħtieġ sforz akbar biex jiġu ġestiti r-relazzjonijiet bejn il-kuntratturi differenti involuti |
| RISKJU 8 | Mudell ta' appoġġ tekniku u kapaċità: iż-żieda sinifikanti f'talbiet indirizzati lill-funzjonijiet ta' appoġġ tekniku tal-Aġenzija wara d-Dħul fis-Seħħ ta' sistemi ġodda tista' twassal għal degradazzjoni severa tal-appoġġ tekniku għas-sistemi ġodda u eżistenti. Dan jista' jwassal għan-nonkonformità tal-Aġenzija mal-bażi ġuridika, KPIs, li jikkawżaw ħsara sinifikanti għar-reputazzjoni tal-Aġenzija |
| RISKJU 9 | Ġestjoni ta' ħafna persuni li għamlu on-boarding fl-istess waqt: sa issa, l-eu-LISA affrontat il-ħtiġijiet tal-onboarding skont il-veloċità tar-reklutaġġ iżda hemm riskju li l-Aġenzija tista' ma tlaħħaqx ma' volum għoli ta' parteċipanti ġodda fl-istess waqt u tiżgura li l-persunal reklutat ġdid ikun midħla tax-xogħol, ikollu livell suffiċjenti ta' għarfien tan-negozju u jikkonforma mal-prinċipji ta' ħidma tal-Aġenzija. |

| Ir-Riskju | Rispons u Pjan ta' azzjoni | Il-Proprjetarju tar-Riskju |
|---|---|---|
| RISKJU 1 | Rispons: Mitigazzjoni<br>Pjan ta' Azzjoni: Finalizzazzjoni tal-istrateġija tal-forniment<br>Evoluzzjoni tal-Katalgu tas-Servizzi<br>Definizzjoni tal-politika tal-ġestjoni tal-kuntratti u l-linji gwida tal-akkwist | Id-Direttur Eżekuttiv |
| RISKJU 2 | Dan ir-riskju ngħalaq matul l-ewwel rieżami trimestrali f'Marzu 2020: L-Aġenzija għamlet dak li kien possibbli fi ħdan il-mandat tagħha. Id-deċiżjoni finali dwar il-QFP tittieħed mill-KUMM | Id-Direttur Eżekuttiv |

[71] Li jirriżultaw mill-Attivitajiet tar-Riskju Korporattiv (Ġbir u Valutazzjoni tar-Riskju, Workshop Annwali) imwettqa fil-Q4 tal-2019 u s-segwitu fl-2020.

| | | |
|---|---|---|
| RISKJU 3 | Rispons: Mitigazzjoni<br>Pjan ta' Azzjoni:<br>L-ewwel Sejħa għall-Offerti ma rnexxietx peress li l-Aġenzija ma rċeviet l-ebda offerta. L-Aġenzija bdiet proċess billi identifikat kuntratturi li jistgħu jkunu interessati fis-sottomissjoni ta' offerta.<br>Il-perjodu ta' żmien li jmiss għat-tnedija ta' Sejħa għall-Offerti jintemm f'Ottubru 2020 | Kap tas-CSU |
| RISKJU 4 | Rispons: Mitigazzjoni<br>Ir-Riskju huwa usa' mit-trasformazzjoni tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet li rrefera għalih inizjalment<br>Pjan ta' Azzjoni:<br>Ottimizzazzjoni tal-proċess ta' reklutaġġ | Kap tas-HRU |
| RISKJU 5 | Rispons: Mitigazzjoni<br>Pjan ta' Azzjoni:<br>Ftehim ta' kiri ffirmat<br>Il-kuntrattur għandu 5 xhur biex iħejji l-bini li se jiġi mikri. Huwa mistenni li l-Aġenzija jkollha aċċess għal spazju temporanju għall-uffiċċju sal-aħħar ta' Marzu / bidu ta' April 2021 | Kap tas-CD<br>Kap tas-OD |
| RISKJU 6 | Rispons: Mitigazzjoni<br>Ir-riskju jiddeskrivi sitwazzjoni attwali u għalhekk jista' jitqies bħala kwistjoni. Madankollu, l-entrata tinżamm minħabba li tenfasizza l-limitazzjoni fil-kapaċità tal-Aġenzija li twettaq il-mandat attwali u futur tagħha | Kap tal-PPU |
| RISKJU 7 | Rispons: Mitigazzjoni<br>Il-probabbiltà tar-riskju tista' titnaqqas permezz tal-approċċ li diġà ttieħed għall-akkwist trasversali<br>Pjan ta' Azzjoni:<br>L-istabbiliment tal-linji gwida dwar ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti tal-OLA<br>Twaqqif ta' proċessi ta' ġestjoni tal-bejjiegħa | Kap tal-PPU |
| RISKJU 8 | Rispons: Mitigazzjoni<br>Pjan ta' Azzjoni:<br>Ir-rieżami tal-proċessi operazzjonali u tal-katalgu tas-servizzi għadu għaddej; qed jitħejjew stimi ġodda għal funzjonalitajiet ġodda (CAC), li għadhom għaddejjin<br>Ħtieġa ulterjuri għal riżorsi vvalutati u inklużi fil-PD2022<br>Valutazzjoni tar-riskju tas-sigurtà mwettqa u kkonsolidata fil-pjan tas-sigurtà tas-sistema | Kap tal-SOU<br>Kap tal-SCU<br>Kap tal-HRU |
| RISKJU 9 | Rispons: Mitigazzjoni<br>Pjan ta' Azzjoni:<br>Strateġija ta' on-boarding rieżaminata biex tinkludi:<br>- aġġustament tal-loġistika<br>- ġestjoni tad-disponibbiltà tal-partijiet ikkonċernati interni<br>- monitoraġġ mill-qrib wara l-perjodu ta' on-boarding | Kap tal-HRU |

# Anness IX: Il-pjan ta' akkwist għall-2021

Dan l-Anness juri l-offerti ppjanati għall-2021, b'appoġġ dirett għall-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenzija (Titolu III) inklużi fid-dokument ta' programmazzjoni/dikjarazzjoni finanzjarja, b'valur stmat ta' aktar minn EUR 139 000. Meta tkun disponibbli, l-informazzjoni tiġi pprovduta wkoll dwar kwalunkwe offerta mhux operazzjonali.

Il-pjan ta' Akkwist ma jinkludix kuntratti speċifiċi maħruġa permezz ta' Kuntratti Qafas mogħtija mill-Aġenzija, mill-Kummissjoni Ewropea jew minn istituzzjonijiet oħra tal-UE.

| Nru | Numru ta' Referenza tal-PD | Titlu tal-attività annwali | Kamp ta' applikazzjoni | Proċedura tal-akkwist | Il-perjodu ta' żmien indikattiv għat-tnedija tal-akkwist | Stima tal-kost tal-proġett (EUR) | Tip ta' kuntratt | Tul tal-kuntratt (Snin) | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2.2.1.9 | Integrazzjoni tas-soluzzjoni ta' Monitoraġġ Integrat Uniku mal-proċess ta' ġestjoni tal-Avvenimenti, għas-sistemi kollha li qed jitħaddmu (kontinwazzjoni mill-2020) | Attivitajiet operazzjonali | Ristretti | Q4 tal-2021 | O.45 miljun | FwC | 4 | n/a |
| 2 | 2.2.1.19 | Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN (kontinwazzjoni mill-2020) | Attivitajiet operazzjonali | Ristretti | Q2 tal-2021 | 3.77 miljun | FwC | 4 | n/a |
| 3 | 2.2.1.17 u diversi | Qafas tal-inġinerija trasversali (kontinwazzjoni mill-2020) | Attivitajiet operazzjonali | Miftuħa/Ristretti | għad trid tiġi kkonfermata (għal-lottijiet li ma ngħatawx fl-2020) | Lott 1 - 175 miljun<br>Lott 2 - 175 miljun<br>Lott 3 - 440 miljun<br>Lott 4 - 180 miljun | FwC | 4+1+1 | 4 lottijiet separati. Servizzi ta' disinn, ta' kwalità, ta' żvilupp, ta' infrastruttura, ta' pjattaformi u ta' ttestjar. Il-kamp ta' applikazzjoni jinkludi l-iżvilupp tal-ETIAS, u l-ħtiġijiet ta' sistemi oħrajn. |
| 4 | Diversi | Qafas tal-operazzjonijiet trasversali (kontinwazzjoni mill-2020) | Attivitajiet operazzjonali | Miftuħa/Ristretti | għad trid tiġi kkonfermata | għad trid tiġi kkonfermata | FwC | 4+1+1 | Operazzjonijiet ta' kuljum u manutenzjoni korrettiva |

# Anness X: Organigramma 2021-2023

Fl-2019, l-eu-LISA biddlet l-istruttura organizzazzjonali tagħha sabiex tirrifletti l-mandat estiż tagħha u l-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltajiet il-ġodda tagħha, kif ukoll sabiex takkomoda l-persunal addizzjonali approvat għall-Aġenzija fl-2018-2020. Bħala riżultat tar-riorganizzazzjoni, il-bidliet li ġejjin ġew introdotti fl-organigramma tal-Aġenzija:

- Il-funzjoni tal-Viċi Direttur Eżekuttiv żdiedet mal-istruttura organizzazzjonali.
- Inħoloq dipartiment ġdid (Dipartiment tal-Governanza Korporattiva) b'żewġ unitajiet: L-Unità tal-Appoġġ Eżekuttiv u r-Relazzjonijiet mal-Partijiet Ikkonċernati, u l-Unità tal-Governanza u tal-Kapaċitajiet. L-Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali ma baqgħetx teżisti.
- Fl-Unità tal-Appoġġ Eżekuttiv u r-Relazzjonijiet mal-Partijiet Ikkonċernati, inħolqu żewġ setturi: is-Settur tal-Komunikazzjoni u s-Settur tal-Ġestjoni u l-Appoġġ tal-Partijiet Ikkonċernati.
- Fl-Unità tal-Governanza u l-Kapaċitajiet, inħolqu żewġ setturi: is-settur tal-Ippjanar u l-Affarijiet Korporattivi u s-Settur tal-Bini tal-Kapaċitajiet.
- Fl-Unità tas-Sigurtà, inħoloq it-tielet settur u l-unità tikkonsisti minn tliet setturi: is-settur tas-Sigurtà Protettiva u l-Kontinwità, is-Settur tal-Politika tas-Sigurtà u l-Koordinazzjoni u s-Settur tas-Sigurtà tal-Informazzjoni u l-Assigurazzjoni.
- Fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, inħoloq Settur Legali.
- Fl-Unità tar-Riżorsi Umani ġew stabbiliti żewġ setturi u tim: Is-Settur tal-Amministrazzjoni tal-Persunal, is-Settur tat-Tagħlim u l-Iżvilupp u t-Tim tar-Reklutaġġ.
- Fl-Unità tas-Servizzi Korporattivi, minbarra s-Settur tas-Servizzi Ġenerali eżistenti u s-Settur tas-Servizzi tal-ICT, ġie stabbilit it-tim tas-Servizzi ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni.
- Fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet, iż-żewġ unitajiet eżistenti ngħataw isem ġdid biex jiġu riflessi l-funzjonijiet il-ġodda tagħhom u nħolqu tliet unitajiet ġodda. Id-Dipartiment tal-Operazzjonijiet huwa magħmul minn 5 unitajiet elenkati hawn taħt.
- L-Unità tal-Ippjanar u l-Istandards tinkludi erba' setturi: Is-Settur tal-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet tan-Negozju, is-Settur tal-Ippjanar Operazzjonali, is-Settur tal-Arkitettura, u s-Settur tal-Ġestjoni tal-Prodotti.
- L-Unità tat-Twassil tal-Programm u tal-Proġetti tinkludi żewġ setturi: Settur tal-Ġestjoni tal-Programm u tal-Proġetti u Settur tal-Ġestjoni tal-Bejjiegħa u tal-Kuntratti.
- L-Unità tal-Ittestjar u t-Tranżizzjoni tinkludi żewġ setturi: Settur tal-Ġestjoni tal-Ittestjar u s-Settur tal-Ġestjoni tat-Tranżizzjoni.
- L-Unità tal-Ġestjoni tal-Infrastruttura tinkludi erba' setturi: Is-Settur tas-Servizzi tal-Infrastruttura, is-Settur tas-Servizzi taċ-Ċentru tad-*Data*, is-Settur tas-Servizzi tal-Ġestjoni tal-Applikazzjonijiet, u s-Settur tas-Servizzi tan-Network.
- L-Unità tal-Operazzjonijiet tas-Sistemi tinkludi tliet setturi: Settur ta' Appoġġ tal-Ewwel Livell, Settur ta' Appoġġ tat-Tieni Livell u s-Settur tal-Ġestjoni tal-Proċessi tal-ITSM.

L-organigramma turi s-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2019. Tabella taħt iċ-ċart turi l-għadd ta' karigi mimlija sa issa u l-għadd ta' pożizzjonijiet vakanti f'kull entità organizzazzjonali tal-eu-LISA.

Struttura organizzazzjonali tal-eu-LISA fil-31 ta' Diċembru 2019.



L-għadd ta' persunal skont l-istruttura organizzazzjonali tal-1 ta' Settembru, u l-istatus fil-31 ta' Diċembru 2019.

| Dipartiment | Unità | Numru ta' karigi [72] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | TA | | CA | | SNE | | Total |
| | | Okkupati | Vakanti | Okkupati | Vakanti [73] | Okkupati | Vakanti | |
| ED | ED | 7 | 2 | 7 | 0 | 1 | 0 | 17 |
| N/A | Sigurtà | 10 | 0 | 5 | 1 | 2 | 0 | 18 |
| Dipartiment tal-Governanza Korporattiva | N/A | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| Dipartiment tal-Governanza Korporattiva | Unità tal-Appoġġ Eżekuttiv u tar-Relazzjonijiet mal-Partijiet Ikkonċernati | 7 | 0 | 4 | -10 | 0 | 0 | 10 |
| Dipartiment tal-Governanza Korporattiva | Unità tal-Governanza u tal-Kapaċitajiet | 5 | 2 | 2 | 0 | 3 | 0 | 12 |
| Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi | N/A | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 4 |
| Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi | Unità tar-Riżorsi Umani | 6 | 2 | 7 | -2 | 0 | 0 | 13 |
| Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi | Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti | 18 | 3 | 5 | 3 | 0 | 0 | 29 |
| Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi | Unità tas-Servizzi Korporattivi | 9 | 0 | 7 | 0 | 0 | 1 | 17 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | N/A | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | Unità tal-Ippjanar u tal-Istandards | 21 | 4 | 4 | 2 | 1 | 0 | 32 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | Unità għat-Twettiq tal-Programmi u tal-Proġetti | 12 | 1 | 6 | 9 | 1 | 0 | 29 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | Unità tat-Testijiet u tat-Tranżizzjoni | 12 | 0 | 2 | 5 | 0 | 0 | 19 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | Unità ta' Ġestjoni tal-Infrastruttura | 19 | 1 | 4 | 8 | 0 | 2 | 34 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | Unità tal-Operazzjonijiet tas-Sistemi | 24 | 0 | 7 | 0 | 0 | 0 | 31 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | Għandhom jiġu deċiżi | 0 | 1 | 0 | 2 | 0 | 0 | 3 |
| **Total** | | **154** | **18** | **61** | **27** | **8** | **3** | **271** |

[72] Il-karigi okkupati ma jinkludux offerti ta' impjieg maħruġa.
[73] Bilanċ negattiv ifisser li hemm kariga għal żmien qasir fl-Unità maħluqa biex timla l-lakuna fil-persunal li għandu impatt fuq iċ-ċifri tar-reklutaġġ.

# Anness XI: FLS standard

Fl-2013, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA adotta d-dokument **2013-084 FLS Standard għas-sistemi tal-IT ġestiti mill-eu-LISA**, li jiddefinixxi s-servizzi pprovduti mill-eu-LISA lill-Istati Membri fi ħdan il-mandat tagħha.

# Anness XII: Indikaturi tal-Livell ta' Servizz Komuni

L-Indikaturi tal-Livell ta' Servizz Komuni applikabbli għas-sistemi tal-IT kollha fuq skala kbira huma deskritti fil-**politika dwar il-Ġestjoni tal-Livell ta' Servizz, l-Anness 2 dwar ir-rekwiżiti tar-rapport dwar il-FLS tal-eu-LISA.**

# Anness XIII: Studji u valutazzjonijiet tal-impatt relatati mal-SPD 2021–2023

| Qasam | Titolu | Status, ġustifikazzjoni u rabta mal-programm ta' ħidma annwali tal-2021 |
|---|---|---|
| Interoperabbiltà | Studju dwar id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi fdati lill-eu-LISA; | L-istudju għadu għaddej u huwa ppjanat li jitlesta qabel tmiem l-2020.<br>Dan l-istudju kien meħtieġ skont ir-Regolament il-ġdid tal-eu-LISA u r-Regolamenti l-ġodda dwar is-SIS. Se jipprovdi preċiżjoni addizzjonali għall-istimi tar-rekwiżiti spazjali relatati maċ-ċentru tad-*data* l-ġdid u l-ispejjeż assoċjati (attività 2.3.7: It-tieni estensjoni tal-bini operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu) |
| sBMS | Studju ta' fattibbiltà u l-Implimentazzjoni ta' sett ta' għodod bijometriku | Matul l-2021, se jitwettaq studju tal-fattibbiltà biex tinkiseb l-indipendenza mill-kuntrattur fir-rigward tal-bażijiet tad-*data* u l-għodod użati għall-kwalifikazzjoni tas-sistemi ta' tqabbil bijometriku. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-attività jinkludi l-implimentazzjoni potenzjali ta' bażijiet tad-*data* bijometriċi u għodod relatati użati mill-eu-LISA għal skopijiet ta' ttestjar.<br>Dan l-istudju huwa elenkat fil-programm ta' ħidma annwali 2.2.3.1 Studju ta' fattibbiltà u l-implimentazzjoni ta' sett ta' għodod bijometriku |
| SIS | Studju dwar algoritmu u/jew teknoloġiji ta' tqabbil aħjar | Sabiex jiġi implimentat il-parallelizzazzjoni tal-kontrolli tal-konsistenza tad-*data* (DCC), huwa ppjanat studju dwar algoritmu u/jew teknoloġiji ta' tqabbil aħjar għall-2021. Dan se jitwettaq bħala parti mill-attività 2.1.1.6 tal-evoluzzjonijiet mhux ippjanati tas-SIS |
| CSI | Studju ta' backup bħala servizz | Fl-2020, l-Aġenzija lestiet studju ta' backup bħala servizz. L-eżiti tal-istudju kienu jinkludu l-għażla ta' għodda u pjan iddettaljat għall-implimentazzjoni tal-backup bħala servizz. Dan l-istudju se jikkontribwixxi għall-evoluzzjoni tal-infrastruttura minn "infrastruttura bħala servizz" għal "pjattaforma bħala servizz" |
| CSI | L-Arkitettura tas-CSI (inkl. il-pjan iddettaljat għas-SIEM tas-Sigurtà) u l-Katalgu tas-Servizzi | Fl-2020, l-Aġenzija lestiet studju dwar l-arkitettura tas-CSI u l-katalgu tas-servizzi, li jappoġġa l-mudell ta' implimentazzjoni tal-IaaS. |
| CSI | Studju dwar is-CBS Unifikat | Fl-2020, l-Aġenzija lestiet studju dwar ir-rappurtar unifikat. L-eżiti tal-istudju se jintużaw fl-iżvilupp tas-CRRS u fl-implimentazzjoni tar-regolamenti tal-interoperabbiltà. |
| CSI | Studju dwar il-Valutazzjoni taċ-Ċentru tad-*Data* | L-Aġenzija bdiet studju dwar il-valutazzjoni taċ-ċentru tad-*data* fl-2019 u lestietu fl-2020. L-eżiti tal-istudju se jintużaw biex jippreparaw iċ-ċentri tad-*data* għat-tnedija ta' sistemi ġodda. |
| CSI | Studju dwar il-Ġestjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Applikazzjonijiet (ALM) | L-Aġenzija bdiet studju għat-tħejjija tal-implimentazzjoni tal-kapaċità tal-Ġestjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Applikazzjonijiet fl-2019 u lestietu fl-2020. L-eżiti ta' dan l-istudju se jintużaw fl-attività 2.1.2.2 Appoġġ għall-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-Applikazzjonijiet. |
| ITSM | Studju dwar ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ tal-eu-LISA | Fl-2021, l-Aġenzija se twettaq studju dwar ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ, bħala parti mill-attività 2.2.1.9 L-integrazzjoni tas-Soluzzjoni ta' Monitoraġġ Integrat Unika mal-proċess tal-ġestjoni tal-avvenimenti |
| ITSM | Titjib u personalizzazzjoni tal-għodod tal-ITSM, l-indirizzar tal-inizjattivi l-ġodda, kif ukoll l-eżitu | Fl-2021, l-eu-LISA qed tippjana li twettaq studju dwar il-ġbir u l-analiżi ta' kapaċitajiet ġodda, funzjonalitajiet ġodda u karatteristiċi mtejba tal-għodod tal-ITSM tal-eu-LISA. Dan l-istudju se jkun parti mill-attività 2.1.4.2 |

| | | |
|---|---|---|
| | mir-rieżamijiet regolari tal-proċess u s-servizzi | Titjib u personalizzazzjoni tal-għodod tal-ITSM, l-indirizzar tal-inizjattivi l-ġodda, kif ukoll l-eżitu mir-rieżamijiet regolari tal-proċess u s-servizzi. |